



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

4 ta' Marzu 2022

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-564 Sessjoni Plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Interactio, 20.10.2021–21.10.2021

2022/C 105/01	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-rikonċiljazzjoni ta’ objettivi sostenibbli u soċjali ambizzjużi ma’ ambjent favorevoli għall-intrapriżi mikro u l-intrapriżi ż-żgħar u ta’ daqs medju” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	1
2022/C 105/02	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Reklamar għal konsum modern u responsabbli” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	6
2022/C 105/03	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Riforma tal-qafas fiskali tal-UE għal irkupru sostenibbli u tranżizzjoni (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	11
2022/C 105/04	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-ħgiegħ fl-Ewropa f’salib it-toroq: kif tistax-industrija ssir aktar ekoloġika u aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, filwaqt li tiżdied il-kompetittività u jinżammu l-impjiegi ta’ kwalità” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	18
2022/C 105/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-istrategġija tal-UE dwar il-mobilità u l-katini ta’ valur industrijali tal-UE: approċċ ekosistemiku fl-industrija tal-karozzi” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	26
2022/C 105/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-impatt soċjetali u ekoloġiku tal-ekosistema 5G” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	34
2022/C 105/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ġenerazzjoni li Jmiss — Rieżami tal-pjan ta’ azzjoni ta’ 15-il punt” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	40
2022/C 105/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew “Lejn strategġija olistika dwar l-iżvilupp rurali/urban sostenibbli” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	49

2022/C 105/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew “L-awtonomija strateġika u s-sigurtà u s-soste- nibbiltà tal-ikel” (opinjoni fuq inizzjattiva proprja)	56
---------------	--	----

III Atti preparatorji

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-564 Sessjoni Plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Interactio, 20.10.2021– 21.10.2021

2022/C 105/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b’saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa” [COM(2021) 350 final]	63
2022/C 105/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni — L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f’dinja li qed tinbidel” [COM(2021) 252 final]	77
2022/C 105/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward l-istabbiliment ta’ qafas għal Identità Diġitali Ewropea” [COM(2021) 281 final — 2021/0136 (COD)]	81
2022/C 105/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li jholqu distorsjoni fis-suq intern” (COM(2021) 223 final — 2021/0114 (COD))	87
2022/C 105/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-krediti għall-konsumatur (COM(2021) 347 final — 2021/0171 (COD))	92
2022/C 105/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2021) 346 final — 2021/0170 (COD))	99
2022/C 105/16	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jissospendi temporanjament d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjonijiet ta’ ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji (COM(2021) 392 final — 2021/0209 (CNS))	105
2022/C 105/17	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: “Strateġija lejn żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ” (COM(2021) 277 final) u l-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif u l-operazzjoni ta’ mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta’ Schengen u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 (COM(2021) 278 final — 2021/0140 (CNS))	108
2022/C 105/18	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 — Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel (COM(2021) 323 final)	114
2022/C 105/19	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tagħlim imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta’ kwalità għolja u inklużiva (COM (2021) 455 final)	128

2022/C 105/20	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli (COM(2021) 561 final — 2021/0205 (COD))	134
2022/C 105/21	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tan-notifika ta' kumpens fir-rigward ta' miżura globali bbażata fuq is-suq għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-Unjoni” (COM(2021) 567 final — 2021/0204 (COD))	140
2022/C 105/22	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd — Pjan ta' Azzjoni tal-UE: ‘Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija” (COM(2021) 400 final)	143
2022/C 105/23	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċeduri uniformi għal kontrolli fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq” (COM(2021) 483 final — 2021/0275 (COD))	148
2022/C 105/24	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1286/2014 fir-rigward tal-estensjoni tal-arranġament tranżitorju għall-kumpaniji maniġerjali, il-kumpaniji ta' investiment u l-persuni li jagħtu pariri dwar, jew ibiġhu, unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u mhux UCITS” (COM(2021) 397 final — 2021/0215 (COD))	149
2022/C 105/25	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/65/KE fir-rigward tal-użu ta' dokumenti bl-informazzjoni ewlenija mill-kumpaniji maniġerjali tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)” (COM(2021) 399 final — 2021/0219 (COD))	150
2022/C 105/26	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar” (COM(2021) 424 final — 2021/0242 (COD))	151
2022/C 105/27	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment L-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021” (COM(2020) 575 final) (opinjoni addizzjonali)	152
2022/C 105/28	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro” (COM(2020) 746 final) (opinjoni addizzjonali)	158

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-564 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW —
INTERACTIO, 20.10.2021–21.10.2021**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-rikonċiljazzjoni ta’ objettivi sostenibbli u soċjali ambizzjużi ma’ ambjent favorevoli għall-intrapriżi mikro u l-intrapriżi ż-żgħar u ta’ daqs medju”****(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2022/C 105/01)

Relatur: **Bruno CHOIX**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.3.2021
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	30.9.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	227/0/9

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. 99,8 % tal-kumpaniji Ewropej huma intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju, li jimpjegaw 82,4 miljun ruħ. Dawn huma l-atturi ewlenin f’dak li jirrigwarda l-irkupru ekonomiku u t-tilħiq tal-objettivi soċjali u ambjentali tal-UE. In-natura tagħhom – l-iskala żgħira u l-preżenza lokali tagħhom – tagħmilha aktar faċli għalihom biex jindirizzaw l-isfidi, u tippermettilhom jiksbu riżultati tajbin anke fi żminijiet ta’ kriżi.

1.2. Għal dan il-għan, il-mikrointrapriżi u l-SMEs jeħtieġu ambjent regolatorju adattat għall-karatteristiċi speċifiċi tagħhom. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jappella għall-implimentazzjoni effettiva tal-“iSmall Business Act”, il-prinċipju “aħseb l-ewwel fiż-żgħir” u l-Istrateġija għall-SMEs. Il-piżijiet amministrattivi, b’mod partikolari t-trasparenza u l-komunikazzjoni, għandhom ikunu strettament limitati, peress li kull restrizzjoni tinvolvi spiża.

1.3. Il-KESE jappoġġja l-approċċ ta’ “Regolamentazzjoni Aħjar” u jirrakkomanda l-involvement sistematiku tal-imsieħba soċjali, is-setturi professjonali u l-kmamar tal-kummerċ fl-istadji kollha tal-proċess leġiżlattiv (tħejjija ta’ konsultazzjonijiet pubbliċi, valutazzjoni tal-impatt, emendi). Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni tqis b’mod adegwat ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-impatt. Il-prinċipju ta’ “One In, One Out” għandu jiġi applikat malajr, b’mod effettiv u b’mod bilanċjat sabiex tinkiseb leġiżlazzjoni ambjentali u soċjali ambizzjuża. Fl-aħħar nett, il-KESE jissuġġerixxi t-tisħiħ tal-koordinazzjoni tar-Rappreżentanti tal-SMEs (SME Envoys), kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f’dak Ewropew.

1.4. Il-KESE jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jeżaminaw b'mod sistematiku alternattivi għar-reqwiziti ta' trasparenza u rapportar meta dawn iwasslu għal piżijiet wisq kbar.

1.5. L-inizjattivi ta' djalogu soċjali nazzjonali u reġjonali fil-mikrointrapriżi, l-artiġjanat u l-professjonijiet liberi jagħmluha aktar faċli li jiġu indirizzati kwistjonijiet soċjali, id-djalogu bejn min iħaddem u l-ħaddiema, kif ukoll il-prevenzjoni tal-kunflitti, u għandhom jiġu inkoraġġuti.

1.6. Il-KESE jinnota li għandu jiġi sfruttat aħjar il-potenzjal tas-setturi u l-assoċjazzjonijiet professjonali u tal-kmamar tal-kummerċ rigward it-tixrid tal-innovazzjoni soċjali, ambjentali u ta' governanza kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-appoġġ għall-SMEs u l-mikrointrapriżi. Huwa jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jibnu fuq l-għarfien espert u n-network tagħhom, aktar milli joħlqu dispożizzjonijiet ġodda ta' piż u vinkolanti.

1.7. Il-KESE jixtieq jiggarantixxi l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja għas-sidien tan-negozji mill-mument li jistabbilixxu jew jieħdu fidejhom negozju, sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet meħtieġa għal ġestjoni tajba tan-negozju, għall-integrazzjoni tad-djalogu soċjali u għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

2. Sfond u kummenti ġenerali

2.1. Il-mikrointrapriżi u l-SMEs huma fil-qalba tal-ekonomija Ewropea u, bis-saħħa tal-preżenza tagħhom fit-territorju kollu, huma element essenzjali ta' appoġġ għall-komunitajiet lokali li jinsabu f'diffikultajiet ekonomiċi u jixprunaw ir-reżiljenza tas-sistema kollha.

2.2. L-irkupru huwa l-uniku mod biex tiġi evitata d-depopolazzjoni: jgħin biex jippreserva l-impjiegi u jitqassam il-ġid, speċjalment peress li fl-Ewropa huwa bbażat fuq objettivi ta' sostenibbiltà.

2.3. It-mikrointrapriżi u l-SMEs huma mobilizzati lejn ekonomija ekoloġika u diġitali. L-ekonomija ċirkolari, l-iżvilupp sostenibbli u d-djalogu soċjali jinsabu fid-DNA tal-mikrointrapriżi, l-intrapriżi artiġjanali u l-professjonijiet liberi. Il-KESE jappella lill-istituzzjonijiet Ewropej biex ikollhom fiduċja fil-kapaċità tagħhom li jevolvu u biex jappoġġjaw ir-rwol tagħhom bħala xprun tat-tranżizzjoni doppja (programmi immirati ta' finanzjament, ta' appoġġ tekniku u ta' inġinerija u politiki adatti), u biex ma jnaqqsulhomx ir-ritmu.

2.4. Il-KESE jinnota li ħafna negozji u awtoritajiet pubbliċi qed jinnovaw biex jgħinu lill-mikrointrapriżi u lill-SMEs jintegraw l-ekonomija ċirkolari fil-mudell kummerċjali tagħhom (l-eliminazzjoni tal-iskart u l-prodotti mhux mibjugħa, il-promozzjoni ta' tiswijiet, tal-użu mill-ġdid u tar-riċiklaġġ), b'konformità mal-objettivi tal-UE.

2.5. Minkejja l-“iSmall Business Act” tal-2008, l-aħħar tlettax-il sena wrew li l-leġiżlaturi, minflok ma jadottaw testi li jqisu l-kapaċitajiet amministrattivi u finanzjarji tal-mikrointrapriżi u l-SMEs, ħafna drabi jagħżlu regoli għan-negozji kollha u wara jadattawhom għal dawk iżgħar, filwaqt li joħlqu piżijiet ġodda għalihom u jikkompromettu l-kompetittività tagħhom kif ukoll il-kapaċità tagħhom għall-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi. Il-mod kif jitqiesu r-riżultati tat-test tal-SMEs jista' jittejeb. Il-ħolqien ta' aktar u aktar miżuri ta' trasparenza u żvelar ta' informazzjoni jista' jkun kontroproduktiv. Barra minn hekk, il-GDPR⁽¹⁾ introduċa proċeduri mhux ċari li jobbligaw lill-mikrointrapriżi u l-SMEs jirreferu għal gwidi jew jużaw esperti esterni, li jinvolvi spejjeż. Ir-Regolament dwar il-Makkinarju jistabbilixxi obbligi simili, billi jitlob proċeduri ta' evalwazzjoni permezz ta' ċertifikazzjoni minn entitajiet esterni. Id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus⁽²⁾ tintroduċi obbligu li jiġu rrapportati s-sidien benefiċjarji għan-negozji kollha, miżura li tat riżultati f'diversi Stati Membri.

2.6. Ir-rapport tal-2020 tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju juri li l-impatt tal-proposti leġiżlattivi fuq l-SMEs mhuwiex invalutat b'mod adegwat.

2.7. Il-KESE laqa' l-Istrateġija għall-SMEs ippubblikata mill-Kummissjoni fl-2020. Jappoġġja r-riżoluzzjoni⁽³⁾ tal-Parlament, li tiddikjara li għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet amministrattivi, regulatorji u tekniċi adatti biex jgħinu lill-mikrointrapriżi u l-SMEs itejbu l-prestazzjoni tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-ambjent, u li l-piżijiet amministrattivi u regulatorji eċċessivi jxekklu l-iżvilupp tagħhom.

(1) Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(2) Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43).

(3) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar strateġija ġdida għall-SMEs Ewropej [2020/2131(INI)].

2.8. Il-KESE laqa' bi pjaċir il-Komunikazzjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar, li tenfasizza li tfassil aħjar tal-liġijiet huwa l-muftieħ għall-iżvilupp sostenibbli. Din ma tistax tkun ibbażata biss fuq it-tkabbir ekonomiku, iżda jinħtieġ ukoll bilanċ bejn id-dimensjonijiet ekonomiċi, sostenibbli u soċjali.

2.9. Minkejja dan, diversi proposti leġiżlattivi u dibattiti jindikaw obbligi ġodda ta' rapportar għall-mikrointrapriżi u l-SMEs (ir-rapportar korporattiv sostenibbli minn ċerti impriżi ⁽⁴⁾, it-trasparenza fil-pagi ⁽⁵⁾, id-diliġenza dovuta). Dawn l-obbligi jistgħu jaffettwaw lill-SMEs u lill-mikrointrapriżi direttament jew indirettament, bħala riżultat tat-talbiet ta' kumpaniji kbar fil-katina tal-valur, u jikkostitwixxu spiża, peress li m'għandhomx ir-riżorsi umani u finanzjarji biex jissodisfaw tali obbligi, u dan jhedded l-attività tagħhom, il-mudell tan-negozju tagħhom u għalhekk is-sopravivenza tagħhom, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi.

2.10. Madankollu, il-mikrointrapriżi u l-SMEs qed jiksbu riżultati inkoraġġanti, saħansitra aħjar mill-medji nazzjonali, mingħajr ebda restrizzjoni. Il-KESE jappella sabiex il-leġiżlazzjoni titfassal għall-21 miljun mikrointrapriża u SME Ewropej u mhux għal dawk ta' daqs akbar li jgħoddu 0,2 %, u wara tfitteż li tapplika l-prinċipji għall-oħrajn, sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet mhux biss tal-intraprendituri iżda wkoll tal-ħafna impjegati tagħhom. Barra minn hekk, il-KESE jixtieq li jiġu proposti alternattivi għar-rapportar b'mod sistematiku.

3. Spejjeż u benefiċċji ta' miżuri ta' rapportar

3.1. L-istima tal-Kummissjoni tal-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi ħafna drabi hija nieqsa mit-trasparenza u tippenalizza l-mikrointrapriżi u l-SMEs. Barra minn hekk, għandhom jingħaddu l-effetti indiretti tal-obbligi tal-katina tal-valur, li l-Kummissjoni qed issibha diffiċli tikkwantifika. Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar, l-emendi mressqa mill-Parlament u mill-Kunsill rarament ikunu soġġetti għal valutazzjonijiet tal-impatt u t-tests tal-SMEs. Fl-aħħar nett, it-traspożizzjoni tal-miżuri fil-liġi nazzjonali xi drabi twassal għal spejjeż addizzjonali.

3.2. Sabiex jissodisfaw dawn l-obbligi dejjem jikbru, l-intraprendituri ma għandhom l-ebda għażla ħlief li jagħmlu dan huma stess, fil-ħin allokat għall-professjoni tagħhom, jew inkella jfittxu parir estern. Iż-żewġ metodi jaffettwaw l-attività tal-intrapriża u jinvolvu spejjeż addizzjonali. Dawn huma proporzjonalment ogħla fil-mikrointrapriżi milli fl-intrapriżi l-kbar. Barra minn hekk, il-KESE jwissi dwar il-proliferazzjoni ta' miżuri ta' rapportar li, għalkemm jistgħu jidhru minimi meta wieħed iqishom fiżolament, għandhom impatt kumulattiv konsiderevoli.

3.3. Madankollu, ġew osservati riżultati tajbin f'setturi fejn mhemmx l-obbligu ta' rapportar: ħafna mikrointrapriżi u SMEs, imħeġġa mill-federazzjonijiet kummerċjali tagħhom jew mill-kmamar tal-kummerċ, jinvestu fl-ekonomija ċirkolari għaliex iqisu li dan huwa utli għall-iżvilupp u r-reputazzjoni tagħhom ⁽⁶⁾; id-daqs uman tal-mikrointrapriżi u l-SMEs jiffaċilita d-djalogu bejn min iħaddem u l-impjegati, li jfisser, fost l-oħrajn, li d-differenzi fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel huma ħafna drabi aktar baxxi milli fil-livell nazzjonali ⁽⁷⁾, eċċ. Il-pajjiżi b'limiti għall-SMEs għal xi leġiżlazzjoni soċjali jirrapportaw għadd żgħir ta' appelli, li juri li dawn tal-aħħar jistgħu jkunu eżemplari mingħajr ma jkunu soġġetti għal miżuri qawwija. F'konformità mal-Opinjoni tal-KESE ⁽⁸⁾, id-definizzjoni ta' SME għandha tiġi indirizzata.

3.4. L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, inklużi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, huma parti sħiħa mill-ekonomija ċirkolari minħabba l-fatt li dawn jipprovdu servizzi bbażati fil-komunità li jsaħħu r-rabta soċjali, joħlqu impjiegi u ġid lokalizzati f'żoni fejn l-industrija u xi servizzi pubbliċi huma assenti, u joffru opportunitajiet ta' negozju u ta' impjeg lil gruppi soċjali vulnerabbli. Il-mikrointrapriżi u l-SMEs iħarrġu aktar minn nofs l-apprendisti, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod attiv għall-impjeg taż-żgħażaġh. Il-mudell kummerċjali u d-daqs uman tagħhom jiffavorixxu l-applikazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali b'mod li tibqa' taħt il-kontroll tal-bniedem, u jagħmlu enfasi fuq il-kwalità tal-ħajja fuq il-post tax-xogħol u l-governanza parteċipattiva.

3.5. Iż-żieda ta' miżuri ta' rapportar ħafna drabi titqies bħala piż inġust, li jħalli impatt negattiv fuq l-attività tagħhom u jirriskja li jċaħħadhom mill-aċċess għall-akkwist pubbliku jew għall-finanzjament, iżda mingħajr ma jwasslu għal progress sinifikanti fil-politiki li spiss ikunu bdewhom huma stess. Din l-akkumulazzjoni twassal għal riżentiment lejn Ewropa meqjusa burokratika wisq u maqtugħa mil-livell lokali.

3.6. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li l-oġġettivi soċjali u ambjentali ser jintlaħqu biss billi jiġu indirizzati l-kawżi tal-iżbilanċi u mhux billi jidiedu l-obbligi vinkolanti.

⁽⁴⁾ Proposta għal Direttiva fir-rigward tar-rapportar korporattiv sostenibbli minn ċerti impriżi [2021/0104(COD)].

⁽⁵⁾ Proposta għal Direttiva għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar [2021/0050(COD)].

⁽⁶⁾ Eżempju ta' kumpanija tal-artiġjanat li daħħlet fis-seħħ miżuri tal-ekonomija ċirkolari mingħajr rekwiżiti ta' trasparenza fin-Netherlands: <https://www.deb.nl/ondernemersverhalen/slagerij-van-koppen-dacht-na-over-duurzaamheid/> (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁷⁾ Les entreprises de proximité au féminin (mars 2019) (In-negozji lokali qrib in-nisa – Marzu 2019 – mhux disponibbli bil-Malti): https://u2p-france.fr/sites/default/files/etude_les_entreprises_de_proximite_au_feminin.pdf

⁽⁸⁾ ĠU C 345, 13.10.2017, p. 15 u ĠU C 81, 2.3.2018, p. 1.

3.7. Sabiex jitravwem ambjent favorevoli għall-SMEs, jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lit-tibdil demografiku, li jnaqqas b'mod sinifikanti d-disponibbiltà ta' ħaddiema kwalifikati u għaldaqstant il-produttività tal-SMEs. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-apprendistati u l-iżvilupp tal-ħiliet għandhom ikunu prijorità, inkluż fir-rigward tal-kompetenzi ekoloġiċi u diġitali.

4. Regolamentazzjoni Aħjar

4.1. Regolamentazzjoni aħjar teħtieġ bilanċ tajjeb bejn l-approċċi ekonomiċi, sostenibbli u soċjali. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiddependi aktar fuq l-imsieħba soċjali, is-setturi professjonali u l-kmamar tal-kummerċ fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali meta tivvaluta l-impatt ta' regolament.

4.2. Kull miżura ta' trasparenza tfisser spiża. Il-KESE jfakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li timplimenta l-"iSmall Business Act" u l-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", f'konformità mal-impenni tagħha. B'segwitu għall-Komunikazzjoni dwar "Regolamentazzjoni Aħjar", il-KESE jitlob li kwalunkwe piż amministrattiv dirett jew indirett ġdid ikun limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ.

4.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tikkonsultah meta tkun qed tfassal il-konsultazzjonijiet sabiex tqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-SMEs b'mod aktar immirat permezz ta' mistoqsijiet li jkunu newtrali u adattati għall-forom kollha ta' negozju. Huwa enfażizza l-ħtieġa li l-konsultazzjonijiet qosra jingħataw prijorità fil-lingwi kollha tal-UE sabiex il-kontribut tagħhom ikun iffaċilitat.

4.4. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ in-network u l-koordinazzjoni tar-rappreżentanti tal-SMEs fil-livell nazzjonali u fl-iskambji tagħhom mal-Kummissjoni.

4.5. Il-KESE jieħu nota tal-prinċipju ta' "One In, One Out" li l-Kummissjoni impenjat ruħha li tapplika. It-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi għandu jiġi esplorat mal-imsieħba soċjali sabiex dawn jittaffew mingħajr ma jiġu kompromessi l-oġettivi ta' politika jew jtbaxxew l-istandards ekonomiċi, soċjali u ambjentali għoljin tal-UE. Għal dan il-għan, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tippovdi dettalji operattivi u metodoloġiċi biex tidentifika l-piżijiet bla bżonn. L-iskadenza għall-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju ma tidhirx li hija konformi mal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni, li jipprevedi l-pubblikazzjoni ta' diversi testi ewlenin fix-xhur li ġejjin. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tidentifika malajr il-piżijiet amministrattivi li jistgħu jiġu eliminati. Barra minn hekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex, kull meta jiġi rtirat piż partikolari, timmonitorja t-tneħħija tiegħu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex tiżgura l-effettività tal-prinċipju u t-trattament ugwali.

4.6. Il-KESE jappella sabiex kwalunkwe proposta ġdida, speċjalment meta tinvolvi miżuri ta' trasparenza jew ta' rapportar diretti jew indiretti, tkun soġġetta għal valutazzjoni kif imiss tal-impatt. It-test tal-SMEs irid jiġi applikat mill-istituzzjonijiet kollha. Dan għandu jinkludi analiżi ekonomika u legali u s-sorsi tiegħu għandhom jiġu ppubblikati. Dan għandu jsir f'kull verżjoni ġdida tat-test, fl-istadju tal-proposta u matul in-negozjati. Il-KESE jirrakkomanda li l-imsieħba soċjali, inklużi l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, jiġu kkonsultati f'kull valutazzjoni tal-impatt sabiex jikkontribwixxu għall-analiżi tad-dispożizzjonijiet dwar il-mikrointrapriżi u l-SMEs. Ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom jitqiesu b'mod adegwat mill-Kummissjoni meta tidentifika l-għażla ta' politika ppreferuta. F'konformità mal-proposti tal-Komunikazzjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar, il-KESE jistieden lill-MEPs u lill-Kunsill biex jiddokumentaw l-impatt tal-emendi tagħhom fuq il-mikrointrapriżi u l-SMEs.

4.7. Ir-rapport tal-Bord tal-Iskrutinju Regolarju juri li l-għadd ta' proposti li jinkorporaw dispożizzjonijiet speċifiċi għall-SMEs naqas b'mod sinifikanti (minn 22 % għall-2017-2019 għal 15 % fl-2020). Jekk jiġu adottati miżuri ta' trasparenza, il-KESE jistieden lill-istituzzjonijiet jintroduċu limiti biex itaffu l-piż minn fuq l-mikrointrapriżi u l-SMEs. Il-KESE jitlob li l-implimentazzjoni tal-Gateway Diġitali Unika, skedata għall-2023, tiġi aċċelerata.

5. Alternattivi għall-iżvelar ta' informazzjoni

5.1. Sabiex jiġi evitat li jiġu ġeneralizzati miżuri li jistgħu jitqiesu bħala punittivi, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinkorpora alternattivi għall-obbligi ta' rapportar għall-mikrointrapriżi u l-SMEs f'kull proposta.

5.2. F'ħafna Stati Membri hemm korpi konsultattivi speċifiċi li fi hdnhom l-imsieħba soċjali jistgħu jiddiskutu miżuri soċjali u ekonomiċi u l-organizzazzjoni Prattika tagħhom. Ħafna organizzazzjonijiet nazzjonali tal-SMEs huma rappreżentattivi. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiddependi aktar fuq l-assoċjazzjonijiet tal-SMEs, l-imsieħba soċjali, is-setturi professjonali u l-kmamar tal-kummerċ fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali. L-esperjenza, l-għarfien espert u n-network attiv tagħhom jippermettulhom li jkunu fl-aħjar pożizzjoni biex jappoġġjaw u jinkoraġġixxu l-mikrointrapriżi u l-SMEs u biex jiżviluppaw għodod li jikkorrispondu għal oġettivi soċjali u ambjentali. Huwa importanti li jingħataw ir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa għall-iżvilupp ta' azzjonijiet ta' appoġġ.

5.3. Il-KESE jinnota li l-Kummissjoni żviluppatt għadd ta' għodod li jistgħu jkunu utli għall-mikrointrapriżi u l-SMEs, iżda li ma jilhqax il-gruppi fil-mira li tfasslu għalihom. Il-KESE jirrakkomanda li tiżdied il-mobilizzazzjoni tar-rappreżentanti tal-SMEs sabiex dawn l-għodod jiġu adattati għall-ħtiġijiet tal-mikrointrapriżi u l-SMEs u biex jiġu ffaċilitati l-għarfien u s-sjeda tagħhom.

5.4. Il-KESE jipproponi li jiġu promossi u żviluppatti miżuri nazzjonali u reġjonali sabiex jiġi ffaċilitat id-djalogu soċjali fil-mikrointrapriżi, l-artiġjanat u l-professjonijiet liberi ⁽⁹⁾ billi l-impjegati u min iħaddem jingħataw l-informazzjoni/il-pariri kollha dwar id-dispożizzjonijiet legali jew kuntrattwali applikabbli għalihom, billi jiddiskutu u jagħtu kwalunkwe fehma utli dwar kwistjonijiet speċifiċi għall-intrapriżi u l-impjegati tagħhom, u billi jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-kunflitti billi jipprovdu informazzjoni u rakkomandazzjonijiet lill-impjegati u lil min iħaddem.

5.5. Il-KESE jhegġegħ lill-Istati Membri biex jappoġġjaw lis-setturi professjonali fl-inizjattivi tagħhom ta'taħriġ, konsulenza u ta' appoġġ fir-rigward tal-mikrointrapriżi u l-SMEs sabiex dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti soċjali u ambjentali. Dawn il-miżuri għandhom jiġu ppreferuti fuq dispożizzjonijiet vinkolanti.

5.6. F'konformità mal-Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-Kumitat "Lejn akkwist pubbliku ċirkolari" ⁽¹⁰⁾, il-KESE jappella lill-awtoritajiet pubbliċi biex jappoġġjaw lill-mikrointrapriżi u l-SMEs biex jifhmu l-akkwist pubbliku aktar sostenibbli, b'mod partikolari l-akkwist pubbliku lokali, u biex jiżguraw li l-ispeċifikazzjonijiet jirrispettaw bilanċ bejn il-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi.

5.7. It-taħriġ tal-intraprendituri fil-mikrointrapriżi u l-SMEs għandu jkun aċċessibbli għalihom matul iċ-ċiklu tal-ħajja, bl-istess mod bħall-impjegati, inkluż meta tiġi stabbilita intrapriża ġdida jew waħda eżistenti tittieħed f'idejn ġodda. Sabiex tinbena riżerva ta' intraprendituri u dawk li jieħdu f'idejhom attivitajiet eżistenti li jkun kapaċi jindirizzaw l-isfidi soċjali, ambjentali u ekonomiċi, il-KESE jqis li huwa essenzjali li tiġi offruta u mħeġġa l-parteċipazzjoni f'ċikli ta' taħriġ imfassla għall-ħiliet ġodda.

5.8. Il-KESE jipproponi li l-inċentivi biex jitnaqqas l-impatt tal-karbonju tal-mikrointrapriżi u l-SMEs jiġu appoġġjati finanzjarjament mingħajr ma dan ikun restrizzjoni fuq l-iżvilupp tal-intrapriżi jew piż addizzjonali għalihom.

5.9. Il-KESE jirrakkomanda li jitħeġġu inizjattivi biex in-negozji jiġu ttikkettati fuq bażi volontarja, mingħajr ħlas u b'intervent minn parti terza ħalli tkun assigurata l-kredibbiltà ⁽¹¹⁾, sabiex dawn l-iskemi ma jkunux ta' ostaklu għall-aċċess għas-suq u tiġi evitata l-proliferażzjoni tagħhom ħalli ma tinħoloqx konfużjoni għall-konsumaturi.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽⁹⁾ Kumitati konġunti reġjonali interprofessjonali tal-artiġjanat (CPRIA: <https://cpria.proximeo-france.fr/>) et kumitati konġunti reġjonali għall-professjonijiet liberi (CPR-PL).

⁽¹⁰⁾ ĠU C 341, 24.8.2021, p. 16.

⁽¹¹⁾ Eżempju ta' "Répar'acteurs": <https://www.artisanat.fr/reparacteurs#:~:text=Le%20label%20C2%AB%20R%C3%A9par'acteurs%20C2%BB,de%20la%20r%C3%A9duction%20des%20d%C3%A9chets>.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Reklamar għal konsum modern u responsabbli”**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2022/C 105/02)

Relatur: **Thierry LIBAERT**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.3.2021
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	30.9.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	132/0/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jenfasizza l-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea (UE) tappoġġja l-industrija tar-reklamar tagħha, li ġiet affettwata serjament mill-kriżi tal-COVID-19. Meta mqabbel mat-tranżizzjoni diġitali u l-kompetizzjoni minn Google, Amazon, Facebook u Apple (GAFA), ir-reklamar huwa ingranaġġ aktar importanti minn qatt qabel għall-attivitàjiet ekonomiċi u l-impjiegi.

1.2. Il-ħtieġa għal aktar rispett tal-konsumatur u l-isfidi tat-tranżizzjoni ekoloġika u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jeħtieġu riflessjoni ġenerali sabiex is-settur tar-reklamar iqis, b'mod partikolari, l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.

1.3. Il-KESE jappella lis-settur tar-reklamar biex jimpenja ruħu ħalli jnaqqas l-impronta tal-karbonju tiegħu sabiex, f'konformità mal-oġġettivi tal-UE, jikseb newtralità karbonika fl-attivitàjiet tiegħu sal-2050 u jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'55 % sal-2030, bil-għan li jikkontribwixxi għan-newtralità karbonika kollettiva sal-2050.

1.4. Il-KESE jitlob li kull attur fis-settur tar-reklamar, skont is-settur tal-attivitàjiet tiegħu, jimpenja ruħu li jnaqqas l-impatt ambjentali tiegħu. Dan jista' jinkiseb billi jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-iskrins tar-reklamar diġitali u tiżdied ir-riċiklabilità tagħhom, permezz ta' użu preferenzjali ta' karti minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli (tikketta PEFC u PFC) u linka konformi mal-istandards REACH u GreenGuard għal fuljetti tal-karta u tar-reklamar, u billi jitnaqqas l-impatt tekniku, tal-enerġija u loġistiku tal-produzzjonijiet awdjoviżivi.

1.5. Il-KESE jirrakkomanda lill-atturi fis-settur tar-reklamar biex iżidu l-kontribut tagħhom pro bono sabiex jappoġġjaw inizjattivi ekoresponsabbli ta' dawk l-atturi li m'għandhomx riżorsi finanzjarji suffiċjenti (SMEs, negozji ġodda, kooperattivi, eċċ.).

1.6. Il-KESE jitlob lill-atturi fis-settur biex iħarrġu iktar lill-membri tagħhom dwar l-isfidi tat-tranżizzjoni ekoloġika. Dan għandu jsir b'mod parallel mat-taħriġ universitarju fil-professjonijiet tal-komunikazzjoni.

1.7. Il-KESE jirrakkomanda li s-settur tar-reklamar jirrifletti fuq l-immaġini tar-reklamar u r-rappreżentazzjonijiet relatati. Dan se jgħin biex jiġi żgurat li r-reklamar, aktar milli jkun ostaklu, isir ingranaġġ reali għat-tranżizzjoni ekoloġika, u jippermetti, għal raġunijiet fattwali u preċiżi, li jiġu enfasizzati prodotti li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-impatti ambjentali.

1.8. Il-KESE jitlob li titkompla l-ħidma biex tissaħħaħ ir-regolamentazzjoni tar-reklamar fil-livell Ewropew ħalli jiġu miġġielda l-greenwashing u l-asserzjonijiet ambjentali qarrieqa u biex tinkiseb l-armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE.

1.9. Il-KESE jesprimi x-xewqa li, flimkien mal-aspetti marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika, isir sforz partikolari fir-rigward tar-reklamar immirat lejn iż-żgħażaġh, b'mod partikolari fuq in-networks soċjali.

1.10. Il-KESE jqis li ma jistax ikun hemm reklamar kompletament responsabbli jekk l-atturi tar-reklamar fl-Ewropa ma jerfgħux ir-responsabbiltà tagħhom fir-rigward tad-diżinformazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea (KE) jeħtieġ li żżid l-isforzi tagħha biex tiġġieled kontra l-monetizzazzjoni tad-diżinformazzjoni ⁽¹⁾.

1.11. Il-KESE jitlob lis-settur tar-reklamar biex ikun aktar miftuħ għas-soċjetà ċivili u joħloq opportunitajiet aktar frekwenti għal skambji mad-diversi udjenzi tiegħu sabiex ikun jista' jevolvi skont l-aspettattivi l-ġodda tas-soċjetà.

2. Definizzjonijiet

2.1. Id-definizzjoni tar-reklamar użata hawnhekk hija dik tal-UE, li tirreferi għalih bħala "l-għemil ta' rappreżentazzjoni fi kwalunkwe forma b'konnessjoni ma' kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni sabiex jippromovi l-provvista ta' merkanzija jew servizzi". Madankollu, din id-definizzjoni tħalli barra r-reklamar immirat lejn objettiv istituzzjonali (it-titjib tar-reputazzjoni tal-kumpanija) jew li jirriżulta minn atturi pubbliċi jew assoċjazzjonijiet.

2.2. Ir-reklamar responsabbli huwa dak li jirrifletti r-responsabbiltà tar-reklamar quddiem sfidi soċjetali u ambjentali kbar, inkluża l-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima.

3. Ir-reklamar bħala mezz tal-attività ekonomika u l-impjiegi fl-Ewropa

3.1. Ir-reklamar għandu rabta mill-qrib mat-tkabbir u l-impjiegi. Fejn l-investment fir-reklamar huwa konsiderevoli, it-tkabbir ikun oġhla minn fejn l-investment ikun aktar baxx ⁽²⁾. Fl-Ewropa, skont studju tal-2017 mill-Federazzjoni Dinjija ta' dawk li jirreklamaw li jirreferi għas-sena 2016, EUR 92 biljun fin-nefqa fuq ir-reklamar stricto sensu ġġeneraw EUR 643 biljun f'ġid addizzjonali ⁽³⁾.

3.2. Skont diversi studji, investment ta' euro fir-reklamar jipproduċi effett multiplikatur u konsegwenzjali ta' 5 sa 7 punti ta' tkabbir addizzjonali. Applikat għall-Belġju, il-multiplikatur ikun 5 (EUR 2,2 biljun f'nefqa għar-reklamar ikkontribwew għal EUR 13-il biljun għall-ekonomija Belġjana) ⁽⁴⁾.

3.3. Ir-reklamar iħaffef it-tixrid ta' prodotti u servizzi ġodda u xi drabi l-innovazzjoni, kif juri perfettament it-tul ta' ħajja ta' ċerti prodotti bħall-kompjuters jew it-telefons. It-tixrid aċċellerat ta' prodotti ġodda jqajjem dubji dwar l-impatti ambjentali tiegħu.

3.4. Ir-reklamar jagħti spinta lill-kompetizzjoni. Mingħajr pubbliċità, aħna lkoll inkunu fl-istess istituzzjoni bankarja, li tistabbilixxi t-tariffi tagħha kif jidhrilha xieraq. Is-servizzi bankarji huma ġeneralment simili bejn bank u ieħor, u d-distinzjoni tirriżulta wkoll mir-reklamar. Dan jgħodd ukoll għal għadd kbir ta' setturi ta' attività (l-enerġija, id-distribuzzjoni, eċċ.).

3.5. Ir-reklamar isostni bosta setturi, b'mod partikolari dak tal-midja. F'ħafna pajjiżi tal-UE, dan jiffinanzja, fil-parti l-kbira tiegħu, l-istampa, ir-radju u t-televiżjoni. Barra minn hekk, din hija riżorsa u daqstant ieħor hija relazzjoni ta' dipendenza li xi drabi tinfluwenza l-kontenut tal-produzzjonijiet u tqajjem mistoqsijiet dwar l-indipendenza editorjali.

3.6. Ir-reklamar għandu fatturat ta' EUR 140 biljun (2018) fl-Ewropa, b'280 000 kumpanija, ħafna drabi żgħar u ta' daqs medju, jaħdmu parzjalment jew totalment għall-komunikazzjoni tal-kumpaniji u jimpjegaw 998 000 persuna ⁽⁵⁾.

3.7. Ir-reklamar għandu effetti indiretti fuq ħafna professjonijiet relatati, bħal pereżempju l-produzzjoni awdjoviviva, l-arti jew il-fotografija. Studju Belġjan wera li 87 000 persuna kellhom impjiegi li kienu ffinanzjati minn dħul mir-reklamar jew kienu involuti fil-produzzjoni tar-reklamar permezz ta' ktajjen tal-provvista.

⁽¹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea: Linji Gwida biex jissaħħa il-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni. 26 ta' Mejju 2021. https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_21_2585

⁽²⁾ Maximilien Nayaradou, "L'impact de la régulation de la publicité sur la croissance économique", (L-impatt tar-regolamentazzjoni tar-reklamar fuq it-tkabbir ekonomiku), verżjoni mqasra f'*Publicité et croissance économique* (Ir-Reklamar u t-tkabbir ekonomiku), Union des annonceurs, 2006 (mhux disponibbli bil-Malti). Minn teżi difiża fl-Università Paris Dauphine fl-2004.

⁽³⁾ World Federation of Advertising. The value of advertising (Il-valur tar-reklamar), Deloitte, 2017 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁴⁾ Union belge des annonceurs, "L'impact de la publicité sur la croissance économique en Belgique" (L-impatt tar-reklamar fuq it-tkabbir ekonomiku fil-Belġju), 3 ta' Diċembru 2015 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁵⁾ Sors: Eurostat. *Advertising and Market Research Statistics*. (Statistika dwar ir-Reklamar u r-Riċerka tas-Suq – mhux disponibbli bil-Malti).

3.8. Barra minn hekk, jekk tiġi inkluża n-nefqa kollha tal-komunikazzjoni kummerċjali, għandhom jiżiedu wkoll l-ammonti konsiderevoli li jintefqu kull sena fl-UE biex jisponsorjaw id-divertiment, kemm jekk attivitajiet sportivi kif ukoll kulturali.

4. Impatt li jmur lil hinn mill-aspetti ekonomiċi u soċjali

4.1. Huwa ġeneralment aċċettat li l-effett tar-reklamar fuq l-istampa jippermetti aċċess usa' għall-midja. Mingħajr reklamar, il-prezz tal-gazzetti jiżdied drastikament, u t-tnaqqis fir-reklamar iwassal għall-għajbien ta' ħafna pubblikazzjonijiet.

4.2. Huwa wkoll bis-saħħa tar-reklamar li l-pubblikazzjonijiet stampati bla ħlas huma disponibbli biex b'hekk miljuni ta' nies jaqraw l-aħbarijiet kuljum.

4.3. L-aspett artistiku u kreattiv għandu jiġi enfasizzat. Ta' min jinnota li għadd kbir ħafna ta' produttori tal-films, fotografi u disinjaturi bdew il-karrieri tagħhom fir-reklamar.

4.4. L-integrazzjoni tar-reklamar f'ċerti pajsaġġi urbani għamlithom postijiet turistiċi, bħal Times Square fi New York u Piccadilly Circus f'Londra. Huwa d-dinamiżmu tar-reklamar innifsu li jħalli l-marka tiegħu fuq il-belt u ċerti postijiet jispikkaw minħabba fih. Ovvjament, din l-influwenza tar-reklamar fl-ispazji pubbliċi tista' tiġi kkontestata bil-qawwa.

4.5. Ir-reklamar jikkontribwixxi għal narrattiva pożittiva dwar id-dinja, il-kuntentizza, il-pjaċir jew is-sbuħija. Fil-kontest ta' kriżijiet li għaddejjin bħalissa, in-narrattivi tar-reklamar jgħinu biex jixterru messaġġi ottimisti u ta' ispirazzjoni. Ir-reklamar għab ukoll kliem ta' parir dwar il-ħajja, bħal "Timitax, kun innovattiv" (Hugo Boss), "Hu ħsieb tiegħek innifsek" (Garnier) u "Xejn mhux impossibbli" (Adidas). Għalhekk, b'mod ġenerali r-reklamar jagħti stampa pożittiva tad-dinja. Din il-viżjoni pożittiva tista' tkun xprun importanti għat-tranżizzjoni ekoloġika.

5. Il-mudell ta' reklamar u l-konsegwenzi soċjali u ambjentali tiegħu

5.1. Ir-reklamar għandu konsegwenzi diretti fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Dan għandu impatt fuq l-użu tal-karti, kif ukoll fuq il-konsum ta' diversi riżorsi (b'mod partikolari permezz tal-iskrins LCD il-ġodda) u l-enerġija permezz tal-Internet jew tal-midja awdjoviżiva. L-impatt f'termini ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra jew impatt ambjentali usa' (eż. ir-riċiklabilità tal-mezz) fil-prattika qatt ma jintuża bħala wieħed mill-kriterji ewlenin meta tiġi ddeterminata l-forma ta' kampanja ta' reklamar.

5.2. Ir-reklamar fuq barra għandu wkoll impatt ambjentali speċifiku. Dan jidher b'mod partikolari bil-bords għall-wiri mdawlin u diġitali, li l-konsum tal-enerġija u l-impatt tagħhom f'dak li hu tniġġis tad-dawl huma sinifikanti. Fir-rigward tal-produzzjoni ta' skrins ta' reklamar diġitali, huwa smat li biex jiġi prodott pannell standard ta' 200 kg jenhtiegħu 8 tunnelli ta' materjal⁽⁶⁾.

5.3. Billi jimmira li jżid il-konsum ta' dak li jippromovi, ir-reklamar iħeġġeġ konsum żejjed li ma jkunx neċessarjament jaqbel mal-ħtiġijiet. Hemm ħafna eżempji ta' prodotti u gadgets li l-użu Prattiku tagħhom fl-aħħar mill-aħħar huwa limitat, u xi kultant mhux proporzjonat mal-impatt ambjentali tagħhom. Xi wħud minnhom jintużaw darba biss u wara jintremew. Ir-reklamar isawwar il-ħtiġijiet u l-aspettattivi tan-nies skont l-interessi ta' min jirreklama u mhux neċessarjament l-interessi kollettivi.

5.4. Permezz tal-preżenza qawwija tiegħu fil-bliet il-kbar, ir-reklamar jista' jgħin ukoll biex jiġi standardizzat l-ispazju urban ta' bliet Ewropej ewlenin. Permezz ta' kampanji ta' reklamar identiċi, il-pajsaġġi urbani qed isiru aktar omoġenji u qed jitilfu l-kwalità. Dan il-fenomeno ġej mill-fatt li l-maġġoranza tar-reklami ġejjin minn għadd żgħir ta' persuni li jirreklamaw.

5.5. Il-messaġġi li jitwasslu ħafna drabi huma 'l bogħod milli jippromovu l-kondiviżjoni, is-solidarjetà u l-moderazzjoni. Ir-reklamar jagħti immaġni ta' kuntentizza permezz tax-xiri. Il-fantasija tar-reklamar tfakkarna għal darb' oħra li kolloxx jista' jinx tara. Biex inkunu kuntenti, jeħtieġ li jkollna aktar u nikkunsmaw aktar. Madankollu, skont sfharriġ tal-opinjoni pubblika, ma hemmx rabta statistika qawwija bejn il-konsum u l-perċezzjoni tal-kuntentizza, peress li l-kuntentizza hija prinċipalment ibbażata fuq it-twemmin ta' ċerti valuri, fuq l-importanza tan-nisġa tal-familja u n-network soċjali tanġibbli. Ir-reklamar jista' jkun ukoll sors ta' nuqqas ta' sodisfazzjon kostanti għall-konsumaturi, li jisfurzahom jikkunsmaw dejjem aktar, u frustrazzjoni għall-persuni kollha, b'mod speċjali dawk l-aktar żvantaġġati, li m'għandhomx il-mezzi biex jixtru l-prodotti u s-servizzi reklamati.

⁽⁶⁾ ADEME. Modélisation et évaluation environnementale des panneaux publicitaires numériques. (L-immudellar u l-valutazzjoni ambjentali tal-pannelli ta' reklamar diġitali.) Settembru 2020 (mhux disponibbli bil-Malti).

5.6. Mingħajr ma jafu, il-kumpaniji Ewropej jonfqu aktar minn EUR 400 miljun fuq siti web ta' diżinformazzjoni (?). Huwa rikonoxxut li s-sorsi ewlenin ta' diżinformazzjoni għandhom skopijiet finanzjarji, b'mod partikolari permezz ta' sistema ta' referenzjar li tippermettilhom jiksbu ammonti kbar ta' flus mir-reklamar online.

5.7. Il-KESE nnota li aktar u aktar reklami fuq il-midja soċjali mhux qed jiġu pprezentatati bħala reklamar, iżda jinfbew wara influwenzaturi xi ftit jew wisq magħrufa. Ġie stmat li aktar minn kwart (26,6 %) tar-reklami fuq il-midja soċjali ma jsemmux id-ditta u l-intenzjoni kummerċjali (?). Dan joħloq konfużjoni detrimental għall-fiduċja fir-rigward tad-ditti, u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali jista' jgħin fil-ġlieda kontra dan billi jobbliga li jiġi kkomunikat l-isem tal-korp li f'isimu jkun qed jixxandar ir-reklam (?).

6. Inħaffu l-evoluzzjoni tar-reklamar biex il-mudell tiegħu jsir aktar kompatibbli mal-isfidi tat-tranżizzjoni ekoloġika

6.1. Filwaqt li l-kwistjoni tal-klima qed issir dejjem aktar urġenti, huwa diffiċli li wieħed jifhem għaliex is-settur tar-reklamar ma impenjax ruħu formalment biex jikkonforma mal-Ftehim ta' Pariġi. Reċentement, il-Parlament Ewropew (PE) adotta Rizzoluzzjoni biex jinkiseb tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 u, fl-14 ta' Lulju 2021, il-KE ppubblikat il-pakkett tagħha ta' 12-il miżura "lesti għall-mira ta' 55 %" biex jintlaħaq dan l-għan. Is-setturi professjonali kollha għandhom jikkontribwixxu għall-isforz kollettiv u s-settur tar-reklamar, bħas-setturi l-oħrajn, għandu inqas minn 10 snin biex jimplimenta dan l-objettiv ewleni.

6.2. Il-parti l-kbira ta' dawk li jirreklamaw fehmu l-isfidi tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li l-aspettattivi għoljin tas-soċjeta' jingħataw widen. Dawn ilhom bosta snin jaħdmu biex jindirizzaw l-asserzjonijiet ambjentali qarrieqa u l-greenwashing. Issa jeħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom.

6.3. Din id-dinamika hija appoġġjata mill-KE. Fl-2012, id-DĠ JUST waqqaf grupp ta' ħidma (*Grupp ta' Bosta Partijiet Interessati dwar l-Asserzjonijiet Ambjentali*). Fl-2013 u fl-2016 ġew ippubblikati diversi rapporti. Dawn id-dokumenti ppermettew fehim aħjar tal-problema tal-asserzjonijiet ambjentali qarrieqa u kkontribwew għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE (?), dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali. Il-KE qed taħdem fuq l-aġġornament ta' dawn il-linji gwida, li għandhom jiġu ppubblikati sa tmiem l-2021. It-test finali għandu jiċċara aktar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-asserzjonijiet ambjentali qarrieqa. Fl-2020, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-protezzjoni tal-konsumaturi wettqu "sweep", ikkoordinata mill-KE, ta' siti elettroniċi ta' kumpaniji li jallegaw li jbigħu prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Skont il-konklużjoni ta' dan ix-xogħol, fi 42 % tal-każijiet l-allegazzjonijiet kienu esaġerati, foloz jew qarrieqa u jistgħu potenzjalment jikkwalifikaw bħala prattiċi kummerċjali żleali skont ir-regoli tal-UE (?).

6.4. Reċentement, il-Pjan ta' Azzjoni ġdid għal Ekonomija Ċirkolari ppubblikat mill-KE fil-11 ta' Marzu 2020 kien jinkludi, għall-ewwel darba, enfasi fuq ir-responsabbiltà għar-reklamar. Punt 2.2 jindika l-intenzjoni tal-KE li ssaħħa l-protezzjoni tal-konsumatur kontra l-greenwashing. Dan jipprevedi li l-kumpaniji jkollhom jagħtu prova tal-asserzjonijiet ambjentali tagħhom f'termini ta' prodotti jew organizzazzjonijiet li jużaw metodi tal-impronta ambjentali. Punt 3.2 jesprimi x-xewqa li jiġu żviluppjati inċentivi biex tiżied ir-rata ta' okkupazzjoni tal-vetturi (dan jista' jsir permezz ta' reklami li juru inqas sewwieqa waħedhom fil-karozzi tagħhom).

6.5. Fil-PE, f'Novembru 2020 saret votazzjoni fuq rapport fuq inizjattiva proprja "Lejn suq uniku aktar sostenibbli għall-impriżi u l-konsumaturi" (?), imħejji mill-Kumitat IMCO (Suq Intern). Dan it-test "jisħaq fuq l-importanza ta' reklamar responsabbli li jirrispetta l-istandards pubbliċi dwar l-ambjent u s-saħħa tal-konsumatur".

6.6. Il-KESE kien partikolarment attiv fil-projbizzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali qarrieqa, anke permezz ta' Opinjoni dwar "L-allegazzjonijiet ambjentali, soċjali u tas-saħħa fis-suq intern" (?). Huwa vvota dwar Opinjoni intitolata "Lejn strateġija tal-UE dwar il-konsum sostenibbli" (?), li fiha ġiet enfasizzata l-importanza ta' t'fassi aħjar tar-reklamar għal konsum aktar sostenibbli. Reċentement, l-Opinjoni dwar Aġenda tal-Konsumatur ġdida (?), fakkret fil-ħtieġa għal informazzjoni aħjar għall-konsumatur u l-ħtieġa li jiġi miġġieled il-greenwashing.

(?) Claudia Cohen, "Des marques financent, malgré elles, la désinformation" [Ditti jiffinanzjaw id-diżinformazzjoni mingħajr ma jafu], *Le Figaro*, 5 ta' Awwissu 2021.

(?) Observatoire de l'influence responsable [Osservatorju responsabbli tal-influwenza]. ARPP [Awtorità ta' regolazzjoni professjonali tar-reklamar]. 13 ta' Settembru 2021.

(?) ĠU C 286, 16.07.2021, p. 70.

(?) Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negożju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

(?) Bulletin ta' kuljum. Agence Europe, Nru 12646, 24 ta' Jannar 2021 (mhux disponibbli bil-Malti).

(?) https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2020-0209_MT.html

(?) ĠU C 383, 17.11.2015, p. 8.

(?) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 51.

(?) ĠU C 286, 16.07.2021, p. 45.

7. Lejn reklamar Ewropew għal konsum aktar sostenibbli u responsabbli

7.1. Il-KESE jappella għal approċċ ibbażat fuq l-inċentivi li jinvolvi r-responsabbiltà ta' dawk li jirreklamaw infushom. Dan l-approċċ huwa mmotivat kemm mill-progress li sar mill-professjoni, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra asserzjonijiet ambjentali qarrieqa, kif ukoll mill-progress fil-qasam tar-regolamentazzjoni. Dan l-approċċ huwa dovut ukoll għall-ħtieġa li jiġi appoġġjat settur li joħloq tkabbir u impjieg f'perjodu partikolarment delikat. Il-KESE jemmen li kwalunkwe xkiel għall-mudelli ta' reklamar Ewropej jirriskja li jkun ta' benefiċċju għas-sistemi tar-reklamar diġitali, li huma prinċipalment proprjetà ta' GAFA, minkejja li fil-parti l-kbira tagħhom għadhom barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-sistemi Ewropej tat-taxxa. Fil-futur dan il-mudell se jkun obbligat li jinbidel minħabba l-iżvolġiment tar-regoli dwar il-cookies. Madankollu, il-KESE jirrikonoxxi li għal ċerti tipi ta' prodotti li għandhom impatt partikolarment qawwi, bħall-fjuwils fossili, jistgħu jiġu previsti forom ta' regolamentazzjoni aktar b'saħħithom.

7.2. Fil-kuntest tal-kriżi ekonomika attwali, il-KESE jappella għal appoġġ finanzjarju rapidu u eċċezzjonali għall-iżgħar atturi u dawk l-aktar fraġli fis-settur tar-reklamar (SMEs) sabiex l-istrutturi jkun jistgħu jissopravviva fil-kuntest attwali, bi tpartija għal bidliet strutturali fuq il-punti deskritti hawn fuq.

7.3. Kull professjoni fis-settur tar-reklamar fl-Ewropa u l-aġenziji tar-reklamar li joperaw fl-Unjoni Ewropea jinkorporaw l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 fil-politika tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u b'mod partikolari l-miri reċenti tal-UE ta' tnaqqis ta' 55 % sal-2030.

7.4. L-atturi ekonomiċi kollha fis-settur tar-reklamar għandhom jirrikonoxxu l-oġġettivi b'rabta mat-tranżizzjoni ekoloġika u jintegrawhom fil-funzjonament tal-istrutturi tagħhom, billi jipproponu valutazzjonijiet tal-bilanċi tal-gassijiet serra tagħhom, trajettorji ta' tnaqqis u pjani ta' azzjoni biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi. Din il-bidla fir-reklamar għandha ssir b'mod flessibbli, b'mod partikolari biex tinkoraġġixxi u tappoġġja l-aġenziji ta' daqs medju.

7.5. L-atturi tas-settur tar-reklamar għandhom jimpenjaw ruħhom li jevalwaw l-impatt tal-karbonju tal-prodotti tar-reklamar sabiex jiżviluppaw prattiki, jipproponu alternattivi ta' produzzjoni aktar ekoloġiċi u jesploraw possibbiltajiet għal rilokazzjoni lejn l-Ewropa.

7.6. L-atturi tas-settur tar-reklamar għandhom iżidu l-kontribut pro bono tagħhom fir-rigward tal-iżjed organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tat-tranżizzjoni klimatika u l-inklużjoni soċjali. B'mod aktar ġenerali, il-governanza tar-regolamentazzjoni tar-reklamar għandha tiġi żviluppata b'mod li jinvolvi s-soċjetà ċivili b'mod aktar wiesa', potenzjalment permezz tat-tfassil mill-ġdid ta' forom ta' governanza.

7.7. L-atturi fis-settur tar-reklamar għandhom jorganizzaw taħriġ sistematiku dwar l-isfidi ta' tranżizzjoni ekoloġika u dwar prattiki ta' reklamar aktar responsabbli, billi jipprovdu taħriġ intern għall-persunal tagħhom, u billi jikkontribwixxu għat-taħriġ tal-istudenti fil-kummerċjalizzazzjoni u l-komunikazzjoni.

7.8. Is-settur tar-reklamar għandu jimpenja ruħu biex ikompli jsaħħaħ il-mekkaniżmi għar-regolamentazzjoni professjonali tar-reklamar billi jestendi s-setgħat ta' supervizzjoni tal-korpi regolatorji fl-Ewropa u billi jipproponi integrazzjoni akbar u effettiva tas-soċjetà ċivili (NGOs ambjentali, assoċjazzjonijiet tal-konsumatur, organizzazzjonijiet tat-trade unions, eċċ) fil-governanza tiegħu.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Riforma tal-qafas fiskali tal-UE għal irkupru sostenibbli u tranżizzjoni**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2022/C 105/03)

Relatur: **Dominika BIEGON**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.3.2021
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	5.10.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	168/3/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Ir-regoli fiskali Ewropej jeħtieġu reviżjoni: in-nuqqasijiet kienu diġà ovvji wara l-kriżi finanzjarja tal-2008/2009 u l-pandemija tal-COVID-19 tippreżenta sfidi saħansitra aktar serji għall-qafas fiskali attwali. F'Opinjonijiet preċedenti, il-KESE laq' r-rieżami tal-governanza ekonomika tal-Kummissjoni Ewropea. F'din l-Opinjoni, il-KESE jtenni l-pożizzjoni tiegħu dwar il-ħtieġa ta' riformi u jstieden lill-Kummissjoni tkompli malajr ir-reviżjoni tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, li bħalissa waqfet. Qabel ma jidhul fis-seħħ il-qafas rivedut, il-Kummissjoni għandha tressaq linji gwida għal perjodu ta' tranżizzjoni, li matulu ma għandhiex tinbeda l-proċedura ta' defiċit eċċessiv, u bil-possibbiltà li tintuża l-"klawżola dwar avvenimenti mhux tas-soltu" fuq bażi speċifika skont il-pajjiż.

1.2. Kwalunkwe qafas fiskali futur jeħtieġ li a) isaħħaħ l-investimenti pubbliċi, b) jippermetti flessibbiltà aktar ċiklika u c) jippermetti flessibbiltà akbar u differenzjazzjoni speċifika għall-pajjiżi fir-rigward tal-perkorsi ta' aġġustament tad-dejn, filwaqt li fl-istess ħin jiggarrantixxi s-sostenibbiltà fiskali. Reviżjoni tal-qafas fiskali tal-UE mhijiex meħtieġa biss għall-finijiet ta' stabbilizzazzjoni tal-ekonomija fuq perjodu ta' żmien qasir sa medju. Hija wkoll ta' importanza vitali sabiex tiġi ffinanzjata t-trasformazzjoni soċjoekoloġika tal-ekonomija tagħna, u b'hekk ikunu żgurati livell massimu ta' impjiegi, impjiegi ta' kwalità għolja u tranżizzjonijiet ġusti.

1.3. B'mod aktar speċifiku, il-proposta ewlenija tal-KESE għar-reviżjoni tal-qafas fiskali hija li tiġi introdotta regola tad-deheb għall-investimenti pubbliċi, li l-KESE kien diġà ppreżenta f'Opinjonijiet preċedenti, flimkien ma' regola tal-infiq. Minbarra dan, il-KESE jilqa' l-proposta magħmula mill-Bord Fiskali Ewropew (EFB) fir-rigward tad-differenzjazzjoni speċifika għal kull pajjiż individwali tal-perkorsi ta' aġġustament fiskali.

1.4. Fl-aħħarnett, il-KESE jinnota li l-politika fiskali hija l-qasam klassiku tal-politika parlamentari u d-deċiżjonijiet tagħha jaffettwaw l-istruttura sħiħa tan-nefqa u d-dħul tal-Istat. Għalhekk, kemm il-parlamenti nazzjonali kif ukoll il-Parlament Ewropew jeħtieġ li jingħataw rwol prominenti fil-qafas futur tal-governanza ekonomika tal-UE.

1.5. B'mod simili, hemm bżonn li s-soċjetà ċivili tiġi involuta aktar fis-Semestru Ewropew kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. B'dan il-mod, tista' tiġi stabbilita politika ekonomika bilanċjata, fejn l-interessi kollha jiġu rrikonċiljati. Dan huwa partikolarment il-każ għall-governanza tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, fejn l-involvement tas-soċjetà ċivili ma kienx sodisfaċenti⁽¹⁾. Il-prinċipju tas-sħubija, li ilu tradizzjoni fil-governanza tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, għandu jservi bħala pjan ta' azzjoni għal mekkaniżmu effettiv tal-involvement tas-soċjetà ċivili.

⁽¹⁾ Riżoluzzjoni tal-KESE dwar L-involvement tas-soċjetà ċivili organizzata fil-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza — X'jaħdem u x'ma jaħdimx? (2021) (ĠU C 155, 30.4.2021, p. 1).

2. Sfond: Sfidi ġodda wara l-pandemija tal-COVID-19

2.1. Ir-regoli fiskali Ewropej jeħtieġu reviżjoni. Qabel il-kriżi, il-valutazzjoni (2019) tal-Bord Fiskali Ewropew⁽²⁾ dwar il-qafas fiskali tal-UE għustament indikat żewġ problemi ewlenin: il-ewwel nett, r-regoli fiskali għandhom it-tendenza li jkunu proċikliċi: wara l-kriżi finanzjarja tal-2008-2009, il-konsolidazzjoni fiskali waslet kmieni wisq minħabba tħassib kbir dwar is-sostenibbiltà, li wassal lill-ekonomija Ewropea f'reċessjoni doppja. It-tieni, l-investiment pubbliku fl-UE kien l-ewwel fil-mira tat-tnaqqis fl-infiq. Meta wieħed iqabbel ir-rata medja ta' investiment tal-gvern għall-2015-2019 mal-medja ta' qabel il-kriżi (2005-2009), 20 minn 27 Stat Membru raw tnaqqis fir-rati tagħhom, għal xi wħud sa 50 %, tant li l-valur tal-istokk tal-kapital pubbliku, immarkat minn ċifri netti negattivi ta' investiment pubbliku, mar għall-agħar bejn l-2013 u l-2017 fiż-żona tal-euro.

2.2. Il-pandemija tal-COVID-19 tippreżenta sfidi saħansitra aktar serji għall-qafas fiskali tal-UE: it-tnaqqis ekonomiku flimkien ma' miżuri ta' politika biex jittaffa l-impatt soċjali u ekonomiku tal-pandemija wasslu għal żidiet kbar fid-defiċit u fid-dejn tal-gvern għal-livelli tal-PDG f'hafta Stati Membri⁽³⁾. L-istimi mill-Bord Fiskali Ewropew (2020)⁽⁴⁾ juru li jekk ir-regoli fiskali tal-UE jiġu attivati mingħajr tibdil wara t-tneħħija tal-klawżola liberatorja ġenerali, il-perkors mistenni għat-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn ikun ta' piż eċċessiv għal xi Stati Membri, b'konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u politiċi negattivi sinifikanti li jipperikolaw l-irkupru ekonomiku fl-UE.

2.3. Riforma tar-regoli fiskali tal-UE mhijiex meħtieġa biss għall-finijiet ta' stabilizzazzjoni tal-ekonomija fuq terminu qasir sa medju. Hija wkoll ta' importanza vitali sabiex tiġi ffinanzjata t-trasformazzjoni soċjoekonomika tal-ekonomija tagħna, u b'hekk ikunu żgurati livell massimu ta' impjiegi, impjiegi ta' kwalità għolja u tranżizzjonijiet ġusti. Sabiex jintlaħqu l-miri klimatichi tal-UE, hija meħtieġa modernizzazzjoni profonda tal-istokk kapitali. Ekonomija sostenibbli teħtieġ espansjoni enormi tal-investimenti pubbliċi, inkella l-ekonomija Ewropej se jkunu qed jiffaċċjaw riskji fiskali relatati mal-klima⁽⁵⁾. Fl-istess ħin, jeħtieġ li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali. F'Opinjoniġiet preċedenti, il-KESE diġà sstollinja l-ħtieġa li tiġi introdotta regola tad-deheb għall-investiment pubbliku fil-qafas fiskali tal-UE⁽⁶⁾. Dawn il-ħtiġijiet għandhom validi: biex l-Ewropa tilħaq il-miri klimatichi u ambjentali tagħha għall-2030, il-Kummissjoni Ewropea dan l-aħħar smat li d-diskrepanza globali fil-finanzjament hija ta' madwar EUR 470 biljun fis-sena sal-2030⁽⁷⁾. Kif ġie enfasizzat għustament "il-mobilizzazzjoni tal-iskala meħtieġa ta' finanzjament se tkun sfida politika sinifikanti", u ovvjament l-investiment pubbliku se jkollu rwol kritiku x'jaqdi, mhux l-inqas ukoll sabiex jiskatta l-investiment privat. Ir-riforma tal-qafas fiskali tal-UE trid tqis dawn il-kunsiderazzjonijiet.

2.4. Il-KESE jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jiffaċċjaw l-isfida li jnaqqsu l-proporzjonijiet tad-dejn mal-PDG wara l-irkupru ekonomiku biex iżommu biżżejjed spazju fiskali biex jiġġieldu l-kriżi ekonomika li jmiss. Ir-regola tan-nefqa proposta f'din l-Opinjoni (ara l-paragrafi 3.3.2 u 3.3.3) fil-fatt tiżgura li l-Istati Membri jikkonsolidaw il-finanzi pubbliċi tagħhom fi żminijiet tajbin.

2.5. Il-KESE jissstollinja li reviżjoni tal-qafas fiskali tal-UE jeħtieġ li tqis il-kuntest makroekonomiku attwali. Kemm il-FMI⁽⁸⁾ kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea⁽⁹⁾ jiddikjaraw li l-proporzjonijiet tad-dejn għall-PDG għandhom jistabilizzaw fuq perjodu ta' żmien qasir sa medju bis-saħħa ta' rati tal-imgħax baxxi u rati ogħla ta' tkabbir. Is-sostenibbiltà tad-dejn sovrani tiddependi mir-rata tat-tkabbir (reali) tal-PDG, il-bilanċ primarju annwali u r-rati tal-imgħax (reali) fuq id-dejn sovrani pendenti. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea tqis dawn il-fatturi meta tivvaluta s-sostenibbiltà tad-dejn tal-Istati Membri.

2.6. Barra minn hekk, il-KESE jisħaq li finanzji pubbliċi sostenibbli jiddependu fil-biċċa l-kbira minn dħul pubbliku affidabbli u tassazzjoni ġusta, inkluż, pereżempju, il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva. Barra minn hekk, ir-riżorsi proprji l-ġodda mħabbra għandhom jikkontribwixxu għat-tisħiħ tat-tassazzjoni ġusta, kif ukoll għall-ġustizzja soċjali u klimatika. It-trasparenza tad-dħul u l-infiq, l-ikkuntrattar miftuħ u l-involvement kostanti tas-soċjetà ċivili fis-sorveljanza tal-ġestjoni finanzjarja pubblika huma meħtieġa wkoll biex jiġu żgurati finanzji pubbliċi sostenibbli.

(²) Il-Bord Fiskali Ewropew (2019): *Assessment of EU fiscal rules with a focus on the six and two-pack legislation*. (Il-valutazzjoni tar-regoli fiskali tal-UE b'enfasi fuq il-leġizlazzjoni tas-"six-pack" u tat-"two-pack").

(³) Kummissjoni Ewropea, *Tbassir Ekonomiku Ewropew, Rebbieġha 2021*.

(⁴) Bord Fiskali Ewropew (2020): *Rapport Annwali 2020*.

(⁵) Finance Watch (2021), *Fiscal Mythology Unmasked. Debunking eight tales about European public debt and fiscal rules*.

(⁶) ĠU C 353, 18.10.2019, p. 32; ĠU C 123, 9.4.2021, p. 12, u ĠU C 429, 11.12.2020, p. 227.

(⁷) Commission Staff Working Document (2020), *Identifying Europe's recovery needs*, SWD(2020) 98 final (mhux disponibbli bil-Malti).

(⁸) *Rapporti ta' Monitoraġġ Fiskali tal-FMI*, April 2021.

(⁹) *Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn*, Kummissjoni Ewropea, Frar 2021.

2.7. F'Opinjoniġiet preċedenti, il-KESE laqa' r-rieżami tal-governanza ekonomika tal-Kummissjoni Ewropea u enfasizza l-ħtieġa ta' revizzjoni⁽¹⁰⁾. Il-KESE ppropona wkoll li l-kwistjoni dwar kif għandha tiġi riformata l-governanza ekonomika tal-UE tiġi diskussa fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. L-adattament tad-dispożizzjonijiet dwar il-governanza ekonomika tat-TFUE għar-realtà ekonomika attwali tal-UE ma għandux ikun tabù. Il-KESE jtenni din is-sejħa, b'mod partikolari fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19. Sabiex jiġi evitat ir-ritorn għar-regoli fiskali qodma u tiġi ġestita bidla lejn governanza ekonomika ffukata fuq il-prosperità, il-KESE jħeġġeġ li l-proċess ta' rieżami jissokta mill-aktar fis possibbli⁽¹¹⁾.

3. Kummenti speċifiċi

3.1. Ir-riekwilibrju tal-governanza ekonomika tal-UE

3.1.1. Il-politika fiskali għandha tkun parti minn qafas ta' governanza usa' fuq diversi livelli u bilanċjati. Il-KESE jirrakkomanda governanza ekonomika ffukata fuq il-prosperità, fejn il-benesseri soċjali u ekonomiku tan-nies jingħata prijorità sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura, filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku. Għalhekk, il-Kumitat jappella għal politika ekonomika bilanċjata, li tisħaq fuq l-importanza ta' firxa ta' objettivi tal-politika ewlenin u tagħthom l-istess piż, bħal pereżempju t-tkabbir sostenibbli u inklużiv, livell massimu ta' impjiegi, xogħol deċenti u tranżizzjonijiet ġusti, tqassim ġust tal-introjtu, is-saħħa pubblika u l-kwalità tal-ħajja, is-sostenibbiltà ambjentali, l-istabbiltà tas-suq finanzjarju, l-istabbiltà fil-prezzijiet, relazzjonijiet kummerċjali bilanċjati sew u finanzji pubbliċi sostenibbli. Dawn l-objettivi huma konsistenti kemm mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) attwali tan-NU⁽¹²⁾.

3.1.2. Sabiex l-Istati Membri jiġu appoġġjati fit-triq tagħhom lejn ekonomija sostenibbli u inklużiva, mhuwiex biss meħtieġ li jkun hemm aktar flessibbiltà fiskali taħt ċerti kundizzjonijiet. Minbarra dan, iridu jiġu promossi l-inċentivi għar-riformi. Il-qafas attwali ta' governanza ekonomika tal-UE jikkonsisti fi tliet pilastri a) sorveljanza fiskali b) sorveljanza makroekonomika u c) koordinazzjoni tal-politika soċjali u tal-impjiegi. Għalhekk, diġà għandu enfasi qawwija fuq ir-riformi. Diversi studji empiriċi jenfasizzaw li minkejja r-riformi, il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-passat iffukaw fuq it-tisħiħ tal-kompetittività u l-konsolidazzjoni tal-baġits pubbliċi⁽¹³⁾. Il-KESE jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE biex ikunu aktar bilanċjati fir-rakkomandazzjonijiet futuri speċifiċi skont il-pajjiż: il-parametri referenzjarji fiskali, kif ukoll l-għanijiet klimatiċi tal-UE u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandhom iservu bl-istess mod bħala punti ta' referenza importanti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi. Għandha ssir enfasi speċjali fuq ir-riformi li jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali (bħal politiki attivi tas-suq tax-xogħol u skemi ta' tagħlim tul il-ħajja, inklużi programmi biex jingħata taħriġ mill-ġdid ta' ħliet u jiġi offrut appoġġ għat-tibdil fil-karriera) u fuq ir-riformi li jiggarrantixxu li l-fondi tal-UE jiġu assorbiti b'mod effettiv (bħall-bini ta' kapaċitajiet tekniċi fl-amministrazzjonijiet pubbliċi għall-ġestjoni ta' proġetti ta' investment, sistemi effettivi u miftuħa ta' akkwist pubbliku u riformi biex jitneħħew ostakli mhux monetarji oħra għal politika effettiva ta' investment).

3.2. It-tisħiħ tal-investment pubbliku

3.2.1. Il-KESE jenfasizza li l-qafas fiskali tal-UE jeħtieġ li jiġi riformat b'mod li jipproteġi aħjar l-investimenti pubbliċi⁽¹⁴⁾. L-effett multiplikatur tal-investment pubbliku huwa partikolarment għoli, u t-tnaqqis fl-investment pubbliku għalhekk għandu impatt partikolarment negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi. It-tnaqqis fl-investment pubbliku b'mod partikolari, u fl-infiq tal-gvern b'mod aktar ġenerali, huma partikolarment ta' ħsara fi żminijiet ta' tnaqqis u reċessjonijiet ekonomiċi⁽¹⁵⁾. Barra minn hekk, ħafna studji jidentifikaw ukoll l-investment pubbliku bħala sostenn għat-tkabbir fit-tul⁽¹⁶⁾. Żieda fit-tul fl-investimenti pubbliċi tipprowdi wkoll bażi aktar sikura għall-ippjanar tas-settur privat⁽¹⁷⁾.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 227.

⁽¹¹⁾ ĠU C 123, 9.4.2021, p. 12.

⁽¹²⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 227.

⁽¹³⁾ Crespy, Amandine u Vanheuverzwijn, Pierre (2019), "What Brussels means by structural reforms: empty signifier or constructive ambiguity?", *Comparative European Politics*, Vol. 17, *Harġa 1*, pp. 92–111; Hacker, Björn (2019): *A European Social Semester? The European Pillar of Social Rights in Practice*. Brussell, ETUI.

⁽¹⁴⁾ Ara wkoll il-Bord Fiskali Ewropew (2019).

⁽¹⁵⁾ Kummissjoni Ewropea (2016), *Report on Public Finances in EMU 2016*, Dokument Istituzzjonali Nru 045; J-M Fournier (2016), *The positive effect of public investment on potential growth*, Dipartiment tal-Ekonomija tal-OECD, Dokument ta' Ħidma Nru 1347.

⁽¹⁶⁾ Fiscal Monitor tal-FMI (2020), *Policies for the Recovery*.

⁽¹⁷⁾ H. Bardt, S. Dullien, M. Hüther u K. Rietzler (2020), *For a sound fiscal policy. Enabling public investments*, Dokument ta' politika tal-IW Nru 6/2020, Institut der deutschen Wirtschaft (IW), Köln.

3.2.2. Dawn il-fatti jiġġustifikaw approċċ li jittratta l-investimenti pubbliċi b'mod preferenzjali f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni tal-konformità tal-Istati Membri mar-regoli fiskali tal-UE. Il-KESE jirrakkomanda "regola tad-deheb" għall-investimenti pubbliċi⁽¹⁸⁾, biex jiġu ssalvagwardjati l-produttività u l-bażi soċjali u ekoloġika għall-benesseri tal-ġenerazzjonijiet futuri, filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali. B'mod ġenerali, il-KESE jissuġġerixxi li fi ħdan il-qafas fiskali rivedut, tiġi implimentata r-regola tad-deheb, dak il-kunċett tradizzjonali tal-finanzi pubbliċi⁽¹⁹⁾. Dan ifisser li l-investimenti pubbliċi netti jeħtieġ li jiġu esklużi mill-kalkolu tad-defiċits ewlenin. Jekk tiġi implimentata regola dwar in-nefqa kif mitlub mill-KESE (ara l-paragrafi 3.3.2 u 3.3.3) l-investimenti pubbliċi netti għandhom jiġu esklużi wkoll mill-limitu massimu tan-nefqa pubblika, filwaqt li l-ispejjeż tal-investment jitqassmu matul il-ħajja kollha tas-servizz, minflok fuq perjodu ta' erba' snin, kif inhu l-każ bħalissa. L-investment pubbliku nett iżid l-istokk kapitali pubbliku u/jew soċjali u jipprovdri benefiċċji għall-ġenerazzjonijiet futuri⁽²⁰⁾. Il-ġenerazzjonijiet futuri jirtu s-servizzjar tad-dejn pubbliku, iżda bi skambju, jirċievu stokk kapitali pubbliku korrispondenti u miżjud.

3.2.3. Il-KESE jenfasizza li r-regola tad-deheb twassal għal trattament preferenzjali tal-investimenti pubbliċi skont il-qafas fiskali tal-UE. Dan ma jeħlisx lill-gvernijiet mill-obbligu li jiġġustifikaw u jirbħu maġġoranzi għal proġetti ta' investment rilevanti. It-trasparenza u r-responsabbiltà parlamentari għandhom, fi kwalunkwe każ, jinżammu, anke biex jiġi żgurat li jsiru biss dawk l-investimenti pubbliċi li jservu l-ġid komuni.

3.2.4. Bħala l-ewwel pass, il-KESE jirrakkomanda reviżjoni fundamentali tal-"klawżola ta' investment". L-ewwel nett, il-KESE jissuġġerixxi li l-"klawżola ta' investment" fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għandha tiġi interpretata b'mod aktar flessibbli. S'issa, rarament ġiet invokata primarjament minħabba l-kriterji restrittivi ta' eliġibbiltà tagħha⁽²¹⁾. Dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiġu llaxkati: fil-prinċipju, l-investimenti pubbliċi għandhom jiġġustifikaw devjazzjoni temporanja mill-perkorsi ta' aġġustament, indipendentement mill-pożizzjoni tal-Istat Membru fiċ-ċiklu ekonomiku u anke jekk dawn l-investimenti jwasslu għal eċċess fuq il-valur ta' referenza tad-defiċit tal-PDG ta' 3 %.

3.2.5. Bħalissa, id-devjazzjonijiet mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju jew mill-perkorsi ta' aġġustament lejn dan huma permissi biss jekk ikunu marbuta man-nefqa nazzjonali fuq proġetti kofinanzjati mill-UE⁽²²⁾. Il-KESE jissuġġerixxi definizzjoni usa' ta' investimenti. Fl-istess ħin, id-definizzjoni ta' investimenti jeħtieġ li tkun ċara u prattikabbli biex tiġi evitata l-"kontabilità kreattiva". Il-gwida tal-Kummissjoni Ewropea lill-Istati Membri fil-kuntest tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u d-definizzjoni ta' investimenti fiha jikkostitwixxu punt tat-tluq tajjeb⁽²³⁾, peress li jinkludu investimenti f'assi tanġibbli iżda wkoll investimenti fis-saħħa, fil-protezzjoni soċjali, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, u investimenti mmirati lejn it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

3.2.6. Il-KESE jilqa' t-tassonomija għal attivitajiet sostenibbli. Din tistabbilixxi b'mod ċar dak li jikkwalifika bħala "attività ekonomika ambjentalment sostenibbli", li min-naħa tiegħu mbagħad jagħmel possibbli li jiġu definiti "investimenti ambjentalment sostenibbli"⁽²⁴⁾. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda li għal attivitajiet sostenibbli tittieħed it-tassonomija tal-UE li hi żviluppata sew bħala bażi għal evalwazzjoni tas-sostenibbiltà tal-investimenti pubbliċi, flimkien ma' regola tad-deheb. Barra minn hekk, il-KESE jistenna b'interess il-proposti tal-Kummissjoni dwar l-ibbaġitar ekoloġiku.

3.3. Flessibbiltà aktar ċiklika għall-politika fiskali

Ir-riforma tal-metodi ta' aġġustament ċikliku jew l-introduzzjoni ta' regola tan-nefqa

3.3.1. Il-KESE jissottolinja li l-metodu tal-Kummissjoni Ewropea għall-aġġustament ċikliku mhuwiex trasparenti, u huwa sors ta' proċikliċità. Il-metodu tal-Kummissjoni Ewropea li jiddetermina l-bilanċ strutturali wera li huwa problematiku minħabba li l-output potenzjali kkalkolat huwa influwenzat ħafna mis-sitwazzjoni ekonomika attwali. F'fażijiet ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, pereżempju, l-output potenzjali jiġi rivedut 'l isfel malajr u drastikament, għalkemm dan m'għandux għalfejn jirrifletti l-kundizzjonijiet reali⁽²⁵⁾. Ir-reviżjoni 'l isfel tal-output potenzjali għandha konsegwenzi severi għad-defiċit

⁽¹⁸⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 227.

⁽¹⁹⁾ A. Truger (2020), *Reforming EU Fiscal Rules: More Leeway, Investment Orientation and Democratic Coordination*, Intereconomics, 55(5).

⁽²⁰⁾ Ara wkoll P. Bom u J. Ligthart (2014), *What have we learned from three decades of research on the productivity of public capital?*, Journal of Economic Surveys, 28(5), 889-916.

⁽²¹⁾ J. Valero (2019), *New investment clause fails to win EU member state support*, Euractiv. Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni (2015) *L-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt tal-Istabbiltà u Tkabbir*, COM(2015) 012 final.

⁽²²⁾ Kummissjoni Ewropea (2015).

⁽²³⁾ Kummissjoni Ewropea (2021), *Guidance to Member States. Recovery and resilience plans*, SWD(2021) 12 final, part 2/2 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²⁴⁾ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 103.

⁽²⁵⁾ A. Truger (2015), *Austerity, cyclical adjustment and the remaining leeway for expansionary fiscal policies within the current EU fiscal framework*, Journal for a Progressive Economy, 6, 32-37.

strutturali kkalkolat u l-isforzi ta' konsolidazzjoni identifikati b'mod korrispondenti. Kalkolu tal-output potenzjali inqas sensitiv għall-fluttwazzjonijiet ċikliċi jista' jiftaħ spazju fiskali konsiderevoli għall-Istati Membri għal politiki ekonomiċi kontroċikliċi. Din il-proposta ta' riforma tista' tiġi implimentata faċilment u għandha titqies biss bħala rekwiżit minimu biex ir-regoli fiskali tal-UE jsiru aktar xierqa biex jindirizzaw il-fluttwazzjonijiet ċikliċi. Madankollu, anki jekk jiġi riformat, id-defiċit strutturali se jibqa' kunċett estremament kumpless u huwa kważi impossibbli li wieħed jispjega l-kalkolu tiegħu liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati. Minħabba l-problemi tekniċi u l-opaċità tal-kunċett, għandhom jiġu kkunsidrati għażliet alternattivi.

3.3.2. Għażla alternattiva ta' riforma hija li l-kunċett ikkontestat tad-defiċit strutturali jiġi abbandunat għalkollox u, minflok, tiġi implimentata regola dwar in-nefqa pubblika f'qafas fiskali rivedut⁽²⁶⁾. Għall-kuntrarju tad-defiċit aġġustat ċiklikament, in-nefqa pubblika hija osservabbli f'ħin reali u hija kkontrollata direttament mill-gvern. L-investment pubbliku għandu jiġi f'favorit billi jiġu sseparati l-baġits attwali u ta' investment, filwaqt li l-baġit attwali biss jiġi soġġett għal limiti għat-tkabbir tan-nefqa nominali. B'dan il-mod, l-approċċ tar-regola tad-deheb jista' jiġi kkombinat ma' regola dwar in-nefqa⁽²⁷⁾.

3.3.3. In-nefqa pubblika nominali tiġi kkalkulata netta mill-pagamenti tal-imgħax u netta min-nefqa ċiklika tal-gvern. Il-limiti jistgħu jiġu ddeterminati mir-rata ta' tkabbir fuq terminu medju tal-output potenzjali reali flimkien mar-rata tal-inflazzjoni fil-mira tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ta' 2%. Jekk il-fatturi ċikliċi jikkawżaw tnaqqis fid-dħul mit-taxxa (f'reċessjoni) jew żieda (f'boom), ir-regola tippromovi l-istabbiltà billi tiżgura li n-nefqa tal-gvern tiżdied biss fil-limiti stipulati. In-nefqa li taqbeż il-limitu stabbilit għandha tkun permessa biss jekk tkun newtrali għall-baġit, jiġifieri jekk l-infiq jitnaqqas bl-istess ammont xi mkien ieħor jew jekk id-dħul mit-taxxa jiżdied. Fil-każ ta' tnaqqis ġenerali fit-taxxa, ir-rati tat-tkabbir tan-nefqa jkollhom jinkorporaw dan l-irtirar ta' riżorsi. Il-kombinament propost ta' regola dwar in-nefqa u regola tad-deheb għall-investment pubbliku jista' jkun għodda effettiva biex jiġi limitat l-infiq pubbliku għal livelli sostenibbli, filwaqt li fl-istess ħin jippermetti lill-istabbilizzaturi awtomatiċi joperaw, u jippermetti lill-gvernijiet jieħdu miżuri diskrezzjonali.

Perkorsi ta' aġġustament tad-dejn flessibbli u speċifiċi għall-pajjiżi

3.3.4. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Bord Fiskali Ewropew (2020)⁽²⁸⁾ biex jiġu introdotti elementi speċifiċi skont il-pajjiż f'qafas fiskali simplifikat. B'mod partikolari, il-KESE jilqa' s-suġġeriment rigward id-differenzjazzjoni tal-aġġustament fiskali fl-Istati Membri, filwaqt li tinżamm is-sostenibbiltà tad-dejn. Differenzjazzjoni bejn il-pajjiżi tal-istrategġija għat-tnaqqis tad-dejn għall-PDG għandha tkun ibbażata fuq analiżi ekonomika komprensiva li tqis fatturi bħal-livell inizjali tad-dejn u l-kompożizzjoni tiegħu, id-differenzjali bejn ir-rata tal-imgħax u t-tkabbir bħala kwistjoni ta' sostenibbiltà, prospettivi ta' inflazzjoni, l-ispejjeż imbassra tat-tixjir u tal-isfidi ambjentali, il-livelli tal-qgħad u tal-faqar, id-distribuzzjoni tal-introjtu u tal-ġid, l-iżbilanċi interni u esterni u, primarjament, jekk l-aġġustament fiskali (eż. is-surplus tal-baġit primarju meħtieġ) huwiex realistiku⁽²⁹⁾.

3.3.5. Il-KESE jfakkar li l-valuri ta' referenza fiskali mhumiex definiti fl-Artikolu 126 tat-TFUE iżda mill-Protokoll Nru 12 fl-Anness tat-Trattat. Għalhekk, dawn il-valuri jistgħu jinbidlu b'vot unanimu fil-Kunsill mingħajr proċedura formali ta' bidla fit-Trattat. Il-KESE jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jikkunsidraw li jgħollu l-limitu massimu tad-dejn ta' 60% filwaqt li jqisu l-kuntest makroekonomiku attwali u jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali.

3.3.6. Fl-aħħar nett, ta' min iżid f'dan il-kuntest, li dipendenza totali mill-istabbilizzaturi awtomatiċi nazzjonali fir-reċessjonijiet mhijiex kompletament konformi mal-idea tal-politika kontroċiklika. Id-defiċits fiskali kkawżati minn tnaqqis fl-output u fl-impjiegi ma jikkompensawx bis-sħiħ it-telf ċikliku u mhumiex biżżejjed biex jiġġieldu bis-sħiħ it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Dawn huma biss risponsi kontroċikliċi passivi u parzjali u jeħtieġ li jiġu ssupplimentati b'risponsi temporanji diskrezzjonali attivi għal tnaqqis ċikliku li jiġu rtirati f'każ ta' rilanci. Fil-passat, firxa ta' Stati Membri ddeċidew li jkomplu jnaqqsu l-proporzjonijiet tad-dejn għall-PDG b'konsegwenzi ekonomiċi negattivi filwaqt li stimoli fiskali kienu jkun aktar xierqa. F'qafas fiskali futur, dment li jinżamm l-ambjent ta' rati tal-imgħax favorevoli, għandhom jiġu permessi defiċits primarji akbar, filwaqt li l-proporzjonijiet tad-dejn għall-PDG jinżammu kostanti jew jitnaqqsu u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn. Din hija r-raġuni għaliex klawżoli eċċezzjonali jridu jibqgħu l-pedament ta' kwalunkwe qafas fiskali futur tal-UE u għandhom jiġu adattati kif xieraq.

⁽²⁶⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 227.

⁽²⁷⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 227.

⁽²⁸⁾ Il-Bord Fiskali Ewropew (2020).

⁽²⁹⁾ Il-Bord Fiskali Ewropew (2020).

Id-diżattivazzjoni tal-klawżola liberatorja

3.3.7. Il-KESE jilqa' l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-qafas fiskali u jwissi kontra "ritorn għan-normal" mgħaġġel wisq peress li dan jista' jikkawża impuls kontroattiv, li jwassal lill-Istati Membri jnaqqsu l-infiq sabiex jilhq u l-MTOs, kif ġara wara l-2010 bil-konsegwenza li kien hemm reċessjoni doppja. Dan imur kontra l-għan tal-programm tan-Next Generation EU u jista' jiskatta reċessjoni ġdida.

3.3.8. Il-KESE jappoġġja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tkompli tapplika l-klawżola liberatorja ġenerali fl-2022 u li tiddiżattiva l-klawżola fl-2023, dment li l-livell ta' attività ekonomika jilħaq il-livell ta' qabel il-kriżi⁽³⁰⁾. Aktar minn hekk, il-KESE jappoġġja l-affermazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li "sitwazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż se jkomplu jiġu kkunsidrati wara d-diżattivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali"⁽³¹⁾. Finalment, il-Kummissjoni għandha tressaq linji gwida għal perjodu ta' tranżizzjoni sakemm jiġi stabbilit il-qafas fiskali l-ġdid, li matulu ma għandha tiġi attivata l-ebda proċedura ta' defiċit eċċessiv u bil-possibilità li tintuża l-"klawżola dwar avvenimenti mhux tas-soltu" fuq bażi speċifika għall-pajjiżi. Barra minn hekk, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli malajr ir-reviżjoni tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, li waqfet. Minflok "ritorn", il-KESE jirrakkomanda "bidla fid-direzzjoni" lejn qafas rivedut ta' governanza ekonomika kif indikat hawn taħt⁽³²⁾.

3.4. Ir-rwol internazzjonali tal-euro

3.4.1. Il-munita komuni tagħna – l-euro – tgawdi reputazzjoni internazzjonali b'saħħitha u ġiet rikonnoxxuta għas-sinifikat globali tagħha bħala munita ta' riżerva u ta' negozjar. Ir-reputazzjoni tal-euro bħala munita stabbli u affidabbli tiddependi minn regoli fiskali ċari, li jinftiehem u infurzabbli li jsaħħu l-investimenti pubbliċi biex ikun hemm modernizzazzjoni tal-istokk kapitali u jiġġeneraw flessibilità aktar ċiklika fit-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata s-sostenibilità tad-dejn. Għalhekk, il-KESE huwa konvint li reviżjoni tar-regoli fiskali m'għandhiex iddghajef l-istabilità tal-euro bħala l-munita ewlenija ta' "ankraġġ" tal-Unjoni. Għandha ssir enfasi partikolari fuq il-perċezzjoni tas-suq finanzjarju tal-prospetti fit-tul tal-euro bħala munita globalment importanti matul id-dibattitu dwar ir-reviżjoni tar-regoli fiskali. B'mod ġenerali, ir-reputazzjoni tal-euro tiddependi fuq l-istabilità ekonomika, soċjali u politika.

3.5. It-tisħiħ tar-rwol tal-parlamenti u tas-soċjetà ċivili fil-Governanza Ekonomika tal-UE

3.5.1. Il-KESE jinnota li l-politika fiskali hija l-qasam klassiku tal-politika parlamentari u d-deċiżjonijiet tagħha jaffettwaw l-istruttura sħiħa tan-nefqa u d-dħul tal-Istat. Għalhekk, kemm il-parlamenti nazzjonali kif ukoll il-Parlament Ewropew jeħtieġ li jingħataw rwol prominenti fil-qafas futur tal-governanza ekonomika tal-UE. Ir-rwol tal-Parlament Ewropew għandu jissaħħaħ fis-Semestru Ewropew permezz ta' ftehim interistituzzjonali. Fl-istess ħin, il-prinċipju tas-sussidjarjetà u t-tqassim tal-kompetenzi fit-Trattati għandhom jiġu rispettati. Il-parlamenti nazzjonali għandhom iżommu lill-gvernijiet responsabbli għall-politiki fiskali li jseguwu. Għalhekk, jeħtieġ li jkunu involuti b'mod effettiv fis-Semestru Ewropew u fl-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali ta' rkupru.

3.5.2. B'mod simili, hemm bżonn li s-soċjetà ċivili tiġi involuta aktar fis-Semestru Ewropew kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. B'dan il-mod, tista' tiġi stabbilita politika ekonomika bilanċjata, fejn l-interessi kollha jiġu rrikonċiljati. Dan huwa partikolarment il-każ għall-governanza tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, fejn l-involvement tas-soċjetà ċivili ma kienx sodisfaċenti⁽³³⁾. Il-prinċipju tas-sħubija, li ilu tradizzjoni fil-governanza tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, għandu jservi bħala pjan ta' azzjoni għal mekkaniżmu effettiv tal-involvement tas-soċjetà ċivili.

3.5.3. Fil-każ ta' devjazzjonijiet sinifikanti minn indikaturi li jirrappreżentaw l-oġġettivi tal-politika ekonomika, għandhom isegwu n-negozjati bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. Iż-żewġ naħat għandhom jiżviluppaw soluzzjonijiet flimkien u fuq l-istess livell. Minflok ma l-Istati Membri kkonċernati jiġu mhedda b'sanzjonijiet finanzjarji, l-introduzzjoni ta' inċentivi pożittivi tista' ttaffi l-problema. Il-promozzjoni ta' tkabbir inklużiv u sostenibbli trid tkun il-kriterju ewleni fir-rakkomandazzjonijiet⁽³⁴⁾.

3.5.4. Il-KESE jikkritika l-hekk imsejħa "kondizzjonalitajiet makroekonomiċi" fir-Regolament dwar id-dispożizzjonijiet komuni li japplika għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, fir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fit-Trattat Intergovernattiv dwar il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità li, b'mod ġenerali, jippermettu li

⁽³⁰⁾ Kummissjoni Ewropea (2021): *Il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-2021: biex tingħeleb il-COVID-19, ikun appoġġat l-irkupru u tkun modernizzata l-ekonomija tagħna* COM(2021) 500 final.

⁽³¹⁾ Kummissjoni Ewropea (2021): *Sena mit-tifqigħa tal-COVID-19: rispons tal-politika fiskali*, COM(2021) 105 final.

⁽³²⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 227.

⁽³³⁾ Riżoluzzjoni tal-KESE dwar l-involvement tas-soċjetà ċivili organizzata fil-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza — X'jaħdem u x'ma jaħdimx? (2021) (ĠU C 155, 30.4.2021, p. 1).

⁽³⁴⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 227.

l-iżborż tal-fondi tal-UE jitwaqqaf jekk l-Istati Membri jiksru r-regoli fiskali tal-UE jew jikkontribwixxu għal żbilanċi makroekonomiċi. Wara d-diżattivazzjoni tal-klawżola liberatorja, dawn il-kondizzjonalitajiet makroekonomiċi jistgħu jikkawżaw impuls kontroattiv, li jwassal lill-Istati Membri jnaqqsu l-infiq sabiex jilħqu miri fiskali. Dan imur kontra l-għan politiku tal-koeżjoni territorjali u l-għanijiet usa' tal-Programm Next Generation EU.

3.5.5. Għal irkupru sostenibbli, tibqa' vitali politika monetarja akkomodanti. Il-Parlament Ewropew jista' juża r-riżoluzzjonijiet annwali tiegħu dwar il-BĊE u s-seduti trimestrali tiegħu ta' "djalogu monetarju" mal-BĊE biex jivvota dwar objettivi sekondarji u jiżviluppa proċess li jkun aktar demokratiku, b'linji gwida dwar il-politika makroekonomika u industrijali. Dan jippermetti involviment akbar tal-imsieħba soċjali u taċ-ċittadini, flimkien mal-parlamenti nazzjonali. B'dan il-mod, il-BĊE jirċievi leġittimità mġedda għal sett usa' ta' għanijiet. Ikun jista' jaħdem b'mod effiċjenti, billi juża s-sett sħiħ ta' għodod tiegħu biex jaħdem lejn sett ċar u politikament definit ta' objettivi ta' politika, iggwidat minn istituzzjonijiet demokratiċi. Il-BĊE huwa istituzzjoni pubblika u jista' jintalab jgħin lill-Istati Membri jiffinanzjaw lilhom infushom fi żminijiet meta r-rati tal-imgħax jogħlew, jew minn perspettiva ta' stabbiltà tal-prezzijiet jew ta' impjeg, billi jiffokaw fuq ir-rati tal-imgħax u l-firxiet u permezz ta' għodod monetarji mmirati.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-ħġieġ fl-Ewropa f’salib it-toroq: kif tistal-industrija ssir aktar ekoloġika u aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, filwaqt li tiżdied il-kompetittività u jinżammu l-impjiegi ta’ kwalità”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2022/C 105/04)

Relatur: **Aurel Laurențiu PLOSCEANU**

Korelatur: **Gerald KREUZER**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.3.2021
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)
Adottata fis-sezzjoni	29.9.2021
Adottata fil-plenarja	21.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	142/1/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. L-industrija Ewropea tal-ħġieġ hija settur innovattiv u strateġiku ħafna li minnu l-UE tibbenefika ħafna. Il-prodotti tal-ħġieġ huma indispensabbli għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari newtrali għall-klima: għar-rinnovazzjoni tal-bini, il-produzzjoni ta’ aktar elettriku rinnovabbli, id-dekarbonizzazzjoni tal-mezzi tat-trasport u l-imballaġġ sostenibbli. Il-ħġieġ jikkontribwixxi wkoll għar-rivoluzzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-Ewropa. Fil-qosor: il-ħġieġ huwa l-futur.

1.2. Il-KESE jitlob lil dawk li jfasslu l-politika tal-UE biex iqiegħdu s-settur tal-ħġieġ u s-sottosetturi kollha tiegħu fil-qalba tal-prijoritajiet ta’ politika attwali bħall-pakkett “Lesti għall-mira ta’ 55 %”, il-Pakkett dwar l-Ekonomija Ċirkolari, l-Aġenda Diġitali, l-aġenda tal-ktajjen tal-valur strateġiċi, u l-politika kummerċjali internazzjonali tal-UE u l-istrumenti assoċjati.

1.3. Il-Mewġa ta’ Rinnovazzjoni tal-UE għandha tkun sors kbir immens ta’ opportunitajiet kummerċjali għall-ħġieġ, li twassal għal investimenti, filwaqt li tikkontribwixxi b’mod qawwi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ mill-bini. Nappellaw lill-UE u lil dawk li jfasslu l-politika nazzjonali biex għall-anqas jirrispettaw l-għanijiet proposti attwali u fejn possibbli jsaħħuhom.

1.4. Hija meħtieġa tranżizzjoni tal-enerġija fi ħdan is-settur sabiex il-proċess tal-produzzjoni tal-ħġieġ, li fih innfsu jagħmel użu intensiv mill-enerġija, ikun newtrali fil-karbonju. Din it-tranżizzjoni tal-enerġija se tirriżulta f’żidiet kbar fl-ispejjeż biex isir in-negozju minħabba spejjeż operattivi u rekwiżiti kapitali ogħla.

1.5. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li l-politiki tal-UE jappoġġjaw l-industrija sabiex jippermettu din it-tranżizzjoni, b’appoġġ finanzjarju kemm għan-nefqa kapitali kif ukoll għan-nefqa operattiva, bil-bini ta’ kapaċità tal-enerġija rinnovabbli, bi provvista tal-enerġija affordabbli u billi jiġi żgurat li l-industrija ma tkunx esposta għal kompetizzjoni inġusta minn barra s-suq tal-UE.

1.6. Il-KESE jappoġġja l-politiki kollha tal-UE u l-pjani nazzjonali ta’ rkupru li jiffaċilitaw ir-rivoluzzjoni tat-trasport lejn karożżi intelliġenti u newtrali għall-klima u l-espansjoni massiva tas-sistemi tat-trasport pubbliku. Il-ħġieġ ta’ teknoloġija għolja għandu rwol importanti.

1.7. Il-KESE jirrakkomanda bis-saħħa li l-UE tikklassifika l-ħġieġ bħala materjal permanenti, minħabba l-karatteristiċi inert, riutilizzabbli u riċiklabbli b’mod infinit.

1.8. Il-KESE jitlob bidla minn materjali mhux lineari għal ħġieġ kompletament ċirkolari, riutilizzabbli u riċiklabbli biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili, l-estrazzjoni ta' materja prima verġni u t-tnaqqis tar-riżorsi. Il-Kumitat jissuġġerixxi li l-UE għandha tirrikonoxxi l-benefiċċji tal-ħġieġ fil-kontribut għal sistemi ta' imballaġġ sostenibbli.

1.9. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa implimentazzjoni usa' tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, flimkien ma' appoġġ finanzjarju pubbliku u privat u sħubijiet bħall-inizjattiva "Close the Glass Loop", biex jitħeġġeġ l-użu tar-riċiklaġġ tal-ħġieġ. Dan se jippermetti lill-Ewropa tevita l-ħela tal-ħġieġ, tnaqqas il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO₂ u toħloq impjiegi ġodda fis-settur tar-riċiklaġġ tal-ħġieġ.

1.10. Il-KESE jħeġġeġ lill-UE tirrikonoxxi li l-ħġieġ huwa indispensabbli għall-produzzjoni tal-enerġija ekoloġika. Il-ħġieġ huwa komponent ewlieni mhux biss tal-pannelli solari fotovoltajċi iżda wkoll tat-turbini tar-riħ u jista' jintuża b'modi oħra biex jipproduċi l-elettriku ekoloġiku. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Parlament jiżviluppaw politiki ġodda tal-UE dwar l-għanijiet klimatiki u l-ktajjen tal-valur strateġiċi sabiex terġa' tinbeda l-produzzjoni taċ-ċelloli fotovoltajċi fl-Ewropa u tiġi ssalvagwardjata l-produzzjoni ta' prodotti tal-ħġieġ strateġiċi oħra u l-ktajjen tal-valur li jappartjenu għalihom (eż. windskrin għall-manifatturi tat-trasportazzjoni).

1.11. Il-KESE jitlob li jiġi appoġġjat l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ biex l-impjegati ġodda u żgħażaġh li jidħlu fis-settur biex jissostitwixxu l-forza tax-xogħol li qed tixjieħ jiġu pprovduti bl-għarfien u l-kapaċitajiet meħtieġa, kif ukoll biex il-ħaddiema attwali jkunu jistgħu jlaħħqu mal-innovazzjoni u l-bidliet tranżitorji fl-industrija.

1.12. Il-KESE jistieden lill-UE tiproteġi l-industrija tal-ħġieġ tagħna kontra r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Iż-żieda fl-ambizzjonijiet klimatiki u fl-ispejjeż tal-karbonju teħtieġ protezzjoni msaħħa aktar milli mdgħajfa tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-kompetittività tal-prodotti tal-ħġieġ fis-swieq tal-esportazzjoni u fl-UE nnifisha tista' tiġi żgurata parzjalment permezz ta' miżuri effettivi ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju permezz tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS). Din is-sistema jenħtieġ li tinżamm biex tappoġġja lill-industrija fit-tranżizzjoni biex jintlaħaq l-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE. L-introduzzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) u l-pakkett tat-tassonomija għandhom jiġu kkunsidrati bir-reqqa. Il-Kumitat jitlob li s-CBAM jinkludi soluzzjoni għall-esportazzjonijiet u li l-miżuri tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jissaħħu billi s-CBAM jiġi kkomplementat b'allokazzjoni sħiħa bla ħlas ibbażata fuq parametri referenzjarji mill-inqas sal-2030, f'konformità mar-regoli tad-WTO.

1.13. Tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fl-Ewropa, u b'mod partikolari fl-industrija tal-ħġieġ, trid tkun tranżizzjoni ġusta. Sabiex jiġi żgurat appoġġ massimu għal din it-tranżizzjoni, il-KESE jitlob li l-ħaddiema jiġu inklużi. Għalhekk, id-djalogu soċjali f'kull livell għandu jiġi appoġġjat mil-leġiżlazzjoni tal-UE.

1.14. Sabiex jiġu mmonitorjati l-iżviluppi fl-industrija tal-ħġieġ, f'termini ta' tnaqqis ta' CO₂, produzzjoni u varjabbli rilevanti oħra, il-KESE jkun favur appoġġ u analiżi aktar iffukati għas-settur kollu kemm hu u s-sottosetturi tiegħu u għal kull Stat Membru.

2. Deskrizzjoni ġenerali tas-settur industrijali tal-ħġieġ

2.1. Produzzjoni

Il-produzzjoni tal-ħġieġ fl-UE laħqet 36,8 miljun tunnellata fl-2020 skont Glass Alliance Europe. L-UE hija waħda mill-akbar produtture tal-ħġieġ fid-dinja. Tinkludi ħames sottosetturi:

- (a) 60,4 % — ħġieġ għal kontenituri
- (b) 29,2 % — ħġieġ ċatt
- (c) 3,2 % — ħġieġ domestiku
- (d) 5,3 % — fibri (rinforz u iżolament)
- (e) 2,1 % — ħġieġ speċjali

2.2. Impjiegi

Fl-2018, is-settur tal-ħġieġ impjega madwar 290 000 ħaddiem fl-UE-27⁽¹⁾. Din iċ-ċifra tkopri l-manifattura, ir-riċiklaġġ u l-ipproċessar tal-ħġieġ peress li xi setturi, bħall-ħġieġ ċatt b'mod partikolari, għandhom ktajjen tal-valur kumplessi. Is-settur tal-ipproċessar tal-ħġieġ jinkludi wkoll għadd konsiderevoli ta' SMEs.

⁽¹⁾ Sors: Eurostat u FERVER

2.3. *Saħħa u sikurezza*

2.3.1. L-industrija Ewropea tal-ħġieġ toffri impjiegi ta' kwalità għal firxa wiesgħa ta' profili: minn impjiegi manwali bla hiliel għal impjiegi ta' livell għoli fl-ingerija.

2.3.2. Ix-xogħol bħala ħaddiem manwali fl-industrija tal-ħġieġ jista' jkun fiżikament iebes u xi drabi għadu anke perikoluż. Il-miżuri tas-saħħa u s-sikurezza jeħtieġu investiment u spiss ikollhom impatt pożittiv fuq il-produttività. Il-miżuri għall-prevenzjoni tal-mard okkupazzjonali qed jittejjbu kontinwament, kif inhu l-każ għall-prevenzjoni tas-silikożi, bħala parti mid-djalogu soċjali tan-Network Ewropew għas-Silika (NEPSI) dwar is-silika kristallina respirabbli. Il-kultura ta' sikurezza u prevenzjoni kkontribwiet għall-kwalità tal-impjiegi fis-settur.

2.4. *Età, edukazzjoni u taħriġ*

Għall-kuntrarju tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-forza tax-xogħol tal-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent hija fil-biċċa l-kbira aktar anzjana (50+) u b'ħafna esperjenza. Huwa dejjem aktar diffiċli li jiġu attirati ħaddiema ġodda u aktar żgħażaġh. Is-sostituzzjoni ta' ħaddiema akbar fl-età u ta' esperjenza tisser it-taħriġ ta' ħaddiema ġodda u li l-ħaddiema attwali jkunu jistgħu jlaħħqu mal-innovazzjoni u l-bidliet fl-industrija.

2.5. *Il-ħġieġ huwa settur innovattiv ħafna*

2.5.1. Ix-xejriet tas-saħħa u l-benesseri qed jiftħu opportunitajiet u swieq ġodda għal imballaġġ tal-ħġieġ b'ċirkwit magħluq sostenibbli, tajjeb għas-saħħa, riutilizzabbli u riċiklabbli b'mod infinit. Is-settur tal-ħġieġ qed jaħdem fuq l-innovazzjoni fid-disinn u rotot aktar "ta' tfixkil" għad-dekarbonizzazzjoni tal-proċess tal-produzzjoni, u b'hekk joħloq trasformazzjoni ewlenija fil-produzzjoni tal-ħġieġ.

2.5.2. Il-ħġieġ użat fil-kostruzzjoni u s-settur awtomobilistiku qed isir aktar sofistikati billi jiġu integrati fojls, gassijiet, kisjiet, kameras, radars u materjali oħra biex jitejbu s-sikurezza, il-proprjetajiet tal-iżolament u t-trażmissibilità tad-data. Iċ-ċelloli fotovoltaiċi jistgħu jiġu integrati fil-ħġieġ tal-faċċati jew fis-soqfa solari panoramiċi tal-karozzi sabiex tinżamm l-effiċjenza u jiġi ġġenerat l-elettriku rinnovabbli.

2.5.3. Il-prodotti tal-ħġieġ ta' teknoloġija għolja jintużaw ukoll fis-settur ajruspazjali u tad-difiża. Il-prodotti u l-kompożiti tal-ħġieġ jintużaw ukoll f'vetturi spazjali u satelliti bħala kisjiet, elettronika, sensuri, displays, eċċ. Dan jagħmel l-industrija tal-ħġieġ mhux biss settur ta' teknoloġija avvanzata u innovattiv, iżda wkoll wieħed strateġiku ħafna.

2.6. *L-impatt tal-COVID-19*

Is-saħħa tas-swieq naqset f'setturi ewlenin minn mindu bdiet il-pandemija, u dan irriżulta fi tnaqqis fil-produzzjoni b'irkupru bil-mod f'xi setturi importanti tal-ħġieġ (ħġieġ ċatt, ħġieġ domestiku, fibri). Fl-2020, is-settur naqas b'bejn 1 % u 14 % skont is-sotto-settur. Fis-settur tal-ħġieġ ċatt, li prinċipalment jaqdi l-industrija tal-kostruzzjoni u dik tal-karozzi, is-suq tal-UE naqas b'aktar minn 10 % fl-2020. Filwaqt li l-użu fil-kostruzzjoni kien aktar stabbli milli mistenni, is-suq tal-ħġieġ awtomobilistiku għadu batut ħafna sal-lum.

3. **Il-kontribut tal-ħġieġ għan-newtralità klimatika, l-ekonomija ċirkolari, il-benesseri u l-Aġenda Diġitali tal-UE**

3.1. *Newtralità klimatika*

3.1.1. *Mewġa ta' Rinnovazzjoni*

3.1.1.1. Il-prodotti tal-ħġieġ huma fil-qalba tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-UE li għandha l-għan li tnaqqas drastikament il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-bini. Il-ħġieġ bl-ogħla standards ta' rendiment fl-użu tal-enerġija jeħtieġ li jintuża fit-twieqi biex jiżola l-bini. Dan ifisser tnaqqis massiv fis-CO₂ billi l-ħġieġ b'rendiment għoli jista' jnaqqas l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-bini b'37,4 % sal-2050⁽²⁾. Is-suf tal-ħġieġ, ħġieġ tal-fowm u derivattivi oħra tal-fibra tal-ħġieġ iżolanti huma wkoll kruċjali biex jinkiseb iżolament ottimali fil-bini.

(²) Is-sors huwa rapport tat-TNO mill-2019: Glazing potential: energy savings and CO₂ emission reduction – Glass for Europe

3.1.1.2. Il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-UE għandha tkun sors kbir immens ta' opportunitajiet kummerċjali. L-irduppar tar-rata ta' sostituzzjoni tat-twieqi jista' jirriżulta fi tkabbir tas-suq tal-ħġieġ ċatt b'aktar minn 60 % u b'hekk jista' jwassal għal investimenti.

3.1.2. Produzzjoni ta' enerġija ekoloġika

3.1.2.1. Il-ħġieġ huwa indispensabbli għall-produzzjoni tal-enerġija ekoloġika. Il-ħġieġ huwa komponent ewlieni tal-pannelli solari fotovoltajċi. It-turbini tar-riħ jużaw fibri tal-ħġieġ biex jagħmluhom ħfief iżda sodi. L-elettriku ekoloġiku jista' jiġi ġġenerat ukoll minn ħġieġ speċjali tal-mirja li jiffoka d-dawl fuq element ċentrali konness ma' ġeneratur.

3.1.2.2. Il-mod kif l-industrija Ewropea tal-produzzjoni tal-pannelli solari kibret u reġġet ċkienet tant malajr minħabba kompetizzjoni inġusta minn kumpaniji Ċiniżi jista' jservi ta' eżempju ta' kif m'għandhomx jiġu ġestiti opportunitajiet ġodda ta' enerġija ekoloġika f'ambjent kompetittiv internazzjonalment. Il-politiki l-ġodda tal-UE dwar l-għanijiet klimatiċi u l-ktajjen tal-valur strateġiċi għandhom jimmiraw li jġeddu l-produzzjoni taċ-ċelloli fotovoltajċi fl-Ewropa.

3.1.3. Trasport

3.1.3.1. Is-settur tal-ħġieġ huwa fornitur kbir għall-produtturi tal-vetturi ferrovjarji. Minħabba l-kriżi tal-COVID-19, xi kumpaniji tat-trasport pubbliku waqfu jew ikkanċellaw għadd ta' ordnijiet kbar, b'diversi siti fil-periklu li jagħlqu, li jista' jirriżulta f'żieda fl-importazzjonijiet. Pjani nazzjonali ta' rkupru f'waqthom jistgħu jkunu effettivi fl-appoġġ tal-produzzjoni Ewropea.

3.1.3.2. Għalkemm l-industrija awtomobilistika kienet diġà fi kriżi anke qabel il-COVID-19, x'aktarx li se jkun hemm domanda għal ħġieġ eħfef u b'iżolament għoli aktar avvanzat. Il-karozzi awtonomi se jintensifikaw id-domanda għal prodotti tal-ħġieġ speċjalizzati aktar sofistikati biex iservu bħala skrins, pannelli ta' kontroll u apparat ta' realtà awmentata, eċċ.

3.1.4. Imballaġġ sostenibbli

Il-ħġieġ jipprovdi lis-setturi tal-ikel u tax-xorb, tal-kożmetiċi u tal-farmaċewtika (eż. il-vaċċini tal-COVID-19) tal-Ewropa b'imballaġġ inert tajjeb għas-saħħa u sostenibbli. Is-settur tal-ħġieġ qed imexxi firxa wiesgħa ta' innovazzjonijiet fil-proċessi tal-ekodisinn, id-dekarbonizzazzjoni u l-effiċjenza enerġetika biex jittrasformaw il-mod kif jiġi prodott il-ħġieġ. Kull sena, mhux inqas minn 10 % tal-ispejjeż tal-produzzjoni jiġu investiti fid-dekarbonizzazzjoni, fl-effiċjenza enerġetika u fl-aġġornamenti tal-impjanti. Furnace for the Future, l-aħħar proġett tal-ħġieġ tal-kontejners⁽³⁾, li applika għall-Fond ta' Innovazzjoni tal-ETS, se jnaqqas l-emissjonijiet b'60 %. Din hija waħda minn bosta inizjattivi biex jiġi appoġġjat l-għan tas-settur li jwassal imballaġġ tal-ħġieġ newtrali għall-klima li jittrasforma s-settur u joffri opportunitajiet kbar għat-tkabbir fl-imballaġġ tal-ħġieġ b'livell baxx ta' karbonju.

3.2. Ekonomija ċirkolari: il-ħġieġ huwa prodott ċirkolari perfett

3.2.1. Il-ħġieġ huwa materjal permanenti u inerti li hu riutilizzabbli u riċiklabbli b'mod infinit mingħajr ma jitlef il-proprjetajiet tiegħu.

3.2.2. Il-ħġieġ huwa alternattiva li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent għal ħafna applikazzjonijiet tal-plastik, u jinsab fuq quddiem nett f'termini ta' riċiklaġġ effettiv u huwa 100 % riutilizzabbli, kif ukoll jipprovdi sistema kompletament ċirkolari. Dan huwa l-uniku imballaġġ li m'għandux bżonn saff jew inforra tal-plastik u dejjem jibqa' tajjeb għas-saħħa u sikur għall-imballaġġ tajjeb għall-ikel, irrispettivament minn kemm-il darba jiġi riċiklat, u b'hekk huwa l-uniku imballaġġ li jista' jikseb dan. Il-ħġieġ huwa wieħed mill-aktar materjali ta' imballaġġ riċiklati, u 76 % tal-ħġieġ kollu mqiegħed fis-suq illum jinġabar għar-riċiklaġġ. L-użu tal-ħġieġ riċiklat jiffranka kemm l-enerġija kif ukoll l-emissjonijiet tas-CO₂. Għandhom ikomplu jiġu appoġġjati inċentivi għall-UE kollha, biex il-partijiet ikkonċernati fil-katina tal-valur kollha, inklużi l-konsumaturi, jiġu mħeġġa jirriċiklaw aktar u aħjar.

3.2.3. Fis-settur tal-ħġieġ tal-bini, il-ħġieġ riċiklat illum jammonta għal 26 % tal-input tal-materja prima⁽⁴⁾. Hemm il-potenzjal li jiżdied ir-riċiklaġġ billi jittejjbu l-ġbir, is-seprazzjoni, u t-tindif tal-ħġieġ li jkun ġej minn twieqi jew faċċati qodma.

⁽³⁾ Furnace for the Future: <https://feve.org/about-glass/furnace-for-the-future/>

⁽⁴⁾ Glass for Europe – 2050: Flat glass in climate-neutral Europe – 2019. <https://glassforeurope.com/wp-content/uploads/2020/01/flat-glass-climate-neutral-europe.pdf>

3.2.4. It-tmiem tal-ħajja tal-ewwel ġenerazzjoni ta' ċelloli fotovoltajċi jista' jgħaliq opportunità għda biex tiġi mġedda l-politika industrijali dwar l-enerġija solari u jinżammu materjali prezzjużi fl-Ewropa permezz ta' riċiklaġġ imtejjeb. Viżjoni u politika ċara tal-UE għandhom jappoġġjaw dan.

3.3. Benesseri

3.3.1. Il-ħgiegħ jinsab kull fejn tħares madwarek. Il-ħajja moderna ma tkunx possibbli mingħajru. Is-settur tal-ħgiegħ huwa wkoll wieħed mill-eqdem industrij u għandu għeruq storiċi profondi fl-Ewropa fil-ħgiegħ dekorattiv, l-arti u l-kultura. Din it-tradizzjoni twila sawret l-għarfien, il-prattiki u l-arti tal-produzzjoni tal-ħgiegħ fl-Ewropa.

3.3.2. Daż-żmien, il-ħgiegħ jagħmel possibbli t-teknoloġija medika, il-bijoteknoloġija u l-inġinerija tax-xjenza tal-ħajja. Il-ħgiegħ jipproteġina wkoll mir-radjazzjoni tar-raġġi X (radjoloġija) u mir-raġġi gamma (nukleari). Il-ħgiegħ għad-disinn intern u l-għamara tal-ħgiegħ bħal mirja, diviżorji, balavostri, imwejjed, xkafef u dwal tal-ħgiegħ itejbu l-ispazji tal-għajxien u tal-uffiċċji tagħna.

3.3.3. Il-ħgiegħ jipproteġi l-kwalità u l-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa tal-ikel u x-xorb tagħna. L-oġġetti tal-ħgiegħ li jintużaw fuq il-mejda jippermettu l-ikel fin u l-aċċessorji għall-hekk imsejjaħ *art de vivre*. It-twieqi tal-ħgiegħ iħallu jidħol dawl naturali fi djarna u fl-uffiċċji tagħna. Il-ħgiegħ jintuża fl-apparat tad-dar u tal-uffiċċju u fl-elettronika bħal bibien tal-forn, hobs, skrins tat-televiżjoni u tal-kompjuter u smartphones.

3.4. Ewropa Diġitali

Is-siti ta' produzzjoni Ewropej diġà jagħmlu disponibbli l-aktar ħgiegħ irqiq, li jintuża għal skrins, smartphones, tablets u skrins oħra (touchscreens). Wajers u kejbils tal-fibra ottika tal-ħgiegħ jiżguraw kemm it-trasport tad-data fuq skala kbira kif ukoll interkontinentali kif ukoll il-mikrokonnessjonijiet f'apparati elettroniċi u ċipep.

4. Il-ħgiegħ bħala settur li juża ħafna enerġija

4.1. Kull sena, fran ġodda qed jinbnew mill-ġdid jew jiġu adattati progressivament b'teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' karbonju li huma ħafna aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. L-industrija tkompli tnaqqas il-konsum tal-enerġija billi tagħmel użu mit-teknoloġiji tal-irkupru tas-sħana skartata, mit-teknoloġija taċ-Ċiklu tar-Rankine Organiku, miż-żieda fl-użu tal-ħgiegħ miksur u teknoloġiji simbjoṡi oħra. Sistemi u teknoloġiji ġodda ta' ġestjoni tal-enerġija użati fl-impjanti tal-ħgiegħ qed jgħinu biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika.

4.2. It-tnaqqis fl-użu tal-enerġija fis-settur tal-ħgiegħ ilu fuq perkors qawwi 'l isfel għal kważi 100 sena u issa qed jilħaq il-limitu termodinamiku tiegħu.

4.3. Peress li l-emissjonijiet tas-CO₂ fis-settur tal-ħgiegħ huma marbuta direttament mal-enerġija użata, it-titjib fl-effiċjenza enerġetika jista' jidher fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂. Dan it-titjib fil-fatt wassal għal tnaqqis qawwi fl-emissjonijiet tas-CO₂. Pereżempju, l-industrija tal-ħgiegħ Franċiża – li hija pjuttost diversa u sofistikata – naqset l-emissjonijiet tagħha ta' CO₂ b'70 % bejn l-1960 u l-2010.

4.4. Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress li sar mill-industrija tal-ħgiegħ meta mqabbla ma' setturi oħrajn b'użu intensiv tal-enerġija, għandu jiġi żviluppat appoġġ aktar iffukat għas-settur kollu kemm hu u s-sottosetturi tiegħu u għal kull Stat Membru.

4.5. Perkorsi lejn in-newtralità klimatika/tal-karbonju

4.5.1. Is-settur tal-ħgiegħ kważi laħaq il-limitu termodinamiku tiegħu, li jfisser li tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tas-CO₂ m'għadux possibbli bit-tekniki attwali u bil-kombustjoni tal-gass naturali. Dak li huwa meħtieġ huwa tranżizzjoni tal-enerġija u ċirkolarità saħansitra akbar fil-produzzjoni tal-ħgiegħ fl-oqsma fejn jeżisti l-potenzjal.

4.5.2. L-elettriku ekoloġiku

L-elettrifikazzjoni hija perkors promettenti ieħor lejn id-dekarbonizzazzjoni tal-produzzjoni tal-ħgiegħ. Bħalissa qed jiġi żviluppat proġett ta' dimostrazzjoni, Furnace for the Future. Dan ser ikun l-ewwel forn tal-elettriku ibridu tal-ħgiegħ tal-kontenituri fuq skala kbira fid-dinja. Diġà hemm fran elettriċi fuq skala żgħira li joperaw fis-sottosetturi tal-ħgiegħ tal-kontenituri u tal-ħgiegħ domestiku. Bħalma huwa l-każ għall-idroġenu, jeħtieġ li tiġi żviluppata l-kapaċità tal-elettriku ekoloġiku.

4.5.3. L-idroġenu ekoloġiku

L-idroġenu huwa alternattiva promettenti ħafna għall-gass naturali. Is-settur tal-ħġieġ diġà qed jesplora l-għażla tal-fran tal-idroġenu. Se jgħaddu bosta snin qabel ma l-ewwel forn immexxi mill-idroġenu jibda jopera f'ambjent kompetittiv u qabel ma jkun hemm biżżejjed kapaċità ta' produzzjoni u trasportazzjoni għall-idroġenu.

4.5.4. Ċirkolarità

Meta l-ħġieġ jiddeweb bi fran tal-gass naturali, sa 80 % tas-CO₂ jiġi rilaxxat permezz tal-kombustjoni tal-gass naturali u 20 % jiġi rilaxxat minn materja prima verġni. Is-sostituzzjoni tal-materja prima verġni bi ħġieġ riċiklat (ħġieġ skartat) tipprevjeni l-ħtieġa li jiġu estratti materjali verġni, tnaqqas l-iskart u s-CO₂ u tiffranka l-enerġija. Hemm il-potenzjal li "jinghamlaq iċ-ċirku tal-ħġieġ" ⁽⁵⁾ u li aktar ħġieġ jiġi riċiklat wara l-konsum. Kemm fis-sottosetturi tal-kostruzzjoni kif ukoll f'dawk tal-ħġieġ awtomobilistiku, qed jiġu ttestjati diversi inizjattivi u mudelli biex jitjeb il-ġbir. Iż-żarmar minn qabel tal-ħġieġ u panew tal-ħġieġ mill-bini qabel demolizzjoni u l-mira ta' ġbir speċifika għall-materjal għandhom jiġu previsti biex jikkomplementaw il-mira ġenerika għall-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni li hija ineffettiva fir-rigward ta' materjali ħfief bħall-ħġieġ. Sistemi ta' ġbir separat huma meħtieġa biex jiżguraw kwalità għolja sabiex livelli għoljin ta' kontenut riċiklat ikunu jistgħu jintużaw fil-prodotti tal-ħġieġ.

4.5.5. Ostakli u sfidi

It-tranżizzjoni tal-enerġija se tirriżulta fi spejjeż operattivi (OPEX) u rekwiżiti kapitali (CAPEX) oġhla. Il-politiki tal-UE għandhom jappoġġjaw l-investimenti tal-industrija biex jippermettu din it-tranżizzjoni u għandhom jiżguraw li l-industrija ma tkunx esposta għall-kompetizzjoni inġusta minn barra s-suq tal-UE. Barra minn hekk, għandha tittieħed azzjoni issa peress li l-fran għandhom ħajja ta' madwar 10 sa 15-il sena (ħġieġ tal-kontenitur) jew 15 sa 20 sena (ħġieġ ċatt). Dan jagħtina biss żewġ ġenerazzjonijiet ta' fran sas-sena kruċjali 2050.

5. L-industrija tal-ħġieġ fil-politika tal-UE

5.1. L-irkupru ekoloġiku: il-Patt Ekoloġiku, il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-UE, l-isforz għal aktar enerġija rinnovabbli, il-politika tat-trasport sostenibbli u inizjattivi tal-ekonomija ċirkolari għandhom ikunu muturi effettivi għal prodotti tal-ħġieġ b'livell baxx ta' karbonju.

5.2. Sorsi ġodda ta' enerġija: appoġġ u bini tal-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli għall-elettriku ekoloġiku u l-idroġenu ekoloġiku u l-iżguraw tad-disponibbiltà tal-bijogass. Appoġġ għall-enerġija mir-riħ u mix-xemx fit-taħlita tal-enerġija.

5.3. R&Ż: żieda fl-appoġġ pubbliku u l-finanzjament għar-R&Ż u għal proġetti ta' dimostrazzjoni ⁽⁶⁾ bħall-Fond ta' Innovazzjoni tal-ETS sabiex il-produzzjoni tiġi dekarbonizzata u jiġu żviluppati aktar il-fran effiċjenti fl-enerġija. Il-Fond ġie sottoskritt b'mod massiv fl-ewwel sejħa tiegħu, u dan huwa mistenni wkoll li jkun il-każ f'sejħiet sussegwenti.

5.4. Adozzjoni mis-suq: huma meħtieġa mekkaniżmi li jappoġġjaw l-adozzjoni mis-suq ta' prodotti tal-ħġieġ b'livell baxx ta' karbonju biex jiġi żgurat redditu fuq l-investment għal investimenti fil-produzzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Appoġġ għas-sostituzzjoni tal-plastik b'alternattivi tal-ħġieġ sostenibbli fis-settur tal-bejgħ bl-immnut, fid-djar, fis-settur tal-ospitalità, għall-ikliet takeaway u l-ikel u x-xorb fuq il-post, biex tgħin fil-bidla minn sistemi ta' ekonomija lineari għal dawk ċirkolari.

5.5. Mewġa ta' Rinnovazzjoni: appoġġ għal miżuri tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni li għandhom il-potenzjal li jinkoraġġixxu l-użu ta' prodotti li jevitaw is-CO₂ biex tingħata spinta lill-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli kemm fil-bini kif ukoll fit-trasport. Azzjoni biex il-mira tal-effiċjenza fl-enerġija tiżdied u ssir vinkolanti fil-livell tal-UE biex thegħeġ ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku u żżid il-livell ta' ambizzjoni għall-obbligi tal-iffrankar tal-enerġija. Appoġġ għaż-żieda fil-finanzjament disponibbli għar-rinnovazzjoni tal-bini permezz ta' għadd ta' strumenti, inkluż il-Fond Soċjali Ġdid għall-Klima.

5.6. Trasport sostenibbli: appoġġ għar-rivoluzzjoni tat-trasport lejn karozzi intelliġenti u newtrali għall-klima u l-espansjoni tas-sistemi tat-trasport pubbliku. Il-ħġieġ ta' teknoloġija għolja għandha rwol importanti f'dan ir-rigward.

⁽⁵⁾ Close the Glass Loop: <https://closetheglassloop.eu/>

⁽⁶⁾ L-industrija tal-ħġieġ għandha diversi strateġiji ta' dekarbonizzazzjoni, bħall-bidla għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli, miżuri ta' effiċjenza enerġetika, materja prima b'livell baxx ta' karbonju, l-użu ta' ħġieġ riċiklat, it-trasport u l-loġistika.

5.7. L-imballaġġ sostenibbli: appoġġ għall-bidla minn materjali mhux lineari għal ħġieġ kompletament ċirkolari, riutilizzabbli u riċiklabbli biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili, l-estrazzjoni ta' materja prima verġni u t-tnaqqis tar-riżorsi.

5.8. Ċirkolarità: appoġġ għall-infrastrutturi tal-ġbir separat u tar-riċiklaġġ, il-bini tal-kapaċità u t-teknoloġiji biex jimmassimizzaw il-kwantità u l-kwalità tal-ħġieġ ta' wara l-konsumatur għar-riċiklaġġ b'ċirkwit magħluq lura fi prodotti tal-ħġieġ ġodda. L-inkoraġġiment ta' sħubijiet tal-katina tal-valur tas-settur pubbliku u privat, bħall-pjattaforma "Close the Glass Loop" għall-ħġieġ tal-kontenituri (⁽⁷⁾), biex jaħdmu flimkien.

5.8.1. B'mod partikolari, jeħtieġ li jsiru sforzi fil-qasam tal-attivitajiet tas-settur tal-kostruzzjoni, inkluż l-iskart mid-demolizzjoni, sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-ħġieġ tal-bini fi tmiem il-ħajja tiegħu.

5.8.2. Rati għoljin ta' użu mill-ġdid tal-pakketti tal-ħġieġ u rati għolja ta' riċiklaġġ tal-imballaġġ tal-ħġieġ urew li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-impatti ambjentali tas-sistemi tal-imballaġġ tal-ħġieġ u għaż-żieda fl-effiċjenza tar-riżorsi. Sabiex jinkisbu rati għoljin ta' użu mill-ġdid u riċiklaġġ, barra mill-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) għar-riċiklaġġ tal-imballaġġ tal-ħġieġ f'direzzjoni waħda, l-industrija introduċiet sistemi volontarji ta' depożitu fuq imballaġġ li jista' jerġa' jintuża u xi Stati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) implimentaw sistemi obbligatorji ta' rimborż tad-depożitu (DRS) fuq imballaġġ tax-xorb li jintuża darba. Filwaqt li s-sistemi obbligatorji ta' rimborż tad-depożitu għal imballaġġ f'direzzjoni waħda huma meqjusa bħala mezz effettiv għall-prevenzjoni tar-rimi taż-żibel u għall-kisba ta' rati għolja ta' riċiklaġġ ta' imballaġġ tax-xorb, il-KESE jqis li d-DRS għal ħġieġ f'direzzjoni waħda għal kontenituri tal-ħġieġ oħra (u mhux biss kontenituri tax-xorb) mhuwiex kompatibbli mal-iskemi EPR li jiffunzjonaw tajjeb li huma ppruvati li huma adatti għall-iskop tagħhom ta' ġbir għal sistema ta' riċiklaġġ u li kisbu rati għoljin ħafna ta' riċiklaġġ.

5.8.3. Għal ħġieġ tal-kontenituri li ma jistgħux jerġgħu jimtlew, appoġġ għal skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur li jstgħu jiġbru l-ħġieġ bl-ingrossa. Dawn huma ħafna aktar effettivi mill-iskemi ta' kapparra u ritorn għal imballaġġ f'direzzjoni waħda, kemm ambjentalment kif ukoll ekonomikament.

5.9. Diġitalizzazzjoni: appoġġ għall-industriji u l-impjegati li qed jippermettu Ewropa diġitali (fibra ottika, touchscreens, displays, sensori) permezz ta' politika industrijali effettiva tal-UE u l-iżvilupp ta' ekosistemi, filwaqt li jitqiesu l-isfidi kollha msemmija hawn fuq u abbażi tal-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi sottosetturi tal-ħġieġ.

5.10. *L-iżgurar tal-kompetittività fis-suq Ewropew*

5.10.1. It-tranżizzjoni tal-enerġija tas-settur tal-ħġieġ se tieħu ż-żmien u, matul it-tranżizzjoni, l-ispejjeż għoljin ħafna u li qed jiżdiedu tal-enerġija qed joħolqu sitwazzjoni diffiċli ħafna fis-settur tal-ħġieġ, li bħalissa jirrappreżentaw madwar 25-30 % tal-ispejjeż tal-produzzjoni tal-ħġieġ, skont il-prodotti u l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet.

5.10.2. *Għajnuna mill-Istat*

Is-sottosetturi kollha tal-ħġieġ għandhom jibbenefikaw minn strumenti ta' appoġġ għal CAPEX u OPEX, bħall-fond għall-modernizzazzjoni, il-fondi strutturali tal-UE u l-fond ta' innovazzjoni tal-ETS, fost oħrajn. Il-ħġieġ għandu jiġi eżentat mid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija iżda inkluż fl-eżenzjoni ta' kategorija għall-kumpens tal-elettriku u għandu jibbenefika minn Kuntratti għad-Differenza għall-Karbonju sabiex ikunu jistgħu jsiru investimenti fi proċessi ta' produzzjoni baxxa ta' CO₂. B'mod partikolari, il-ħġieġ speċjali għandu jiżdied mal-lista tal-klima għall-għajnuna mill-Istat.

5.10.3. *Il-kompetittività madwar id-dinja*

5.10.3.1. Prattiki kummerċjali inġusti minn pajjiżi terzi jeħtieġ li jiġu indirizzati malajr bi strumenti ta' politika kummerċjali effettivi.

5.10.3.2. Is-settur tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu bata minn distorsjoni tas-suq minħabba l-importazzjonijiet kbar ta' fibri tal-ħġieġ li kienu oġġett ta' dumping u sussidjati mill-Asja. Hemm hteiga urġenti għal miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni, pereżempju fuq l-importazzjonijiet mill-Eġittu u l-Bahrain.

(⁽⁷⁾) Close the Glass Loop www.close.theglassloop.eu

5.10.3.3. Is-settur tal-ħġieġ li jipproduċi windskrins għas-settur awtomobilistiku qed jiffaċċja wkoll kompetizzjoni ħarxa prinċipalment mill-produtturi Ċiniżi. Standards ambjentali u tal-emissjonijiet tas-CO₂ aktar baxxi flimkien ma' pagi aktar baxxi u kundizzjonijiet tax-xogħol ifqar iwasslu għal kompetizzjoni inġusta li tista' twassal biex l-assemblaturi tal-karozzi Ewropej iżidu l-importazzjonijiet mil-Lvant Imbiegħed tal-Asja, u jikkawżaw aktar emissjonijiet ta' CO₂ globalment.

5.10.3.4. L-Ewropa hija l-produttur ewlieni tal-imballaġġ tal-ħġieġ fid-dinja. Is-settur jaqdi s-settur tal-ikel u x-xorb essenzzjali tal-UE, l-akbar settur fl-UE. Il-ħġieġ jikkontribwixxi wkoll għall-kummerċ estern ta' madwar EUR 250 biljun ta' prodotti li huma mballati jew li x'aktarx jiġu mballati fil-ħġieġ, li jipprovdi aktar qligħ mill-espportazzjoni tal-UE milli jipprovdu r-reżina u l-gerbub (pellets) tal-plastik, sustanzi kimiċi organiċi u inġenji tal-ajru.

5.11. Niżguraw tranżizzjoni ġusta

It-tagħlim u t-taħriġ tul il-ħajja għandhom jiġu mħeġġa u appoġġjati biex jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol tadatta ruħha għal teknoloġiji u proċessi ġodda u biex tiġi pprovduta aktar sigurtà tal-impjieg, kemm fis-settur innifsu kif ukoll fis-suq tax-xogħol usa'. Il-ħaddiema għandhom jiġu inklużi fit-tranżizzjoni u, għalhekk, id-djalogo soċjali f'kull livell għandu jiġi appoġġjat mil-leġiżlazzjoni tal-UE.

5.12. L-istabbiltà u ċ-ċertezza leġiżlattiva

5.12.1. Rilokazzjoni tal-karbonju: miżuri ta' rilokazzjoni tal-karbonju effettivi permezz tal-ETS għandhom jinżammu biex jappoġġjaw lill-industrija fit-tranżizzjoni biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE u biex joħlqu u jżommu kundizzjonijiet indaq fil-livell Ewropew u internazzjonali.

5.12.2. CBAM: il-KESE huwa favur l-introduzzjoni bir-reqqa tas-CBAM, f'konformità mar-regoli tad-WTO, iżda għandu jinkludi soluzzjoni għall-espportazzjonijiet u għandu jikkomplementa l-allokazzjoni bla ħlas fil-livell ta' punt ta' riferiment sħiħ mill-inqas sal-2030 biex il-kumpaniji jkunu jistgħu jiffukaw fuq l-investiment b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u jivvalutaw l-effettività tas-CBAM.

5.12.3. Tassonomija: il-Kumitat jilqa' l-ħidma dwar il-pakkett tat-tassonomija tal-UE li għandu l-għan li jidderieġi l-finanzjament privat lejn attivitajiet sostenibbli, iżda jaħseb li r-rwol tal-manifattura tal-ħġieġ u l-kontribut tagħha għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima għandhom jiġu indirizzati.

5.12.4. Ċirkolarità: il-Kumitat jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari u jitlob li l-ħġieġ jiġi rikonoxxut bis-sħiħ bħala materjal permanenti li jibqa' produttiv fl-ekonomija tagħna u li jiġu appoġġjati bis-sħiħ l-inizjattivi biex tissaħħaħ iċ-ċirkolarità tal-ħġieġ.

5.12.5. Lesti għall-mira ta' 55 %: dan il-pakkett ġie ppreżentat waqt li din l-Opinjoni kienet qed tiġi mfassla. Jipproponi li jiġu emendati tnax-il proposta eżistenti (id-Direttiva dwar l-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet, id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, eċċ.) u tintroduċi xi wħud ġodda (bħall-proposta CBAM). Il-Kumitat jappella lill-Kummissjoni biex tevalwa bir-reqqa l-impatt ta' dan il-pakkett fuq l-industrija tal-ħġieġ. Minħabba l-iskala tal-bidliet introdotti f'ħafna oqsma differenti, huwa kruċjali li tiġi żgurata l-koerenza bejn id-diversi partijiet ta' leġiżlazzjoni u jiġu evitati kunflitti potenzjali. Il-pakkett għandu jappoġġja lill-industrija lejn it-tranżizzjoni tal-enerġija tagħha filwaqt li jiżgura kundizzjonijiet ekwi mal-kompetituri barra mill-UE li mhumiex qed jiffaċċjaw l-istess spejjeż tal-karbonju.

Brussell, il-21 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-istrateġija tal-UE dwar il-mobilità u l-katini ta’ valur industrijali tal-UE: approċċ ekosistemiku fl-industrija tal-karozzi”**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2022/C 105/05)

Relatur: **Arnaud SCHWARTZ**Korelatur: **Monika SITÁROVÁ**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.3.2021
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)
Adottata fis-sezzjoni	29.9.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	235/1/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jemmen li l-ekosistema Ewropea tal-industrija tal-karozzi tista’ ssir minn tal-ewwel fl-iżvilupp u fl-użu ta’ soluzzjonijiet sostenibbli ta’ mobilità. Għalhekk, l-ekosistema tal-industrija tal-karozzi għandha b’mod attiv tiżviluppa strateġiji biex tinfluwenza t-tfixkil kontinwu u l-megatendenzi fix-xenarju tal-karozzi tal-Ewropa.

1.2. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-trasport b’90 % sal-2050, il-KESE jrid li l-UE tistinka biex il-mezzi kollha tat-trasport sostenibbli tagħmilhom, filwaqt li l-alternattivi sostenibbli tagħmilhom disponibbli b’mod wiesa’ u aċċessibbli għaċ-ċittadini tal-UE. Dan l-oġettiv jista’ jintlaħaq b’taħlita kombinata intelliġenti ta’ sistemi ta’ motopropulsjoni li toħloq bilanċ bejn il-protezzjoni ambjentali, l-użu effiċjenti ta’ sorsi rinnovabbli, il-vijabbiltà ekonomika, u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika.

1.3. Il-KESE jenfasizza bil-qawwa li l-mobilità individwali trid tibqa’ aċċessibbli u affordabbli għal kulħadd, b’mod speċjali għal dawk li jivvjaġġaw li m’għandhomx aċċess għal trasport pubbliku ta’ kwalità jew għal soluzzjonijiet oħra ta’ mobilità. Polarizzazzjoni soċjetali bejn dawk li jistgħu jaffordjaw jixtru karozza ekoloġika u dawk li ma jistgħux għandha tiġi evitata akkost ta’ kollox. F’dan ir-rigward, il-KESE jwissi li l-istabiliment ta’ sistema ta’ ETS kontigwa għas-settur tat-trasport jista’ jdgħajef l-appoġġ pubbliku għad-defossilizzazzjoni tat-trasport bit-triq jekk gruppi b’introjtu aktar baxx u dawk li jiddependu mit-trasport bit-triq għall-għajxien tagħhom ma jiġux ikkumpensati kif xieraq.

1.4. Il-KESE jinnota li l-industrija Ewropea tal-karozzi dejjem kienet mexxejja globali u xprun għat-ktabbir u l-impjiegi. Fit-tranżizzjoni lejn il-mudell ta’ sistema tat-trasport bit-triq diġitalizzata u dekarbonizzata, jenħtieġ li żżomm din il-pożizzjoni u tiżviluppa l-perkorsi ta’ trasformazzjoni li jippermettulha tindirizza x-xejriet fixkiela li l-industrija qed tiffaċċja bħalissa. Din għandha tagħmel dan billi tibni fuq il-kwalitajiet pożittivi tagħha ta’ teknoloġija, ħaddiema tagħha tas-sengħa, inġinerija tal-ogħla klassi, konsumaturi eżiġenti, ktajjen ta’ provvista sofistikati, kultura b’saħħitha ta’ SMEs, u relazzjonijiet tax-xogħol kostruttivi.

1.5. It-tnedija b’suċċess tal-IPCEI (proġett importanti ta’ interess Ewropew komuni) dwar il-batteriji wriet li meta r-riżorsi pubbliċi u privati jinġabru flimkien dan bla dubju jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-katina tal-provvista tal-industrija tal-karozzi. Għalhekk, il-KESE huwa konvint li jeħtieġ li jitqiesu aktar IPCEIs f’dan is-settur, eż. dwar l-idroġenu (it-tnejn ta’ it-tnejn), il-karozzi awtomatizzati u konnessi, l-ekonomija ċirkolari, il-materja prima, eċċ. Hija meħtieġa azzjoni

qawwija biex jiġu indirizzati l-konġestjonijiet fil-provvista tas-semikondutturi, u t-twaqqif tat-tieni IPCEI għas-semikondutturi għandu jgħin biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni.

1.6. Il-KESE jixtieq li l-UE tappoġġja kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fuq livell globali. L-Ewropa għandu jkollha l-ambizzjoni li żżomm il-pożizzjoni qawwija tagħha fl-esportazzjoni fl-industrija tal-karozzi. Għalhekk għandhom jittieħdu azzjonijiet biex:

- tistinka għar-reċiproċità fir-relazzjonijiet kummerċjali (aċċess għas-suq, akkwist pubbliku, investimenti, rispettt tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (IPRs), sussidji);
- tikkonkludi ftehimiet bilaterali ta' kummerċ ħieles (inkluż kapitolu dwar it-trasport bil-karozzi/bit-triq);
- tiġġieled kontra Prattiki kummerċjali inġusti (sussidji, ftehimiet bilaterali ta' kummerċ ħieles, differenzi fil-prezz tal-karbonju, dumping soċjali u ambjentali);
- tippromovi kooperazzjoni internazzjonali dwar karozzi nodfa u teknoloġiji ta' fjuwil b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

1.7. It-trasformazzjoni tal-industrija tal-karozzi se jkollha impatt drammatiku fuq il-kwantità u l-kwalità tal-impjeggi meħtieġa. Għalhekk, huma meħtieġa politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol biex tinżamm l-impjegabbiltà tal-forza tax-xogħol permezz ta' inizjattivi għal titjib fil-ħiliet u għal taħriġ mill-ġdid, pereżempju, (bħall-inizjattiva "Automotive Skills Alliance") sabiex il-haddiemna jiġu mgħammra bil-ħiliet tal-futur. Għall-impjegati li jkollhom jitolqu mis-settur, għandha tiġi ggarantita tranżizzjoni bla xkiel għal impjeg ieħor (flimkien ma' skemi ta' rtirar bikri).

1.8. Il-KESE jitlob li jiġi ppreżentat b'mod ċar l-impatt tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika tas-settur sabiex jiġu identifikati r-reġjuni u l-partijiet tal-katina tal-provvista li huma l-aktar fir-riskju. Barra minn hekk, jeħtieġ li tiġi mmonitorjata l-impronta tal-industrija li qiegħda tinbidel minħabba d-dekarbonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni filwaqt li jitqiesu l-istadi rilevanti taċ-ċiklu tal-ħajja. Minħabba li l-isfidi li għandha tindirizza l-katina tal-provvista tal-industrija tal-karozzi huma kbar ħafna, il-KESE jqis li huwa essenzjali li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' tranżizzjoni ġusta għas-settur sabiex jiġu stabbiliti l-miżuri ta' akkumpanjament meħtieġa biex jiġi evitat it-tfixkil soċjali u biex tiġi żgurata tranżizzjoni soċjalment responsabbli.

2. Kummenti ġenerali

Sitwazzjoni attwali

2.1. L-industrija tal-karozzi minn dejjem kienet **pedament tal-industrija tal-Unjoni Ewropea** u għandha rabtiet importanti ma' industriji upstream bħal dawk tal-azzar, is-sustanzi kimiċi u t-tessuti, kif ukoll ma' industriji downstream bħal dawk tal-ICT, it-tiswijiet, il-fjuwils, il-lubrikanti u s-servizzi ta' mobilità. Is-settur jirrappreżenta aktar minn 8 % tal-PDG tal-UE, jammonta għal 28 % tal-infiq totali tal-UE fir-riċerka u l-iżvilupp, u l-esportazzjonijiet tiegħu jiġġeneraw surplus kummerċjali kbir. Madankollu, il-futur tal-industrija tal-karozzi tal-Ewropa se jiddependi minn kif din tista' tagħmel l-aġġustamenti fundamentali meħtieġa biex tindirizza l-isfidi mingħajr preċedent li qed tiffaċċja llum.

2.2. L-industrija Ewropea tal-karozzi tinstab **f'salib it-toroq ta' mudell ġdid radikali** li jirriżulta mit-tranżizzjoni kumplessa lejn ekonomija diġitali u ekoloġika. Fit-28 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat viżjoni fit-tul għal ekonomija newtrali għall-klima sal-2050. Is-settur tat-trasport ġie identifikat li għandu rwol importanti f'din it-tranżizzjoni. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ta' Diċembru 2019 jistabbilixxi qafas strateġiku biex tintlaħaq in-newtralità klimatika. Dan jitlob tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet mit-trasport sal-2050. F'dan il-kuntest, l-UE ddeċidiet li tirrevedi l-mira tagħha dwar it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 għal mill-inqas – 55 %. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, fl-14 ta' Lulju 2021 il-Kummissjoni żvelat l-pakkett tagħha dwar "lesti għall-mira ta' 55", li jirrevedi r-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, id-Direttiva dwar l-Installazzjoni ta' Infrastruttura tal-Karburanti Alternattivi, u r-Regolament dwar l-Istabiliment ta' Standards ta' Prestazzjoni tal-Emissjonijiet tas-CO₂.

2.3. It-tranżizzjoni mill-fjuwils fossili lejn enerġija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju kif ukoll it-tranżizzjoni mill-ħolqien ta' valur miżjud fil-produzzjoni bil-massa tal-karozzi lejn il-forniment ta' servizzi ta' mobilità, se joħlqu **taqlib kbir għall-industrija**, għall-ħafna SMEs fil-ktajjen tal-provvista kumplessi tagħha, u għat-13,8-il miljun ħaddiem fis-settur. Għalhekk, l-isfida se tkun li din it-tranżizzjoni tiġi ġestita lejn newtralità klimatika b'mod soċjalment aċċettabbli.

Megatendenzi fixkiela

2.4. **Globalizzazzjoni.** Hekk kif il-bejgħ fi swieq maturi qed jonqos, il-bejgħ tal-karozzi qed jikber fi swieq emerġenti. B'riżultat ta' dan, iċ-ċentru tal-gravità ekonomiku qed jiċċaqlaq mill-UE u mill-Istati Uniti għall-Asja. Iċ-Ċina bħalissa qed toħroġ 26 miljun karozza fis-sena meta mqabbla ma' 22 miljun fl-UE. Iċ-Ċina kienet ukoll fost tal-ewwel li bdiet tipproduċi vetturi elettriċi u għandha industrija matura tal-batteriji. Il-Ġappun u l-Korea wkoll qegħdin fuq quddiem fir-rigward tal-batteriji u huma partikolarment b'saħħithom fis-semikondutturi. L-Ewropa għandha wkoll aċċess problematiku għal materja prima miksuba b'mod etiku bħal-litju u l-kobalt⁽¹⁾. Barra minn hekk, l-industrija tal-karozzi trid tqis it-tensjonijiet ġeopolitiċi li qed dejjem jiżdiedu.

2.5. **L-isfida tal-iżvilupp sostenibbli.** Skont il-viżjoni stabbilita fl-Istrateġija tal-UE għall-Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti, sal-2030 se jkun hemm mill-inqas 30 miljun karozza b'emissjonijiet żero fit-toroq Ewropej. Fl-14 ta' Lulju, il-Kummissjoni tal-UE pproponiet li mill-2035 jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati biss vetturi b'emissjonijiet żero. Dan se jirrikjedi żieda qawwiya fis-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero fil-flotta tal-vetturi (minn 0,2 % bħalissa għal 11–14 % fl-2030)⁽²⁾. L-ilhuk tal-obiettivi tal-Patt Ekoloġiku se joħloq vantaġġi ta' min jidħol l-ewwel, u se jappoġġja l-pożizzjoni fuq quddiem tal-Ewropa f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-kompetittività globali tagħha. Dan ifisser ukoll investimenti kbar ħafna fl-iżvilupp ta' sistemi tal-mototrażmissjoni alternattivi (elettriċi-batteriji, ibridi, tal-idroġenu) u fjuwils defossilizzati għal sistemi tal-mototrażmissjoni konvenzjonali li se jibqgħu preżenti fil-flotta għal żmien twil. Ir-ritmu li bih jibdedw jintużaw dawn is-sistemi tal-motopropulsjoni u l-fjuwils jiddependi mill-qafas regolatorju abilitanti u l-perjodi ta' rkupru tal-kost għal dawn l-investimenti. L-Istrateġija tal-UE għall-Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti tirrikonxxi l-ħtieġa li l-mezzi kollha tat-trasport isiru aktar sostenibbli. Dan l-approċċ jirrikjedi l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi u żero kif ukoll l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għat-trasport bit-triq, fuq l-ilma u bl-ajru.

2.6. **Tibdil fil-mentalità tal-konsumatur.** L-imġiba rigward il-mobilità qed tinbidel. Ġenerazzjoni ġdida ta' konsumaturi hija inqas interessata li jkollhom karozza tagħhom stess minħabba li ħafna jgħixu f'żoni urbani b'sistemi ta' trasport kollettiv stabbiliti sew. Minflok ma jkollhom karozza tagħhom, dawn se jfittxu soluzzjoni oħra ta' mobilità (ċar-sharing, ride-hailing, mikromobilità). Xejriet oħra li kienu diġà viżibbli ġew imsaħħa mill-pandemija, bħax-xiri online, it-telexoġhol, il-vidjokonferenzi, is-servizzi ta' konsenja. Dawn se jirriżultaw fi tnaqqis fil-mobilità bil-karozzi personali, filwaqt li l-użu tal-vannijiet kummerċjali se jiżdied.

2.7. **Żieda fil-konnettività.** It-teknoloġiji diġitali għandhom l-għan li jippermettu li l-karozzi jsiru konnessi b'mod kważi permanenti. Dan jista' joħloq potenzjal konsiderevoli għal mudelli kummerċjali ġodda mmexxija mid-data. Il-karozzi intelliġenti jkunu mgħammra b'karatteristiċi ta' sikurezza attivi, b'informazzjoni, b'servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku, b'komunikazzjoni bejn il-vettura u l-infrastruttura, eċċ.

2.8. **L-awtomatizzazzjoni gradwali tal-karozza.** Il-perkors lejn il-karozzi tas-sewqan awtonomu se jwassal għal livelli dejjem ogħla ta' karatteristiċi ta' vetturi awtonomi. Is-sewqan awtomatizzat jirrikjedi investimenti kbar ħafna fis-software, fin-networks ta' komunikazzjoni, u fil-hardware (radars, lidars, transponders). Dan joħloq ukoll ħafna sfidi rigward l-affidabbiltà, il-qafas legali, il-prezz, it-tagħmir tat-toroq, u l-obbligazzjonijiet.

2.9. **Id-diġitalizzazzjoni tal-produzzjoni.** L-industrija tal-karozzi vvintat il-linja tal-assemblaġġ (Ford), il-prinċipji tal-manifattura mingħajr ħela (Toyota), u l-pjattaformi ta' produzzjoni globalizzati (VW). Bħalissa qed tħaddan il-prinċipji tal-Industrija 4.0 b'robotizzazzjoni avvanzata, ktajjen tal-provvista integrati b'mod diġitali, sistemi ta' manifattura avvanzati, u manifattura addittiva.

Konsegwenzi tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali

2.10. Industrija tal-karozzi iżgħar, diġitalizzata u dekarbonizzata se toħloq **sfida kbira ħafna għall-impjegji**. Il-vetturi elettriċi li jaħdmu bil-batterija (BEVs) għandhom inqas komponenti u huma aktar sempliċi biex wieħed jipproduċihom, filwaqt li mill-inqas 36 % tal-valur miżjud tagħhom jinsab fil-batteriji. Abbażi ta' estrapolazzjoni minn studju reċenti mill-Istitut Ġermaniż tal-IFO, 620 000 impjegġ se jkunu friskju fil-katina tal-valur tal-UE tas-sistemi ta' motopropulsjoni konvenzjonali. Is-soluzzjonijiet jistgħu jinstabu parzjalment fl-irtirar (bikri)⁽³⁾, pereżempju, jew b'mod aktar wiesa' billi jiġi rivoluzzjonat il-futur tax-xoġhol⁽⁴⁾. Min-naħa l-oħra, it-tranżizzjoni se tiġġenera wkoll impjegġi ġodda fl-industriji kontigwi bħall-elettronika tal-potenza, il-grilji intelliġenti, l-infrastruttura tat-toroq u tal-iċċarġjar, il-batteriji, il-materjali l-ġodda, u s-sistemi ta' motopropulsjoni bi fjuwil alternattiv.

(1) https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_20_2312

(2) Commission Staff Working Document, Sustainable and Smart Mobility, SWD(2020)331, p. 248 [mhux disponibbli bil-Malti].

(3) Dr. Oliver Falck, Dr. Nina Czernich, Auswirkungen der vermehrten Produktion elektrisch betriebener Pkw auf die Beschäftigung in Deutschland, Mai 2021, ifo Institut; https://www.ifo.de/DocDL/ifoStudie-2021_Elektromobilitaet-Beschaeftigung.pdf

(4) <https://eeb.org/library/escaping-the-growth-and-jobs-treadmill/>

2.11. **Xejra favur il-konsolidazzjoni u l-alleanzi strateġiċi** (eż. Stellantis, alleanzi bejn il-BMW u l-Mercedes u bejn il-VW u l-Ford) sabiex jitlaqqgħu flimkien ir-riżorsi tar-riċerka u l-iżvilupp għal sistemi ta' motopropulsjoni ġodda, u jiġi kkombinat ix-xiri ta' komponenti. Dawn l-fużjonijiet u l-alleanzi dejjem se jirriżultaw fi strateġiji ġodda tal-kumpaniji, reviżjoni tal-impronta industrijali, esternalizzazzjoni lejn reġjuni b'kostijiet lavorattivi aktar baxxi, skemi ta' tnaqqis tal-impjiegi, u pressjoni akbar fuq il-fornituri. Barra minn hekk, in-negozji maturi spin-off jippermettu lill-kumpaniji jikkonċentraw ir-riżorsi fuq is-sistemi ta' motopropulsjoni l-ġodda.

2.12. **L-isfukar tal-konfini bejn l-industrija tal-karozzi u s-settur tal-IT.** It-teknoloġiji tal-informatika se jippenetraw fl-istadji kollha tal-katina tal-provvisti. Id-data se ssir materja prima ġdida u sors ta' dħul. Fl-industrija qed issir ridistribuzzjoni globali b'atturi ġodda li qed jippenetraw fl-industrija: fornituri tal-mobilità (Uber), kumpaniji kbar tal-IT (Google, Apple, Baidu), produttori taċ-ċipep (Intel, NXP, STM), produttori tal-batteriji (Panasonic, CATL, LG), fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali (OEMs) emerġenti (Tesla).

2.13. **Il-valur miżjud jista' jitbiegħed mill-qalba tal-industrija tal-karozzi (OEMs)** lejn partijiet oħra tal-katina tal-provvista peress li s-sehem tat-teknoloġiji tal-informatika bħala perċentwal tal-valur miżjud se jiżdied iżda biss a skapitu tal-komponenti mekkaniċi.

2.14. X'aktarx li **se jinħoloq aktar valur miżjud fis-servizzi tal-mobilità** bħal ride-hailing, ridesharing, ċar-sharing u ħafna servizzi diġitali bħall-applikazzjonijiet tan-navigazzjoni, l-inforikreazzjoni, ir-reklamar, u s-sistemi avvanzati ta' assistenza għas-sewwieqa. Dan se johlq mudelli kummerċjali ġodda: filwaqt li l-OEMs iqisu l-industrija tal-karozzi bħala suq ta' 100 miljun vettura, il-pjattaformi diġitali qed iħarsu lejha bħala suq fejn jistgħu jinbiegħu 10 triljun mil kull sena.

2.15. **L-istruttura tal-impjiegi tas-settur se tiġi riveduta kompletament.** Se jkun meħtieġa ħiliet u esperjenza ġodda (elettronika, elettrokimika, materjali ġodda, teknoloġiji tal-informatika), filwaqt li b'mod parallel se jkun hemm tnaqqis fid-domanda għall-ħiliet mekkaniċi tradizzjonali. Li l-forza tax-xogħol jiġu mgħammra b'dawn il-ħiliet se jkun sfida importanti għall-industrija tal-karozzi.

2.16. Il-megatendenzi kollha msemmija hawn fuq se jsaħħu lil xulxin. Filwaqt li hemm kunsens wiesa' li beda l-proċess fixkiel li se jittrasforma l-qagħda attwali, għandha ssir prijorità għall-partijiet ikkonċernati kollha li t-tranżizzjoni soċjali lejn trasport dekarbonizzat issir aktar gradwali billi tiġi organizzata tranżizzjoni ġusta. Biex tiġi aċċettata, il-mobbiltà sostenibbli għandha tkun affordabbli għal kulħadd.

3. Trasformazzjoni taħt kontroll

L-ambjent: it-tranzizzjoni lejn is-sostenibbiltà

3.1. **Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-trasport b'90 % sal-2050, l-UE għandha tistinka biex il-mezzi kollha tat-trasport tagħmilhom sostenibbli filwaqt li tagħmel alternattivi sostenibbli disponibbli b'mod wiesa' u aċċessibbli għaċ-ċittadini tal-UE. Dan l-objettiv jista' jintlaħaq permezz ta' sistemi ta' motopropulsjoni li jiġu kkombinati b'mod intelliġenti li johlq bilanċ bejn il-protezzjoni ambjentali, l-użu effiċjenti ta' sorsi rinnovabbli, il-vijabbiltà ekonomika, u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika.** Dan jirrikjedi strateġiji differenti kkombinati:

— Tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ tank-to-wheel (vetturi 48 V, ibridi, bl-elettriku, bl-idroġenu, b'magni b'kombustjoni interna aktar effiċjenti, eċċ.).

— Tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ well-to-wheel. L-iżvilupp ta' fjuwils elettroniċi, u bijofjuwils li huma konformi mal-SDGs tan-NU u l-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttiva dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli⁽⁵⁾ jeħtieġ l-appoġġ biex jiġi evitat impatt fuq l-użu tal-art, il-bijodiversità u l-foresti.

— Strateġija kkoordinata għal bliet nodfa (eż. permezz tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport tal-aħħar mil, soluzzjonijiet innovattivi ta' mikromobbiltà, l-ivvjaġġar intermodali).

(⁵) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

- It-tnaqqis tal-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja (il-manifattura u r-riċiklaġġ).
- It-tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet tas-settur tat-trasport (soluzzjonijiet tat-trasport intelliġenti, mobilità kondiviża). Għal kull ħtieġa ta' trasport, trid tkun disponibbli soluzzjoni ta' mobilità sostenibbli (trasport tal-merkanzija fuq distanzi twal permezz ta' bijofjuwils u fjuwils sintetiċi/idroġenu, sistemi tal-motopropulsjoni elettriċi bil-batteriji għall-konsenja urbana tal-aħħar mil) filwaqt li jiġi rispettata il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika.
- L-inkoraġġiment tal-modifika retroattiva fejn il-magna b'kombustjoni interna tiġi ssostitwita b'magna elettrika jew supplementata (ibridizzata) b'magni "in-wheel hub".
- Jitnaqqas il-piż tal-karozzi li jkunu għadhom kif ġew ikkummerċjalizzati ⁽⁶⁾.

3.2. Il-Kummissjoni għandha l-għan tistabbilixxi sistema ta' ETS kontigwa għat-trasport bit-triq u l-bini. L-iffissar ta' prezz fuq l-emissjonijiet tat-trasport bit-triq se jkun ekwivalenti għat-tassazzjoni fuq il-fjuwil (iżda b'maġġoranza kwalifikata). Id-dħul se jintuża biex jikkumpensa lil dawk li jiddependu minn vettura b'magna b'kombustjoni interna, jew għax-xogħol jew minħabba nuqqas ta' għażliet alternattivi ta' trasport. Minħabba li t-fassil ta' mekkaniżmu ta' kumpens bħal dan se jkun kumpless ħafna u l-prezzijiet oġhla tal-fjuwil se jolqtu ħażin b'mod sproporzjonat lill-gruppi b'introjtu aktar baxx, il-KESE mhuwiex konvint li din hija t-triq 'il quddiem peress li se ddgħajef l-appoġġ pubbliku għall-azzjoni klimatika. Minflok, l-isforzi biex jitnaqqas il-kost taċ-ċiklu tal-ħajja ta' sistemi tal-motopropulsjoni alternattivi, u biex jitnaqqas il-kost ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jew b'newtralità karbonika, jidhru li huma mod aħjar biex it-trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jkun jintlaħaq finanzjarjament mill-maġġoranza.

3.3. **Għandha tingħata prijorità lill-hekk imsejħa "deżerti tal-iċċarġjar"**. Illum, hemm 213 000 stazzjon tal-iċċarġjar disponibbli u 70 % tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar kollha tal-UE jinsabu kkonċentrati fi tliet pajjiżi (in-Netherlands, il-Ġermanja u Franza). B'mira ta' miljun ċarġer pubbliku sal-2025 u 3 miljuni sal-2030, **id-distakk li għandu jitnaqqas f'termini ta' żvilupp tal-infrastruttura huwa enormi** (L-Istrateġija Ewropea għall-Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti tistma li l-investimenti addizzjonali meħtieġa fl-infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil għal fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju huma ekwivalenti għal EUR 130 biljun fis-sena, għad-deċennju li jmiss). Għalhekk, il-KESE jappoġġja l-introduzzjoni ta' miri obligatorji. Bħala parti mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-proġett ewlieni "Iċċarġjar mill-ġdid u Riforniment tal-fjuwil (Recharge and Refuel)" jinkoraġġixxi biss lill-Istati Membri biex jaċċelleraw l-użu tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar mill-ġdid u tar-riforniment tal-fjuwil bħala parti mill-pjani ta' rkupru tagħhom. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lid-djar, lit-tħejjija tal-grilji għal integrazzjoni akbar tal-vetturi elettriċi, lill-interoperabbiltà tal-infrastruttura tal-iċċarġjar, lill-iżvilupp ta' servizzi intelliġenti tal-iċċarġjar (eż. permezz tal-ibbilanċjar tat-tagħbija) u lill-provvista ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Minħabba li l-vetturi tqal (HDV) kompletament elettriċi qed isiru realtà, dawn jisthoqqlhom ukoll enfasi speċifika għalihom.

3.4. Sakemm ma tinkisibx il-parità fil-prezzijiet bejn il-vetturi konvenzjonali u dawk elettriċi (prevista għall-2025-27), **se jkunu meħtieġa inċentivi finanzjarji** biex jiġi appoġġjat id-dħul fis-suq ta' vetturi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Dawn jistgħu jkunu finanzjarji (sussidji, sistemi ta' ħelsien mit-taxxa u ta' skrappjar) jew mhux finanzjarji (korsiji ta' prijorità, eżenzjonijiet mill-pedaġġ, spazji ta' parkeġġ riżervat), inkluż ambjent regolatorju koerenti għall-promozzjoni ta' investimenti fi fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-flotot ta' karozzi ekoloġiċi minħabba li dan jista' jkun lieva importanti biex titħaffef it-tranżizzjoni, u wkoll minħabba li dan se jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' suq għall-vetturi użati li għandhom newtralità karbonika u dawk b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

3.5. **Appoġġ għall-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari fl-ekosistema tal-industrija tal-karozzi**: ir-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid u l-manifattura mill-ġdid tal-karozzi u tal-parts. Il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari għandhom jiġu applikati wkoll biex jiżdied l-ammont ta' materja prima sekondarja disponibbli għall-industrija u titnaqqas id-dipendenza mill-importazzjonijiet. Madankollu, studji reċenti jissuġġerixxu li l-materjali riċiklati mhux se jilhqnu skala adegwata għas-suq qabel għaxar snin, meta jkun intlaħaq it-tul tal-ħajja tal-vetturi elettriċi. Għalhekk jeħtieġ li wieħed ikun realistiku u jifhem li l-estrazzjoni primarja hija kruċjali tal-anqas fis-snin 20 tas-seklu 21. Għalhekk, id-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista, kif ukoll strateġija ta' estrazzjoni ekoloġika u etika, jenħtieġ li jiggarrantixxu s-sigurtà tal-provvista. Barra minn hekk, ir-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva 2000/53/KE ⁽⁷⁾ dwar Vetturi li Ma Għadhomx Jintużaw jeħtieġ li tqis l-eletrifikazzjoni tal-vetturi u l-ħtieġa li jiġu żviluppanti swieq għall-materjali sekondarji.

⁽⁶⁾ Il-karozzi taħt il-1 000 kg/aktar minn 1 500 kg kienu jikkonstitwixxu rispettivament 36%/7 % ta' dawk mibjugħa fi Franza fl-1998 u 15%/16 % fl-2019 (Eurostat).

⁽⁷⁾ Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li ma' għadhomx jintużaw (ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34).

Ekonomija: Iż-żamma u l-iżvilupp tal-katina tal-provvista kollha tal-industrija tal-karozzi fl-UE

3.6. Il-promozzjoni tal-kollaborazzjoni industrijali. Il-baġis kbar ħafna għar-riċerka u l-iżvilupp (bħalissa EUR 60 biljun fis-sena) li bħalissa huma investiti fl-iżvilupp ta' mobilità dekarbonizzata, konnessa, awtomatizzata u kondiviża jirrikjedu kollaborazzjoni industrijali u sħubijiet pubbliċi-privati. F'dan ir-rigward, l-introduzzjoni ta' innovazzjoni taħt ir-raggruppament 5 (il-klima, l-enerġija, il-mobilità) tal-Orizzont Ewropa (idroġenu nadif, batteriji, mobilità konnessa u awtomatizzata, trasport bit-triq b'emissjonijiet żero, it-tmexxija tat-tranżizzjoni urbana) jistħoqqilha appoġġ sħiħ. Barra minn hekk, l-alleanzi industrijali taħt l-awspiċji tal-Kummissjoni Ewropea (bħal għall-batteriji, l-idroġenu, il-materja prima u dik imħabbra għall-Katina tal-Valur ta' Fjuwils Rinnovabbli u b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet tal-Karbonju) jipprovdu pjattaforma wiesgħa u miftuħa biex jiġu stabbiliti pjani direzzjonali strateġiċi u l-koordinazzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp, l-investimenti u l-introduzzjoni fis-suq ta' innovazzjonijiet ġodda. Fl-aħħar nett, il-ġbir flimkien tar-riżorsi pubbliċi u privati fl-IPCEIs bla dubju se jsaħħaħ il-katina Ewropea tal-provvista tal-karozzi, inaqas id-dipendenzi strateġiċi, u jrawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali doppja. Għandhom jiġu kkunsidrati IPCEIs ġodda: karozzi konnessi u awtomatizzati, ekonomija ċirkolari, integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija, provvista tal-materja prima, ekonomija tad-data, semikondutturi.

3.7. **L-isfidi tal-iżvilupp ta' katina tal-valur tal-batteriji sostenibbli u ċirkolari⁽⁸⁾ fl-UE** Il-lokalizzazzjoni tal-manifattura tal-batteriji u taċ-ċelloli tal-fjuwil jenħtieġ tkun objettiv kruċjali tal-UE. L-alleanzi tal-UE fil-qasam tal-batteriji u tal-idroġenu jistħoqqilhom jiġu appoġġjati u għandhom ikunu disponibbli riżorsi suffiċjenti għalihom. Dawn l-alleanzi industrijali għandhom iwasslu għal investimenti kbar ħafna fil-faċilitajiet tal-produzzjoni u jipprovdu eluf ta' impjiegi fl-Ewropa. Se jkollha tingħata attenzjoni biex jiġu evitati d-diskrepanzi bejn ir-reġjuni tal-Ewropa, kif inhu viżibbli bħalissa.

3.8. Il-megatendenza ta' karozzi konnessi u awtomatizzati tista' twassal għal tranżizzjoni fil-valur miżjud mill-bejgħ u mis-servizzi ta' manutenzjoni tal-vetturi lejn mudelli ġodda ta' negozju fixkiela ibbażati fuq servizzi ffaċilitati bid-data u l-mobilità bħala servizz. L-ekosistema tal-industrija tal-karozzi għandha titħejja biex tidħol u tiżgura l-preżenza tagħha f'dawn il-mudelli ġodda ta' negozju. Dan se jirrikjedi standards teknoloġiċi u regolatorji biex jiġu pprovduti servizzi innovattivi ġodda ta' mobilità bħall-ħlas għal kull użu, ir-reklamar ibbażat fuq il-post, l-aġġornamenti/il-manutenzjoni mill-bogħod tal-vetturi. Il-bini ta' spazju Ewropew tad-data dwar il-mobilità se jkun kruċjali wkoll biex tiġi żgurata tmexxija Ewropea fis-servizzi tal-mobilità diġitali. Se jkun meħtieġ ukoll li tiġi implimentata l-infrastruttura tal-komunikazzjoni diġitali meħtieġa u li jitfasslu pjani direzzjonali għal livelli dejjem akbar ta' awtomatizzazzjoni (inkluż qafas għall-itestjar fuq skala kbira, l-aċċess għad-data, u approċċ ġdid għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi). Barra minn hekk, l-impatt fit-tul ta' vetturi dejjem aktar awtomatizzati, b'mod partikolari fuq l-impjiegi u kwistjonijiet etiċi, jeħtieġ li jiġi vvalutat peress li dan se jkun importanti biex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni soċjali. Fl-aħħar nett, minħabba li t-trasport tal-merkanzija jista' jintensifika fil-futur (kummerċ elettroniku), jeħtieġ li jiġu żviluppjati soluzzjonijiet għall-mobilità tat-trasport intelliġenti ibbażati fuq l-organizzazzjoni multimodali tat-trasport, il-kosteffiċjenza (arranġamenti kkombinati ta' vetturi b'kapaċità kbira), u mezzi ta' trasport sostenibbli, bl-użu ta' soluzzjonijiet ta' awtomatizzazzjoni u konnettività fil-katina loġistika.

3.9. **It-teknoloġiji intelliġenti u s-soluzzjonijiet diġitali bbażati fuq il-“Mudell tal-Industrija 4.0”** għandhom jappoġġjaw l-integrazzjoni tas-sistemi tal-produzzjoni u jgħinu biex dawn isiru aktar flessibbli. Is-sistemi ta' produzzjoni mtejbja (mhux biss l-integrazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni fil-livell tal-kumpaniji) tul il-katina sħiħa tal-provvista se jagħmlu l-ktajjen tal-provvista tal-industrija tal-karozzi aktar reżiljenti u jirfdu l-kompetittività. Id-diġitalizzazzjoni għandha tiġi appoġġjata bil-ħolqien ta' spazju industrijali tad-data għas-settur. Madankollu, dawn it-teknoloġiji jinvolvu wkoll aktar awtomatizzazzjoni b'impatt negattiv fuq l-impjiegi, u li għandha tiġi indirizzata.

3.10. **Appoġġ għal kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fuq livell globali.** L-Ewropa għandu jkollha l-ambizzjoni li iżomm il-pożizzjoni qawwija tagħha fl-esportazzjoni fl-industrija tal-karozzi. Għalhekk, iridu jittieħdu azzjonijiet biex:

- tistinka għar-riċiprocià fir-relazzjonijiet kummerċjali (aċċess għas-suq, akkwist pubbliku, investimenti, rispett tal-IPRs, sussidji);
- tikkonkludi ftehimiet bilaterali ta' kummerċ ħieles (inkluż kapitoli dwar it-trasport bil-karozzi/bit-triq);
- tiġġieled kontra prattiki kummerċjali inġusti (sussidji, ftehimiet bilaterali ta' kummerċ ħieles, differenzi fil-prezz tal-karbonju, dumping soċjali u ambjentali);
- tippromovi kooperazzjoni internazzjonali dwar karozzi nodfa u teknoloġiji ta' fjuwil b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

⁽⁸⁾ F'dan ir-rigward, ir-rwol tar-Regolament Ewropew dwar il-batteriji huwa deskritt fid-dettall fl-Opinjoni (ĠU C 220, 9.6.2021, p. 128).

3.11. L-appoġġ għall-armonizzazzjoni teknika globali fil-qafas tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazjonijiet Uniti (UNECE) jeħtieġ li jissaħħa. **Il-konġestjonijiet fil-provvista tas-semikondutturi għall-industrija karozzi** jeħtieġ li jiġu solvuti b'azzjoni kuraġġuża. Id-domanda għas-semikondutturi se tkompli tiżdied hekk kif il-karozzi qed isiru apparati elettroniċi. F'dan ir-rigward, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proposta fl-aħħar Komunikazzjoni dwar il-politika industrijali biex jiġi żvilupp set ta' għodod għat-tnaqis u l-prevenzjoni tad-dipendenzi strateġiċi tal-Ewropa. Barra minn hekk, l-għan stabbilit fil-Kumpass Diġitali Ewropew li jirdoppja s-sehem tal-Ewropa fis-suq globali tas-semikondutturi minn 10 sa 20 % jeħtieġ appoġġ sħiħ. L-istabbiliment tat-tieni IPCEI tas-semikondutturi ċertament se jikkontribwixxi biex jintlaħaq dan l-għan. L-Istati Membri tal-UE għandhom iwettqu wkoll il-wegħda tagħhom li jonfqu 20 % tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-COVID fuq it-tranżizzjoni diġitali. Azzjonijiet ulterjuri jistgħu jinkludu l-attirar ta' investiment dirett barrani, u l-istabbiliment ta' kooperazzjoni strateġika bejn il-kumpaniji tal-karozzi u l-produtturi tas-semikondutturi. Fl-aħħar nett, l-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi jeħtieġ li jimmonitorja mill-qrib il-ħafna dipendenzi strateġiċi oħra fl-industrija tal-karozzi: il-materja prima, l-idroġenu, il-batteriji, l-enerġija rinnovabbli, it-teknoloġiji tal-cloud, eċċ.

3.12. **L-impatt tax-xenarju l-ġdid tal-industrija tal-karozzi fuq is-suq ta' wara l-bejgħ jeħtieġ li jiġi indirizzat.** Is-suq ta' wara l-bejgħ tal-karozzi, li jimpjega erba' miljun persuna, huwa mistenni li jaffaċċja tibdil strutturali profond ikkawżat minn bejgħ imnaqqas, elettrifikazzjoni, domanda mnaqqsa għall-fjuwils, bejgħ online, u manutenzjoni mnaqqsa. Is-settur se jkollu jittrasforma lilu nnifsu bħala fornitur ta' servizzi ta' mobilità: l-aġġornament tal-karozzi, il-manutenzjoni preventiva, ride-hailing, ċar-sharing, u l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju fil-mikromobbiltà. L-interessi kunfliġġenti rigward l-aċċess għad-data fil-vettura għandhom jingħelbu u għandha tiġi stabbilita pjattaforma interoperabbli u standardizzata sabiex is-suq ta' wara l-bejgħ ikun jista' jiżviluppa servizzi bbażati fuq id-data (bħad-dijanostika mill-bogħod, l-aġġornament tas-software, il-manutenzjoni preventiva).

Is-Soċjetà: L-immaniġġjar tal-bidla u l-iżgurar ta' tranżizzjoni soċjalment ġusta

3.13. It-trasformazzjoni tal-industrija tas-settur tal-karozzi se jkollha impatt drammatiku fuq l-għadd ta' impjegji meħtieġa fil-manifattura tal-karozzi u l-komponenti tagħhom, kif ukoll fuq il-profil tal-impjegji meħtieġa għall-mudell il-ġdid. Għalhekk, il-politiki tas-suq tax-xogħol għandhom jagħmlu enfasi fuq iż-żamma/iż-żieda tal-impjegabbiltà tal-forza tax-xogħol permezz ta' taġlim tul il-ħajja, u fuq il-ħolqien ta' perkorsi flessibbli bejn id-dinja tal-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol (eż. sistemi ta' taġlim doppju, swieq ta' apprendistat li jiffunzjonaw tajjeb u ċertifikazzjoni ta' taġlim mhux formali). Il-mobbiltà interna tal-ħaddiema fil-kumpaniji għandha tiġi promossa permezz ta' titjib fil-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid sabiex jiġu mgħammra bil-ħiliet tal-futur (tnaqis fix-xogħol manwali u żieda qawwija fil-ħiliet diġitali b'enfasi speċjali fuq is-software u l-inġinerija elektronika). Inizjattivi settorjali Ewropej bħal DRIVES u ALBATTs u l-inizjattiva l-ġdida "Automotive Skills Alliance" huma għodod ewlenin fl-indirizzar tal-isfida tal-ħiliet.

3.14. Għall-impjegati li jkollhom jitolqu mis-settur, **għandha tiġi organizzata tranżizzjoni bla xkiel għal impjeg ieħor.** Dawn għandhom jiġu offruti aċċess għall-impjegji l-ġodda li fil-fatt se jinħolqu f'industriji emerġenti bħall-IT, in-networks 5G, l-elettronika tal-potenza, l-infrastruttura tal-iċċarġjar, il-produzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, grilji intelliġenti, toroq intelliġenti, servizzi ta' mobilità, batteriji, fjuwils alternattivi, ħżin tal-enerġija, produzzjoni u distribuzzjoni tal-elettriku. Dan se jkun ta' sfida kbira minħabba li dawn l-impjegji probabbilment se jinħolqu xi mkien ieħor u fi żmien differenti, u b'ħiliet oħra differenti minn dawk tal-impjegji li se jisparixxu. Is-sigurtà tal-introjt għandha tiġi ggarantita matul it-tranżizzjoni. Is-sensji tal-massa jistgħu jiġu evitati wkoll permezz ta' sistemi ta' rtirar bikri, xogħol b'ħinijiet iqsar u tnaqqis fil-ħin tax-xogħol. Għandu jiġi żgurat dialoġu soċjali adatt sabiex il-bidla tkun tista' tiġi antiċipata fi żmien xieraq u biex jiġu evitati interruzzjonijiet u kunflitti soċjali.

3.15. **Jeħtieġ li jiġi identifikat b'mod ċar l-impatt tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika tas-settur** sabiex jiġu identifikati r-reġjuni u l-partijiet tal-katina tal-provvista li huma l-aktar f'riskju. M'għandhomx jidhru distakki soċjali ġodda bejn il-Lvant u l-Punent, u lanqas bejn in-Nofsinhar u t-Tramuntana tal-Ewropa. Barra minn hekk, jeħtieġ li tiġi mmonitorjata l-impronta tal-industrija li qiegħda tinbidel minħabba d-dekarbonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni. Il-progress potenzjali fl-użu tal-bijomassa sostenibbli għandu jiġi analizzat mill-qrib, peress li hawnhekk hemm ukoll opportunitajiet għall-ħolqien ta' impjegji ġodda, u fl-istess ħin trid tiġi kkunsidrata kif dovut il-ħtieġa li wieħed jibqa' fil-limiti ekoloġiċi.

3.16. Il-partijiet kollha kkonċernati (il-kumpaniji, it-trade unions, l-organizzazzjonijiet ta' raggruppamenti, l-awtoritajiet, l-aġenziji tas-suq tax-xogħol, il-korpi ta' żvilupp reġjonali) fir-reġjuni tal-industrija tal-karozzi għandhom jaħdmu flimkien b'mod intensiv fuq **pjani reġjonali komprensivi ta' żvilupp mill-ġdid.**

3.17. **L-assi mhux rekuperabbli fil-ktajjen tal-provvista tal-industrija tal-karozzi jenħtieġ jiġu evitati** billi jiġi żgurat appoġġ f'waqt u adatt għall-ħafna SMEs li ma għandhomx ir-riżorsi (umani u finanzjarji) biex ifasslu mill-ġdid l-attivitajiet tagħhom u jimxu lejn mudelli tan-negozju aktar promettenti.

3.18. **Il-mobilità individwali għandha tibqa' aċċessibbli u affordabbli għal kulħadd**, speċjalment għal dawk li jivvjaġġaw għax-xogħol u lura u m'għandhomx aċċess għal trasport pubbliku ta' kwalità jew għal soluzzjonijiet oħra ta' mobilità. Dan jista' jinkiseb billi jiġi pprovdut kumpens għall-prezz ogħla ta' sistemi ta' motopropulsjoni alternattivi, u ta' fjuwils b'newtralità karbonika jew b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju li jistgħu jintużaw f'karozza konvenzjonali. Polarizzazzjoni soċjetali bejn dawk li jistgħu jaffordjaw jixtru karozza ekoloġika u dawk li ma jistgħux jenħtieġ tiġi evitata akkost ta' kollox.

3.19. **Konklużjoni.** L-industrija Ewropea tal-karozzi minn dejjem kienet mexxejja globali u xprun għat-**tkabbir** u l-impjiegi. Fit-tranżizzjoni lejn il-mudell ta' sistema tat-trasport bit-triq diġitalizzata u dekarbonizzata, jenħtieġ li żżomm din il-pożizzjoni u tiżviluppa l-perkorsi ta' trasformazzjoni li jippermettulha tindirizza x-xejriet ta' tfixkil li l-industrija qed tiffaċċja bħalissa. Din għandha tagħmel dan billi tibni fuq il-kwalitajiet pożittivi tagħha ta' teknoloġija, ħaddiema tagħha tas-sengħa, inġinerija tal-ogħla klassi, konsumaturi eżiġenti, ktajjen ta' provvista sofistikati, kultura b'saħħitha ta' SMEs, u relazzjonijiet tax-xogħol kostruttivi. L-ekosistema Ewropea tal-industrija tal-karozzi jenħtieġ issir minn tal-ewwel fl-iżvilupp u fl-użu ta' soluzzjonijiet sostenibbli ta' mobilità. Għalhekk, l-ekosistema tal-industrija karozzi jenħtieġ tiżviluppa b'mod attiv strateġiji biex issawwar it-tfixkil kontinwu u l-megatendenzi fix-xenarju tal-industrija karozzi tal-Ewropa. **Minħabba li l-isfidi li għandha tindirizza l-katina tal-provvista tal-industrija tal-karozzi huma kbar ħafna, il-KESE jqis li huwa essenzjali li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' tranżizzjoni ġusta għas-settur sabiex jiġu stabbiliti l-miżuri ta' akkumpanjament meħtieġa biex jiġi evitat it-tfixkil soċjali u biex tiġi żgurata tranżizzjoni soċjalment responsabli.**

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-impatt soċjetali u ekoloġiku tal-ekosistema 5G”**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2022/C 105/06)

Relatur: **Dumitru FORNEA**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.3.2021
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	7.10.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	210/2/19

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE josserva li d-diġitalizzazzjoni u l-iżvilupp rapidi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi għandhom impatt qawwi fuq l-ekonomija u s-soċjetà iġenerali. Permezz tal-użu responsabbli ta' dawn it-teknoloġiji, l-umanità għandha possibbiltà storika li tibni soċjetà aħjar. Madankollu, mingħajr diliġenza dovuta u kontroll demokratiku, il-komunitajiet tagħna jistgħu jiffaċċjaw sfidi serji fl-amministrazzjoni ta' dawn is-sistemi teknoloġiċi fil-futur.

1.2. Il-KESE jirrikonoxxi li l-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet elettroniċi tista' ttejjeb ħafna l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini u għandha influwenza diretta fuq il-ġlieda kontra l-faqar. It-teknoloġija 5G tippreżenta opportunità enormi biex jitjiebu s-servizzi tas-saħħa tal-bniedem permezz tal-iżvilupp tat-telemediċina u billi jitjieb l-aċċess għall-kura medika. Ir-rwol importanti li t-telemediċina kellha matul il-pandemija huwa rikonnoxxut fis-soċjetà.

1.3. Il-KESE jinnota li d-dibattitu dwar l-implimentazzjoni tan-networks 5G inbidel f'diskussjoni kontroversjali u politika, iżda madankollu, jeħtieġ li jiġu ċċarati l-kwistjonijiet soċjali, tas-saħħa u ambjentali, bl-involvement taċ-ċittadini u tal-atturi rilevanti kollha.

1.4. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tavanza fil-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt multisetorjali ta' teknoloġiji ġodda 5G u 6G, meta jitqies li huma meħtieġa għodod u miżuri biex jiġu indirizzati r-riskji u l-vulnerabbiltajiet. Għaldaqstant, il-KESE jirrakkomanda li għandhom jiġu allokati fondi Ewropej u nazzjonali sabiex jitwettqu riċerka multidixxiplinari u studji tal-impatt profondi li jiffokaw fuq il-bniedem u l-ambjent, u biex dawn ir-riżultati jixxerrdu bil-ħsieb li jinformat lill-pubbliku u lil daww li jieħdu d-deċiżjonijiet.

1.5. Il-KESE jipproponi li l-Kummissjoni Ewropea tikkonsulta liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u permezz tal-involvement tal-istituzzjonijiet pubbliċi rilevanti kollha tista' tikkontribwixxi għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-impatt soċjetali u ekoloġiku li għandhom il-komunikazzjonijiet elettroniċi mobbli.

1.6. Il-KESE jqis li l-UE teħtieġ korp Ewropew indipendenti, b'metodoloġiji aġġornati, f'konformità mal-kuntest teknoloġiku attwali u approċċ multidixxiplinari, biex tistabbilixxi linji gwida għall-protezzjoni tal-pubbliku ġenerali u tal-ħaddiema fil-każ ta' esponiment għar-radjazzjoni elettromanjetika bil-frekwenza tar-radju.

1.7. Il-KESE jirrakkomanda li l-istazzjonijiet kollha ta' trażmissjoni bil-frekwenza tar-radju u l-meded ta' frekwenza li joperaw fuqhom jtniżzlu f'inventarju u li din l-informazzjoni tiġi ppubblikata għal ġestjoni territorjali aħjar u għall-protezzjoni tal-interessi taċ-ċittadini, b'mod partikolari ta' gruppi vulnerabbli (tfal, nisa tqal, persuni morda b'mod kroniku, l-anzjani, persuni li jbatu minn elettropersensittività). Jeħtieġ li jitqiesu wkoll is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

1.8. Il-KESE jappoġġja l-idea li t-tagħmir tan-network 5G irid ikun iddisinjat, mill-fabbrika, b'kapaċitajiet li jipprovdu informazzjoni pubblika f'ħin reali dwar il-potenza tal-emissjonijiet u dwar parametri tekniċi oħra rilevanti għall-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u l-pubbliku ikkonċernat. Din id-data trid tkun ċentralizzata, ġestita u żvelata mill-awtoritajiet kompetenti.

1.9. Il-KESE jemmen li l-monitoraġġ u l-kontroll tat-tniġġis elettromanjetiku jridu jitwettqu abbażi ta' approċċ xjentifiku interistituzzjonali u interdixiplinari rigoruż, appoġġjat mill-forniment ta' tagħmir modern għall-kejl tal-parametri tan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, sabiex l-effetti kumulattivi fuq perjodi itwal ta' żmien jiġu enfasizzati u evalwati kif xieraq.

1.10. Filwaqt li ma hemm l-ebda data xjentifika rikonoxxuta li turi impatt negattiv tal-5G fuq is-saħħa tal-bniedem, il-KESE jemmen li l-aspetti soċjali, tas-saħħa u ambjentali tal-5G jeħtieġ li jiġu monitorjati kontinwament f'konformità mal-prinċipju tal-prekawżjoni. Dan jirrikonoxxi t-tħassib dwar l-effetti fuq is-saħħa, inklużi l-intensità tal-esponiment termali u mhux termali u l-effetti fit-tul ta' tali esponiment. Xi reġjuni/żoni se jikkonċentraw aktar esponiment minn oħrajn, u f'każijiet bħal dawn, għandhom jiġu kkunsidrati miżuri speċifiċi, inkluża r-rakkomandazzjoni biex tiġi estiża l-applikazzjoni tal-prinċipju ALARA biex jiġu limitati l-effetti tar-radżazzjoni elettromanjetika ġġenerata min-networks 5G.

1.11. Il-KESE jinnota li l-esponiment tal-popolazzjoni għal varjetà ta' kampi elettromanjetiċi huwa kważi impossibbli li jiġi evitat. Meta jiġu rieżaminati l-valuri tal-limitu ta' esponiment fid-Direttiva Ewropea dwar ir-rekwiżiti minimi tas-saħħa u s-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu minn aġenti fiżiċi (kampj elettromanjetiċi) ⁽¹⁾, l-imsieħba soċjali għandhom ikunu involuti mill-bidu nett. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-effetti mhux termali.

1.12. Il-miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà jridu jissaħħu u jiġu kkonsolidati permezz ta' monitoraġġ rigoruż tal-livelli ta' radżazzjoni u permezz tal-applikazzjoni stretta ta' standards ta' sigurtà għal persuni li jaħdmu qrib sorsi ta' radżazzjoni elettromanjetika.

1.13. Il-KESE jinnota l-ħtieġa li jiġu aġġornati l-mekkaniżmi istituzzjonali li għandhom l-għan li jiproteġu d-drittijiet tal-bniedem kollha fil-kuntest il-ġdid tal-iperdigitalizzazzjoni, l-iperawtomatizzazzjoni u l-iperkonnnettività f'faċilitati mill-implimentazzjoni tal-5G, meta jitqies li kwalunkwe żvilupp teknoloġiku jrid jinkorpora dawn il-valuri universali li jirrappreżentaw dimensjoni valida u meħtieġa fil-valutazzjoni tar-rapport dwar il-benefiċċji meta mqabbla mal-ispejjeż.

1.14. Il-KESE jifhem it-tħassib taċ-ċittadini dwar l-iżgurar li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-proprjetà taġghom fid-distribuzzjoni tal-antenni jew id-dritt li jkollhom kontroll fuq ġisimhom stess fil-kuntest tan-networks 5G li jestendu kullimkien, minn djarhom stess sa satellita f'orbita. Id-dritt għall-proprjetà u l-għażliet tan-nies iridu jiġu rrispettati. Id-definizzjoni ta' kunsens infurmat għandha tkun garantita, sabiex iċ-ċittadin ikollu dritt reali għal kunsens liberu, kompletament infurmat u validu.

1.15. Il-KESE jappoġġja t-tiħiħ tal-kapaċitajiet Ewropej għall-prevenzjoni u l-protezzjoni mir-riskju ċibernetiku u l-edukazzjoni dwaru, kemm billi jissaħħu l-istituzzjonijiet rilevanti bħall-ENISA kif ukoll billi jinħolqu strumenti teknoloġiċi, istituzzjonali u legali biex jiġi żgurat li jiġu rrispettati d-drittijiet taċ-ċittadini. Sabiex tirrimedja ċertu theddid għas-sigurtà, l-UE jeħtieġ tinvesti aktar fil-bini tat-teknoloġija taġgha stess u fl-appoġġ għall-industrija u l-iżviluppaturi tat-teknoloġija. Aktar importanti minn hekk, dawn l-azzjonijiet għandhom jifasslu apposta biex jinċentivaw lill-SMEs Ewropej biex jiżviluppaw infrastruttura tal-5G sigura u affidabbli.

2. Introduzzjoni

2.1. Il-5G mhijiex teknoloġija ġdida fiha nnifisha; hija żvilupp ta' teknoloġiji eżistenti (minn 1G sa 4G) u se teżisti flimkien magħhom. Dan se jirriżulta f'network imħallat ta' networks: għadd akbar ta' meded ta' frekwenzi tar-radju aktar varjati, firxa ta' apparati li jiskambjaw id-data u għadd kbir ta' interazzjonijiet mal-utenti. Uħud mit-tagħmir il-ġdid u mit-teknoloġiji l-ġodda użati jista' jkollhom effetti differenti mill-ġenerazzjonijiet preċedenti.

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2013/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti minimi tas-saħħa u s-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu minn aġenti fiżiċi (kampj elettromanjetiċi) (l-20 Direttiva individwali skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) u li tħassar id-Direttiva 2004/40/KE (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 1).

2.2. It-teknoloġija 5G għandha tippermetti l-iperkonnnettività bla fili, il-kapaċità li tkopri u tgħaqqad għadd kbir ta' apparati u veloċità ta' trasferiment ħafna aktar mgħaġġla mkejla f'Gbps. Dan se jinkiseb permezz ta' aggregazzjoni tal-ispettru ta' tiswir ta' raġġi u permezz ta' konnessjonijiet paralleli multipli bl-użu kemm ta' antenni Massive MIMO (l-istazzjon bażi b'arranġament f'fażijiet tal-operatur) kif ukoll ta' antenni MIMO regolari (l-apparat proprju tal-klijent) u latenza baxxa (millisekondi għall-infrastruttura proprja tal-operatur iżda mhux mal-bqija tal-Internet).

2.3. Studju li twettaq fl-2019 mill-GSMA juri li l-kapaċitajiet il-ġodda tan-network 5G huma meħtieġa għal sewqan awtonomu, għar-realtà virtwali, għar-realtà awmentata u għall-"Internet tattili"; l-applikazzjonijiet l-oħra jistgħu jitwasslu permezz tat-teknoloġija attwali (4G LTE u fibra ottika). It-teknoloġija 5G se thaffek ukoll it-tranżizzjoni għall-Industrija 4.0 u se tiffaċilita l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ibbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali, u għalhekk, din it-teknoloġija titqies bħala element ewlieni u meħtieġ fl-iżvilupp ta' ekonomija moderna, dejjem aktar awtomatizzata u diġitalizzata.

2.4. Hemm komunitajiet ta' xjenzati madwar id-dinja li ppreżentaw evidenza ^(?) li hemm raġuni valida għal tħassib dwar il-fatt li l-ġisem tal-bniedem u ta' organiżmi bijoloġiċi oħra jiġu esposti fit-tul u kullimkien għall-firxa ta' frekwenzi tal-mikromewġ użati min-networks 5G u tas-sezzjonijiet u l-frekwenzi tar-radju ta' 10-20-30 gigahertz jew aktar speċifiċi għat-teknoloġija 5G, kif ukoll l-effetti dannużi potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem, il-bijodiversità u l-ambjent. Madankollu, s'issa, l-awtoritajiet pubbliċi tal-UE u nazzjonali rilevanti kkomunikaw li ma hemm l-ebda prova xjentifika tal-impatt negattiv tal-5G fuq is-saħħa tal-bniedem. Id-WHO tiddikjara li "sal-lum, u wara ħafna riċerka mwettqa, l-ebda effett negattiv fuq is-saħħa ma ġie marbut b'mod kawżali mal-esponiment għat-teknoloġija bla fili".

2.5. Flimkien mat-teknoloġiji emerġenti li tiffaċilita, il-5G iġġib inċertezza u bħal fil-każ ta' kull teknoloġija ġdida, xi effetti li jistgħu jkunu għadhom ma jidhrux. Sabiex tiġi indirizzata b'mod xieraq kwalunkwe kwistjoni dwar l-impatt tal-5G fuq is-saħħa pubblika u sabiex jiġi evitat li l-opinjoni pubblika tkun il-vittima ta' diżinformazzjoni, is-soċjetà ċivili tqis li hija meħtieġa governanza antiċipatorja xierqa, bl-applikazzjoni tal-*prinċipju ta' prekawzjoni* għall-proċess leġiżlattiv Ewropew għar-regolamentazzjoni ta' din il-ġenerazzjoni teknoloġika ġdida ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

3. Kummenti ġenerali

3.1. B'mod ġenerali, l-istituzzjonijiet internazzjonali, il-korporazzjonijiet u l-awtoritajiet nazzjonali huma ħerqana b'mod evidenti fir-rigward tal-vantaġġi li se iġġib it-teknoloġija 5G. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġi studjat jekk jistax ikun li jirriżultaw effetti negattivi hekk kif l-ekosistema 5G tiżviluppa, u b'mod impliċitu, il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-aċċettazzjoni soċjali ta' dawn l-infrastrutturi u s-servizzi li għandhom impatt sinifikanti fuq is-soċjetà.

3.2. Bl-iżvilupp rapidu tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni elettronika u tal-infrastruttura tal-Internet, qed ikun hemm dibattitu dejjem akbar fost il-pubbliku ġenerali u s-soċjetà ċivili organizzata fil-pajjiżi żviluppatti dwar il-ħtieġa li jithaffek b'mod esponenzjali l-iżvilupp tan-networks tal-ICT u l-benefiċċji li jirriżultaw minn dan. L-awtoritajiet pubbliċi jeħtieġ li jirrikonoxxu l-isfidi marbuta mal-modi kif dawn is-sistemi teknoloġiċi jistgħu potenzjalment jaffettwaw l-ambjent, l-organiżmi ħajjin jew id-drittijiet ċivili tan-nies.

3.3. Fil-livell Ewropew, it-tħassib dwar l-effetti potenzjali tat-tniġġis elettromanjetiku fuq is-saħħa huwa stabbilit fil-premessa 31 tad-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ^(?): "Approċċ koerenti għall-awtorizzazzjoni tal-ispettru fl-Unjoni għandu jieħu kont sħiħ tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika mill-kampijiet elettromanjetiċi li hija essenzjali għall-benesseri taċ-ċittadini". Filwaqt li tiġi osservata r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-limitazzjoni tal-esponiment tal-pubbliku ġenerali għall-kampijiet elettromanjetiċi (0 Hz sa 300 GHz), huwa essenzjali li jiġi żgurat monitoraġġ kostanti tal-effetti jonizzanti u mhux jonizzanti tal-użu tal-ispettru fuq is-saħħa, inklużi l-effetti kumulattivi fuq il-ħajja reali tal-użu tal-ispettru f'diversi frekwenzi minn għadd dejjem akbar ta' tipi ta' tagħmir.

^(?) <https://ehtrust.org/environmental-health-trust-et-al-v-fcc-key-documents/>

^(?) Id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika dwar l-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7).

4. Kummenti speċifiċi

It-teknoloġija 5G u l-impatt fuq id-drittijiet ċivili tan-nies

4.1. F'dawn l-aħħar snin, diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-UE u f'pajjiżi oħra ħarġu twissijiet dwar l-effetti dannużi u kriżijiet kumplessi u serji li jistgħu jiġu kkawżati minn nuqqas ta' kontroll demokratiku u ta' trasparenza u minn theddid għas-sigurtà li jirriżulta mid-dipendenza mit-teknoloġiji provduti minn atturi ta' pajjiżi terzi.

4.2. L-industrija tal-komunikazzjoni elettronika u l-applikazzjonijiet fixkiela tat-tip 5G li toffri huma bbażati fuq l-isfruttar ta' żewġ riżorsi importanti ħafna. L-ewwel nett, l-użu tal-ispettru tal-frekwenza tar-radju. Din hija riżorsa naturali limitata li hija proprjetà tan-nies u ġestita fisimhom mill-gvernijiet nazzjonali permezz ta' aġenziji nazzjonali jew korpi pubbliċi oħrajn li jikru dawn ir-riżorsi lil operaturi tal-komunikazzjoni elettronika.

4.3. Riżorsa essenzjali oħra hija l-aċċess għad-data u l-metadata tal-konsumaturi u tal-individwi. Bl-iżvilupp tas-suq tas-servizzi diġitali, din id-data hija ta' valur kbir u toffri benefiċċji kbar ħafna lill-kumpaniji li jużawha. Uħud mill-isfidi f'dan ir-rigward ġew enfazzzati fl-Opinjoni tal-KESE dwar l-Istrateġija għad-Data⁽⁴⁾.

4.4. Meta jitqies dan ta' hawn fuq, għandu jiġi sottolinjat li l-5G u l-kondiviżjoni u l-aggregazzjoni tad-data, bħal ħafna teknoloġiji oħra, huma għodda b'saħħitha li tista' tintuża biex issaħħaħ is-soċjetà ċivili, taġġmel is-servizzi pubbliċi aktar effettivi u affidabbli, u tnaqqas l-inugwaljanzi billi tagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku. Għalhekk, l-UE u l-Istati Membri għandhom jisfruttaw it-teknoloġija 5G biex itejbu l-aċċess għal data ta' kwalità għolja u jiżviluppaw infrastruttura tal-amministrazzjoni diġitali (amministrazzjoni elettronika) aħjar, u b'hekk iqarrbu l-istituzzjonijiet pubbliċi u demokratiċi lejn iċ-ċittadin.

4.5. Konsegwentement, l-iżvilupp responsabbli u sostenibbli tal-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet elettroniċi għandu jtejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini ordinarji, speċjalment fir-reġjuni u l-pajjiżi inqas żviluppati. L-iżvilupp ta' dawn it-teknoloġiji għalhekk għandu influwenza diretta fuq il-ġlieda kontra l-faqar.

4.6. Sabiex in-networks 5G jiġu introdotti b'pass mgħaġġel, l-Unjoni Ewropea, permezz tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁾ (l-Artikoli 42, 43 u 44), ħolqot qafas regolatorju li jiffaċilita l-aċċess tal-operaturi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi għall-proprjetà li fuqha jeħtieġ li jiġu installati t-tagħmir u l-faċilitajiet infrastrutturali li huma essenzjali għall-iżvilupp ta' dawn in-networks. Is-soċjetà ċivili tissorvelja l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, sabiex it-traspożizzjoni tad-direttiva ma twassalx għal derogi mhux kostituzzjonali mill-garanzija tad-drittijiet ta' proprjetà taċ-ċittadini.

L-impatt tal-ekosistema 5G fuq l-ambjent

4.7. Xi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indikaw l-impatt ambjentali potenzjali tan-networks 5G il-ġodda. Uħud mill-allegazzjonijiet taġġhom huma relatati ma' dispożizzjoni insuffiċjenti magħmula għal studji tal-impatt ambjentali, jew mekkaniżmi u miżuri mhux xierqa biex titnaqqas l-impronta enerġetika tal-infrastruttura tan-network 5G jew biex jiġi promoss ir-riċiklaġġ tal-iskart elettroniku⁽⁶⁾.

4.8. Sabiex titwettaq evalwazzjoni xierqa tal-impatt tal-5G fuq l-ambjent u l-klima, l-awtoritajiet pubbliċi jridu jqisu aspetti bħall-emissjonijiet ta' gassijiet serra⁽⁷⁾, id-disponibbiltà u l-konsum ta' materja prima kritika, l-ammont (u s-sorsi) ta' enerġija użata mill-oġġetti kollha konnessi u użati fl-IoT, kif ukoll l-ammont (u s-sorsi) ta' enerġija użata għat-trasport ta' data bla fili u għat-tħaddim ta' punti ta' ċentralizzazzjoni u tranżitu tad-data.

4.9. Bl-introduzzjoni tal-5G u tal-Internet tal-Oġġetti, se jiżiedu biljuni ta' elementi ġodda tan-network 5G, u oġġetti domestiċi (oġġetti elettroniċi u tagħmir domestiku, faċilitajiet, eċċ.) se jiżiedu mal-kategorija tal-iskart elettroniku (*e-skart*)⁽⁸⁾, li għandu jitqies fil-kuntest tal-kunċett tal-ekonomija ċirkolari kif ukoll fil-politiki dwar l-iskart zero.

⁽⁴⁾ TEN/708 (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 290).

⁽⁵⁾ Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

⁽⁶⁾ <https://www.greenpeace.org/static/planet4-eastasia-stateless/2021/05/a5886d59-china-5g-and-data-center-carbon-emissions-outlook-2035-english.pdf>

⁽⁷⁾ https://www.hautconseilclimat.fr/wp-content/uploads/2020/12/rapport-5g_haut-conseil-pour-le-climat.pdf

⁽⁸⁾ <https://www.itu.int/en/ITU-D/Climate-Change/Pages/Global-E-waste-Monitor-2017.aspx>

Tħassib dwar l-impatt tan-networks 5G fuq is-saħħa tal-bniedem u l-organiżmi ħajjin

4.10. It-teknoloġija 5G tippreżenta opportunità enormi biex tittejjeb is-saħħa tal-bniedem. L-iżvilupp tal-infrastruttura tal-ICT u l-inkorporazzjoni tal-5G se jgħaġġlu l-pass fl-avvanz tat-telemediċina, inkluż permezz tal-kunċett tal-Internet tal-oġġetti. Il-5G se jippermetti li ssir kirurġija kumplessa mill-bogħod, u b'hekk jitjieb ħafna l-aċċess għal kura medika ta' kwalità għolja, speċjalment għal dawki li ma jaffordjawn jivvjaġġaw barra mill-pajjiż sabiex jirċievu t-trattament li jeħtieġu.

4.11. L-iżvilupp tat-telemediċina huwa partikolarment importanti fi żminijiet ta' pandemija, meta l-aċċess stazzjonarju għall-kura medika jonqos ħafna. Barra minn hekk, it-teknoloġija 4G ippermettiet l-iżvilupp ta' telerradjoloġija. L-infrastruttura tal-ICT ippermettiet li l-pazjenti ssirilhom dijanjosi mill-bogħod (MRI, CT) u jirċievu servizz mediku ta' kwalità, irrispettivament mill-post. It-teknoloġija tal-5G se tkompli tiżviluppa dak il-proċess, u tippermetti li n-nies ikollhom aċċess aħjar għad-dijanjożtika u għas-servizzi mediċi diretti li jitwettqu mill-bogħod.

4.12. Min-naħa l-oħra, l-iżvilupp teknoloġiku rapidu tal-aħħar 20 sena wassal għal żieda fil-kampi elettromanjetiċi u b'mod impliċitu għal żieda fit-tniġġis minħabba dan l-elettrosmog. L-impatt tal-elettrosmog jeħtieġ li jiġi indirizzat b'approċċ ibbażat fuq l-evidenza sabiex jiġi evalwat ir-riskju reali.

4.13. L-ipersensittività elettromanjetika jew l-intolleranza elettromanjetika hija marda li ġiet rikonoxxuta mill-Parlament Ewropew⁽⁹⁾, mill-KESE⁽¹⁰⁾ u mill-Kunsill tal-Ewropa⁽¹¹⁾. Din taffettwa għadd ta' persuni, u bl-introduzzjoni tal-5G (li tirrikjedi network elettroniku ħafna aktar dens) huwa mistenni li din il-kundizzjoni taffettwa aktar nies.

4.14. Fuq livell globali, saru studji li jikkonkludu li l-effetti bijoloġiċi tar-radjazzjoni elettromanjetika ma jippreżentaw l-ebda riskju għas-saħħa, dment li jiġu ssodisfati l-istandards nazzjonali jew tal-ICNIRP. Fl-istess ħin, mis-snin 70 sal-lum⁽¹²⁾ saru wkoll studji li kkonkludew li hemm perikli għas-saħħa tal-bniedem⁽¹³⁾.

4.15. Frapporti dwar tħassib relatat mal-esponiment fit-tul tan-nies għall-kampi elettromanjetiċi ġġenerati mit-teknoloġija 5G li saru fl-2019 u fl-2020 rispettivament, il-Kummissjoni Ewropea u l-Kummissjoni Federali tal-Komunikazzjonijiet (FCC)⁽¹⁴⁾ isostnu li ma hemm l-ebda prova xjentifika soda jew kredibbli ta' problemi tas-saħħa kkawżati mill-esponiment għall-enerġija tal-frekwenza tar-radju emessa mit-telefonija mobbli.

4.16. Bosta snin ilu, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa kklassifikat il-kamp elettromanjetiku prodott mill-frekwenzi tar-radju bħala karċinoġenu possibbli; issa hija għandha pożizzjoni simili għal dik tal-awtoritajiet tal-UE u tal-Istati Uniti. Madankollu, bl-introduzzjoni tan-networks 5G, hija ħabbret li fl-2022 se twettaq evalwazzjoni oħra tar-riskji tal-kampi elettromanjetiċi għall-ispettru tal-frekwenza tar-radju (minn 3 kHz sa 3 000 GHz)⁽¹⁵⁾.

4.17. Il-verżjoni finali tar-Riżoluzzjoni 1815 tas-27 ta' Mejju 2011 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar *Il-periklu potenzjali tal-kampi elettromanjetiċi u l-effetti tagħhom fuq l-ambjent* twissi dwar l-impatt tat-tniġġis elettromanjetiku fuq is-saħħa tal-bniedem u tinkludi sett ta' rakkomandazzjonijiet ġenerali u speċifiċi għal approċċ konsistenti fuq terminu medju u twil għall-isfidi ppreżentati mill-proliferazzjoni tat-telefonija mobbli. Dan id-dokument jissottolinja l-hteġa li jittieħdu l-miżuri raġonevoli kollha biex jitnaqqas l-esponiment għall-kampi elettromanjetiċi f'konformità mal-prinċipju ALARA⁽¹⁶⁾, li jrid jiġi applikat fil-każ ta' radjazzjoni jonizzanti.

⁽⁹⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' April 2009 dwar preokkupazzjonijiet rigward is-saħħa marbuta mal-kampi elettromanjetiċi (2008/2211 (INI)) 28. https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-6-2009-0216_EN.html?redirect

⁽¹⁰⁾ L-Opinjoni tal-KESE dwar Introduzzjoni sigura tal-5G – sett ta' għodod tal-UE (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 281).

⁽¹¹⁾ Riżoluzzjoni 1815 (2011) verżjoni finali, Artikolu 8.1.4 <http://assembly.coe.int/nw/xml/XRef/Xref-XML2HTML-en.asp?fileid=17994>

⁽¹²⁾ <https://bioinitiative.org/updated-research-summaries/>

⁽¹³⁾ Defence Intelligence Agency – “Biological Effects of Electromagnetic Radiation (Radiowaves and Microwaves)” (L-Effetti Bijoloġiċi tar-Radjazzjoni Elettromanjetika (Radjumewġ u Mikromewġ)) – Marzu 1976.

⁽¹⁴⁾ Il-pożizzjoni tal-FCC ġiet ikkontestata fil-qorti mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-Istati Uniti: <https://ehtrust.org/eht-takes-the-fcc-to-court/>

⁽¹⁵⁾ Skont ir-Regolamenti dwar ir-Radju tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT).

⁽¹⁶⁾ L-aktar baxx raġonevolment possibbli – il-prinċipju ALARA jintuża meta jiġu stabbiliti programmi, għas-salvagwardja kontra r-radjazzjoni jonizzanti.

4.18. Hemm studji li jsostnu li l-effetti tar-radjazzjoni rilaxxata mill-mobiles u mill-infrastruttura tal-komunikazzjoni mingħajr fili (anke emissjonijiet mhux termali) joħlqu riskji għas-saħħa tal-bniedem minn perspettiva newronali, riproduttiva, onkoloġika u ġenotossika⁽¹⁷⁾. Madankollu, l-istituzzjonijiet rilevanti jqisu, abbażi tal-valutazzjonijiet u l-metodoloġiji tagħhom stess, li r-radjazzjoni rilaxxata mit-telefonija mobbli u mill-infrastruttura tal-komunikazzjoni bla fili hija sikura għall-bnedmin.

4.19. Kif imsemmi hawn fuq, hemm studji li eżaminaw l-impatt tar-radjazzjoni elettromanjetika fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali. Madankollu, ftit li xejn huwa ċċarat u saħansitra inqas huwa kkomunikat fir-rigward tal-impatt kumpless li l-esponiment għar-radjazzjoni elettromanjetika mhux jonizzanti jista' jkollu bħala effett mhux termali fuq il-flora u l-fawna. L-aktar studji magħrufa jirreferu għall-impatt sinifikanti u immedjat fuq l-ispeċi dakkara u l-għasafar, iżda x-xjenzati huma mħassba ħafna dwar l-impatt fit-tul tal-emissjonijiet elettromanjetiċi fuq l-ekosistemi ħajjin.

Allegazzjonijiet rigward il-linji gwida tal-ICNIRP⁽¹⁸⁾

4.20. Il-Kummissjoni Ewropea u l-maġġoranza l-kbira tal-gvernijiet nazzjonali madwar id-dinja jużaw il-linji gwida tal-ICNIRP meta jistabbilixxu limiti għall-esponiment tal-pubbliku għar-radjazzjoni tal-kamp elettromanjetiku. Il-linji gwida tal-ICNIRP aġġornati u ppubblikati fl-2020 qiesu wkoll it-tiswir tar-raġġi u l-frekwenzi – parametri li huma speċifiċi għall-5G, iżda l-aggregazzjoni tal-frekwenzi u d-densità akbar tal-konnessjonijiet ma ġewx ikkunsidrati.

4.21. Minkejja l-fatt li l-ICNIRP tikkomunika b'dettall kbir il-metodi xjentifiċi użati biex jiġu stabbiliti l-linji gwida dwar il-protezzjoni, din tirrikonoxxi biss l-effetti termali prodotti mir-radjazzjoni elettromanjetika bħala potenzjalment ta' ħsara.

4.22. L-istudju STOA li twettaq mill-Parlament Ewropew⁽¹⁹⁾, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-Riżoluzzjoni Nru 1815 tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2011, jargumenta favur il-konformità mal-prinċipju tal-prekawzzjoni, ir-rieżami tal-limiti proposti mill-ICNIRP u l-adozzjoni ta' miżuri tekniċi u amministrattivi biex jitnaqqas l-impatt tat-tniġġis elettromanjetiku ġġenerat mill-komunikazzjonijiet elettroniċi.

4.23. Il-miżuri proposti jfittxu li jiżguraw arkitettura aktar responsabbli għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni (it-tqegħid ta' antenni u tagħmir speċifiku ieħor), biex jiġi żgurat li l-pubbliku ġenerali jkun infurmat dwar l-effetti potenzjali tat-tniġġis elettromanjetiku u l-għażliet disponibbli għalihom biex jitnaqqas l-impatt tal-esponiment għar-radjazzjoni elettromanjetika, biex tiġi żviluppata l-kapaċità għall-monitoraġġ tal-kampi elettromanjetiċi, eċċ. Għandhom jingħataw fondi Ewropej u nazzjonali sabiex jitwettqu riċerka multidixxiplinari u studji tal-impatt aktar profondi fuq il-bniedem u l-ambjent, u biex ir-riżultati jixxerrdu bil-ħsieb li jinfurmaw lill-pubbliku u lil daww li jieħdu d-deċiżjonijiet.

Iċ-ċibersigurtà 5G – Għodod, miżuri u l-effettività tagħhom

4.24. Il-KESE diġà enfasizza ħafna mill-isfidi taċ-ċibersigurtà fl-Opinjoni tiegħu dwar Introduzzjoni sigura tal-5G fl-UE – Implimentazzjoni tas-sett ta' għodod tal-UE⁽²⁰⁾. Il-vulnerabbiltajiet ċibernetiċi mhux solvuti fil-4G se jiġu amplifikati fil-5G. Dawn jinsabu fil-livell tekniċu tal-arkitettura, it-topoloġija u l-protokoll, kif identifikati mill-ENISA⁽²¹⁾ u li, skont ir-Rapport tal-NIS⁽²²⁾, għadhom ma jstgħux jiġu indirizzati b'miżuri effiċjenti.

4.25. Sabiex tirrimedja ċertu theddid għas-sigurtà, l-UE jeħtieġ tinvesti aktar fil-bini tat-teknoloġiji tagħha stess u fl-appoġġ għall-industrija u l-iżviluppaturi tat-teknoloġija. Aktar importanti minn hekk, dawn l-azzjonijiet għandhom jitfasslu apposta biex jincientivaw lill-SMEs Ewropej biex jiżviluppaw infrastruttura tal-5G sigura u affidabbli.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹⁷⁾ Pereżempju, l-istudju Ewropew REFLEX (2004) li twettaq f'isem l-UE minn 12-il istituzzjoni akkademika b'baġit totali ta' aktar minn EUR 3 miljun, b'kontribuzzjoni ta' EUR 2,059 miljun mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁸⁾ Il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni Mhux Jonizzanti.

⁽¹⁹⁾ <https://www.home-biology.com/images/emfsafetylimits/EuropeanParliamentSTOA.pdf>

⁽²⁰⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 281.

⁽²¹⁾ https://www.enisa.europa.eu/publications/enisa-threat-landscape-report-for-5g-networks/at_download/fullReport

⁽²²⁾ https://ec.europa.eu/newsroom/dae/document.cfm?doc_id=64468

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ġenerazzjoni li Jmiss — Rieżami tal-pjan ta’ azzjoni ta’ 15-il punt”**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2022/C 105/07)

Relatur: **Tanja BUZEK**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.3.2021
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni
Adottata fis-sezzjoni	28.9.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	236/2/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-kummerċ jeħtieġ il-qafas ta’ politika t-tajeb biex jixpruna t-tkabir, il-ħolqien tax-xogħol deċenti, l-iżvilupp sostenibbli u jappoġġja rkupru ekonomiku sostenibbli mill-kriżi tal-COVID-19, li jippermetti lill-kumpaniji jibnu mill-ġdid u jorganizzaw mill-ġdid il-ktajjen tal-provvista u tal-valur imfixkla tagħhom. Is-sena 2021 hija punt kruċjali biex il-governanza kummerċjali tal-UE terġa’ tiġi kkunsidrata u l-KESE jappoġġja t-triq il-ġdida miftuħa, sostenibbli u assertiva tagħha.

1.2. Il-kapitoli tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli jesprimu l-impenn tal-UE għal “aġenda kummerċjali bbażata fuq il-valuri” li trawwem l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali simultanjament. L-indirizzar tan-nuqqas ta’ konformità u t-titjib tal-implimentazzjoni tal-impenni tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli huma kruċjali biex jinkisbu standards għoljin tax-xogħol u tas-sostenibbiltà permezz tal-għodod kummerċjali. Kemm fil-livell bilaterali kif ukoll f’dak globali, l-UE għandha tistabbilixxi parametri referenzjarji ambizzjużi tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli ma’ msieħba kummerċjali tal-istess fehma li lesti biex imexxu.

1.3. Il-KESE jilqa’ r-rieżami bikri tal-pjan ta’ azzjoni ta’ 15-il punt, u jistenna li dan jegħleb il-qafas limitat u “kompartmentalizzat” tiegħu stabbilit fl-2018. Il-kapitoli tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli li ma jissodisfawx bis-sħiħ l-impenni legalment vinkolanti tagħhom iwasslu lill-KESE biex jipproponi rieżami ambizzjuż, li jinkludi approċċ ta’ infurzar sanzjonabbli mġedded b’monitoraġġ aktar b’saħħtu tas-soċjetà ċivili, permezz ta’ strumenti innovattivi u bit-tisħiħ tal-ingranaġġ għal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Dawn il-“kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli tal-ġenerazzjoni li jmiss” iridu jkun parti integrali mill-istrateġija kummerċjali tal-UE, li tapplika kemm għall-mandati ta’ negozjar attwali kif ukoll għal dawk futuri.

1.4. Approċċ ġdid jibda bit-tkissir tal-kompartmentazzjoni. L-implimentazzjoni u l-infurzar tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli b’suċċess jirrikjedu interazzjoni qawwija, strutturata u aktar kollaborattiva tal-atturi. L-iskambju bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi internazzjonali, u l-aktar importanti, tagħhom il-koll mal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi u fost il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi. Bħala l-korp rikonoxxut fil-livell internazzjonali, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) għandha tkun involuta fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjonijiet tal-ILO fil-ftehimiet ta’ kummerċ ħieles.

1.5. Il-problemi ewlenin spiss jirriżultaw mill-bidu nett. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza li jiġu żgurati impenni ta’ qabel ir-ratifika ta’ konvenzjonijiet internazzjonali ewlenin jew pjani direzzjonali vinkolanti u infurzabbli fi ħdan il-kapitolu tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli nnifsu, bi skedi ta’ żmien ċari dwar ir-ratifika tagħhom. L-ewwel każ ta’ infurzar tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli li qatt kien hemm skont il-mudell attwali kkonferma li terminoloġija vaga ma kinitx biżżejjed.

1.6. It-tliet dimensjonijiet kollha tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli huma marbuta flimkien u ma jridux jiġu indirizzati b’mod kompartmentalizzat. Il-KESE jilqa’ r-rwol attiv tan-negozju fit-twertiq tal-isforzi biex jiġi żgurat kummerċ sostenibbli u jara rwol pożittiv għalihom fil-promozzjoni ta’ opportunitajiet ta’ azzjoni dwar il-klima, pereżempju għall-industrija tat-teknoloġija nadifa b’attenzjoni speċjali fuq l-SMEs. Il-kapitoli tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli jridu jiżviluppaw rabtiet aktar profondi mad-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi

Multinazzjonali u l-Politika Soċjali (Dikjarazzjoni dwar l-MNEs), jippromovu r-ratifika tal-Konvenzjonijiet tagħha, u mal-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) għall-Intrapriżi Multinazzjonali, speċjalment l-isfel mill-katina tal-provvista.

1.7. Bidla effettiva fil-prattika tirrikjedi li wieħed imur lil hinn mill-kapitoli klassiċi tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u jqs is-sinjura kbira ta' strumenti ta' politika addizzjonali. Il-KESE jappella għal allokkazzjoni kondizzjonali tal-akkwist pubbliku lil kumpaniji minn pajjiżi li jikkonformaw mal-istandards ewlenin tal-ILO u mal-Ftehim ta' Pariġi. Huwa jappella wkoll għal leġiżlazzjoni ambizzjuża tal-UE dwar id-diliġenza dovuta obbligatorja bħala miżura ewlenija oħra ta' akkumpanjament. L-investituri barranin għandhom jintalbu jikkonformaw mad-diliġenza dovuta qabel ma jkunu jistgħu jibbenefikaw minn ftehim ta' investiment internazzjonali. Il-miżuri għandhom jiġu kkomplementati b'azzjoni kontra l-ħasil tal-flus, ir-reati fiskali u l-evitar tat-taxxa, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni biex jinkiseb kummerċ sostenibbli.

1.8. L-iżvilupp sostenibbli jrid jirrifletti l-evoluzzjonijiet u jmejjhom, filwaqt li jżomm standards tax-xogħol u ambjentali daqstant għoljin fl-aġenda tiegħu. Il-Patt Ekoloġiku, l-inizjattivi tal-ekonomija ċirkolari u l-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) jikkomplementaw is-suġġetti tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli rilevanti, bħalma diġà għamlet il-bijodiversità. Sabiex jiġu stabbiliti obbligi konkreti, l-impenji ambjentali jeħtieġ li jitħaddmu bħala standards internazzjonali.

1.9. Ma hemm l-ebda soluzzjoni sempliċi għal problema kumplessa f'dak li huwa l-infurzar iżda kolloxx għandu jibda bit-tisħiħ ta' eżegwibilità effettiva. Il-KESE ilu jappella għal mekkaniżmu tal-Panel ta' Esperti mgēded bil-possibbiltà ta' penali jew sanzjonijiet finanzjarji u rwol attiv għall-Gruppi Konsultattivi Domestiċi fl-attivazzjoni tiegħu. Fl-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ekwi u sostenibbiltà fuq quddiem nett, għall-benefiċċju kemm tan-negozji kif ukoll tal-ħaddiema, il-Ftehim dwar l-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit jista' jservi ta' mudell.

1.10. L-imsieħba kummerċjali tal-UE juru mentalità "lest għall-użu" f'dawk li huma strumenti kummerċjali ġodda. B'approċċ innovattiv għas-soluzzjoni tat-tilwim industrijali, l-UE għandha tħares lejn is-sospensjoni tat-tariffi preferenzjali għall-kumpaniji li jiksru l-istandards internazzjonali miftiehma. Għal rabta ekonomika progressiva, il-KESE jappoġġja tnaqqis gradwali fit-tariffi għall-implimentazzjoni mill-pajjiżi msieħba tal-impenji tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, bil-possibbiltà ta' rtirar f'każ ta' ksur.

1.11. Ma hemm l-ebda sostenibbiltà mingħajr is-soċjetà ċivili. Il-ħolqien tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi ma kienx għan fih innifsu. Sabiex jittieħdu bis-serjetà, jeħtieġu informazzjoni, riżorsi, u aċċess biex jagħtu pariri lill-partijiet dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar kif ukoll qafas istituzzjonalizzat aktar b'saħħtu. Lil hinn mill-Gruppi Konsultattivi Domestiċi, il-KESE jappella għall-istabbiliment mill-ġdid tal-grupp ta' esperti dwar il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles.

1.12. Il-KESE huwa wieħed mill-aktar esponenti favur il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi u se jkompli jappoġġja l-ħidma tagħhom. Id-dibattiti dwar it-tisħiħ tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi dan l-aħħar intensifikaw u l-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni (KE) u lil partijiet ikkonċernati oħra⁽¹⁾ jaħdmu mal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi dwar it-titjib tal-kompożizzjoni tagħhom, l-organizzazzjoni tal-ħidma tagħhom, il-kamp ta' applikazzjoni u r-rwol tagħhom fil-mekkaniżmi ta' infurzar, u l-kanali istituzzjonali tagħhom kif stabbilit fid-dettall fil-kapitolu ħamsa ta' din l-Opinjoni.

2. Introduzzjoni

2.1. Jeħtieġ li politika kummerċjali attiva tixpruna b'mod effettiv l-iżvilupp sostenibbli u tkun għall-benefiċċju tan-negozji, il-ħaddiema, il-konsumaturi u n-nies b'mod ġenerali, sakemm din toħloq opportunitajiet ġodda tas-suq, toħloq impjiegi deċenti u toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Din tinvolvi wkoll riskji inerenti li jistgħu jittaffew b'mod effettiv biss permezz ta' politika kummerċjali inklużiva, li fi hđanha s-soċjetà ċivili, il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jqajmu t-tħassib tagħhom.

2.2. Il-KESE ilu jappella sabiex is-sostenibbiltà tkun waħda mill-ixpruni tal-politika kummerċjali, fid-dawl tar-rwol kruċjali li għandu jaqdi l-kummerċ biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU. L-istrateġija kummerċjali l-ġdida tal-UE ta' din is-sena tistabbilixxi l-qafas għas-sinjura li jejjin. Il-KESE pprova rakkomandazzjonijiet dwar l-aspetti kummerċjali f'Opinjoni separata⁽²⁾, filwaqt li laqa' l-enfasi tagħha fuq is-sostenibbiltà u appella għal tisħiħ ambizzjuż tal-kapitoli tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u l-eżegwibilità effettiva tagħhom.

(1) Fl-2020, studju tal-Friedrich-Ebert-Foundation (FES) analizza n-nuqqasijiet tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi, u grupp ta' organizzazzjonijiet membri ta' Gruppi Konsultattivi Domestiċi, ikkoordinat minn CNV Internationaal, bħalissa qed jiġbor dokument informali b'rakkomandazzjonijiet dwar kif għandhom jissaħħu.

(2) ĠU C 374, 16.9.2021, p. 73.

2.3. Filwaqt li tibni fuq il-ħidma preċedenti tal-KESE, din l-Opinjoni tippovdi valutazzjoni tas-soċjetà ċivili tal-approċċ attwali biex tinforma r-Rieżami tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli li għaddej bħalissa. Din hija bbażata fuq mentalità innovattiva f'dak li huwa kummerċ biex jitwasslu l-valuri tal-UE fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli: kapitoli tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet futuri.

3. Il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli: aġenda kummerċjali tal-UE bbażata fuq il-valuri

3.1. Bl-integrazzjoni sistematika tal-kapitoli tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tagħha, l-UE tenfasizza l-impenn tagħha għal "aġenda kummerċjali bbażata fuq il-valuri", li trawwem l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali simultanjament. L-indirizzar tan-nuqqas ta' konformità u t-titjib tal-implimentazzjoni tal-impjenji tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli huma kruċjali biex jinkisbu standards għoljin tax-xogħol u tas-sostenibbiltà permezz tal-għodod kummerċjali.

3.2. Sa mill-oriġini tagħhom fil-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Korea t'Isfel fl-2011, il-kapitoli tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli evolwew b'mod konsistenti fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles kollha sussegwenti tal-UE. Dawn għandhom sempliċi mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim ibbażat fuq konsultazzjonijiet u Gruppi Konsultattivi Domestiċi għall-monitoraġġ istituzzjonalizzat tas-soċjetà ċivili. Dawn fihom impjenji biex jiġu rispettati l-ftehimiet multilaterali dwar ix-xogħol u l-ambjent u biex jiġi pprevenut li l-partijiet ma jillaxkawx jew ibaxxu l-livelli ta' protezzjoni tax-xogħol u tal-ambjent biex jattiraw il-kummerċ u l-investment. Bħala fora bilaterali għad-djalogu u l-kooperazzjoni, dawn jistgħu jservu wkoll bħala pjattaformi biex imexxu 'l quddiem l-aġenda multilaterali għall-kummerċ sostenibbli.

3.3. Filwaqt li l-UE ħadet passi biex tpoġġi s-sostenibbiltà fil-qalba tal-ambizzjonijiet kummerċjali tagħha, in-negozjati attwali mhumiex qed ilaħħqu ma' din l-aspettattiva. Ir-rieżami tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li jagħti injezzjoni ta' ħajja u enerġija permezz ta' mentalità "lest għall-użu", irid joħroġ mill-"istatus ta' dokumenti informali" tiegħu li ilu jeżisti għal żmien twil, bħala parti integrali mill-istrategġija kummerċjali tal-UE, u japplika wkoll għal ftehimiet innegozjati bħalissa u jkun inkluż f'mandati ta' negożjati riveduti.

4. Pjan ta' Azzjoni bi 15-il Punt – evalwazzjoni

4.1. Il-PE, il-KESE u grupp kbir ta' partijiet ikkonċernati kienu involuti f'dibattitu pubbliku dejjem jikber dwar l-effettività tal-approċċ tal-UE fir-rigward tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, li ntemm ħesrem fil-bidu tal-2018 bit-tnedija tal-KE ta' *pjan ta' azzjoni ta' 15-il punt*. Filwaqt li huwa miġbur taħt erba' intestaturi ewlenin, dan stabbilixxa l-qafas limitat u "kompartimentalizzat" għall-evoluzzjoni tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli f'dawn l-aħħar snin, li huwa evalwa hawn taħt fl-isfond tar-riżultati miksuba u n-nuqqasijiet tiegħu.

Ħidma Konġunta

4.2. *Sħubija mal-Istati Membri u l-PE*: il-grupp ta' esperti tal-KE dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli saħħaħ ir-rabta mal-Istati Membri, madankollu l-istruttura proprja tiegħu twassal għal telf ta' għarfien espert u informazzjoni importanti fil-proċess. Il-ħidma tiegħu jistħoq qilha komunikazzjoni aħjar tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet u teħtieġ konnessjonijiet aktar b'saħħithom u regolari mal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi u l-KESE. L-involvement tad-DĠ Kummerċ jeħtieġ li jespandi għad-dipartimenti ewlenin tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fl-Istati Membri, possibbilment billi jinvolvi Direttorati Ġenerali (DĠ) rilevanti oħrajn bħal EMPL u CLIMA għan-networks tagħhom stess, u l-ħidma mal-organizzazzjonijiet internazzjonali bħala parti minn dan il-fluss ta' informazzjoni u feedback. L-aġġornament tal-PE dwar kwistjonijiet rilevanti dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli għandu jinkludi Gruppi Konsultattivi Domestiċi fuq l-istess livell u m'għandux iseħħ bil-magħluq. Il-PE jrid jaqdi rwol fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u jkun infurmat bis-sħiħ dwar l-attivitatiet u jkun involut fid-deċizzjonijiet tas-Sottokomitat dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u korpi ta' governanza konġunta rilevanti oħrajn. Dan huwa ta' importanza partikolari fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mar-Renju Unit.

4.3. *B'ħidma ma' organizzazzjonijiet internazzjonali*: Filwaqt li jippromovi approċċ aktar proattiv u sistemiku, il-KESE jappella għall-involvement ta' korpi internazzjonali bħall-ILO anke matul in-negozjati u tul l-implimentazzjoni kollha tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, inkluż fl-istadji kollha tal-pjani direzzjonali. Hekk kif sostnut mill-każ ta' ratifika tal-Vjetnam, l-ILO jista' jkollha rwol essenzjali fil-fażi ta' qabel l-implimentazzjoni u dik tal-implimentazzjoni bikrija. Il-ħtieġa ta' kollaborazzjoni aktar b'saħħitha bejn il-KE, l-ILO u l-KESE hija strumentali għat-tfassil tal-assistenza teknika tal-ILO u tal-proġetti ta' bini tal-kapaċitajiet fil-pajjiżi msieħba. Jeħtieġ li l-azzjoni timxi id fid ma' integrazzjoni aktar b'saħħitha tal-ILO mar-rwol ta' monitoraġġ tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi u l-laqgħat annwali ta' Livell Għoli tad-DĠ EMPL jistgħu jinfetħu għall-presidenza tal-KESE u possibbilment tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi. L-aproċċ dwar il-ftehimiet ambjentali multilaterali (MEAs) jidher li mhuwiex eżaminat biżżejjed u jista' jiġi estiż għal organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħrajn bħall-OECD, u, bl-importanza dejjem tikber tal-finanzjament tal-SDGs, il-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali.

Is-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba soċjali, jiġu ffaċilitati jwettqu r-rwol tagħhom fl-implimentazzjoni

4.4. *Niffaċilitaw ir-rwol ta' monitoraġġ tas-soċjetà ċivili inklużi l-imsieħba Soċjali:* il-KESE jilqa' l-proġett dwar l-Istrument ta' Sħubija tal-UE, il-finanzjament ta' xi parteċipazzjonijiet tal-membri tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi tal-UE, u l-peservazzjoni tal-indipendenza politika tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi. Huwa jappella lill-KE biex iġġedded il-finanzjament u biex tikkollabora mal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi dwar it-tfassil tiegħu. Huwa jirrakkomanda flessibilità akbar fl-appoġġ loġistiku u tekniku futur. L-użu tal-vidjokonferenzi jista' jikkomplementa, iżda mhux jissostitwixxi, il-laqgħat fiżiċi. Il-finanzjament futur għandu jipprevedi laqgħat annwali li jlaqqgħu l-membri kollha tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi flimkien biex jiddiskutu kwistjonijiet trasversali dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Lil hinn mill-provvista ta' riżorsi finanzjarji, huwa meħtieġ li jiġu indirizzati l-isfidi strutturali u organizzazzjonali biex il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi jiġu awtonomizzati bis-sħiħ kif previst fil-kapitolu 5.

4.5. *Nestendu l-kamp ta' applikazzjoni għas-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba Soċjali, għall-ftehim ta' kummerċ ħieles kollu:* il-KESE ilu jirrakkomanda bil-qawwa li l-Gruppi Konsultattivi Domestiċi għandhom jagħtu pariri dwar l-aspetti kollha tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE, mentri jagħmlu enfasi speċjali fuq l-implimentazzjoni tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u l-impatt tal-kummerċ fuq l-iżvilupp sostenibbli b'mod aktar wiesa'. Dan il-kamp ta' applikazzjoni ġdid se jiġi ttestjat l-ewwel fil-ftehim dwar il-kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit. Il-KESE jissuġġerixxi li jiġi estenzjati l-kamp ta' applikazzjoni attwali tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles eżistenti kollha, permezz ta' testi ta' ftehim riveduti jew bħala prattiki armonizzati fir-regoli ta' proċedura tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi.

4.6. *Nieħdu azzjoni dwar imġiba responsabbli fin-negozju:* il-KESE jilqa' r-rwol attiv tan-negozju fl-isforzi biex jiġi żgurat kummerċ sostenibbli u l-impenn tal-KE biex tippromovi imġiba responsabbli fin-negozju. Madankollu jiddispijaċih li la l-KESE u lanqas il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi rilevanti ma ġew involuti fis-sorveljanza tal-proġetti mal-OECD u l-ILO. Il-KE għandha tiżviluppa indikaturi biex tivvaluta l-eżiti ta' għalhekk tal-proġetti lil hinn mis-sensibilizzazzjoni u tinkludi reviżjoni aktar immirata u appfondita 'l isfel fil-katini tal-provvista.

Riżultati

4.7. *Prijoritajiet nazzjonali:* Il-KESE jaqbel ma' approċċ strateġiku u aktar iffukat, madankollu l-pajjiżi msieħba jvarjaw b'mod konsiderevoli, anke fi ħdan ftehim reġjonali bħall-UE-Amerka Ċentrali. L-istabbiliment u l-evalwazzjoni tal-prijoritajiet iridu jfittxu b'mod proattiv, u fi stadji differenti tal-proċess, konsultazzjonijiet mas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari bl-involvement tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi. L-unitajiet ġeografiċi fid-DG Kummerċ u fid-Delegazzjonijiet tal-UE għandhom jinteraġixxu aktar mal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi biex jiksbu kontribut u jipprovdut feedback sistematiku. Dan jirrikjedi valutazzjoni regolari tal-progress jew tar-rigress tal-KE fir-rigward ta' dawn il-prijoritajiet.

4.8. *Infurzar assertiv:* Il-każ tat-tilwima industrijali tal-Korea jagħtina tagħlimiet importanti. L-ewwel nett, biex il-KE tkun aktar proattiva u rapida fl-attivazzjoni tal-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, u b'hekk il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi jingħataw rwol attiv. It-tieni nett, l-importanza li jkun hemm esperti internazzjonali fil-liġi tax-xogħol fil-panels, b'konsultazzjoni mal-ILO dwar il-ġurisprudenza tagħha u l-interpretazzjoni vinkolanti. It-tielet nett, ir-rapport tal-Panel jikkonferma l-ħtieġa ta' pjani direzzjonali vinkolanti u sanzjonabbli bi skedi ta' żmien ċari dwar ir-ratifika tal-konvenzjonijiet tal-ILO. It-terminoloġija vaga "sforzi kontinwi u sostnuti" tagħti wisq spazju lill-partijiet għall-immanuvrar. Filwaqt li l-Korea rratifikat tlieta minn erba' Konvenzjonijiet tal-ILO nieqsa (mhux ta' C105 dwar l-abolizzjoni tax-xogħol furzat), għad hemm mistoqsijiet dwar jekk l-emendi tal-leġiżlazzjoni Koreana jimplimentawx bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet ta' C29, C87 u C98. Għalhekk, il-każ jibqa' miftuħ u l-KESE jsaħħaħ l-appell tiegħu għal azzjoni ta' segwitu. Madankollu, il-problemi ta' konformità ma jeżistux biss fil-pajjiżi msieħba. Il-KESE jinnota bi tħassib, li jidher li hemm nuqqas ta' strumenti għal infurzar robust fl-UE u l-Istati Membri tagħha.

4.9. *L-inkoraġġiment tar-ratifika bikrija ta' ftehimiet internazzjonali ewlenin:* Il-KESE jappoġġja r-ratifika ta' konvenzjonijiet internazzjonali ewlenin qabel ma jikkonkludi u jiffirma ftehim ta' kummerċ ħieles, biex jibbenefika min-negozjar massimu u mill-ingranaġġ diplomatiku. L-iżjed każ reċenti tal-Vjetnam wera dawn l-effetti pożittivi hekk kif il-pajjiż irratifika l-ILO C98 u s-C105. Madankollu, ma sar l-ebda progress dwar ir-ratifika tal-ILO C87. Għalhekk, il-KESE jsaħħaħ fuq l-importanza li jiġi żgurati impenji ta' qabel ir-ratifika ta' ftehimiet internazzjonali ewlenin jew pjani direzzjonali vinkolanti u infurzabbli fi ħdan il-kapitolu tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli nnifsu, bi skadenzi ċari għar-ratifika tagħhom.

4.10. *Rieżami tal-effettività tal-implimentazzjoni tat-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli:* il-KESE jaqbel mal-ħtieġa għal reviżjonijiet u valutazzjonijiet regolari tal-implimentazzjoni tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Madankollu jiddispijaċih dwar il-viżibbiltà żgħira tal-ħidma tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi u n-nuqqas ta' kunsiderazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tagħhom f'dawn il-proċessi, b'mod partikolari fir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni. Rapporti futuri għandhom jirriflettu aħjar il-programmi ta' ħidma tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi u d-dikjarazzjonijiet konġunti mal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi msieħba. B'mod partikolari, il-KESE jiddispijaċih dwar in-nuqqas ta' progress li sar sa

issa biex il-kapitoli attwali dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli isiru infurzabbli b'mod effettiv. Fil-każ tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) mal-Kanada, il-KESE, il-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE u l-Gruppi Konsultattivi Domestiċi Kanadiżi appellaw kemm-il darba għal progress sod fir-rigward tar-rieżami bikri, li l-Partijiet kienu impenjaw ruħhom għalih fl-Istrument Interpretattiv Konġunt (JII) maħsub biex iġib eżegwibilità aktar effettiva tad-dispożizzjonijiet tax-xogħol u ambjentali. Dan il-proċess ta' rieżami għandu jinvolti mill-qrib il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi taż-żewġ partijiet.

4.11. *Il-manwal għall-implimentazzjoni*: Il-KESE jilqa' l-iżvilupp ta' kotba ta' għodod dwar l-implimentazzjoni, biex l-imsieħba ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles jiġu meġġuna biex jifhmu aħjar l-impenji tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u jiggwidaw l-implimentazzjoni tagħhom. Fir-rigward tal-kwistjonijiet tax-xogħol, l-imsieħba soċjali jeħtieġ li jitqiesu bħala msieħba ewlenin fuq il-post. Il-bażijiet tad-data komparattivi formali jridu jmorru ferm lil hinn mill-progress dwar il-formulazzjoni tal-ftehim u jiffukaw fuq il-livell reali ta' implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

4.12. *Insaħħu r-riżorsi*: l-UE għandha talloka wħud mir-riżorsi tagħha tal-Għajnuna għall-Kummerċ biex tappoġġja l-parteċipazzjoni u l-bini ta' kapaċità tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi mhux tal-UE u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fir-rigward ta' sforzi fl-oqsma tal-kummerċ u l-investment sostenibbli.

4.13. *Azzjoni dwar il-Klima*: Jekk il-kummerċ ma jkunx il-mutur tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, dan għandu jagħmel il-parti tiegħu biex jippermetti l-aġenda globali dwar il-klima, bi rwol pożittiv għan-negozju fil-promozzjoni ta' opportunitajiet għall-industrija tat-teknoloġija nadifa b'attenzjoni speċjali għall-SMEs. Il-fatt li l-Ftehim ta' Pariġi jsir "element essenzzjali" għall-ftehimiet kummerċjali komprensivi kollha futuri, bil-għan li dawn jiġu sospiżi f'każ ta' nuqqas ta' konformità, huwa pass pożittiv li għandu jiġi estiż biex jiġu koperti l-Konvenzjonijiet fundamentali u aġġornati tal-ILO.

4.14. *Il-Kummerċ u x-Xogħol*: il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-kamp ta' applikazzjoni mwessa' tal-kwistjonijiet tax-xogħol inklużi fil-kapitoli tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u jħeġġeġ li l-impenji jiġu aġġornati iżjed. Il-Kapitoli tal-Kummerċ u l-iżvilupp Sostenibbli jrid ikollhom rabtiet aktar profondi mad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar l-MNEs u mal-Linj Gwida tal-OECD għall-MNEs. Il-KE għandha tippromovi r-ratifika tal-Konvenzjonijiet tal-ILO inklużi fid-Dikjarazzjoni Tripartitika dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali. Il-leġiżlazzjoni avvanzata tal-UE, b'mod partikolari l-governanza korporattiva sostenibbli u d-diliġenza dovuta obbligatorja, għandha ttipprovdi kuntest kontinwu għall-iżvilupp ulterjuri tal-kapitoli tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Madankollu, biex issir differenza fil-prattika, dawn l-impenji jirrikjedu infurzar aktar proattiv u eżegwibilità mtejba.

Trasparenza u Komunikazzjoni

4.15. *Aktar trasparenza u komunikazzjoni aħjar*: Il-KESE jingħaqad mal-istituzzjonijiet u l-partijiet interessati kollha biex jenfasizza l-importanza tat-trasparenza u l-komunikazzjoni. Il-pubblikazzjoni ta' minuti komprensivi ttiprovdi punt ta' dħul utli għall-involviment tas-soċjetà ċivili. Il-laqgħat tad-Djalogu tas-Soċjetà Ċivili tal-KE huma mezz importanti, madankollu, dawn iridu jittejbu lejn segwitu aktar strutturat. Għal dan il-għan, il-KESE jirakkomanda li titkisser il-kompartimentazzjoni u li jiġu żgurati kanali ta' komunikazzjoni li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku – mal-PE, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili.

4.16. *Rispons marbut mal-ħin għas-sottomissjonijiet tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli*: Il-KESE jilqa' t-tnedija tal-2020 ta' sistema ta' lmenti bil-ħolqien tal-Punt Uniku ta' Servizz, u b'mod partikolari, l-Unità ddedikata taħt l-Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ (CTEO) li jitratta esklużivament ilmenti tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Għadu kmieni wisq biex tiġi vvalutata l-effettività, iżda l-KESE jistenna li t-fassil kontinwu ta' dan il-mekkaniżmu jinvolti u jsewgi r-rakkomandazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

5. Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli tal-Ġenerazzjoni li Jmiss

5.1. Mill-pjan ta' azzjoni tal-2018 'l hawn, id-dinja kummerċjali mxiet 'il quddiem, u l-istess id-dibattitu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Il-Patt Ekoloġiku huwa għan ta' politika ġenerali anke għall-aġenda kummerċjali tal-UE. Atturi istituzzjonali bħall-PE u l-Istati Membri qed jitolbu dejjem iżjed għal riforma ambizzjuża tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Il-pandemija tal-COVID-19 fixklet il-flussi kummerċjali b'mod mingħajr preċedent filwaqt li haġet fid-dieher problemi kbar fil-ktajjen tal-provvista u tal-valur globali, ta' spiss marbutin man-nuqqas ta' konformità mal-impenji tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. L-ewwel każ ta' soluzzjoni tat-tilwim relatat mal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli poġġa s-sistema attwali għat-test deċiżiv istituzzjonali tagħha. Is-CTEO l-ġdid ħoloq aspettattivi kbar għal enfasi akbar, riżorsi u għodod leġiżlattivi ġodda biex jiġu implimentati u infurzati aħjar l-impenji tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Sadanittant, l-imsieħba kummerċjali tal-UE bħall-Kanada u l-Istati Uniti adottaw strumenti ta' infurzar b'saħħithom fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tagħhom stess jew, bħall New Zealand, ressqu proposti ambizzjużi fit-taħditiet kummerċjali mal-UE, li jiżguraw li l-kummerċ jaħdem għal kulħadd.

5.2. Il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli mhumiex biss dibattitu dwar il-valuri, huma kwistjoni ta' sopravivenza kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak globali. Filwaqt li jippromovi approċċ olistiku, il-KESE jappoġġja l-isforzi tal-UE biex tmexxi l-aġenda dwar is-sostenibbiltà fil-livell multilaterali u jappella għal alleanzi strateġiċi ma' msieħba kummerċjali ewlenin dwar kwistjonijiet ta' prijorità bħar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jew id-diliġenza dovuta. Huwa jtenni l-ħtieġa ta' pożizzjoni ta' tmexxija tal-UE dwar riforma ambizzjuża tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u t-kissir tat-tabù, jiġifieri dwar l-aspetti soċjali tal-kummerċ. Bħala rikonsiderazzjoni pożittiva, il-KESE laqa' l-proposta tal-Istati Uniti biex tiġi indirizzata l-problema globali tax-xogħol furzat fuq bastimenti tas-sajd fin-negozjati li għaddejjin tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd⁽³⁾.

5.3. Il-KESE talab b'mod kostanti għall-integrazzjoni ta' kapitoli aktar b'saħħithom dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, għax ħaqq li l-pjan ta' azzjoni ta' 15-il punt ma kienx qed jagħti riżultati. Bl-istess mod, ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali tal-2021 iqis azzjonijiet ulterjuri dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-kapitoli tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, inkluż fost l-oħrajn il-possibbiltà ta' sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità.

5.4. Issa hemm biżżejjed esperjenza miksuba u taġħlimiet meħuda biex l-approċċ attwali jerġa' jiġi kkunsidrat u l-KESE jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' mentalità ġdida ta' inizjattivi dwar l-iffaċilitar tal-kapitoli tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli biex jilhqqu bis-siħh l-impenji legalment vinkolanti taġħhom. Dan id-dibattitu jeħtieġ li jagħti l-istess importanza lill-istandards ambjentali u tax-xogħol fuq l-aġenda ta' implimentazzjoni u infurzar.

Strumenti ta' politika li jipprovdu ingranaġġ addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli

5.5. F'Mejju 2020, Franza u n-Netherlands ħarġu Dokument informali li jitlob lill-UE ttejjeb l-analiżi taġħha fl-analiżi tal-aspetti soċjoekonomiċi tal-effetti kummerċjali, u żżid l-ambizzjoni taġħha fir-rigward tar-rabta bejn il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha taġħha⁽⁴⁾, fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-KESE jilqa' t-tehdid ta' approċċ aktar analitiku fir-rigward tal-effetti kummerċjali u jappoġġja bis-siħh ir-rakkomandazzjoni li tiġi iċċentivata l-implimentazzjoni effettiva tal-impenji tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli bi tnaqqis gradwali fit-tariffi, inkluża l-possibbiltà li jiġu rtirati linji tariffarji speċifiċi f'każ ta' ksur sussegwenti, u l-kjarifika tal-kundizzjonijiet li l-pajjiżi jridu jissodisfaw għal dan it-tnaqqis.

5.6. Il-KESE jħeġġeġ ukoll biex inħarsu lil hinn mis-sett ta' għodod kummerċjali klassiċi għal miżuri ta' akkumpanjament li jiżguraw bidla effettiva fil-prattika. L-UE għandha tadotta Direttiva ambizzjuża tal-UE dwar id-diliġenza dovuta obbligatorja li tirrikonoxxi r-responsabbiltà bbażata fuq l-istandards attwali u toffri qafas legali ċar u sigur għan-negozji Ewropej u għan-negozji mhux tal-UE li joperaw fl-UE. Il-KESE kien favur b'mod qawwi l-obbligi ta' diliġenza dovuta fi ftehimiet kummerċjali fir-rigward tal-ktajjen tal-valur u tal-provvista globali sabiex jiggwidaw deċiżjonijiet ta' ġestjoni li jimmiraw lejn kumpaniji sostenibbli mill-aspett ekonomiku, ekoloġiku u soċjali⁽⁵⁾.

5.7. Biex tavvanza l-aġenda taġħha għall-iżvilupp sostenibbli, il-KE jeħtieġ li wkoll teżamina kapitoli u oqsma oħrajn minbarra l-kapitoli tradizzjonali tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli bħall-investiment, l-istabiliment ta' rabtiet u sinerġiji. L-investituri barranin għandhom jikkonformaw mad-diliġenza dovuta qabel ma jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-kopertura ta' ftehim ta' investiment internazzjonali. Bl-istess mod, il-Partijiet għal ftehim ta' kummerċ ħieles għandhom jiggarrantixxu li l-kumpaniji residenti fit-territorji taġħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta⁽⁶⁾.

5.8. Sabiex ikun hemm kummerċ sostenibbli, jeħtieġ li l-UE tintroduċi b'mod imperattiv dispożizzjonijiet dwar il-koooperazzjoni bejn il-partijiet fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-kriminalità fiskali u l-evitar tat-taxxa. Il-korruzzjoni bl-istess mod tnaqqas l-isforzi ta' żvilupp sostenibbli u tirrikjedi li jiġu inklużi standards għoljin komparabbli dwar l-eliminazzjoni taġħha.

5.9. L-allokazzjoni tal-akkwist pubbliku għandha tkun kondizzjonali, b'kuntratti mogħtija lil kumpaniji minn pajjiżi li jikkonformaw mal-istandards ewlenin tal-ILO u l-Ftehim ta' Pariġi. Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE għandhom jippromovu wkoll l-aħjar Prattiki dwar kif għandhom jiġu inklużi kriterji ambjentali u soċjali fl-akkwist pubbliku⁽⁷⁾.

5.10. Filwaqt li l-perspettiva ambjentali fil-kapitoli tal-kummerċ u l-iżvilupp avvanzat l-aktar matul l-aħħar għaxar snin, għad hemm żewġ sfidi. L-ewwel nett, l-obbligi klimatiċi skont il-Ftehim ta' Pariġi huma ddeterminati mill-implimentazzjoni maqbula fil-livell nazzjonali, li taġħmilha diffiċli biex jiġi identifikat ksur. It-tieni nett, in-nuqqas ta' standards ambjentali

⁽³⁾ ĠU C 374, 16.9.2021, p. 73.

⁽⁴⁾ Dokument informali dwar il-kummerċ, l-effetti ekonomiċi soċjali u l-iżvilupp sostenibbli, 2020 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁵⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 136 u ĠU C 429, 11.12.2020, p. 197.

⁽⁶⁾ Ebd.

⁽⁷⁾ ĠU C 374, 16.9.2021, p. 73.

internazzjonali, jiġifieri għall-arja nadifa jew għall-ilma, jagħmilha diffiċli li jiġu stabbiliti obbligi. Huwa importanti li ssir ħidma lejn l-operazzjonalizzazzjoni tal-impenji ambjentali biex jiġu stabbiliti standards, marbuta wkoll mad-diliġenza dovuta. Il-pandemija tal-COVID-19 għamlet il-bijodiversità kwistjoni saħansitra aktar urġenti minn qatt qabel. Il-Patt Ekoloġiku, l-inizjattivi leġiżlattivi tal-UE dwar l-ekonomija ċirkolari jew is-CBAM⁽⁸⁾ isiru suġġetti rilevanti fil-kuntest tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

5.11. It-teħid ta' fehma aktar komprensiva jiżvela kwistjonijiet serji ta' sostenibbiltà bil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles li ma jistgħux jiġu solvuti fil-kapitoli tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Pereżempju, l-agrikoltura, waħda mill-elementi ewlenin tan-negozjar tal-UE, għandha impatti ċari fuq is-sostenibbiltà. Il-KESE jiffoka b'mod partikolari fuq l-inklużjoni tas-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-ikel tal-UE fil-qalba tal-analiżi⁽⁹⁾. Bil-għan li jkun hemm katina tal-provvista tal-ikel aktar effiċjenti u aktar ġusta, il-KESE jappella għal implimentazzjoni mingħajr xkiel tad-Direttiva dwar prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel.

It-tisħiħ tal-eżegwibilità effettiva

5.12. Il-KESE ilu żmien twil jappella għal Panel ġdid ta' Esperti sabiex ikun jista' jiskatta mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn Stat u Stat skont it-trattat, bil-possibbiltà ta' penali jew sanzjonijiet finanzjarji, u rimedji għall-parti aggravata⁽¹⁰⁾. Il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi għandu jkollhom rwol attiv fil-qafas tas-soluzzjoni tat-tilwim. It-tim tas-CTEO għandu jinvestiga l-każijiet imressqa minn Grupp Konsultattiv Domestiku, u jinforma u jagħti segwitu dwar kwalunkwe azzjoni ta' infurzar u rapport tal-Panel tal-Esperti.

5.13. Il-KESE jilqa' l-approċċ il-ġdid tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni li jpoġġi l-kundizzjonijiet ekwi u s-sostenibbiltà fuq quddiem nett, u li japplika mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim b'aċċess għal rimedji fil-każ ta' kwalunkwe ksur. Dan il-mudell "ibridu" jgħaqqad l-approċċ tal-Panel ta' Esperti b'komponent infurzabbli għal nuqqas persistenti ta' konformità man-nonriġressjoni jew l-infurzar domestiku fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tax-xogħol, soċjali, ambjentali jew klimatiċi. Dan jinkludi kumpens temporanju miftiehem bejn il-Partijiet, jew sospensjoni unilaterali tal-obbligi mill-Parti lmentatriċi fi kwalunkwe qasam (eż. tariffi kummerċjali, drittijiet tat-traffiku tal-ajru, aċċess għall-ilmijiet tas-sajd) taħt ċerti kundizzjonijiet.

5.14. Segretarjat tax-xogħol indipendenti biex jindirizza kwistjonijiet tax-xogħol tranżnazzjonali taħt ftehim ta' kummerċ ħieles, inklużi l-impatti fuq is-suq tax-xogħol, u biex jissorvelja u jinvestiga l-konformità tal-kapitolu tiegħu dwar ix-xogħol, u mekkaniżmu kollettiv għall-ilmenti għandu jikkomplementa l-infurzar tal-kapitoli tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli⁽¹¹⁾. Bħala l-korp rikonoxxut fil-livell internazzjonali, l-ILO għandha tkun involuta fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjonijiet tal-ILO fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles. Ir-rwol tagħha għandu jissaħħaħ u jiġi istituzzjonalizzat ukoll fir-rigward tal-interpretazzjoni korretta tal-istrumenti tal-ILO f'każ ta' tilwim li jnvolvi standards internazzjonali tax-xogħol. L-ILO għandha tkun involuta b'mod sistematiku biex tiggwida lill-Panel ta' Esperti dwar dawn il-kwistjonijiet.

5.15. Il-KESE jissuġġerixxi li jiġu eżaminati approċċi innovattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim industrijali li jippermettu lill-panels internazzjonali ad hoc jimponu rimedji fuq kumpanija li tikser l-istandards internazzjonali tax-xogħol miftiehma. Il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi tas-CETA tal-UE u tal-Kanada⁽¹²⁾ indikaw l-eżempju tal-Mekkaniżmu ta' Rispons Rapidu tal-USMCA⁽¹³⁾ li taħtu l-penali jinkludu s-sospensjoni tat-tariffi preferenzjali abbażi ta' skala dejjem tikber ta' severità u reat ripetut. L-għan jibqa' li jitħeġġeġ, kull fejn ikun possibbli, ir-rimedju permezz ta' kollaborazzjoni bilaterali u djalogu bejn il-partijiet. Madankollu, l-istabbiliment ta' konsegwenzi, jiskoraġġixxi lid-ditti milli ma jikkonformawx.

5.16. Il-valutazzjoni tal-infurzar ibbażata fuq kawżi kontenzjużi b'suċċess tipprovdi biss stampa parzjali, speċjalment peress li l-litigazzjoni hija dejjem l-aħħar soluzzjoni. Il-possibbiltà ta' sanzjonijiet hija wkoll ta' "inkoraġġiment robust" għall-konformità, kemm jekk tintuża kif ukoll jekk le. Eventwalment, "dawk li mhumiex każijiet" u l-evoluzzjoni tagħhom jirrakkontaw stejjer konvinċenti li l-KE għandha tikkunsidra fit-tweqqif tal-istudju komparattiv tagħha dwar l-approċċi differenti tal-pajjiżi. Is-sempliċi tqabbil tal-formulazzjoni tal-ftehimiet u kif jagħmlu progress fil-lingwa fitit li xejn iwassal għal għarfien sinifikattiv waħdu. Dan jirrikjedi wkoll valutazzjoni kwalitattiva tar-riżultati tal-implimentazzjoni, pereżempju, billi wieħed jibbaża ruħu fuq l-esperjenzi tas-soċjetà ċivili fl-għoti ta' pariri dwar in-negozjar u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet.

⁽⁸⁾ L-Opinjoni li jmiss NAT/834 dwar is-CBAM.

⁽⁹⁾ L-Opinjoni futura NAT/822 dwar "L-awtonomija strateġika u s-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-ikel".

⁽¹⁰⁾ ĠU C 364, 28.10.2020, p. 53.

⁽¹¹⁾ ĠU C 227, 28.6.2018, p. 27.

⁽¹²⁾ Dikjarazzjoni konġunta tal-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE u tal-Kanada, Settembru 2020 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹³⁾ Il-Ftehim bejn l-Istati Uniti u l-Messiku u l-Kanada.

Qafas li jawtonomizza l-involvement tas-soċjetà ċivili fil-Gruppi Konsultattivi Domestiċi

5.17. Il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi huma kisba ewlenija tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-ġenerazzjoni l-ġdida, iżda jeħtieġu qafas istituzzjonalizzat iżjed b'saħħtu biex ikunu jistgħu jwettqu b'suċċess kompiti ta' monitoraġġ, sew dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u sew dwar ftehimiet ta' kummerċ ħieles sħaħ tal-UE.

5.18. Tħassib ewlieni huwa marbut ma' xi korpi tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi f'pajjiżi msieħba li mhumiex attivi, rappreżentattivi jew saħansitra b'nuqqas ta' indipendenza mill-inflwenza governattiva. Il-problema spiss toriġina minn proċessi ta' twaqqif li jitħallew mhux definiti fil-ftehim, il-libertà tal-partijiet li jagħżlu korpi eżistenti u n-nuqqas ta' konsegwenzi meta l-impenji ma jgħux implimentati. Il-KESE jibża' b'mod partikolari li t-tħassir ta' "bbilanċjat" fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-Grupp Konsultattiv Domestiku jista' jkollu impatt serju fuq l-operat tiegħu.

5.19. Fil-qafas tal-ftehimiet kummerċjali reġjonali bħal dawk tal-UE-Amerka Ċentrali u l-UE-Kolombja/Perù/Ekwador, jew kwalunkwe ftehim ta' kummerċ ħieles konkluż bejn l-UE u l-Mercosur, għad hemm tħassib dwar l-istabbiliment ta' Gruppi Konsultattivi Domestiċi individwali f'kull pajjiż imsieħeb. Dan l-approċċ "domestiku" strett jikkostitwixxi ostaklu serju għal kwalunkwe impenn sinifikanti bejn il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi msieħba nazzjonali kif ukoll mal-Grupp Konsultattiv Domestiku kontroparti tagħhom tal-UE.

5.20. Għalhekk, il-kapitoli tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli jeħtieġ li joħolqu korpi ta' Gruppi Konsultattivi Domestiċi speċifikament inkarigati b'indipendenza, rappreżentanza u kompożizzjoni bbilanċjata definiti b'mod ċar. Il-partijiet iridu jkunu responsabbli għat-twaqqif u l-funzjonament tagħhom. Il-ftehimiet reġjonali għandhom jistabbilixxu korpi reġjonali konġunti b'appoġġ adegwat mis-segretarjat. Id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-KESE għandhom jappoġġjaw il-proċess tat-twaqqif u tat-tħaddim, inklużi l-linji gwida u l-aħjar Prattiki. Bl-istess mod, il-KESE jissuġġerixxi li jiġi studjat tqabbil aħjar tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi fil-Gruppi Konsultattivi Domestiċi tal-UE u mhux tal-UE, b'mod partikolari għall-ambjent u l-partijiet ikkonċernati tan-negozju.

5.21. Sabiex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi tal-UE mal-kontroparti tas-soċjetà ċivili tagħhom fil-pajjiżi msieħba, laqgħat annwali konġunti bejn Grupp Konsultattiv Domestiku u ieħor huma imperattivi u għandhom jiġu inklużi fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles infushom. Il-KESE jara valur miżjud fil-ħolqien ta' korpi konġunti tas-soċjetà ċivili u jikkontribwixxi haġna, b'mod partikolari fl-appoġġ tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi msieħba. Ir-rwol speċjali tiegħu għandu jinżamm fil-Kumitati Konsultattivi Konġunti (JCCs) bħala spazju essenzjali għad-djalogu għas-soċjetà ċivili fuq iż-żewġ naħat tal-ftehimiet ta' Assoċjazzjoni bħall-UE-Ċili⁽¹⁴⁾.

5.22. Ir-rwol tal-KESE fit-tfassil u fl-iżgurar li l-Gruppi Konsultattivi Domestiċi jkunu effettivament operattivi huwa kruċjali u għandu jissaħħaħ. F'Lulju 2021, il-KESE stabbilixxa t-triq 'il quddiem billi organizza l-ewwel laqgħa #AllDAGs li qatt saret li laqgħet flimkien il-membri kollha tal-11-il Grupp Konsultattiv Domestiku attwali biex jiddiskutu passi konkreti għal titjib. Peress li huwa preżenti fil-Gruppi Konsultattivi Domestiċi kollha, il-KESE jiffirma parti vitali mill-presidenzi tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi, magħmula minn president u żewġ viċi presidenti, magħżula minn fost it-tliet gruppi u l-membri kollha ta' Grupp Konsultattiv Domestiku partikolari. Il-kollaborazzjoni fi ħdan il-presidenzi konġunti tad-Grupp Konsultattiv Domestiku tibbenefika kemm mill-għarfien espert tal-KESE kif ukoll minn dak mhux tal-KESE biex tmexxi x-xogħol tal-Grupp Konsultattiv Domestiku u din il-prattika għandha tkompli. B'mod partikolari għall-Gruppi Konsultattivi Domestiċi dwar l-Ukraina, il-Moldova u l-Georgia, is-sħubija tal-KESE li ġejja minn pajjiżi ġirien tal-UE kienet ta' valur kbir. Lil hinn mir-rwol tal-membri tiegħu, il-KESE jgħin ukoll lill-Gruppi Konsultattivi Domestiċi billi jipprovdihom appoġġ siewi mis-segretarjat tiegħu.

5.23. Viżibbiltà mtejba u mezzi istituzzjonali strutturati huma kruċjali biex jinkisbu r-riżultati. Il-presidenzi tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi għandu jkollhom stedina permanenti għal-laqgħat tas-Sottokumitat tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli tal-Partijiet u għall-gruppi ta' monitoraġġ tal-PE tal-ftehimiet rispettivi. Il-grupp ta' esperti stabbilit mal-Istati Membri dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, u s-CTEO, għandhom ikunu marbuta mill-qrib mal-ħidma tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi, permezz ta' strutturi ta' rapportar u skambju. Dan għandu jiġi kkomplementat bi skambju ta' informazzjoni mal-ILO dwar implimentazzjoni tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli relatati max-xogħol, u mas-segretarjati tal-MEA dwar l-ambjent u l-klima. Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u d-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi msieħba għandu jkollhom aġġornamenti regolari mal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi u fil-pajjiżi fil-mira għandhom jiġu appoġġjati minn attachés iddedikati tax-xogħol u tal-ambjent.

5.24. Il-KESE jenfasizza l-hteġa li tingħata spinta lill-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili, mill-fażi tal-abbozzar tal-għodod u l-ftehimiet kummerċjali sa dik tal-monitoraġġ tagħhom. Huwa jappella għar-riintegrazzjoni tal-grupp ta' esperti dwar il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles li pprovda kontribut bla paragun, tant meħtieġ u regolari dwar kwistjonijiet kummerċjali. Il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi jħaddnu wkoll ġabra rikka mhux sfruttata ta' għarfien dwar kwistjonijiet trasversali tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli li għandhom jiġu sfruttati bis-sħiħ.

(14) Opinjoni li jmiss REX/536 se tesplora l-qafas għall-involvement tas-soċjetà ċivili matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-ftehimiet kummerċjali u politiki, li għandu jiġi adottat fir-rebbieġha tal-2022.

5.25. L-isfidi dejjem akbar għall-Gruppi Konsultattivi Domestiċi jirrikjedu soluzzjonijiet sistemiċi b'riżorsi adegwati stabbiliti, kemm umani kif ukoll finanzjarji. Il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi nfushom għandhom ikunu involuti aktar f'deċiżjonijiet relatati.

5.26. Ir-razzjonalizzazzjoni tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi mhijiex għan fiha nnifisha. Kwalunkwe approċċ għdid potenzjali, pereżempju li l-istrutturi jiġu ffukati iżjed fuq suġġetti individwali, għandu jggarantixxi l-funzjonament effettiv tagħhom biex jiġu indirizzati l-isfidi fl-implimentazzjoni tal-ftehim speċifiku u jiġu involuti l-Gruppi Konsultattivi Domestiċi stess fit-tfassil tiegħu. Il-laqgħat regolari tal-membri kollha tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi tal-UE jgħinu biex jinstabu soluzzjonijiet komuni għal kwistjonijiet trażversali u jipprovdu pjattaforma biex jiġu diskussi modi prammatiċi u prattiċi qabel it-tiġdid li jmiss tas-sħubija fil-Gruppi Konsultattivi Domestiċi fir-rebbiegħa tal-2023.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew “Lejn strateġija olistika dwar l-iżvilupp rurali/urban sostenibbli”**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2022/C 105/08)

Relatur: **Josep PUXEU ROCAMORA**Korelatur: **Piroska KÁLLAY**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.3.2021
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	4.10.2021
Adottata fil-plenarja	21.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	220/0/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE huwa konvint li **l-futur tal-Ewropa** ser jiddependi minn kif nittrattaw iż-żoni rurali u li tinħtieġ aktar kooperazzjoni maż-żoni **urbani** biex jiġi żgurati li l-ebda żona jew ċittadin “ma jitħalla jibqa' lura” fit-tranżizzjoni ġusta għal Unjoni Ewropea newtrali għall-klima, sostenibbli u prospera. Dan ikun f'konformità mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku u Soċjali Ewropew, il-pakkett għall-irkupru tan-Next Generation EU, l-Aġenda Territorjali 2030 u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG).

1.2 Il-KESE jemmen li l-UE għandha **tnaqqas id-disparitajiet bejn ir-reġjuni** billi tippromovi politiki li jiżguraw tranżizzjoni ġusta u sostenibbli fl-oqsma kollha u li jiggarrantixxu kwalità ta' ħaġġa tajba fiż-żoni rurali.

1.3 Minħabba l-isfidi tat-tibdil fil-klima u l-pandemiji, il-KESE jenfasizza **l-ħtieġa urġenti** li tittieħed azzjoni issa u li tiġi implimentata **bidla fundamentali** biex jintwera l-valur miżjud tal-ħidma konġunta u jiġu promossi r-rispett u l-fehim reċiproċi, għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha.

1.4 Għalhekk, il-KESE jistieden lil dawk li jfasslu l-politika biex jiżviluppaw u jimplementaw **strateġija komprensiva u olistika tal-UE** għal żvilupp rurali u urban bilanċjat, koeżiv, ekwu u sostenibbli billi jisfruttaw ir-rwol tal-komunitajiet lokali, jagħtu spinta lill-industriji tradizzjonali u joħlqu attivitajiet ekonomiċi ġodda u opportunitajiet ta' impjieg, filwaqt li jrawmu sinerġiji maż-żoni urbani.

1.5 Sabiex ikun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn **il-komunitajiet rurali u l-ambjent urban**, il-KESE jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- hemm bżonn li jiġu pprovduti biżżejjed riżorsi għall-politiki rurali, u li jiġu pprovduti b'infrastruttura tal-komunikazzjoni teknoloġika u tat-trasport (speċjalment it-trasport pubbliku, li huwa assolutament meħtieġ għall-ħajja ta' kuljum u l-impjieg), kif ukoll b'sistemi effiċjenti u ta' kwalità ta' edukazzjoni u ta' prestazzjoni tas-servizzi tas-saħħa. Dawn għandhom ikunu allinjati bis-sħiħ mas-servizzi urbani rilevanti (“sistemi tas-saħħa ugwali”);
- il-provvista ta' impjieg, taħriġ u akkomodazzjoni għandha tirrifletti u tisfrutta r-riżorsi naturali rurali filwaqt li toħloq opportunitajiet ta' negozju innovattivi;

3. il-parlamenti rurali u l-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD), bħala mudelli ta' **demokrazija parteċipattiva**, għandhom jiġu appoġġjati minn dawk li jfasslu l-politika u għandhom jinvolvu liċ-ċittadini rurali kollha, inklużi l-imsieħba soċjali, in-nisa, l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà, il-minoranzi u speċjalment iż-żgħażaġh;

4. il-beni tal-wirt kulturali għandhom jiġu protetti u promossi ⁽¹⁾.

1.6 Il-KESE jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin **għall-iżvilupp rurali/urban**:

1. il-gvernijiet għandhom ikunu trasparenti u ġusti fl-għoti ta' servizzi liċ-ċittadini fl-oqsma kollha;

2. l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi l-LEADER u l-gruppi ta' azzjoni lokali, għandhom jiżviluppaw **sħubijiet rurali u urbani lokali** biex joħlqu opportunitajiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali u jrawmu fehim aħjar tal-interdipendenzi;

3. **il-mudell ta' governanza** tal-kunsilli għall-politika dwar l-ikel jista' jservi ta' ispirazzjoni għal kooperazzjoni effettiva bejn il-partijiet interessati kollha fil-livell lokali. Il-possibiltajiet għat-telexogħol, il-ħtieġa għal akkomodazzjoni rurali u l-aċċess għall-użu tal-art ġew imfixkla minn impatti u sfidi ambjentali ġodda u mill-pandemija;

4. ta' min jilqa' t-tħeġġiġ u l-appoġġ tal-iskambju ta' prattiki tajbin u każijiet ta' riskju bejn ir-reġjuni;

5. l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għolja fiż-żoni rurali jista' jkun wieħed mill-fatturi li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku lokali u jista' jgħin lill-komunitajiet rurali jadattaw għal ambjent li qed jinbidel malajr.

1.7 B'mod partikolari, il-KESE jagħmel **ir-rakkomandazzjonijiet** li ġejjin **lill-Kummissjoni Ewropea u lill-gvernijiet nazzjonali u reġjonali**:

1. il-viżjoni fit-tul adottata reċentement mill-Kummissjoni għaż-żoni rurali ⁽²⁾ jeħtieġ li tiġi żviluppata aktar biex jiġi żgurat impenn rurali u urban għal approċċ ġust. Huwa importanti li jintwera l-valur miżjud ta' meta l-organizzazzjonijiet rurali u urbani jaħdmu flimkien, bħall-Inizjattiva mill-Għalqa sal-Platt u Patt Ekoloġiku soċjalment inklużiv;

2. il-Kummissjoni Ewropea għandha timpenja ruħha li toħloq **grupp ta' partijiet interessati rurali u urbani**, li jibni fuq l-Inizjattiva tal-Irħula Intelliġenti, biex jiġu żviluppatti prattiki tajbin abbażi ta' mudelli ta' sħubija;

3. biex jiġi appoġġjat l-involvement, għandu jkun hemm investiment għal proġetti pilota lokali u **inċentivi/kundizzjonalitajiet u premji** pan-Ewropej għal eżempji progressivi li juru ftehimiet inklużivi.

1.8 Il-KESE huwa impenjat ukoll li jaħdem mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat tar-Reġjuni billi jikkummissjona riċerki, jikkonsulta mas-soċjetà ċivili organizzata u jippromovi Karta Ewropea **tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet rurali u urbani**.

1.9 Il-KESE ser jinkorpora viżjoni olisitika fl-Opinjoni futuri tiegħu dwar il-politiki territorjali, urbani u rurali. Bħala eżempju, din l-Opinjoni ġiet diskussa f'diversi sezzjonijiet tal-KESE qabel ġiet adottata.

2. Introduzzjoni

2.1 B'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Opinjoni tal-KESE dwar "Approċċ integrat għaż-żoni rurali tal-UE, b'enfasi speċjali fuq ir-reġjuni vulnerabbli", adottata f'Settembru 2020 ⁽³⁾, u tas-seduta organizzata fit-18 ta' Ġunju 2021 ⁽⁴⁾, il-KESE issa jrid jistabbilixxi strateġija tal-UE dwar l-iżvilupp rurali u urban sostenibbli, billi janalizza l-qafas ġenerali li jorbot il-politika rurali mal-politiki rilevanti l-oħra kollha, jidentifika l-isfidi u l-ostakli eżistenti, u jenfasizza r-rwol tas-soċjetà ċivili, in-negozji u l-komunitajiet lokali fl-iżvilupp ta' approċċi minn isfel għal fuq. Il-KESE ser jikkontribwixxi b'mod attiv biex jiżgura li din l-istrateġija titqies meta jtfasslu l-politiki tal-UE.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar il-kontribut taż-żoni rurali tal-Ewropa għas-Sena tal-Wirt Kulturali 2018 sabiex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-koeżjoni rurali/urbana (ĠU C 440, 6.12.2018, p. 22).

⁽²⁾ COM(2021) 345 final.

⁽³⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 60.

⁽⁴⁾ Towards a holistic strategy on sustainable and equitable rural and urban development [Lejn strateġija olistika dwar l-iżvilupp rurali u urban sostenibbli u ekwu], Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (mhux disponibbli bil-Malti).

2.2 Huwa essenzjali li tiġi ġestita **b' mod aktar effettiv id-diversità li teżisti fiż-żoni rurali abbażi tal-opportunitajiet disponibbli tagħhom**. Jeżistu żoni rurali li, minħabba l-prossimità tagħhom għaż-żoni urbani, jistgħu jibbenefikaw mill-“effett ta’ agglomerazzjoni” permezz tal-interazzjoni rurali-urbana; mentri żoni oħrajn li huma aktar imbiegħda jiddependu ħafna aktar minn settur wieħed, sikwit dak tal-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd jew il-minjieri, u l-interazzjoni tagħhom mal-bliet tkun ħafna inqas viżibbli.

2.3 Għalkemm iż-żoni rurali u urbani huma tipi differenti ta’ żoni bil-karatteristiċi speċifiċi tagħhom stess u b'rati differenti ta’ żvilupp, ir-realtà turi li huma **interkonneksi mill-qrib**. Dawn l-interdipendenzi huma fl-istess ħin dejjem aktar kumplessi u dinamiċi, u jnvolvu flussi strutturali u funzjonali ta’ persuni u oġġetti kapitali, informazzjoni, teknoloġija, u stili ta’ ħajja. Għalhekk huwa kruċjali li jinstab bilanċ bejn iż-żoni rurali u dawk urbani, żewġ tipi ta’ żoni li jeħtieġu lil xulxin u li ma jistgħux jeżistu mingħajr xulxin.

2.4 L-ideal tal-istil ta’ ħajja rurali bħala sitwazzjoni ta’ **benesseri u kwalità tal-ħajja** għaċ-ċittadini għandu jkun objettiv li għandu jintlaħaq, anke f’żoni mbiegħda jew żvantaġġati. L-istrateġija għandha ssib il-formula biex jinstab il-bilanċ meħtieġ bejn dawn iż-żewġ aspetti u mod kif jiġu kkomplementati t-tnejn, sabiex tinkiseb is-sostenibbiltà fil-futur.

2.5 L-isfidi li jiffaċċjaw iż-żoni rurali (it-tibdil demografiku, id-depopolazzjoni, id-distakk diġitali, id-dħul baxx, l-aċċess limitat għal ċerti servizzi, il-ħtieġa għal prospettivi aħjar ta’ impjieg jew l-impatti speċifiċi tat-tibdil fil-klima) jistgħu jiġu indirizzati biss minn perspettiva bbażata fuq il-post, komprensiva u mġedda li tfittex li tistabbilixxi relazzjoni reċiproka ta’ żvilupp.

2.6 Dan il-kuntest ġdid, li **jmur lil hinn mir-rabta tradizzjonali bejn iż-żoni rurali**, li huma ffukati fuq is-settur agrikolu u maqtugħa mill-ambjent urban, jeħtieġ li l-miżuri ta’ żvilupp rurali jkunu bbażati fuq approċċ multisettorjali u integrat fir-reġjuni kollha, filwaqt li jiġu sfruttati s-sinerġiji u jiġu kkomplementati ż-żoni rurali, urbani u intermedji.

3. Sfidi u proposti għal azzjoni

3.1 Il-kunċett tradizzjonali, li jiddistingwi b'mod ċar bejn iż-żoni rurali u dawk urbani jeħtieġ **kunċetti ġodda, interpretazzjonijiet ġodda u approċċi ġodda**, u r-realtà lokali għandha titqies fid-definizzjoni tar-reġjun inkwistjoni.

3.2 L-iżvilupp futur tar-reġjuni Ewropej għandu jkun ibbażat fuq **il-komplementarjetà bejn iż-żoni rurali u urbani u fuq il-koordinazzjoni tal-politiki mmirati lejhom**, bl-għan aħħari li jinkisbu l-koeżjoni soċjali u ekonomika u s-sostenibbiltà ambjentali f'dawn iż-żoni.

3.3 Il-KESE jqis li hija meħtieġa aktar konsistenza fl-approċċi strateġiċi tal-iżvilupp rurali u urban sabiex jiġu evitati duplikazzjonijiet u diskrepanzi bejn l-istrateġiji (eż. l-istrateġija tal-gruppi ta’ azzjoni lokali, l-istrateġija ta’ investiment territorjali integrat, l-istrateġija tal-iżvilupp lokali, l-istrateġija tal-iżvilupp reġjonali) u biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tagħhom mill-atturi lokali fil-proċessi tal-iżvilupp u l-investimenti.

3.4 L-iżvilupp rurali u urban għandu jiġi rregolat skont il-prinċipji stabbiliti fl-Aġenda Territorjali 2030 tal-UE, il-Karta ta’ Leipzig, l-Aġenda Urbana tan-NU, l-Aġenda Urbana tal-UE, il-Patt ta’ Amsterdam, id-Dikjarazzjoni Cork 2.0 dwar Ħajja Aħjar fiż-Żoni Rurali u l-Prinċipji tal-OECD dwar il-Politika Urbana u Rurali, li fihom jiġu kkunsidrati sħubijiet tematiċi u ġestjoni kondiviża bejn iż-żoni urbani u rurali.

3.5 **Il-bliet ta’ daqs medju jaqdu rwol ewlieni fil-konnessjoni taż-żoni metropolitani urbani ma’ dawk rurali** u għalhekk jistħoqqilhom attenzjoni speċjali kemm fl-ippjanar tal-użu tal-art kif ukoll fl-allokazzjoni tar-riżorsi u s-servizzi. Ħafna bliet Ewropej (inklużi Toulouse fi Franza, Manresa fi Spanja, Turin fl-Italja u Aalborg fid-Danimarka) diġà implimentaw approċċi ta’ suċċess kbir. In-networks ta’ bliet bħall-ICLEI⁽⁵⁾, il-Eurotowns⁽⁶⁾ u l-Eurocities⁽⁷⁾ huma atturi ewlenin fl-iskambju tal-esperjenzi u fil-promozzjoni tal-aħjar prattiki.

⁽⁵⁾ <https://www.iclei.org>

⁽⁶⁾ <https://www.eurotowns.org>

⁽⁷⁾ <https://eurocities.eu>

3.6 L-interazzjoni bejn il-kampanja u l-belt trid tkun fuq **l-aġenda politika**, u jeħtieġ li nagħmluha eħfef għall-mexxejja politiki u għal **dawk li jfasslu l-politika** biex jifhmu dan il-punt, kif ukoll li nipromovu forum ta' organizzazzjoni fil-livell lokali.

3.7 **Ir-riċerka** ffinanzjata mill-UE għandha wkoll tkompli tesplora modi kif tippromovi żvilupp rurali/urban ekwu u sostenibbli u tagħti haġja ġdida lill-iżvilupp ekonomiku taż-żoni rurali. Proġetti bħal ROBUST⁽⁸⁾, RUBIZMO⁽⁹⁾ u LIVERUR⁽¹⁰⁾ għandhom jiġu żviluppati aktar u jwasslu għal bidliet konkreti.

3.8 Il-kisba tas-sostenibbiltà (ekonomika, soċjali u ambjentali) f'dawn iż-żoni, kemm rurali kif ukoll urbani, teħtieġ **politika komprensiva**, marbuta mas-sitwazzjoni soċjoekonomika, kulturali u etnografika ta' kull żona, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn iż-żoni rurali u urbani u l-involviment tad-diversi atturi soċjali u ekonomiċi, kif ukoll mekkaniżmi ta' governanza adatti flimkien mal-awtoritajiet lokali.

3.9 **Iż-żoni rurali remoti** huma saħansitra aktar esposti għall-isfidi li jiffaċċjaw iż-żoni rurali u għalhekk jeħtieġu politiki u trattament speċifiċi. Minbarra li jiġu solvuti l-problemi li jikkonċernaw id-diffikultà tal-aċċess għas-servizzi pubbliċi, inklużi s-saħħa u l-edukazzjoni, il-KESE jipproponi l-ħolqien ta' programmi li jirriġeneraw l-ekosistema ekonomika lokali f'kooperazzjoni ma' insedjamenti ġirien.

3.10 Ħafna mill-isfidi li jiffaċċjaw iż-żoni rurali jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni u mill-fondi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), kif enfasizzat fir-rapport ta' informazzjoni reċenti tagħna dwar l-impatt tal-PAK fuq l-iżvilupp territorjali taż-żoni rurali⁽¹¹⁾, u għalhekk jeħtieġ li nimxu lejn approċċ integrat favur **azzjoni** u finanzjament fid-diversi politiki li għandhom impatt fuq iż-żoni rurali. Il-fondi mill-politiki nazzjonali għandhom jissupplimentaw il-fondi tal-PAK għall-iżvilupp rurali.

3.11 Il-politiki agrikoli, alimentari u rurali għandhom ikunu konformi mal-politiki dwar il-klima u l-bijodiversità, il-politiki mmirati lejn it-tnaqqis tal-faqar, il-politiki dwar l-infrastruttura u tat-trasport, il-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ, dawk relatati mal-provvista ta' servizzi bażiċi ta' interess ġenerali (is-saħħa, l-akkomodazzjoni, eċċ.), dawk li jippromovu l-iżvilupp ta' attivitajiet ġodda bbażati fuq l-ekonomija ċirkolari u l-bijoeconomija, id-diġitalizzazzjoni jew il-politiki li għandhom l-għan li jiġġieldu kontra d-depopolazzjoni, fost l-oħrajn.

3.12 Dawn il-politiki għandhom ikunu koerenti u komplementari wkoll għall-istrategġiji Ewropej bħall-**Patt Ekoloġiku**⁽¹²⁾, **l-Istrategġija mill-Għalqa sal-Platt**⁽¹³⁾, u b'mod partikolari mal-istrategġija industrijali ġdida mħabbra⁽¹⁴⁾, li tiddefinixxi s-settur agroalimentari bħala wieħed mill-ekosistemi strateġiċi ewlenin tal-UE, kif ukoll mal-politiki li jiżguraw is-sigurtà alimentari. L-esperimentazzjoni b'forum ġodda ta' kooperazzjoni urbana-rurali fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew mhijiex biss prekundizzjoni iżda wkoll opportunità għal tranżizzjoni ġusta u żvilupp sostenibbli bbilanċjat territorjalment.

3.13 Il-**governanza** u l-armonizzazzjoni tal-**fondi** Ewropej, nazzjonali u sottonazzjonali għandhom jittejbu biex jiġi indirizzat aħjar l-iżvilupp sostenibbli billi jiġu indirizzati aħjar il-kwistjonijiet trasversali u biex dejjem jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' kull territorju.

3.14 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu żgurati l-aċċess għal finanzjament sostenibbli u l-iżvilupp ta' strumenti finanzjarji personalizzati għall-iżvilupp rurali u urban, filwaqt li jitqiesu l-istruttura tar-riskju u l-karatteristiċi tat-taħlita ekonomika. Barra minn hekk, it-tassonomija u l-approċċ fiskali għaż-żoni rurali għandhom iqisu l-ħtiġijiet ta' żvilupp u investiment.

3.15 Dan l-approċċ integrat jeħtieġ **koordinazzjoni bejn id-diversi amministrazzjonijiet** u korpi ta' ġestjoni, inklużi l-bosta Direttorati tal-Kummissjoni Ewropea li jitrattaw politiki trasversali. Din il-koordinazzjoni trasversali timplika approċċ li fih dawk li jfasslu l-politika **jintegraw il-kwistjonijiet rurali fil-politiki kollha** biex jiżguraw li l-ħtiġijiet rurali jiġu kkunsidrati.

⁽⁸⁾ <https://rural-urban.eu>

⁽⁹⁾ <https://rubizmo.eu>

⁽¹⁰⁾ <https://liverur.eu/>

⁽¹¹⁾ <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/information-reports/evaluation-caps-impact-territorial-development-rural-areas-information-report>

⁽¹²⁾ Paġna web dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, Kummissjoni Ewropea.

⁽¹³⁾ Farm to Fork Strategy [Strategġija mill-Għalqa sal-Platt] (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁴⁾ Komunikazzjoni, Aġġornament tal-Istrategġija Industrijali l-Ġdida tal-2020

3.16 **Koordinazzjoni b'suċċess bejn l-amministrazzjonijiet** għandha tqis l-aspetti li ġejjin:

- i) l-identifikazzjoni tal-iskala korretta ta' intervent;
- ii) l-istabbiliment ta' rwol ta' tmexxija ċar fil-koordinazzjoni tal-politika;
- iii) it-tiżhij tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn ir-reġjuni jew il-muniċipalitajiet;
- iv) il-promozzjoni ta' **sħubijiet bejn iż-żoni rurali u dawk urbani** biex jiġu sfruttati r-rabtiet funzjonali;
- v) it-titjib tal-**koordinazzjoni vertikali** bejn il-livelli ta' gvern.

3.17 Hemm bżonn li tinżamm rabta diretta mat-territorji rurali permezz tar-rwol attiv tar-reġjuni tal-UE, li għandhom rwol kruċjali fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-iżvilupp rurali fil-livell lokali. **L-involvement ta' diversi partijiet interessati u approċċ minn isfel għal fuq** huma elementi ewlenin biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u s-sjieda lokali tal-politiki rurali. Il-KESE jitlob li jiġi kkunsidrat ir-rwol li jistgħu jaqdu l-gruppi ta' azzjoni lokali u l-mudell ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità.

3.18 Il-KESE jissuġġerixxi wkoll li l-**mudell ta' governanza** tal-kunsilli għall-politika dwar l-ikel jintuża bħala ispirazzjoni għal kooperazzjoni effettiva bejn il-partijiet interessati kollha fil-livell lokali.

3.19 Għandu jsir progress fir-rigward ta' **kuntratti territorjali** appoġġjati minn politiki ta' impenn, li jfisser li għandhom jiġu definiti objettivi, jingħaqdu l-isforzi, jiġu iċċentivati impenji pubbliċi u privati b'fokuz territorjali, jiġu żviluppati mekkaniżmi għall-kooperazzjoni interistituzzjonali u transsettorjali, tinholq struttura istituzzjonali ġdida li tippromovi l-iżvilupp sostenibbli, tiġi rikonossuta d-diversità taż-żoni rurali u jiġu promossi rabtiet urbani-rurali. F'dan ir-rigward, il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet fis-settur agroalimentari issa għandhom l-opportunità li jiffirmaw il-kodiċi ta' kondotta dwar prattiki kummerċjali u ta' kummerċjalizzazzjoni responsabbli⁽¹⁵⁾ mnedija mill-Kummissjoni bħala parti mill-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt.

3.20 Il-kuntratti territorjali għandhom ikunu bbażati fuq l-ekwità u r-rispett. Fl-Ingilterra, Wales u l-Iskozja jeżistu **kodiċijiet ta' kondotta rurali** biex jgħinu lin-nies jifhmu kif għandhom jirrispettaw iż-żoni rurali. Dawn jistgħu jiġu tradotti f'**Karta Ewropea dwar id-Drittijiet⁽¹⁶⁾ u r-Responsabbiltajiet għal relazzjonijiet rurali u urbani ġusti u sostenibbli**. Din il-Karta għandha tiġi inkorporata fl-edukazzjoni ċivika għal kulħadd.

3.21 Il-KESE jirrikonoxxi li m'hemmx formoli uniformi applikabbli għal reġjuni differenti u li kull **unità sottonazzjonali** għandha tiffoka u tispeċjalizza, filwaqt li tirrispetta l-uniċità, id-diversità u l-multifunzjonalità tal-użi, issib soluzzjonijiet ibbażati fuq il-potenzjal, il-ħtiġijiet, il-kapaċitajiet u l-aspirazzjonijiet tagħha stess. L-użu tal-infrastruttura eżistenti u r-riflessjoni dwar l-iżvilupp ta' infrastrutturi ġodda għandhom jitqiesu globalment, filwaqt li wieħed iħares lejn ix-xejriet ta' investiment fil-postijiet it-tajba.

3.22 Il-ħtieġa li **jittejbu l-opportunitajiet ta' impjeg**:

- i) il-pandemija tal-COVID-19 aċċellerat il-proċessi tad-diġitalizzazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni li jeħtieġu sforzi biex jiġu sostnuti matul iż-żmien;
- ii) jeħtieġ li jinħolqu u jinżammu opportunitajiet ġodda ta' impjeg fiż-żoni rurali, inklużi dawk relatati mal-forniment ta' servizzi rurali, it-telexgħol, it-teknoloġiji ġodda jew l-enerġiji rinnovabbli;
- iii) it-tiżhij tal-aspetti multifunzjonali tal-agrikoltura, il-promozzjoni ta' attivitajiet mhux agrikoli, il-ħolqien ta' negozji fis-settur tas-servizzi u l-industriji tal-enerġija nadifa fiż-żoni rurali jistgħu jgħolqu ħafna opportunitajiet ta' xogħol;
- iv) il-promozzjoni tal-intraprenditorija, l-iżgurar ta' regoli ta' kompetizzjoni ġusti għall-**SMEs** u l-ġhoti ta' attenzjoni għall-ħtiġijiet ta' ġenerazzjonijiet iżgħar (eż. xogħol mill-bogħod);

⁽¹⁵⁾ Code of Conduct (europa.eu) [Kodiċi ta' kondotta] (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁶⁾ The Countryside Code: advice for countryside visitors – GOV.UK. [Il-kodiċi ta' kondotta rurali: parir għal dawk li jżuru l-kampanja], (mhux disponibbli bil-Malti).

- v) iż-żamma tal-impjegji u l-ħwienet qrib in-nies. Il-viżjoni rurali-urbana toffri opportunitajiet għall-iżvilupp ta' ekonomija ċirkolari;
- vi) il-promozzjoni ta' xogħol deċenti u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fiż-żoni rurali, filwaqt li jiġi żgurat li kulħadd ikollu leħen f'dan il-proċess ta' titjib;
- vii) ir-rabta bejn id-domanda tal-konsumatur mas-swieq reġjonali u rurali permezz tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti lokali u tikketti ta' kwalità;
- viii) il-ħolqien ta' opportunitajiet kulturali fiż-żoni rurali għandu jiġi promoss b'mod wiesa', inklużi l-promozzjoni ta' avvenimenti kulturali u l-protezzjoni ta' bini storiku u reliġjuż rurali (knejjes, kastelli, eċċ.);
- ix) il-proċessi ta' diġitalizzazzjoni jwittu t-triq għal opportunitajiet ġodda li jistgħu jgħolqu aspettattivi u jappellaw għaċ-ċittadini – speċjalment iż-żgħażaġh – u jwasslu għal bidla fix-xejriet tad-depopolazzjoni u fil-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali. Għal dan il-għan, iż-żoni rurali jeħtieġu infrastruttura adegwata biex tiġi żgurata l-konnettività. L-istrateġiji ta' konnettività u l-**pjattaformi diġitali** joffru soluzzjonijiet hawnhekk filwaqt li **att diġitali rurali** jiffaċilita l-iżvilupp ta' teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali;
- x) l-agrikoltura u l-akkwakultura sostenibbli⁽¹⁷⁾ fiż-żoni rurali u periurbani għandhom jiġu appoġġjati, flimkien mal-ekoturiżmu, l-attivitajiet ta' divertiment u edukattivi dwar is-sostenibbiltà, u dawn l-attivitajiet għandhom ikunu kompatibbli mal-protezzjoni tal-bijodiversità sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-ħajja tan-nies;
- xi) Edukazzjoni rurali ta' kwalità u aċċessibbli, li tibda mis-snin bikrija tat-tfal, tista' tgħin biex jittejbu r-riżultati fl-edukazzjoni, filwaqt li l-aċċess għas-servizzi pubbliċi, bħall-indukrar tat-tfal u l-iskejjel, huwa fattur ibbażat fuq il-post li jiġbed lin-nies lejn iż-żoni rurali, inkluż anke għall-ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet.

3.23 It-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjeggi huma importanti, iżda jridu jiġu kkomplementati minn provvista suffiċjenti ta' **servizzi** ta' kwalità tajba fil-qasam tal-akkomodazzjoni, l-enerġija, id-divertiment, l-edukazzjoni u t-taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja u s-sistemi tas-saħħa li jiżguraw li ż-żoni rurali mhumiex biss sostenibbli iżda wkoll postijiet attraenti fejn wieħed jista' jgħix. L-UE teħtieġ b'mod urġenti li tiżviluppa l-pedamenti għal **ekonomija tal-benesseri** sostenibbli u inklużiva li tiffunzjona għal kulħadd⁽¹⁸⁾.

3.24 B'mod partikolari, l-iżvilupp kontinwu ta' trasport pubbliku affordabbli għandu jkun prijorità għall-iżvilupp ta' żoni rurali u b'hekk għall-konnettività ma' żoni urbani. Il-forniment ta' trasport pubbliku bi prezz raġonevoli huwa assolutament meħtieġ għall-ħajja ta' kuljum u l-impjeggi, b'rabta mal-aċċessibbiltà ta' servizzi pubbliċi essenzjali bħall-iskejjel, il-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal, it-tobba jew l-ispiżeriji u l-ivvjaġġar lejn u mill-post tax-xogħol.

3.25 Dan jeħtieġ **forom ġodda ta' prestazzjoni ta' servizzi rurali**:

- i) il-prestazzjoni ta' servizzi integrati (kohidma minn diversi servizzi fi spazju wieħed; kollaborazzjoni bejn il-provvedituri ta' servizzi; kooperazzjoni bejn timijiet ta' professjonisti; koproduzzjoni bejn organizzazzjonijiet pubbliċi, privati u komunitarji);
- ii) approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni ta' servizzi alternattivi u aktar flessibbli (servizzi mobbli li jwasslu s-servizzi liċ-ċittadini; mudelli ta' sistemi radjali, fejn is-servizzi jiġu pprovduti regolarment minn post ċentrali; servizzi adatti aħjar għall-ħtiġijiet lokali);
- iii) soluzzjonijiet teknoloġiċi u diġitali, inkluż fis-setturi tal-edukazzjoni u tas-saħħa.

3.26 Strateġija olistika biex jintlaħqu **l-limiti ta' servizz** f'territorji differenti u l-iskambju ta' servizzi bejn postijiet differenti huma elementi ewlenin għat-tfassil ta' żoni urbani u rurali sostenibbli.

⁽¹⁷⁾ Ara l-Opinjoni dwar "Linji gwida strateġiċi għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura fl-UE" — NAT/816 (ĠU C 517, 22.12.2021, p. 103) u dwar "Approċċ għid għal ekonomija blu sostenibbli fl-UE" – NAT/817 (ĠU C 517, 22.12.2021, p. 108).

⁽¹⁸⁾ Opinjoni tal-KESE dwar L-ekonomija sostenibbli li neħtieġu (ĠU C 106, 31.3.2020, p. 1).

3.27 Jeħtieġ li titfassal strateġija li, billi ttejjeb is-servizzi rurali u l-opportunitajiet ġodda ta' impjieg, tgħin biex tiżgura li l-popolazzjoni tistabilixxi ruħha fil-post u, fuq kollox, **tiżgura t-tiġdid ġenerazzjonali** meħtieġ.

Brussell, il-21 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew “L-awtonomija strateġika u s-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-ikel”**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2022/C 105/09)

Relatur: **Klaas Johan OSINGA**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.3.2021
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	4.10.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	128/0/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jipproponi definizzjoni ta' awtonomija strateġika miftuħa li tapplika għal sistemi tal-ikel ibbażati fuq il-produzzjoni tal-ikel, il-forza tax-xogħol u l-kummerċ ġust, bil-għan ġenerali li jiġu żgurati s-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-ikel għaċ-ċittadini kollha tal-UE permezz ta' provvista tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa, sostenibbli u reżiljenti.

1.2. B'mod partikolari, is-sistemi tal-ikel tal-UE għandhom ikunu aktar diversifikati; il-forza tax-xogħol agrikola għandha tissaħħaħ speċjalment billi jiġu attirati ż-żgħażaġh u jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol u remunerazzjoni deċenti; il-politiki kummerċjali għandhom ikunu allinjati mal-istandards tal-UE dwar is-sostenibbiltà tal-ikel u l-kompetittività⁽¹⁾.

1.3. L-awtonomija strateġika miftuħa u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel huma ggarantiti l-aħjar bl-iżvilupp ta' sett ta' għodod li jinkludi miżuri ta' ġestjoni tar-riskju biex jgħinu lill-ktajjen tal-provvista tal-ikel jindirizzaw sitwazzjonijiet estremi u lill-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE biex jieħdu azzjonijiet immedjati.

1.4. L-avvenimenti reċenti kkawżati mill-COVID-19, it-temp estrem minħabba t-taqlib fil-klima u l-attakki ċibernetiċi juru l-ħtieġa li tittieġeb ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel. Fl-ambitu tal-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt, il-Kummissjoni Ewropea qed tiżviluppa pjan ta' kontinġenza tal-UE għall-provvista tal-ikel u għas-sigurtà tal-ikel, u mekkaniżmu assoċjat tal-UE ta' rispons għall-kriżijiet tal-ikel⁽²⁾. Dan għandu jgħin biex jiżdied l-għarfien dwar ir-riskji u jinkludi l-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, l-immappjar u l-monitoraġġ tar-riskji ewlenin permezz tal-ittejtjar tal-istress tas-sistemi kritiċi fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri u għandu jgħin ukoll biex jiġu implimentati l-miżuri intiżi biex isolvu l-problemi ffaċċati.

1.5. L-UE teħtieġ sistema biex tipprevjeni avvenimenti bħal qtugħ fil-provvista tal-enerġija u qtugħ fin-network jew attacchi ċibernetiċi li ma jibqgħux taħt kontroll minħabba d-dipendenzi. Pereżempju: belt li teħtieġ li tkun taħt lockdown għal diversi ġimgħat, falliment fil-provvista elettrika għal diversi jiem, kumpanija tal-ikel jew bejgieħ bl-innut li jsolfi attack ċibernetiku.

⁽¹⁾ Biex politika tal-ikel Ewropea komprensiva tkun tassew rilevanti għall-konsumaturi Ewropej, huwa essenzjali li l-ikel prodott b'mod sostenibbli fl-UE jkun kompetittiv. Dan ifisser li s-settur agroalimentari Ewropew huwa kapaċi jwassal l-ikel għall-konsumaturi bi prezzijiet li jinkludu spejjeż żejda għal kriterji bħalma huma s-sostenibbiltà, it-trattament xieraq tal-annimali, is-sikurezza alimentari u n-nutrizzjoni, iżda wkoll redditu ġust lill-bdiewa, u fl-istess ħin iżomm il-pożizzjoni tiegħu bħala l-għażla ppreferuta għall-parti l-kbira tal-konsumaturi (ĠU C 129, 11.4.2018, p. 18, ĠU C 429, 11.12.2020, p. 268).

⁽²⁾ Pjan ta' kontinġenza, Kummissjoni Ewropea.

1.6. Sabiex jittejjbu l-mekkaniżmi ta' sopravivenza, hemm bżonn li jiġu żviluppati s-sistemi eżistenti tal-ikel u fl-istess ħin jiġu diversifikati s-sistemi tal-ikel, fosthom il-mudelli tan-negozju tal-ikel għall-ħwienet agrikoli, il-biedja urbana, il-biedja vertikali u l-approċċ "produzzjoni lokali għall-bżonnijiet tal-lokal" b'mod ġenerali. Dan jeħtieġ applikazzjoni usa' tar-riċerka u l-innovazzjoni mill-bdiewa u l-produtturi, u għandu jgħin biex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' "deżerti tal-ikel" u l-ispeċjalizzazzjoni tal-produzzjoni⁽³⁾. Fl-istess ħin, għandhom jissaħħu l-vantaġġi tas-sistema ta' distribuzzjoni effiċjenti mill-irziezet għall-ipproċessar u s-swieq.

1.7. Sabiex jiġu żgurati l-produzzjoni fit-tul ta' ikel suffiċjenti u tajjeb għas-saħħa, u għajxien vijabbli, huwa importanti li r-riżorsi naturali jintużaw b'mod sostenibbli, il-preservazzjoni tal-ħamrija u r-riżorsi tal-ilma, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità u l-protezzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali. L-UE għandha ssaħħaħ il-livell ta' produzzjoni lokali u reġjonali sabiex tikkombina l-produzzjoni tal-ikel u l-ipproċessar tal-ikel ibbilanċjati sew ma' impronta tal-karbonju baxxa.

1.8. Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) għandha rwol ekonomiku, soċjali u ambjentali vitali. Hija għandha tistabbilizza s-swieq matul il-kriżijiet, filwaqt li tipprovdi xibka ta' sikurezza għall-bdiewa u l-proċessuri, u tipproteġi l-ambjent, il-klima, il-forza tax-xogħol, u t-trattament xieraq tal-annimali. Il-PAK għandha rwol fiż-żamma tal-kapaċità ta' produzzjoni strateġika, is-sikurezza u s-sigurtà tal-ikel.

1.9. Azjenda agrikola, art agrikola għammiela, u l-ilma huma assi strateġiċi u jridu jiġu protetti sa ċertu livell madwar l-UE: huma jikkostitwixxu s-sinsla tal-awtonomija strateġika miftuħa taġħna fil-qasam tal-ikel.

1.10. Il-KESE jtenni r-rakkomandazzjoni tiegħu li tiġi esplorata l-għażla ta' Kunsill Ewropew dwar il-Politika tal-Ikel b'diversi partijiet ikkonċernati u f'diversi livelli⁽⁴⁾. Fil-kuntest ta' awtonomija strateġika miftuħa, tali Kunsill jista' jkollu, fost oħrajn, rwol ta' monitoraġġ u jgħin fl-evalwazzjoni u l-antiċipazzjoni tar-riskji fil-katina tal-provvista tal-ikel.

1.11. Jeħtieġ li l-UE tiżgura li l-fruntieri jinżammu miftuħa b'mod sikur u li l-forza tax-xogħol u l-loġistika jibqgħu għaddejjin għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-ikel ("korsiji ħodor") fi ħdan l-UE u fil-konfront ta' pajjiżi terzi. Dan jeħtieġ mekkaniżmu b'saħħtu ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u pajjiżi terzi.

2. Introduzzjoni

2.1. Din l-Opinjoni fuq inizzjattiva proprja għandha l-għan li tesplora l-kunċett ta' "awtonomija strateġika miftuħa" għall-Ewropa fir-rigward tas-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-ikel fil-futur, u tipprovdi l-fehmiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' politika tas-soċjetà ċivili li jħarsu 'l quddiem. B'mod partikolari, l-Opinjoni toffri punt ta' riflessjoni dwar kwistjonijiet ta' jirriżultaw minn avvenimenti reċenti bħall-COVID-19, temp estrem, attacchi ċibernetiċi u tensjonijiet politiċi/soċjali.

2.2. "Awtonomija strateġika miftuħa" għandha titqies bħala opportunità għall-UE biex tiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-ikel u tippromovi l-istandards taġħha dwar is-sostenibbiltà tal-ikel, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. L-isfida Ewropea tas-sostenibbiltà tal-ikel jeħtieġ li tiġi indirizzata kemm internament kif ukoll esternament, u din l-Opinjoni se tħares ukoll lejn modi possibbli biex tiġi protetta u mtejba d-disponibbiltà ta' ikel sostenibbli għaċ-ċittadini tal-UE kollha, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi.

2.3. L-Opinjoni tibni fuq għadd ta' proposti u ideat konkreti li diġà tressqu mill-KESE fil-ħidma preċedenti tiegħu⁽⁵⁾. Dawn il-proposti jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

— politika komprensiva dwar l-ikel fl-UE, bl-għan li jiġu pprovduti dieti tajbin għas-saħħa minn sistemi sostenibbli tal-ikel, l-agrikoltura tintrabat ma' servizzi tan-nutrizzjoni u tal-ekosistema, u jiġu żgurati ktajjen ta' provvista li jissalvagwardjaw is-saħħa pubblika għas-sezzjonijiet kollha tas-soċjetà Ewropea. Politika bħal din, li issa hija riflessa fl-istrateġija mill-Għalqa sal-Plat tal-Kummissjoni, għandha ttejjeb il-konsistenza fl-oqsma kollha ta' politika relatati mal-ikel, tirrestawra l-valur tal-ikel, u tippromovi bidla fit-tul mill-produttività u l-konsumeriżmu tal-ikel għal ċittadinanza alimentari;

⁽³⁾ COVID-19 and the food phenomena (Il-COVID-19 u l-fenomeni tal-ikel), FAO.

⁽⁴⁾ ĠU C 129, 11.4.2018, p. 18 u ĠU C 429, 11.12.2020, p. 268.

⁽⁵⁾ Fost oħrajn: ĠU C 129, 11.4.2018, p. 18; ĠU C 190, 5.6.2019, p. 9; ĠU C 429, 11.12.2020, p. 268; ĠU C 429, 11.12.2020, p. 66; ĠU C 440, 6.12.2018, p. 165, Opinjoni tal-KESE *Lejn katina tal-provvista tal-ikel ġusta* NAT/823 (ĠU C 517, 22.12.2021, p. 38).

- it-tisħiħ tal-potenzjal tal-ktajjen ta' provvista tal-ikel qosra, tal-agroekoloġija u tal-iskemi ta' kwalità tal-prodott;
- l-iżgurar ta' prezzijiet ġusti u projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti;
- jiġu inkorporati l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija għall-Bijodiversità bħala standards ta' sostenibbiltà globali fil-ftehimiet kummerċjali futuri kollha tal-UE;
- jiġi żgurati l-involviment u l-parteċipazzjoni strutturati tas-soċjetà ċivili u tal-partijiet interessati kollha fil-katina tal-provvista tal-ikel, inkluż permezz ta' Kunsill Ewropew dwar il-Politika tal-Ikel.

2.4. Fl-aħħar nett, l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja għandha l-għan li tipprovdi għarfien siewi għall-ħidma li għaddeja dwar l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt tal-Patt Ekoloġiku, il-PAK, ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali u l-Aġenda ta' Prospettiva Strateġika, biex b'hekk is-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-ikel tal-UE jitqiegħdu fil-qalba tal-analiżi.

2.5. F'Settembru 2021, in-NU organizzat Summit dwar is-Sistemi tal-Ikel, bil-għan li l-pajjiżi jiġu mgħejjuna jiksbsu s-17-il SDG, b'mod partikolari l-SDG2 – Ebdha ġuħ. Il-KESE diġà ta l-kontribut tiegħu għal dan id-dibattitu ⁽⁶⁾.

3. Awtonomija strateġika miftuħa, l-elementi ewlenin għas-sistema tal-ikel

3.1. Skont il-Kummissjoni Ewropea, "awtonomija strateġika miftuħa" hija l-kapaċità tal-UE li tagħmel l-għażliet tagħha stess u ssawwar id-dinja ta' madwarha permezz ta' tmexxija u involviment, li jirriflettu l-interessi u l-valuri strateġiċi tagħha. Dan jippermetti lill-UE tkun aktar b'saħħitha, kemm ekonomikament kif ukoll ġeopolitikament, billi tkun ⁽⁷⁾:

- miftuħa għall-kummerċ u l-investment li jgħinu lill-ekonomija tal-UE tirkupra mill-kriżijiet u tibqa' kompetittiva u konnessa mad-dinja;
- sostenibbli u responsabbli, billi tiegħu pozzizzjoni ta' tmexxija fil-livell internazzjonali biex issawwar dinja aktar ekoloġika u aktar ġusta, issaħħaħ l-alleanzi eżistenti u tinvolvi ruħha ma' diversi msieħba;
- assertiva kontra prattiki inġusti u koerċittivi u lesta li tinforza d-drittijiet tagħha, filwaqt li dejjem tiffavorixxi l-kooperazzjoni internazzjonali biex issolvi problemi globali.

3.2. "Awtonomija strateġika miftuħa" jeħtieġ li tiġi definita aħjar fir-rigward tas-sistemi tal-ikel. Il-KESE jixtieq jikkontribwixxi għall-ħsieb dwar kif l-UE tista' tkun ippreparata aħjar għal kriżijiet futuri. Dan għandu jkun parti mill-Pjan ta' Rkupru tal-UE, pereżempju permezz tal-użu tal-fondi tan-Next Generation EU.

3.3. Il-KESE jissuġġerixxi definizzjoni ta' awtonomija strateġika miftuħa bbażata fuq il-produzzjoni tal-ikel, il-forza tax-xogħol u l-kummerċ, bil-għan ġenerali li jiġu żgurati s-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-ikel għaċ-ċittadini tal-UE permezz ta' provvista tal-ikel ġusta, sostenibbli u reżiljenti.

3.4. Il-produzzjoni tal-ikel

3.4.1. Is-sigurtà tal-ikel għandha tiġi indirizzata minn perspettivi internazzjonali, nazzjonali u lokali. 55 % tal-popolazzjoni tad-dinja tgħix fil-bliet, fejn fut li xejn jiġi prodott ikel frisk – l-hekk imsejħa deżerti tal-ikel. In-NU tipprevedi żieda għal 68 % sal-2050. Il-projezzjonijiet juru li l-urbanizzazzjoni flimkien maż-żieda ġenerali tal-popolazzjoni tad-dinja jistgħu jżidu 2,5 biljun persuna oħra fiż-żoni urbani sal-2050 ⁽⁸⁾. Il-livell ta' urbanizzazzjoni tal-Ewropa huwa mistenni li jiżdied għal madwar 83,7 % fl-2050 ⁽⁹⁾.

3.4.2. Fis-suq intern tal-Unjoni Ewropea, l-ikel jiġi ttrasportat kuljum l-aktar minn żoni rurali u industrijji tal-ipproċessar għal supermarkets f'żoni urbani. Madankollu, il-ħwienet lokali u elettroniki tal-azjendi agrikoli gawdew minn popolarità akbar fost il-konsumaturi matul il-lockdowns tal-2020-2021.

⁽⁶⁾ Contribution to the UN Food Systems Summit 2021 (Il-kontribut tal-KESE għas-Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel tal-2021), KESE.

⁽⁷⁾ Rieżami tal-Politika Kummerċjali, Kummissjoni Ewropea.

⁽⁸⁾ 68% of the world population projected to live in urban areas by 2050 (Huwa mbassar li 68 % tal-popolazzjoni dinjija se tkun qed tgħix f'żoni urbani sal-2050), Nazzjonijiet Uniti.

⁽⁹⁾ Urbanisation in Europe, EC; UN World urbanisation Prospects 2018.

3.4.3. L-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra jikkontribwixxi għar-reżiljenza tal-Ewropa. Il-kanali lokali għandhom ikunu konsistenti mal-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet u l-ispeċifitajiet tat-territorji u tal-kliġmi. Il-kapaċitajiet tal-ipproċessar għandhom jiġu żviluppati aktar fil-livell lokali.

3.4.4. Id-diversifikazzjoni tal-produzzjoni se tgħin ukoll biex tiżdied ir-reżiljenza tal-UE. Żieda fl-art agrikola ddedikata għall-biedja organika hija prevista fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, u l-għoti tar-raba' għat-ktabbir, il-biedja urbana u dik vertikali⁽¹⁰⁾ huma għażliet validi sabiex jiġu ffrankati l-kilometri alimentari, u qed isiru dejjem aktar popolari. Dawn l-inizjattivi għandhom ikunu marbuta mal-produzzjoni u l-ipproċessar tal-ikel lokali u reġjonali oħra biex tinbena xibka ta' sikurezza.

3.4.5. L-immappjar tal-vulnerabbiltajiet għandu jkun fuq quddiem nett tal-aġenda tal-UE. L-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jikkooperaw biex jinstabu l-lakuni, titnaqqas il-ħela tal-ikel, jiġu żviluppati xenarji u jiġu kkoordinati taħriġ u komunikazzjoni mmirati.

3.4.6. Il-ġestjoni intelliġenti tal-istokk tal-ikel għandha tkun parti mill-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE fil-qasam tal-ikel. Hija għandha tinkludi rotazzjoni regolari tal-istokkijiet strateġiċi filwaqt li jiġu evitati l-ispekulazzjoni, inkluż ix-xiri ta' komoditajiet u ikel taħt il-prezz tal-kost⁽¹¹⁾, u reazzjonijiet qawwija tas-suq billi tiġi żgurata t-trasparenza tas-suq.

3.5. Il-forza tax-xogħol

3.5.1. M'hemmx biżżejjed zghażaġh li huma mħarrġa u lesti li jaħdmu fil-biedja. Fl-2016, għal kull bidwi tal-UE iżgħar minn 35 sena, kien hemm aktar minn sitt bdiewa li kellhom aktar minn 65 sena⁽¹²⁾.

3.5.2. Barra minn hekk, il-bdiewa jkomplu jassorbu sehem sproporzjonat tal-ħsara u t-telf li jirriżultaw mid-diżastri. Il-frekwenza u l-intensità dejjem akbar tad-diżastri, flimkien man-natura sistematika tar-riskju, qed jeqilbu l-ħajja tan-nies ta' taħt fuq, jeqirdu l-għajxien tagħhom, u jipperikolaw is-sistema alimentari kollha tagħna.

3.5.3. Huwa essenzjali li tiżdied il-forza tax-xogħol agrikola fl-Ewropa, jiġu protetti l-biedja u l-art agrikola għammiela, u jiġu pprovduti sistemi tal-għarfien u tal-innovazzjoni agrikoli (AKIS) adegwati. Iz-zghażaġh u n-nisa għandhom jiġu mħeġġa jidħlu fil-biedja u jibqgħu jaħdmu fl-azjendi agrikoli għal tul ta' żmien.

3.5.4. Wieħed mill-prerekwiżiti għall-implimentazzjoni ta' sistema tal-ikel sostenibbli u reżiljenti huwa li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema mill-UE u mhux mill-UE li jaħdmu fis-settur tal-agrikoltura u tal-ikel, fil-livelli kollha tal-katina tal-provvista. Il-ħaddiema agrikoli għandhom jingħataw finanzjament adegwat, paġi ġusti u oġhla, prezzijiet ġusti, sussidji għall-adattament għat-tibdil fil-kliġma, u jiġu żgurati d-drittijiet tal-ħaddiema staġjonali.

3.5.5. Fil-fehma tal-KESE, politika komprensiva tal-UE dwar l-ikel għandha twassal għal sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjokulturali. Għaldaqstant, huwa imperattiv li jiġi żgurati li l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt tbiddel b'mod fundamentali d-dinamika tal-katina tal-provvista u twassal titjib fit-tul fl-introjti u l-għajxien tal-bdiewa⁽¹³⁾. Għandna dubji dwar kemm din il-bidla fundamentali meħtieġa tista' sseħħ jekk ma jiġux stabbiliti l-inċentivi politiċi u ekonomiċi t-tajba.

3.6. Kummerċ

3.6.1. Fl-2020, l-esportazzjonijiet agroalimentari tal-UE-27 ġew ivvalutati għal EUR 184,3 biljun, żieda ta' 1,4 % meta mqabbla mal-2019, filwaqt li l-importazzjonijiet, li jammontaw għal EUR 122,2 biljun, kienu 0,5 % oġhla mis-sena preċedenti. Fl-2020, is-surplus tal-kummerċ agroalimentari kien ta' EUR 62 biljun, żieda ta' 3 % mill-2019⁽¹⁴⁾. Skont iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), EUR 1 biljun ta' esportazzjonijiet agroalimentari joħloq medja ta' 20 000 impjieg, li minnhom 13 700 huma fis-settur primarju. Fl-istess ħin, l-agrikoltura kienet tirrappreżenta madwar 4,2 % tal-impjieg totali fl-UE fl-2016⁽¹⁵⁾.

⁽¹⁰⁾ Vertical farming (Biedja vertikali), WUR.

⁽¹¹⁾ Opinjoni tal-KESE – *Lejn katina ġusta tal-provvista tal-ikel* NAT/823 (ĠU C 517, 22.12.2021, p. 38).

⁽¹²⁾ CAP – Structural change and generational renewal (PAK – Bidla strutturali u tiġdid ġenerazzjonali), Kummissjoni Ewropea.

⁽¹³⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 268.

⁽¹⁴⁾ 2020 a year of stability for EU agri-food trade (2020: sena ta' stabbiltà għall-kummerċ agroalimentari tal-UE), Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁵⁾ Farmers and the agricultural labour force – statistics (Il-bdiewa u l-forza tax-xogħol agrikola – statistika), Eurostat.

3.6.2. Ir-Renju Unit, l-Istati Uniti, iċ-Ċina, l-Iżvizzera u l-Ġappun kienu l-akbar swieq agroalimentari tal-UE, li ħadu aktar minn 52 % tal-esportazzjonijiet kollha. Fl-2020, l-akbar sorsi ta' importazzjonijiet agroalimentari tal-UE kienu jinkludu r-Renju Unit, il-Brażil, l-Istati Uniti, l-Ukrajna u ċ-Ċina.

3.6.3. L-UE għandha rwol ewlieni fil-kummerċ globali tal-prodotti agroalimentari, għalhekk, huwa essenzjali li l-politiki kummerċjali tagħha jkunu allinjati mal-oġettivi sostenibbli tagħha. F'Opinjoni preċedenti⁽¹⁶⁾, il-KESE ppropona li l-ftehimiet kummerċjali futuri kollha tal-UE jinkorporaw l-Istrategġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrategġija għall-Bijodiversità tal-Patt Ekoloġiku bħala standards globali ta' sostenibbiltà. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza u l-valur ta' kummerċ ibbażat fuq ir-regoli li jopera fuq kundizzjonijiet ekwi, u l-kontribut kbir li huwa jkollu għall-irkupru ekonomiku wara l-COVID-19.

3.6.4. Sabiex titnaqqas id-dipendenza fuq il-mezzi ta' produzzjoni tal-azjendi agrikoli, l-UE għandha tappoġġja prattiki ta' input baxx, speċjalment f'termini ta' fjuwils fossili u pestiċidi, u trawwem il-kapaċità tal-produzzjoni tal-mezzi ta' produzzjoni tal-azjendi agrikoli fl-Ewropa.

3.6.5. Huma meħtieġa sistemi innovattivi li jipproteġu u jtejbu l-bażi tar-riżorsi naturali, filwaqt li jippromovu l-produttività effiċjenti⁽¹⁷⁾. Teknoloġiji ġodda, robots u vaċċini huma assi importanti li għandhom jiġu żviluppati.

4. Ġestjoni tar-riskju u xenarju ta' simulazzjoni ta' kriżi

4.1. Skont l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), l-umanità u s-sigurtà tal-ikel tagħna qed jiffaċċjaw firxa ta' theddidiet ġodda u bla preċedent, bħal temp estrem minħabba taqlib fil-klima, mard u pandemiji. L-agrikultura tiffaċċja firxa ta' riskji, li jinteraġixxu f'dinja iperkonnessa⁽¹⁸⁾.

4.2. L-FAO tirrapporta li, matul l-2020-2021, il-prezzijiet tal-ikel żdiedu għall-ogħla livell mill-2011 'l hawn⁽¹⁹⁾. Ta' spiss jiġi rrapportat li l-volatilità tal-prezzijiet parti minnha hija xprunata mill-ispekulazzjoni. In-NU u l-OECD jirrapportaw li, fl-2020, bejn 720 u 811 miljun persuna esperenzaw il-ġuħ. Kważi persuna minn kull tliet persuni fid-dinja (2,37 biljun persuna) ma kellhiex aċċess għal ikel adegwat fl-2020, żieda ta' 320 miljun persuna f'sena⁽²⁰⁾.

4.3. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li s-sigurtà tal-ikel – anke fl-Ewropa – ma tistax titqies bħala xi ħaġa garantita. L-atturi u l-attivitàjiet kollha fil-katina alimentari huma iperkonnessi. Matul il-pandemija, il-pajjiżi introduċew restrizzjonijiet kummerċjali. Anke fi ħdan l-UE, l-Istati Membri ħadu miżuri unilaterali li jagħlqu l-fruntieri, li kienu ta' theddida għat-trasport tal-ikel u ta' ħaddiema staġjonali. Bis-saħħa ta' adattamenti rapidi mill-bdiewa u l-imsieħba tal-katina alimentari, il-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni baqgħu għaddejjin. Il-Kummissjoni ħadet ukoll azzjoni biex iżżomm il-funzjonament tas-suq intern. Madankollu, bosta intraprendituri ntlaw ekonomikament mill-kriżi hekk kif intemmu s-servizzi fil-qasam tal-ivvjaġġar, it-turiżmu u tal-ikel.

4.4. Attakki ċibernetiċi bħal attacchi ta' ransomware iwasslu għal kriżijiet fil-ħajja reali minħabba li llum il-ġurnata ħafna affarijiet huma online ("Internet tal-oġġetti"). L-aġenzija tal-istampa AP irrappurtat li l-pagament medju liċ-ċiberkriminali żdied bi 311 % fl-2020 għal USD 310 000. Bħala medja, il-vittmi reġgħu kisbu aċċess għad-data tagħhom biss wara 21 jum⁽²¹⁾.

⁽¹⁶⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 66.

⁽¹⁷⁾ The future of food and agriculture (Il-futur tal-ikel u l-agrikultura), FAO.

⁽¹⁸⁾ The impact of disasters and crises on agriculture and food security: 2021 (L-impatt tad-diżastri u l-kriżijiet fuq l-agrikultura u s-sigurtà tal-ikel), FAO.

⁽¹⁹⁾ FAO Food Price Index (Indiċi tal-FAO tal-prezzijiet tal-prodotti tal-ikel), FAO.

⁽²⁰⁾ 2021 State of Food Security and Nutrition in the World (L-Istat tas-Sigurtà tal-Ikel u n-Nutrizzjoni fid-Dinja 2021), Programm Dinji tal-Ikel (WFP).

⁽²¹⁾ Cyber attack on US pipeline is linked to criminal gang (Attakk ċibernetiku fuq pipeline tal-Istati Uniti huwa assoċjat ma' grupp kriminali), AP News.

4.5. F'April 2021, l-akbar supermarket Netherlandiż (Albert Heijn) għal diversi jiem spiċċa mingħajr ċerti prodotti tal-ġobon minħabba attakk ċibernetiku fuq distributur ewlieni ⁽²²⁾. Dan l-aħħar, l-akbar kumpanija li tippakkja l-laħam fid-dinja, JBS, ġiet attackkata. Dan l-att intensifika t-tħassib dwar is-sigurtà fl-Istati Uniti fuq il-provvista nazzjonali tal-ikel ⁽²³⁾. Jidher li ħafna attackki ċibernetiċi ma jiġux irrapportati mill-kumpaniji biex jevitaw reazzjonijiet tas-suq bħall-akkumulazzjoni żejda u prezzijiet li jogħlew f'daqqa. Il-kumpaniji soffrew ukoll impatti sinifikanti minn attackki ċibernetiċi minkejja li ma kinux il-mira diretta tal-attakk, bħall-għeluq f'Lulju 2021 ta' diversi mijiet ta' ħwienet tal-grupp Cooperative fl-Iżvezja wara l-attakk ta' ransomware fuq il-fornitur tas-software US Kaseya ⁽²⁴⁾.

4.6. Daqstant ieħor ta' tħassib kien l-inċident fejn il-Kanal ta' Suez ġie mblukkat minn bastiment tal-kontejners ta' 200 000 tunnellata fil-bidu ta' April 2021. Inċidenti bħal dawn juru l-vulnerabbiltà tal-ktajjen tal-provvista globali. Jekk dawn il-ktajjen jiġu mfixkla għal ftit jiem, ikun meħtieġ żmien twil biex dawn jerġgħu jlaħħqu mad-domanda, u dan jista' jikkawża żidiet fil-prezzijiet għall-konsumaturi u l-kumpaniji.

4.7. F'Settembru, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat ir-**Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2021**, li jiffoka fuq l-awtonomija strateġika miftuħa ⁽²⁵⁾. Il-Kummissjoni tqis l-iżgurar ta' sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti bħala wieħed mill-oqsma strateġiċi ewlenin biex tissaħħaħ it-tmexxija globali tal-UE. F'dan ir-rigward, tisemma l-ħtieġa li jsir investment fl-innovazzjoni biex jiġu salvagwardjati sistemi tal-ikel reżiljenti u sostenibbli ⁽²⁶⁾.

4.8. Barra minn hekk, dokument tekniku reċenti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka jipprovdi sfond għad-dashboards tar-reżiljenza ppreżentati fir-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2020 tal-Kummissjoni Ewropea ⁽²⁷⁾. Dan jinkludi indikaturi tal-vulnerabbiltà relatati mal-aċċess għas-servizzi lokali u d-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-ikel, u jagħti prova tal-importanza ġeopolitika tal-ikel. Dashboard jgħin biex tiġi mmappjata l-vulnerabbiltà u biex jiġi żviluppat simulazzjoni immirata ta' kriżi. Madankollu, dan huwa approċċ ġenerali peress li ma hemm l-ebda indikatur wieħed, u d-dashboards tar-reżiljenza bħalissa qed jiġu riveduti.

4.9. Jeħtieġ li l-ktajjen tal-provvista jimxu minn "eżatt fil-ħin" ("just in time") għal "għal li jista' jkun" ("just in case"). Id-dipendenza fuq fornituri monopolistiċi għal ċerti prodotti tista' tkun soġġetta għal interferenza minn gvernijiet ostili. Din hija wkoll kwistjoni ta' provvista ta' mezzi ta' produzzjoni lill-bdiewa u lill-proċessuri tal-ikel. Għalhekk, il-KESE jappella għal rieżami tas-sigurtà tad-disponibbiltà tal-ikel tal-UE. Dan għandu jsir permezz ta' **studji tax-xenarji**.

4.10. Is-simulazzjoni ta' kriżi għandha tintuża biex tesponi vulnerabbiltajiet. Pereżempju: x'inhuma l-konsegwenzi possibbli f'każ li jkun hemm qtugħ fin-networks tal-enerġija u tat-telekomunikazzjoni lokali/reġjonali/nazzjonali li jdum diversi jiem? Dan huwa miflum b'mod wiesa' bħala wieħed mill-akbar riskji ta' domanda għall-infrastruttura kritika ta' kwalunkwe nazzjon inkluża l-provvista tal-ikel. Impatti diretti fuq il-provvista tal-ikel jinkludu: qtugħ fil-provvista tal-elettriku, tal-ilma u tal-gass; nuqqas ta' kapaċità ta' refriġerazzjoni u ffriżar; l-impossibbiltà li jintużaw faċilitajiet għat-tisjir, il-ħami u l-ipproċessar/manifattura; qtugħ tat-tisħin u tad-dawl; l-impossibbiltà li tiġi żgurata iġjene bażika tal-ikel; u l-inabbiltà li jinkiseb fjuwil għall-vetturi tad-distribuzzjoni jew użi oħra fil-katina tal-provvista. Madankollu, l-impatti indiretti minħabba l-impatti fuq infrastruttura kritika oħra jista' jkollhom ukoll konsegwenzi sinifikanti. Nuqqas fit-tul ta' telekomunikazzjonijiet u tal-komunikazzjoni tad-data jippreżenta sfidi serji u immedjati dwar kif il-kumpaniji jikkomunikaw internament, u mal-aġenziji tal-gvern, il-fornituri, il-klijenti u l-konsumaturi biex jiffaċilitaw it-tixrid ta' informazzjoni vitali u biex joperaw l-ordnijiet mill-ġdid u l-pagamenti inkluż permezz ta' sistemi ta' kollegament bankarju.

4.11. Il-KESE jirrakkomanda investigazzjoni ulterjuri ta' dan ix-xenarju.

⁽²²⁾ Kaasschaarste bij Albert Heijn na hack leverancier (Skarsezza ta' ġobon fl-Albert Heijn wara attakk ċibernetiku fuq distributur ewlieni), de Volkskrant.

⁽²³⁾ Hacking American beef: the relentless rise of ransomware (Hacking tal-laħam taċ-ċanga Amerikan: iż-zieda bla waqfien tar-ransomware), Financial Times.

⁽²⁴⁾ NCSC statement on Kaseya inċident (Stqarrija ta' NCSC wara l-inċident ta' Kaseya), NCSC.

⁽²⁵⁾ Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2021, Kummissjoni Ewropea.

⁽²⁶⁾ Shaping and securing the EU's Open Strategic Autonomy by 2040 and beyond (Insawru u niżguraw l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE sal-2040 u lil hinn), JRC.

⁽²⁷⁾ Dashboards tar-reżiljenza, Kummissjoni Ewropea.

5. Rakkomandazzjoni għat-triq 'il quddiem

- 5.1. L-awtonomija strateġika miftuħa bħala kunċett toffri opportunitajiet, iżda toħloq ukoll riskji. Il-prosperità tal-UE tiddependi wkoll mill-kummerċ dinji, u għalhekk fuq regoli ċari għall-kummerċ u miżuri stabbiliti.
- 5.2. Meta l-ikel ikun skars, jew jidher li jkun skars, jista' joħloq xiri ta' paniku, filwaqt li jista' jonqos it-tħassib tal-konsumaturi l-klima, il-bijodiversità jew it-trattament xieraq tal-annimali. Għalhekk l-Ewropa tista' ssir aktar ekoloġika biss jekk issir aktar reżiljenti.
- 5.3. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li meta l-ktajjen tal-provvista jiġu interrotti għal perjodu itwal, hemm effetti mifruxa fl-ekonomija kollha. Jista' jkun li jgħaddu diversi snin biex nergġhu lura għan-normal.
- 5.4. L-awtonomija strateġika miftuħa fl-ikel ma tistax teżisti mingħajr politika kummerċjali miftuħa u ġusta. L-Unjoni Ewropea ma tistax tmur lura għal politiki protezzjonisti minħabba li dan joħloq vulnerabbiltajiet ġodda u potenzjalment jikkawża ħsara kbira ⁽²⁸⁾. Pereżempju: l-UE tissupplixxi hbuq lill-Afrika ta' Fuq u lil-Lvant Nofsani. Ta' spiss, il-ktajjen tal-provvista internazzjonali huma aktar effiċjenti u diversifikati, u għalhekk aktar kapaċi li jadattaw malajr għal xokkijiet ġodda minn daww lokali.
- 5.5. L-UE għandha tevalwa fl-ikel każijiet u għal liema prodotti l-awto-reżiljenza hija approċċ siewi. L-għarfien dwar kif joperaw il-ktajjen tal-provvista għandu jiżdied fost il-konsumaturi u l-pubbliku ġenerali.
- 5.6. L-UE, flimkien man-NU u l-imsieħba kummerċjali tagħha, jeħtieġ li tindirizza l-kawżi ewlenin tan-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel u tikkontribwixxi għal trasformazzjoni tant meħtieġa tas-sistema tal-ikel li tagħmel l-agrikoltura aktar reżiljenti għax-xokkijiet. Il-gvernijiet għandhom rwol x'jaqdu fl-appoġġ għall-ktajjen tal-provvista li jsiru aktar sostenibbli, robusti u siguri.
- 5.7. F'dokument informali konġunt reċenti, Franza u n-Netherlands appellaw għal kundizzjonijiet kummerċjali aktar stretti tal-UE, inkluż pjan ta' **Mġiba Responsabbli fin-Negożju** tal-UE. Dan għandu jiżgura politika koerenti u armonizzata filwaqt li jinżammu kundizzjonijiet ekwi għas-suq intern tal-UE. Pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-imġiba responsabbli fin-negożju għandu jkun l-istrateġija ġenerali għall-approċċ tal-UE għat-trawwim tal-kummerċ ġust u l-produzzjoni responsabbli u l-ġestjoni tal-ktajjen tal-provvista.
- 5.8. Dan l-aħħar Spanja u n-Netherlands ħarġu dokument informali konġunt dwar il-kisba tal-awtonomija strateġika filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa. Wieħed mill-punti li saru fid-dokument kien li "awtonomija strateġika miftuħa" għandha tkun waħda mill-kwistjonijiet diskussi fil-**Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa**.
- 5.9. Id-diskussjoni tal-UE dwar id-diliġenza dovuta ⁽²⁹⁾ u l-kodiċi ta' kondotta b'rabta mal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt ⁽³⁰⁾ huma rilevanti wkoll f'dan il-kuntest. F'dan ir-rigward, il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet fis-settur agroalimentari issa għandhom l-opportunità li jiffirmaw il-kodiċi ta' kondotta dwar prattiki kummerċjali u ta' kummerċjalizzazzjoni responsabbli mnedija mill-Kummissjoni bħala parti mill-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt ⁽³¹⁾.

Brussell, 1-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽²⁸⁾ Il-ftehimiet kummerċjali futuri kollha tal-UE għandhom jinkorporaw ukoll l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija għall-Bijodiversità tal-Patt Ekoloġiku bħala standards ta' sostenibbiltà globali (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 66).

⁽²⁹⁾ Towards a mandatory EU system of due diligence for supply chains (Lejn sistema obbligatorja tal-UE ta' diliġenza dovuta għall-ktajjen tal-provvista), Euractiv.

⁽³⁰⁾ Code of Conduct for Responsible Business and Marketing Practices (Kodiċi ta' Kondotta għal Prattiki Kummerċjali u ta' Kummerċjalizzazzjoni Responsabbli), Kummissjoni Ewropea.

⁽³¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *L-allinjament tal-istrateġiji u l-operazzjonijiet tan-negożju tal-ikel mal-SDGs għal irkupru sostenibbli wara l-COVID-19* (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-564 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW —
INTERACTIO, 20.10.2021–21.10.2021

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Għda tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b’saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa”

[COM(2021) 350 final]

(2022/C 105/10)

Relatur: **Sandra PARTHIE**Korelatur: **Dirk BERGRATH**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 1.7.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	30.9.2021
Adottata fil-plenarja	21.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	194/0/0

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Strateġija industrijali koerenti għandha tkun iffukata fuq żewġ dimensjonijiet: l-irkupru mill-pandemija u r-rikostruzzjoni u r-reżiljenza. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa’ l-appell għall-ħolqien konġunt ta’ perkorsi ta’ tranżizzjoni għall-futur ekoloġiku u diġitali, u jenfasizza li dan għandu jsir fi sħubija mal-industrija, mal-awtoritajiet pubbliċi, mal-imsieħba soċjali u ma’ partijiet interessati oħrajn. Fil-fehma tal-KESE, l-ewwel pass għal implimentazzjoni b’suċċess u koerenti tal-istrateġija industrijali huwa li jiffassal il-qafas it-tajjeb b’enfasi fuq il-kompetittività u l-innovazzjoni, li għandu jiġi indirizzat f’kull ekosistema, b’għanijiet u miri ċari.

1.2. F’dan il-kuntest, il-KESE jappella għal indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ddedikati li jkejlu mhux biss il-kompetittività tal-ekosistema, iżda wkoll kwistjonijiet orizzontali, u jenfasizza l-ħtieġa għal valutazzjonijiet regolari tal-indikaturi magħżula u għall-adattament jew it-tibdil tagħhom matul iż-żmien.

1.3. Il-KESE jilqa’ l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li żżomm u żżid il-bażi industrijali u tal-manifattura tal-Ewropa, u jenfasizza li l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol ewleni u jeħtieġ li jiġu inklużi fit-tfassil tal-futur tal-industrija Ewropea. Il-KESE jappella wkoll għal allinjament tal-miżuri previsti biex tinkiseb in-neutralità klimatika u t-tranżizzjoni diġitali mal-oġettiv tal-benesseri soċjali u t-tkabbir sostenibbli.

1.4. Il-Kumitat jaqbel li r-reżiljenza tal-katina tal-valur kisbet importanza, u jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżgura l-ktajjen tal-provvista u ssaħħaħ ir-reżiljenza tan-negozji, peress li dan huwa importanti għall-ekonomija tal-UE, fid-dawl tal-fatt li l-pandemija tal-COVID-19 qed tenfasizza nuqqasijiet mhux mistennija, inkluż fis-suq uniku.

1.5. Il-pandemija, fxi oqsma, sfortunatament ikkontribwiet għal żieda fid-distakk bejn l-Istati Membri tal-UE li huma għonja u dawk inqas għonja. Dan ikompli jipperikola l-koeżjoni soċjali u ekonomika. In-Next Generation EU huwa strument bla preċedent għall-UE biex ittaffi dan l-impatt, u jrid jintuża biex tinkiseb konverġenza aħjar bejn l-Istati Membri u r-reġjuni Ewropej, anke fir-rigward tat-tranżizzjoni doppja lejn Ewropa sostenibbli u diġitali.

1.6. L-alleanzi industrijali qed juru li huma metodu ta' suċċess għall-iżvilupp ta' proġetti industrijali fuq skala kbira u transfruntiera foqsa strateġiċi. Dawn l-alleanzi industrijali, flimkien ma' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEIs), huma kruċjali għall-irkupru u l-promozzjoni ta' standards Ewropej u teknoloġiji ewlenin, b'mod partikolari foqsa fejn is-suq waħdu ma jistax jagħti riżultati jew qed jiġi mfixxkel.

1.7. Fil-fehma tagħna, l-implimentazzjoni b'suċċess ta' tali proġetti teħtieġ djalogu mill-qrib mar-rappreżentanti tal-ħaddiema u t-trade unions, kif ukoll mar-rappreżentanti tal-kumpaniji u mal-federazzjonijiet ta' min iħaddem, sabiex jiġi inkluż l-għarfien espert tagħhom u jitnaqqsu kemm jista' jkun l-inċertezzi fil-konverżjoni. Dawn għandhom ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt rigward l-effetti tal-proċessi ta' dekarbonizzazzjoni fuq il-ħolqien tal-valur, l-impjegji u l-ħiliet meħtieġa għall-produzzjoni industrijali dekarbonizzata u l-ekonomija ċirkolari.

1.8. L-identifikazzjoni ta' miżuri ċari u adatti għall-appoġġ tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ⁽¹⁾ tal-Ewropa hija ta' importanza kbira, u l-KESE japprova l-intenzjoni li l-kumpaniji ta' kull daqs jingħataw appoġġ aċċessibbli sabiex jinnovaw u jħaddnu bis-sħiħ id-diġitalizzazzjoni. Hija meħtieġa wkoll reviżjoni tal-politiki biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' reklutaġġ li jiffaċċjaw il-kumpaniji u tiġi attirata forza tax-xogħol kwalifikata, jenħtieġu wkoll ambjent li jiffavorixxi n-negozju u investimenti fl-infrastruttura soċjali, il-ħiliet u t-taħriġ tal-ħaddiema, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.

1.9. In-nuqqasijiet fil-ktajjen tal-valur strateġiċi, kif ukoll in-nuqqasijiet ta' ħaddiema tas-sengħa, qed jimminaw il-kapaċitajiet tal-industriji Ewropej li jirkupraw malajr mill-pandemija. Huwa kruċjali li l-Istati Membri u l-UE jaġixxu b'mod deċiżiv biex jindirizzaw id-dipendenzi strateġiċi ⁽²⁾, inkluż permezz tar-riindustrijalizzazzjoni, l-ekonomija ċirkolari, il-politika kummerċjali u miżuri relatati mal-ħiliet. B'mod ġenerali, in-negozji jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jirrieżaminaw u jirrevedu l-ktajjen tal-provvista tagħhom u għandhom jiġu appoġġjati f'dan l-isforz.

1.10. L-UE jeħtieġ li tibqa' miftuħa, ġusta u bbażata fuq il-valuri sabiex tattira l-investituri u tappoġġja l-attivitatijiet ekonomiċi tagħha. Madankollu, il-KESE jappoġġja suq uniku miftuħ u ġust fejn il-kumpaniji Ewropej jistgħu jikkompetu fis-swieq barranin, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-investimenti jsiru f'soluzzjonijiet diġitali li jżidu l-valur tal-ekonomija Ewropej. Id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija għandha tiġi promossa b'mod inklużiv, li jipprevjeni kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni diġitali.

1.11. Il-KESE jemmen li s-sett ta' miżuri mħabbar mill-Kummissjoni biex tiġi indirizzata l-kompetizzjoni inġusta minħabba sussidji barranin għandu jintuża wkoll bħala għodda biex l-Ewropa tiġi riindustrijalizzata u jiġu appoġġjati l-ktajjen tal-valur industrijali tagħha. Il-KESE jappoġġja wkoll l-immappjar tal-ktajjen ta' produzzjoni Ewropej, bl-industrija fuq quddiem nett ta' din ir-rikostruzzjoni, u jappella għal promozzjoni aħjar tal-istandards Ewropej fil-livell globali.

2. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

2.1. Il-Komunikazzjoni hija l-aġġornament ta' Strateġija Industrijali Ewropea ġdida, ippubblikata fl-10 ta' Marzu 2020. L-aġġornament għandu l-għan li jirrifletti l-impatt tal-kriżi pandemika fuq l-ekonomija u l-industrija tal-Ewropa, jistabbilixxi t-tagħlimiet meħuda mill-kriżi u jistabbilixxi l-prijoritajiet ta' politika taħt tliet oqsma ewlenin:

— it-tishih tar-reżiljenza tas-suq uniku;

— l-indirizzar tad-dipendenzi strateġiċi tal-Ewropa;

⁽¹⁾ MSMEs – intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.

⁽²⁾ Il-KESE jixtieq jirrimarka li, loġikament, dan għandu jkun dwar "indipendenzi" strateġiċi, mhux "dipendenzi", iżda għal finijiet ta' koerenza, se jkompli juża t-terminoloġija introdotta mill-Kummissjoni.

— l-aċċellerar tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-industrija tal-UE.

2.2. L-aġġornament jivvaluta wkoll ir-reżiljenza u l-funzjonament tas-suq uniku, jevalwa l-ħtiġijiet ta' kull ekosistema industrijali, jidentifika dipendenzi strateġiċi f'ekosistemi vulnerabbli ewlenin u jipproponi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istrateġija. Dan jinkludi dimensjoni tal-SMEs b'appoġġ finanzjarju u miżuri mfassla apposta biex jippermettu lill-SMEs u lin-negozji ġodda jħaddnu t-tranżizzjonijiet doppji.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jilqa' l-aġġornament tal-istrateġija industrijali. L-istrateġija jeħtieġ li tiġi riveduta peress li l-kriżi tal-COVID-19 poġġiet taħt pressjoni l-ekonomija u l-ktajjen tal-valur industrijali, l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju tal-Ewropa, kif ukoll iċ-ċittadini – b'mod partikolari ż-żgħażaġh, il-persuni li tilfu l-impjegi tagħhom, il-persuni bi dħul baxx, il-gruppi vulnerabbli bħall-persuni b'diżabilità u n-nisa – li jnsabu taħt stress. Ġew żvelati dgħufijiet, dipendenzi u lakuni addizzjonali fil-ktajjen tal-provvista u dawn jeħtieġu valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza sabiex jiġu indirizzati b'suċċess. Il-KESE jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li żżomm u żżid il-bażi industrijali u tal-manifattura tal-Ewropa, u jenfasizza l-fatt li l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol ewleni u jeħtieġ li jiġu inklużi fit-tfassil tal-futur tal-industrija Ewropea. B'mod partikolari, il-KESE jenfasizza r-rwol kruċjali tad-djalogu soċjali, tal-imsieħba soċjali, tan-negozjar kollettiv u l-involvement tal-ħaddiema, kif ukoll tal-involvement tas-soċjetà ċivili, sabiex tinkiseb politika industrijali kompetittiva.

3.2. Madankollu, peress li l-isfidi ta' qabel il-COVID-19 għadhom hemm, il-konsistenza mal-miżuri proposti fl-Istrateġija Industrijali Ewropea tal-2020 hija adatta. L-irkupru se jieħu ż-żmien, u l-appoġġ kontinwu lill-industrija, lill-kumpaniji u lill-ħaddiema Ewropej huwa meħtieġ fil-proċess. L-isfida tat-tranżizzjoni doppja, li tindirizza t-tibdil fil-klima u l-avvanz fid-diġitalizzazzjoni, tirrikjedi l-isforzi kollha mill-kumpaniji u mill-awtoritajiet pubbliċi u għalhekk trid taqdi rwol ċentrali fi strateġija industrijali moderna għall-Ewropa. Il-KESE jenfasizza li l-miżuri previsti biex jinkisbu n-newtralità klimatika u t-tranżizzjoni diġitali jridu jkunu allinjati wkoll mal-għan tal-benesseri soċjali u t-tkabbir sostenibbli, sabiex tinkiseb tranżizzjoni ġusta fejn ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Minbarra li jkun hemm enfasi fuq l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19, huwa essenzjali li jkun hemm perspettiva fit-tul dwar tranżizzjoni ekoloġika u diġitali iżda wkoll dwar il-produttività u l-kompetittività b'mod ġenerali.

3.3. Il-Kumitat jaqbel li r-reżiljenza tal-katina tal-valur kisbet importanza, u jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżgura l-ktajjen tal-provvista u ssaħħaħ ir-reżiljenza tan-negozji, peress li dan huwa importanti ħafna għall-ekonomija tal-UE, fid-dawl tal-fatt li l-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat nuqqasijiet mhux mistennija, inkluż fis-suq uniku. Politika industrijali orizzontali b'saħħitha għandha tappoġġja l-bażi industrijali Ewropea mingħajr interventi diskrezzjonali fir-riżultati tas-suq. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-innovazzjoni. L-esplorazzjoni ta' modi biex jinstab livell xieraq ta' sigurtà tal-provvista u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet biex wieħed il-ahhaq mat-tfixkil għandha tkun fuq l-aġenda politika, iżda fuq kollox fuq l-aġenda korporattiva.

3.4. Il-ħiliet huma kruċjali biex isostnu t-tranżizzjoni doppja u jikkontribwixxu għall-irkupru. L-UE tista' biss tkun qawwa ġeopolitika jekk ikollha bażi industrijali kompetittiva ħafna, b'kumpaniji b'saħħithom u ħaddiema b'ħiliet għoljin, faċilitajiet ta' produzzjoni fuq art tal-UE u regoli ċari u ġusti għas-suq intern. Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva Patt għall-Ħiliet li hija mfassla biex trawwem azzjonijiet għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema adulti. L-azzjonijiet taħt il-Patt, bħall-iżvilupp ta' sħubijiet ta' ħiliet għal kull ekosistema, inklużi sħubijiet pubbliċi-privati, huma żviluppatti l-aħjar fil-livell settorjali bl-involvement ta' msieħba soċjali settorjali u organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili. Huwa importanti wkoll li l-inizjattivi nazzjonali dwar il-ħiliet jinċentivaw lill-impjegaturi biex joffru opportunitajiet ta' taħriġ. F'dan ir-rigward, id-dimensjoni territorjali hija tal-akbar importanza; is-swieq tax-xogħol għandhom jiġu vvalutati kif xieraq bil-għan li jinħolqu impjegi ġodda fir-reġjuni kollha. Il-KESE se jissorvelja dawn l-aspetti u jstieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu lill-imsieħba soċjali u lis-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ u fl-implimentazzjoni tal-pjani tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li jeħtieġ li jkunu koerenti mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-Istrateġija Industrijali. L-Ewropa teħtieġ forza tax-xogħol bi kwalifiki għoljin, adattata għall-bidliet li qed tiffaċċja l-ekonomija. Is-suċċess fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid huwa sfida kbira ⁽³⁾.

⁽³⁾ ĠU C 374, 16.9.2021, p. 16.

3.5. Il-KESE jilqa' l-analiżi bir-reqqa tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 imwettqa fil-kuntest tal-istrateġija. L-attivitajiet u l-istrumenti ta' monitoraġġ u ta' osservazzjoni kostanti proposti, bħar-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku jew il-monitoraġġ tal-materja prima kritika, jistgħu jgħallqu settijiet ta' data utli ħafna għall-valutazzjoni tal-istat tas-saħħa industrijali tal-Ewropa u jikkontribwixxu għal politika industrijali orizzontali li terġa' tpoġġi lill-Ewropa f'pożizzjoni ta' tmexxija globali.

3.6. Madankollu, sett ta' strateġiji jew pjani, eż. dwar il-Patt Ekoloġiku jew in-NextGenerationEU, mhuwiex biżżejjed, sakemm ma jiġix implimentat. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li d-diversi pjani għall-irkupru tal-Ewropa jkunu allinjati, mal-qafas regolatorju u l-inċentivi meħtieġa sabiex is-settur industrijali, il-kumpaniji u l-ħaddiema tiegħu jkunu jistgħu jagħmlu t-tranżizzjoni lejn futur sostenibbli u diġitali.

3.7. F'koerenza mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, dan l-użu konsiderevoli tal-fondi pubbliċi għandu jkun orjentat lejn il-prinċipju tas-sostenibbiltà u s-solidarjetà soċjali. Dan għandu jkun prinċipju gwida fl-implimentazzjoni tal-istrateġija aġġornata. Minħabba l-iskala tal-isfidi, ir-riżorsi li bħalissa huma disponibbli permezz tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mhumiex biżżejjed biex jgħallqu prospetti suffiċjenti għar-reġjuni u l-impjegati affettwati fil-proċess ta' bidla strutturali. Tranżizzjoni ġusta fis-settur industrijali tista' tirnexxi biss jekk titwettagħ b'mod ikkoordinat. Il-KESE jemmen li l-investiment pubbliku għandu jsir permezz ta' programmi ta' riċerka wiesgħa u miftuħa bħal Orizzont Ewropa sabiex jiġi evitat is-sussidjar ta' attivitajiet li huma eqreb lejn is-swieq.

3.8. Il-politiki industrijali u kummerċjali huma marbutin ma' xulxin, u jridu jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jindirizzaw id-distorsjonijiet tas-suq. L-iżgurar li l-UE tibqa' miftuħa għall-kummerċ u l-investiment huwa prerekwiżit biex tinkiseb ir-reżiljenza. Il-kummerċ jista' jgħin biex jiġu ddiversifikati l-ktajjen tal-provvista u jippermetti lill-UE jkollha aċċess mingħajr xkiel għall-inputs li huma kritiċi għall-kapaċità tagħna li ninnovaw u nżidu l-produzzjoni⁽⁴⁾. Il-politika kummerċjali tal-UE tista' tgħin biex tiżded il-kompetittività globali tagħna, fost l-oħrajn billi żżid l-ambizzjoni klimatika tal-imsieħba kummerċjali, eż. permezz tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fi prodotti u servizzi ambjentali. Il-KESE jenfasizza li l-politiki kollha tal-UE għandhom jipromovu l-iżvilupp sostenibbli kemm fil-livell Ewropew kif ukoll dak internazzjonali, u jiżguraw li l-iżvilupp ekonomiku jimxi id f'id mal-ġustizzja soċjali, mar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, ma' standards għoljin tax-xogħol u ma' standards ambjentali għoljin. L-UE jeħtieġ li tibqa' miftuħa, ġusta u bbażata fuq il-valuri sabiex tattira l-investituri u tappoġġja l-attivitajiet ekonomiċi tagħha.

3.9. Is-suq uniku huwa l-akbar assi tal-Ewropa u s-suċċess tiegħu se jkun kruċjali biex jippermetti t-tranżizzjoni. Il-Kummissjoni għandha tkompli tagħmel enfasi fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli, u fuq it-tneħħija tal-ostakli fis-suq uniku li kienu preżenti anki qabel il-kriżi.

3.10. Il-pandemija, fxi oqsma, żiedet id-distakk bejn l-Istati Membri tal-UE li qed jipprosperaw u dawk inqas għanja. Dan iktompli jipperikola l-kożjoni soċjali u ekonomika. In-Next Generation UE huwa strument bla preċedent sabiex jittaffa dan l-impatt, madankollu, il-KESE jiddispaċiħ li l-aspett reġjonali, kif ukoll il-periferalità jew il-pożizzjoni ġeografika, huma nieqsa mill-Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali. Approċċ tal-ekosistema waħdu mhux se jsewwi s-sitwazzjoni jew inaqqas id-diverġenzi. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-istrateġija għandu jkun li jitnaqqsu d-diverġenzi bejn l-Istati Membri u r-reġjuni, filwaqt li ssir ħidma għal konverġenza 'l fuq.

4. Il-monitoraġġ tax-xejriet industrijali, tal-ktajjen tal-valur u tal-kompetittività

4.1. Il-manifattura hija xprunatur għall-innovazzjoni, punt fokali għall-ktajjen tal-valur inklużi s-servizzi, u dar ta' produttività għolja u impjegati bi dħul għoli. L-iżgurar tal-futur tal-manifattura, it-tisħiħ tal-produzzjoni industrijali u l-għoti ta' ambjent abilitanti għan-negozju u regolatorju għandhom ikunu l-pedamenti ta' politika ekonomika u industrijali Ewropea reżiljenti u moderna li tippreserva u toħloq l-impjegati.

4.2. In-nuqqasijiet fil-ktajjen tal-valur strateġiċi, kif ukoll għadd insuffiċjenti ta' ħaddiema tas-sengħa, qed jimminaw il-kapaċitajiet tal-industriji Ewropej li jirkupraw malajr mill-pandemija. L-Istati Membri u l-UE jeħtieġilhom jindirizzaw id-dipendenzi strateġiċi, inkluż billi jattiraw il-produzzjoni strateġika fit-territorju tal-UE, l-ekonomija ċirkolari u l-miżuri tal-politika kummerċjali. B'mod ġenerali, huma n-negozji li jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jirrieżaminaw u jirvedu l-ktajjen tal-provvista tagħhom. Il-KESE jemmen li s-sett ta' miżuri mħabbar mill-Kummissjoni biex tiġi indirizzata l-kompetizzjoni inġusta minħabba sussidji barranin għandu jintuża wkoll bħala għodda biex l-Ewropa tiġi riindustrijalizzata u jiġu appoġġjati l-ktajjen tal-valur industrijali tagħha. Iż-żieda fil-kapaċitajiet strateġiċi tal-Ewropa permezz ta' alleanzi industrijali ġodda li altrimenti ma kinux jiġu żviluppata, jistgħu jgħallqu l-impjegati u t-tkabbir billi jiġu żviluppata mill-ġdid ċerti faċilitajiet strateġiċi ta' produzzjoni.

⁽⁴⁾ Ara ĠU C 429, 11.12.2020, p. 197 u ĠU C 364, 28.10.2020, p. 53.

4.3. Is-settur tal-manifattura tal-Ewropa qed jaffaċċja kompetizzjoni dejjem akbar mill-Istati Uniti u miċ-Ċina. L-Ewropa qed tikkompeti għal investimenti li jistgħu jsiru f'ħafna partijiet tad-dinja. Kundizzjonijiet favorevoli ta' investment huma prerekwiżiti kruċjali għall-prosperità futura tal-Ewropa. L-investituri domestiċi, Ewropej u internazzjonali jeħtieġ li jsibu kundizzjonijiet attraenti sabiex iżommu u jżidu l-istokk kapitali li jiffaċilita t-tkabbir futur. Il-kumpaniji eżistenti għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-iżvilupp, filwaqt li l-fundaturi għandhom ikunu konvinti li l-proġetti kummerċjali tagħhom jistgħu jikbru b'suċċess fl-Ewropa. Il-KESE jirrakkomanda li jissaħħa l-approċċ orizzontali fl-istrateġija industrijali, flimkien ma' approċċi vertikali.

4.4. It-tassazzjoni tista' taqdi rwol ewleni fl-għoti tal-inċentivi meħtieġa, iżda mhux waqt li l-Istati Membri għandhom qed jikkompetu ma' xulxin b'inġust u li huwa ta' ħsara, u b'hekk jippermettu lil xi korporazzjonijiet kbar jevitaw li jħallsu s-sehem ġust tagħhom tat-taxxi. Il-KESE jappoġġja t-tħejjijiet għall-proposta leġiżlattiva dwar il-BEFIT (In-Negożju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni fuq l-Introjt), u japprezza l-arranġamenti reċenti fi ħdan l-OECD dwar it-tassazzjoni tal-kumpaniji.

4.5. Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku jiddefinixxi sett ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li abbażi tagħhom għandhom jiġu analizzati l-iżviluppi ekonomiċi u jiġi mmonitorjat il-progress miksub fl-oqsma differenti identifikati bħala prijoritajiet għall-industrija Ewropea. Il-KESE jappoġġja l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni bħala għodda ta' monitoraġġ u jilqa' l-għan li tiġi pprovduta ħarsa ġenerali lejn il-prestazzjoni tal-ekonomija tal-UE, billi titqabbel mal-imsieħba internazzjonali u tiġi analizzata l-ispeċifità tal-ekosistemi industrijali. Nappellaw lill-Kummissjoni twestaq valutazzjoni annwali li tagħti dettalji dwar kif l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni laħqu l-miri proposti u tistabbilixxi miżuri korrettivi, jekk ikun meħtieġ. Il-KESE jqis ukoll li jekk l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni huma strument ewleni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Industrija, jenħtieġu objettivi kwantifikabbli, skeda ta' żmien ċara u governanza.

4.6. Madankollu, fil-fehma tagħna, għandna bżonn indikaturi li mhux biss jipprovdu sett ieħor ta' data iżda juru dak li huwa importanti għall-kompetittività tal-UE. L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni proposti jinjoraw indikaturi importanti bħall-età, il-ġeneru jew il-profil tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol fost id-diversi ekosistemi. Dawk l-aspetti huma kruċjali biex tiġi antiċipata l-bidla li ġeġja u jiġu evitati l-konġestjonijiet u l-ostakli, filwaqt li tiġi ttrasformata l-industrija Ewropea. Iżda huma wkoll kruċjali għall-bini ta' rkupru inklużiv, minħabba li ż-żgħażaġh, in-nisa u l-ħaddiema prekarji kienu l-aktar milquta mill-kriżi. Il-KESE jirrakkomanda li l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni proposti jiġu kkomplementati b'indikaturi li jkejlu l-prestazzjoni soċjali tal-Istrateġija Industrijali u tal-14-il ekosistema tagħha, bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-produzzjoni tajbin u impjiegi ta' kwalità. Huwa jappella għal indikaturi dedikati li jkejlu mhux biss l-ekosistemi, iżda wkoll kwistjonijiet orizzontali, u għal għażla biex dawn jiġu adattati, mibdula jew evoluti maż-żmien, jekk ikun meħtieġ. L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għandhom, pereżempju, iqisu l-preferenzi tal-konsumaturi, u speċjalment il-bidla għal prodotti sostenibbli.

5. It-tishih tar-reżiljenza tas-suq uniku

5.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li s-suq uniku huwa fil-qalba proprja tal-aġġornament. Suq domestiku b'saħħtu huwa prekundizzjoni biex il-kumpaniji Ewropej jistabbilixxu, jiżviluppaw u jkomplu jirnexxu. Il-KESE jfakkar li l-għan huwa li jiġu żgurati standards għoljin tax-xogħol, soċjali u ambjentali u l-operat bla xkiel tal-ktajjen tal-provvista u n-networks li joħlqu l-valur fl-Ewropa. Il-koeżjoni soċjali, is-sistemi tal-kura tas-saħħa affordabbli, is-servizzi pubbliċi effiċjenti, l-infrastrutturi tajbin, is-sistemi edukattivi ta' suċċess u r-relazzjonijiet industrijali li jiffunzjonaw tajjeb huma kundizzjonijiet ewlenin biex jiġi attirat l-investment u biex tinholq il-prosperità.

5.2. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni għal Strument għas-Suq Uniku f'Emerġenza għal trasparenza u koordinazzjoni akbar. Huwa jilqa' wkoll l-analiżi ddettaljata tal-ekosistemi industrijali, li se jkollhom bżonn ikunu akkumpanjati minn analiżijiet u pjani direzzjonali settorjali, li jenfasizzaw mhux biss l-interdipendenzi u l-konnessjonijiet iżda wkoll il-lakuni f'ħafna setturi fl-UE, inkluża l-valutazzjoni tal-iżviluppi tas-suq tax-xogħol u l-ħtiġijiet ta' ħiliet korrispondenti. Għandu jkun hemm ukoll lok għar-reviżjoni ta' kif l-ekosistemi⁽⁵⁾ huma ddefiniti u użati, iżda wkoll għal liema setturi huma eżaminati, sabiex l-għodda ma ssirx selettiva żżejjed.

5.3. Il-KESE jilqa' r-rikonoxximent tar-rwol tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju tal-Ewropa, u japprova l-intenzjoni li jiġu meġhuna jespandu u jattiraw forza tax-xogħol kwalifikata. Dan jirrikjedi ambjent li jiffavorixxi n-negożju u l-investimenti fil-ħiliet u t-taħriġ tal-ħaddiema, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u infrastruttura soċjali tajba.

(5) L-użu tat-terminu "ekosistemi" jimplika b'mod żbaljat ekwilibriju sostenibbli. M'hemm l-ebda użu koerenti tat-terminu "ekosistemi" fil-komunikazzjonijiet tal-KE. Fil-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ta' Diċembru 2019, l-"ekosistema" tintuża għas-sistemi naturali u mhux għal dawk maħluqa mill-bnedmin. Fil-Komunikazzjoni aġġornata dwar l-Istrateġija Industrijali, it-terminu jintuża biss għas-sistemi industrijali.

Il-KESE japprezza l-attenzjoni addizzjonali mogħtija mill-Kummissjoni lill-pagamenti tard. L-indirizzar tal-kwistjoni tal-pagamenti tard huwa ta' importanza partikolari għall-SMEs. Sistemi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim fejn it-tilwim jista' jkun kunfidenzjali jistgħu jkunu pass importanti f'din id-direzzjoni.

5.4. L-alleanzi industrijali qed juru li huma metodu ta' suċċess għall-iżvilupp ta' proġetti industrijali fuq skala kbira u transfruntiera foqhma strateġiċi. Dawn l-alleanzi industrijali, flimkien ma' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEIs), huma kruċjali għall-irkupru u l-promozzjoni ta' standards Ewropej u teknoloġiji ewlenin, b'mod partikolari foqhma fejn is-suq waħdu ma jistax jagħti riżultati jew qed jiġi mfixxkel.

5.5. Il-KESE jitlob riforma tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. L-istruttura attwali ma għadhiex adattata għall-iskop tagħha. Neħtieġu sistema li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi, tħaffef it-teħid tad-deċiżjonijiet u tagħmilha aktar faċli li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-klawżola ta' tqabbil. Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jistgħu wkoll jgħinu jew ixekklu lill-IPCEIs, li huma kruċjali biex jinkoraġġixxu l-investment pubbliku u privat.

5.6. Il-KESE jesprimi dispaċir għan-nuqqas ta' rikonossiment, fil-Komunikazzjoni, dwar ir-rwol kritiku li qed jaqdu l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali matul il-pandemija u r-rilevanza tagħhom fil-bini ta' Ewropa reżiljenti li timxi 'l quddiem. F'dan ir-rigward, il-KESE jirreferi għall-Pjan ta' Azzjoni li jmiss għall-Promozzjoni tal-Ekonomija Soċjali.

5.7. Ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni huma importanti ħafna għall-futur tal-industrija Ewropea. Il-KESE jesprimi dispaċir għall-fatt li l-mira ta' investimenti ta' 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni għadha 'l bogħod milli tintlaħaq. Għalkemm xi Stati Membri jiksbu dak il-livell, oħrajn huma taħt il-1 %. Dawn id-differenzi qed ixekklu l-kapaċità globali tal-UE bħala blokk, u jżommuha lura wara l-Istati Uniti, il-Ġappun u ċ-Ċina.

5.8. It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-suq uniku jirrikjedi t-trawwim tal-integrazzjoni tas-suq. Għal dan il-għan, id-dimensjoni fiskali u l-integrazzjoni u l-miżuri biex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta fit-taxxa għandhom jitqiesu kemm fil-livell Ewropew kif ukoll dak internazzjonali. Ir-regoli tal-kompetizzjoni jeħtieġ ukoll li jiġu adattati għar-realtajiet il-ġodda li qed niffaċċjaw illum, separatament mill-politika industrijali.

6. It-trattament tad-dipendenzi: awtonomija strateġika miftuħa fil-prattika

6.1. L-UE jeħtieġ li tibqa' miftuħa, ġusta u bbażata fuq il-valur sabiex tattira l-investituri u tappoġġja l-attivitajiet ekonomiċi tagħha. Il-qawwa ġeopolitika tagħha hija marbuta mal-fatt li għandha bażi industrijali kompetittiva, b'kumpaniji b'saħħithom u ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet, b'faċilitajiet ta' produzzjoni fl-UE, u regoli ċari u ġusti għas-suq intern, li jistgħu jservu bħala eżempju fuq livell internazzjonali⁽⁶⁾. Madankollu, huwa importanti li tagħmel użu meqjus mill-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ biex tinżamm kompetizzjoni ġusta fl-UE.

6.2. Il-KESE jinsab konvint li politika ffukata fuq l-awtonomija mhijiex adattata għall-iskop tagħha. Minflok, il-politika kummerċjali tal-UE jeħtieġ li tirrikonoxxi l-fatt li l-ftuħ huwa ingredjent ewleni għall-kisba tar-reżiljenza. Huwa importanti li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn il-ftuħ u l-istrument legali ppjanat biex jiġu indirizzati l-effetti potenzjalment distortivi, kemm fuq il-kumpaniji kif ukoll fuq il-ħaddiema, tas-sussidji barranin fis-suq uniku. Il-KESE jappoġġja suq uniku miftuħ u ġust u kundizzjonijiet ekwi fejn il-kumpaniji Ewropej jistgħu jikkompetu fis-swieq barranin.

6.3. Min-naħa l-oħra, l-introduzzjoni ta' terminoloġiji ġodda bħas-“sostenibilità kompetittiva”, mingħajr spjegazzjoni ulterjuri, għandha tiġi evitata. Il-kumpaniji se jiffaċċjaw battalja iebsa matul il-fażi ta' rkupru u jeħtieġu qafas leġiżlattiv faċli biex jiġi nnegożjat biex jagħmlu dan.

6.4. L-approċċ tal-formazzjoni u l-appoġġ tal-alleanzi industrijali wera li kien ta' suċċess fl-eżempji attwali tal-batteriji u l-idroġenu. Il-KESE jemmen li dan huwa strument tajjeb ħafna u jappoġġja t-tnedija ta' aktar alleanzi fis-setturi magħżula, pereżempju proċessuri u teknoloġiji tas-semikondutturi, Data Industrijali, Edge u Cloud, Lanċaturi Spazjali u Avjazzjoni b'Emissjonijiet Żero. Madankollu, aħna nħeġġu li l-alleanzi għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u inklużiv, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.

⁽⁶⁾ Ara ĠU C 364, 28.10.2020, p. 108.

7. L-aċċellerar tat-tranżizzjonijiet doppji

7.1. Kif rikonoxxut fil-Patt Ekoloġiku, id-diġitalizzazzjoni għandha rwol ewlieni fl-ekosistemi kollha. Għalhekk l-investimenti għandhom jiżiedu fl-UE kollha biex jiżied il-poter ta' tkabbir ta' setturi ġodda tal-ICT, bħall-ekonomija tad-data, l-Internet tal-Oġġetti, il-cloud computing, ir-robotika, l-intelliġenza artifiċjali u l-manifattura avanzata, kif ukoll l-użu ta' standards industrijali żviluppati fl-Ewropa. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-investimenti jsiru f'soluzzjonijiet diġitali li jżidu l-valur tal-ekonomiji Ewropej.

7.2. Li l-Ewropa ssir kompetittiva fil-qasam diġitali hija l-ogħla prijorità. L-istrateġija tinnota b'mod ġust il-hteġa li l-koleġiżlaturi jadottaw malajr l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali u r-rwol ewlieni tal-istandards armonizzati fit-tisħiħ tas-suq uniku għall-prodotti u fl-iffaċilitar tat-tmexxija globali Ewropea fit-teknoloġiji, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni biex tinkiseb effiċjenza enerġetika ogħla. Sistema Ewropea tal-istandardizzazzjoni li tiffunzjona tajjeb hija fattur essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet tat-tranżizzjoni doppja u jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-industriji tal-UE. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni iżid l-isforzi tagħha biex tikseb tmexxija permezz u fl-iffissar tal-istandards, billi tippromovi u tiżviluppa standards industrijali Ewropej eżistenti b'mod konġunt mal-kumpaniji. Għalhekk, il-KESE jilqa' l-approċċ olistiku tal-Kummissjoni, filwaqt li jqis ukoll l-importanza tas-settur tas-servizzi għal suq uniku li jiffunzjona tajjeb u jindirizza t-tranżizzjonijiet doppji.

7.3. Huwa essenzjali li l-forza tax-xogħol Ewropea tiġi mġhamra b'ħiliet diġitali għal din il-fażi l-ġdida tal-industrijalizzazzjoni. It-tħaddin tal-era diġitali jista' jinkiseb biss b'ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati u mħejjija sew. Il-ħiliet huma katalizzatur importanti għall-innovazzjoni u l-ħolqien ta' valur miżjud. Iż-żieda tal-impjegabbiltà tirrikjedi strateġiji komprensivi tas-suq tax-xogħol li jinvolvu l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha (imsieħba soċjali, istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u fornituri tat-taħriġ). Il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali għandhom jiġu integrati fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-imsieħba soċjali settorjali. Il-kumpaniji lokali għandhom ikunu involuti fil-governanza tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali, peress li huma għandhom għarfien estensiv tas-sistemi tal-kumpaniji u tal-ħtiġijiet tas-suq lokali. Id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija għandha tiġi promossa b'mod inklużiv, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni diġitali, speċjalment kontra l-anzjani, il-persuni b'diżabilità u dawk li jgħixu f'reġjuni rurali u remoti.

7.4. Il-KESE jisħaq li settur tal-manifattura Ewropew b'saħħtu bbażat fuq teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi jew mingħajr emissjonijiet u b'effiċjenza enerġetika huwa l-aħjar għall-prosperità ekonomika u l-klima. It-tnaqqis tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni u r-riskju kemm tar-rikolazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju kif ukoll tal-investment lejn pajjiżi bi standards tal-emissjonijiet inqas ambizzjużi jkun falliment fundamentali. L-iżvilupp ta' teknoloġiji affordabbli b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju jew mingħajr emissjonijiet ta' karbonju – kif ukoll effiċjenti fl-użu tal-enerġija – u l-introduzzjoni tagħhom fis-swieq globali huma l-aktar lieva importanti għat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet. Ir-responsabbiltà tal-Ewropa hija li turi li tnaqqis ambizzjuż fl-emissjonijiet huwa possibbli mingħajr ma tiġi pperikolata l-prosperità ekonomika.

7.5. L-ekonomija ċirkolari⁽⁷⁾ u l-ħolqien ta' swieq sekondarji tal-materja prima huma vitali. L-immaniġġjar tal-iskart, kontenut riċiklat obligatorju fl-imballaġġ u prodotti oħra huma essenzjali biex jiġu stabbiliti investimenti tul il-ktajjen tar-riċiklaġġ.

7.6. Sabiex jinkiseb il-livell tal-investment meħtieġ għall-finanzjament tal-Patt Ekoloġiku, għandu jkun previst ukoll rieżami tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal investment fi prodotti u proċessi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Barra minn hekk, il-Fondi għall-Innovazzjoni u l-Modernizzazzjoni li nħolqu ġodda, kif ukoll id-dħul mill-irkanti tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet u l-kuntratti proposti għad-differenza għall-karbonju, għandhom jipprovdu riżorsi addizzjonali biex jappoġġjaw proġetti relatati mal-klima u l-enerġija, u jindirizzaw l-impatt soċjali ta' tranżizzjoni bil-għan li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Barra minn hekk, għandha tiġi introdotta rabta tal-istrateġija industrijali mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, l-Ilma u l-Ħamrija".

7.7. Il-KESE jappoġġja l-linja li ttieħdet fl-Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali dwar il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera. Irridu nenfasizzaw il-fatt li l-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera, introdott għal setturi magħżula, għandu jkun f'konformità sħiħa mar-regoli tad-WTO sabiex jiġu evitati miżuri ta' ritaljazzjoni mill-imsieħba kummerċjali. Sabiex tinkiseb in-newtralità karbonika, l-iffissar ta' livelli simili tal-prezzijiet tal-karbonju fuq livell internazzjonali għandu jkun il-mira ta' prijorità f'negozjati multilaterali tal-futur.

(7) Ara ĠU C 364, 28.10.2020, p. 94 u ĠU C 14, 15.1.2020, p. 29.

7.8. L-analitika tad-data se taqdi rwol kruċjali fit-terminu qasir u medju. L-UE teħtieġ programmi avvanzati ta' analiżi tad-data li jistgħu jivvalutaw il-livell tal-kompetittività tal-Ewropa meta mqabbla mal-kompetituri globali tagħna. Il-KESE għalhekk jilqa' l-isforzi biex jinħolqu alleanzi industrijali dwar id-Data Industrijali, Edge u Cloud.

Brussell, il-21 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

N.B.: L-Anness ta' dan id-dokument (l-Opinjoni supplimentari tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali – CCMI/185 – “L-aġġornament tal-istrateġija industrijali l-ġdida – Impatti fuq l-ekosistema industrijali tas-saħħa” – EESC-2021-02562-00-00-AS-TRA) jinsab fil-paġni li ġejjin.

ANNEX

Opinjoni tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)
Aġġornament tal-istrateġija industrijali l-ġdida — Impatti fuq l-ekosistema industrijali tas-saħħa
(opinjoni supplimentari għall-Opinjoni INT/935)

Relatur: **Anastasis YIAPANIS**

Korelatur: **Antonello PEZZINI**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	26.4.2021
Bażi ġuridika	Artikolu 37(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni komplementari
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)
Adottata fis-CCMI	29.9.2021

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li s-saħħa hija fil-qalba tal-kuntest ġeopolitiku internazzjonali l-ġdid u li huwa kruċjali li tiġi appoġġjata ekosistema tal-kura tas-saħħa Ewropea b'saħħitha u kkoordinata sabiex tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika industrijali tal-UE, is-sovranità teknoloġika u kwalità tal-ħajja aħjar għaċ-ċittadini tal-UE abbażi ta' approċċ olistiku, bi pjani direzzjonali stabbiliti b'mod ċar u indikaturi tal-prestazzjoni trasparenti u li jistgħu jitkejlu.

1.2. Għandhom jitwettqu mmappjar u analiżi minn isfel għal fuq, flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati fis-settur, sabiex tiġi vvalutata n-natura eżatta tad-dipendenzi identifikati, inklużi r-riskji li jholqu għar-reżiljenza u l-funzjonament tal-ekosistema industrijali u jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet u l-iskarsezzi ta' materjali strateġiċi.

1.3. Il-KESE jqis li hija meħtieġa azzjoni biex tinholq ekosistema tal-kura tas-saħħa aktar b'saħħitha, aktar ġusta u aktar effiċjenti u aċċessibbli, b'governanza effettiva, diversifikazzjoni adegwata tas-sorsi tal-provvista u arkitettura diġitali tal-kura tas-saħħa interoperabbli u interkonnessa. L-UE jeħtieġ li ssib l-inċentivi adatti għar-rilokazzjoni tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni strateġiċi.

1.4. L-Ewropa tiddependi minn pajjiżi oħra għall-provvista ta' ċerta materja prima. Is-settur tas-saħħa jeħtieġ ktajjen ta' provvista internazzjonali aktar b'saħħithom u aktar diversi sabiex ikun lest li jiffaċċja kriżijiet futuri. Il-KESE jilqa' l-proposta mħabbra biex tinholq Awtorità Ewropea għat-Thejġija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa.

1.5. Il-KESE jissottolinja l-ħtieġa ta' titjib, inkluż permezz ta' sinerġiji bejn is-settur pubbliku u dak privat. Prospettiva strateġika fil-livell tal-Unjoni hija meħtieġa b'mod urġenti, li tippromovi d-disponibbiltà ġusta tat-tagħmir u l-aċċess għall-ekosistema tal-kura tas-saħħa, solidarjetà akbar, ġustizzja u kooperazzjoni multilaterali. Il-KESE jappella sabiex jiġi żgurat il-benesseri soċjali permezz ta' aċċess faċli għal mediċini ta' kwalità għolja u effettivi għall-abitanti kollha tal-UE.

1.6. Is-sinerġiji potenzjali bejn il-kumpaniji l-kbar u l-SMEs mhumiex qed jiġu sfruttati bis-sħiħ, u dan ixekkel serjament l-awtonomizzazzjoni tal-SMEs u jimpedixxi lis-settur tas-saħħa milli jsir inkubatur ta' skoperti rivoluzzjonarji. L-istrumenti ta' appoġġ għall-investment iridu jiġu kkoordinati b'mod effettiv, b'sejħiet speċifikament iddedikati għall-SMEs industrijali.

1.7. Il-KESE jitlob aktar ċarezza dwar il-kondiviżjoni tad-data dwar is-saħħa u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, it-tneħħija tal-ostakli regolatorji, u l-appoġġ għal approċċ komuni tal-UE għall-użu tas-servizzi tat-telemediċina. Huwa jappoġġja bis-sħiħ il-varar tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa, b'rispett sħiħ għad-drittijiet individwali u l-protezzjoni tad-data personali.

1.8. Is-settur tas-saħħa jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għan-newtralità klimatika tal-UE permezz ta' politiki mfassla kif xieraq għall-ġestjoni tal-iskart, mudelli ġodda ta' negozju tal-ekonomija ċirkolari u kapaċità akbar tal-infrastruttura tat-trasport.

1.9. L-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp huwa essenzjali għall-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-industrija tas-saħħa. Il-politiki Ewropej iridu jstimulaw l-investimenti pubbliċi u privati sabiex jintegraw l-aspetti soċjali u tas-saħħa.

1.10. Il-KESE jitlob impenn akbar fil-proċeduri regolatorji rigward l-iżvilupp ta' standards armonizzati ta' kwalità u sikurezza għat-tagħmir protettiv u għall-apparat mediku. Il-KESE jappella għal mandati ċari għall-korpi ta' standardizzazzjoni fil-proċess tekniku-regolatorju.

1.11. Huma meħtieġa taħriġ, taħriġ mill-ġdid, titjib tal-ħiliet u programmi ta' taħlim tul il-ħajja ddedikati għall-forza tax-xogħol Ewropea għas-saħħa sabiex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda tal-Patt Ekoloġiku. L-enfasi ma tridx tkun biss fuq il-professionisti tas-saħħa, iżda wkoll fuq ir-riċerkaturi, l-għalliema, il-persuni tal-media u l-pazjenti nfushom. Għalhekk, il-KESE jappella għal aktar komunikazzjoni fil-livell tal-UE dwar id-drittijiet tal-konsumaturi/tal-pazjenti, bl-inklużjoni sħiħa tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili.

1.12. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tkompli bil-kollaborazzjoni u d-djalogu bejn il-partijiet interessati dwar ir-reżiljenza tas-settur farmaċewtiku, filwaqt li tibni fuq l-istrutturi eżistenti fl-ambitu tal-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa, u tkompli tiżviluppa trasformazzjoni b'saħħitha, sostenibbli u diġitali tal-ekosistema industrijali tas-saħħa kif deskritt fl-Istrateġija Industrijali għall-Ewropa.

2. Kuntest u introduzzjoni

2.1. Il-pandemija tal-COVID-19 ħolqot kriżi mingħajr preċedent fl-Istati Membri kollha tal-UE li, għall-kuntrarju ta' kriżijiet oħra, kellha impatt kemm fuq il-provvista kif ukoll fuq id-domanda, kif ukoll fuq is-soċjetà kollha kemm hi. L-UE ntlaqtet ħażin ħafna meta mqabbla ma' partijiet oħra tad-dinja u rreġistrat aktar imwiet għal kull miljun persuna mix-xejra globali ⁽¹⁾. L-Unjoni rreaġixxiet b'mod adegwat, b'mod kważi kkoordinat. Seta' jsir aktar, kieku l-UE kienet aktar ippreparata bħala Unjoni għal dan it-tip ta' xokk.

2.2. Is-suq uniku huwa wieħed mill-kisbiet l-aktar notevoli tal-proġett tal-UE. Għadhom jeżistu ostakli, li jirriżultaw mill-applikazzjoni mhux armonizzata tal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-Istati Membri. Il-pandemija tal-COVID-19 kabbret dawn l-ostakli, speċjalment billi wriet il-fraġilità tal-ktajjen tal-valur u ż-żieda fil-problemi tad-distribuzzjoni. Ħareġ biċ-ċar li l-UE hija dipendenti minn pajjiżi terzi fir-rigward tal-prodotti mediċi.

2.3. Is-settur tal-kura tas-saħħa pprova aktar minn 7 miljun impjeg fl-2018 ⁽²⁾. Is-settur huwa assi importanti għas-suq uniku, b'aktar minn 800 000 impjeg dirett u b'surplus kummerċjali ta' EUR 109,4 biljun ⁽³⁾. Il-produtturi tal-mediċini taw l-akbar kontribut f'termini ta' investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp fl-2019, filwaqt li s-suq elettromediku Ewropew issa jiswa EUR 120 biljun. Madankollu, l-UE tinvesti inqas meta mqabbla mal-imsieħba kummerċjali tagħna: pereżempju 19,2 % tal-investiment industrijali fir-riċerka u l-iżvilupp fl-UE jmur għall-innovazzjoni fis-saħħa meta mqabbel ma' 26,4 % fl-Istati Uniti. L-Ewropa hija ċentru ewlieni għall-industrija globali tal-apparat mediku. Is-suq tal-apparat mediku fl-UE jammonta għal terz tas-suq globali, b'madwar 32 000 negozju u 730 000 impjegat.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Is-saħħa hija waħda mill-megatendenzi tal-futur, b'mod partikolari fl-Ewropa, u fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid, huwa kruċjali li tiġi appoġġjata l-ekosistema industrijali tal-kura tas-saħħa li tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika u s-sovranità teknoloġika tal-UE.

3.2. Il-KESE jqis li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tqiegħed lill-industrija, u b'mod speċjali lill-kura tas-saħħa, fiċ-ċentru tal-politiki Ewropej, filwaqt li tirrikonoxxi l-kapaċità tagħha li tixpruna bidliet kbar, tintierpreta l-ħtiġijiet u l-isfidi l-ġodda tas-soċjetà u toffri soluzzjonijiet innovattivi u kompetittivi. Madankollu, il-KESE jitlob approċċ aktar olistiku minn dak meħud mill-Kummissjoni, li jiffoka l-aktar fuq l-industrija. Dawk li jfasslu l-politika għandhom livell għoli ta' responsabbiltà, peress li s-saħħa hija waħda mill-elementi bażiċi ta' eżistenza individwali u, mingħajr dubju, l-aktar

⁽¹⁾ Studju tal-PE – Impacts of the COVID-19 pandemic on EU industries (L-impatti tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-industriji tal-UE).

⁽²⁾ Eurostat – Healthcare personnel statistics (Statistika dwar il-persunal tal-kura tas-saħħa).

⁽³⁾ International trade in goods by type of good (Il-kummerċ internazzjonali fil-prodotti skont it-tip ta' oġġett).

assi prezzjuż tal-individwi. Għalhekk, il-KESE jitlob aktar komunikazzjoni fil-livell tal-UE dwar id-drittijiet tal-konsumaturi/tal-pazjenti, inklużi d-drittijiet fundamentali minqusa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-UE teħtieġ sistema tas-saħħa kkoordinata u robusta.

3.3. L-istruttura industrijali tal-ekosistema tas-saħħa hija kostruzzjoni estensiva, b'xi atturi kbar u għadd sinifikanti ta' SMEs. Madankollu, is-sinerġiji potenzjali bejn dawn iż-żewġ gruppi mhumiex qed jiġu sfruttati bis-sħiħ, u dan qed ixxekkel serjament l-għoti tas-setgħa lill-SMEs. B'riżultat ta' dan, l-ekosistema tas-saħħa mhijiex qed taħdem bis-sħiħ u hija mxekkla fir-rwol tagħha li ssir inkubatur ta' skoperti innovattivi ġodda.

3.4. L-ekosistema industrijali tas-saħħa teħtieġ suq intern b'saħħtu, b'faċilitajiet ta' produzzjoni u distribuzzjoni b'saħħithom. Il-KESE enfasizza b'mod partikolari l-importanza ta' "suq intern li jiffunzjona, ġust u effiċjenti li fih, minn naħa waħda, tiġi promossa u ppremjata innovazzjoni medika ġenwina b'valur miżjud reali għall-kura tas-saħħa, u, min-naħa l-oħra, tissaħħaħ il-kompetizzjoni għall-mediċini biex tiżgura aċċess ekwu u affordabbli għall-mediċini" ⁽⁴⁾.

3.5. Jidher li hemm ħtieġa sinifikanti li tiġi aġġornata l-integrazzjoni tas-suq uniku billi tiġi żgurata governanza aktar effettiva, speċjalment fis-settur industrijali tal-kura tas-saħħa ⁽⁵⁾: politika tas-suq uniku u tal-kompetizzjoni li tiffunzjona tajjeb tippermetti dinamika kummerċjali b'saħħitha, li jista' jkollha rwol essenzjali fid-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-provvista fl-UE u tevita arkitettura tal-kura tas-saħħa frammentata.

3.6. Kif uriet il-pandemija tal-COVID-19, il-kollaborazzjoni u s-solidarjetà bejn il-pajjiżi jtejbu l-kapaċità ta' rispons tal-UE u jżidu r-reżiljenza tal-Unjoni kollha kemm hi. Il-prospettiva strateġika fil-livell tal-Unjoni hija meħtieġa b'mod urġenti, speċjalment peress li l-pandemija affettwat b'mod aktar profond is-setturi u l-ktajjen tal-valur li għandhom interkonnessjonijiet transfruntiera.

3.7. Id-dipendenzi strateġiċi jinfluwenzaw l-interessi fundamentali tal-UE. Dawn jikkonċernaw b'mod partikolari l-oqsma tas-sikurezza u s-sigurtà, is-saħħa tal-Ewropej, u l-kapaċità ta' aċċess għall-prodotti, għas-servizzi u għat-teknoloġiji li huma kruċjali għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali fil-qalba tal-prijoritajiet tal-UE.

3.8. Il-KESE rrakkomanda il-preżentazzjoni ta' "strateġija ċara, konkreta u komprensiva għal żmien qasir, medju u twil għall-industrija Ewropea" u ħeġġeġ lill-Kummissjoni "toħroġ pjan ta' azzjoni konkret b'miri u proċeduri ta' monitoraġġ annwali ċari, li jinvolvu kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha" ⁽⁶⁾, filwaqt li jissottolinja kif "ir-rwol tal-impjegaturi, tal-intraprendituri u l-kontribut tas-settur privat biex jixprunaw il-bidla strutturali huma essenzjali għat-tranżizzjoni industrijali" ⁽⁷⁾.

3.9. L-industrija farmaċewtika a medika innovattiva hija xprunata minn progress mediku. Kwistjoni importanti li jeħtieġ li tiġi solvuta minnufih hija n-nuqqas ta' prezzijiet raġonevoli jew in-nuqqas ta' disponibbiltà tal-mediċini. Il-benesseri soċjali jrid jiġi żgurat permezz ta' aċċess faċli għal mediċini ta' kwalità għolja u effettivi għaċ-ċittadini kollha li jgħixu fl-UE. Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea għandu ramifikazzjonijiet kbar għall-manifatturi tal-apparat mediku.

3.10. Id-dipendenza tal-Ewropa fuq ċerta materja prima minn ftit produtturi u pajjiżi biss kienet evidenti matul il-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, anke t-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali, ħafna drabi marbuta mas-sistema industrijali tas-saħħa, jiddependu wkoll minn firxa ta' materja prima skarsa importata fl-Ewropa, bi proporzjon kbir ħafna tal-elementi tal-materjali tal-art rari meħtieġa ġejjin minn fornitur wieħed – iċ-Ċina ⁽⁸⁾. It-tisħiħ u d-diversifikazzjoni tal-ktajjen ta' provvista internazzjonali huma wkoll vitali għall-iżvilupp tal-industrija tas-saħħa u l-iżgurar li l-UE tkun lesta li tiffaċċja kriżijiet futuri bħall-pandemija tal-COVID-19. L-għan aħħari għandu jkun it-tneħħija tal-vulnerabbiltajiet u l-ħolqien ta' ambjent kummerċjali stabbli, prevedibbli u effiċjenti fir-riżorsi. Il-proposta mħabbra għall-ħolqien ta' Awtorità Ewropea għat-Tħejija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa hija apprezzata.

3.11. L-Ewropa kellha suċċess fl-istrateġija tagħha li tiżviluppa Sħubijiet Pubbliċi-Privati biex tistimula r-riċerka u l-iżvilupp fl-industrija farmaċewtika, iżda l-ammonti involuti huma għaxra fil-mija ta' dak li jintefaq minn Biomedical Advanced Research and Development Authority (BARDA) tal-Istati Uniti.

⁽⁴⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar "Strateġija Farmaċewtika għall-Ewropa" (ĠU C 286, 16.7.2021, p. 53).

⁽⁵⁾ Mistoqsijiet u Tweġibiet: programm l-UE għas-Saħħa 2021-27.

⁽⁶⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" (ĠU C 364, 28.10.2020, p. 108).

⁽⁷⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Tranżizzjoni industrijali lejn ekonomija Ewropea ekoloġika u diġitali" (ĠU C 56, 16.2.2021, p. 10).

⁽⁸⁾ Eż. il-platinu għall-produzzjoni ta' idroġenu nadif, siliċju metalliku għall-pannelli solari, u litju għall-karozzi elettriċi.

3.12. L-akbar opportunitajiet fis-snin li ġejjin se jirriżultaw mit-teknoloġiji diġitali tas-saħħa. Kemm jekk qed nitkellmu dwar prodotti mediċinali, apparat u proċeduri mediċi, jew miżuri għall-prevenzjoni, id-dijanjożi jew it-trattament tal-mard, dawn kollha huma vitali għaċ-ċittadini kollha tal-UE. Ir-Regolament mistenni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali⁽⁹⁾, il-proposta leġiżlattiva dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa⁽¹⁰⁾, u l-istandardizzazzjoni se jgħibu aktar ċarezza għall-kondiviżjoni tad-data dwar is-saħħa u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, jeliminaw l-ostakli regolatorji, u jappoġġjaw approċċ komuni tal-UE għall-użu tas-servizzi tat-telemediċina, filwaqt li l-Att dwar il-Governanza tad-Data⁽¹¹⁾ għandu jkun jista' jggarantixxi l-kondiviżjoni tad-data dwar is-saħħa u fl-istess ħin jissalvagwardja l-protezzjoni tad-data personali u jippreserva drittijiet tal-bniedem oħrajn.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. It-trasformazzjoni diġitali tas-settur tas-saħħa hija opportunità kbira. It-tħaddin tat-tranżizzjoni doppja jista' jipprovi aktar vantaġġi kompetittivi għall-Unjoni, f'ambjent internazzjonali kumpless u mimli tensjoni. B'mod partikolari billi tinvesti f'teknoloġiji tal-informatika u tal-intelliġenza artifiċjali ta' prestazzjoni għolja, l-UE tista' tiżviluppa teknoloġiji avvanzati, b'mod partikolari dawk ta' tbassir. Il-pandemija wriet il-ħtieġa immedjata ta' servizzi intelliġenti tas-saħħa, bħat-tesahha.

4.2. Barra minn hekk, is-settur tas-saħħa jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għan-newtralità klimatika tal-UE billi jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu tul il-ktajjen tal-valur. Jeħtieġ li jissaħħu l-politiki dwar il-ġestjoni tal-iskart, peress li s-settur jipproduċi ammonti sinifikanti ta' skart minn mediċini li jifdal u minn tagħmir teknoloġiku u personali użat. Iridu jiġu żviluppati mudelli ġodda tan-negozju tal-ekonomija ċirkolari u kapaċitajiet akbar tal-infrastruttura tat-trasport, filwaqt li jiġu involuti l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati kollha fid-dekarbonizzazzjoni tal-ktajjen tal-valur.

4.3. Is-saħħa tal-bniedem fl-aħħar mill-aħħar tiddependi minn prodotti u servizzi tal-ekosistemi (bħad-disponibbiltà ta' ilma ħelu, ikel u sorsi ta' fjuwil) li huma meħtieġa għal saħħa tajba tal-bniedem u għajxien produttiv. It-telfien tal-bijodiversità jista' jkollu impatti diretti sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem jekk is-servizzi ekosistemiċi ma jibqgħux adegwati biex jaqdu l-ħtiġijiet soċjali.

4.4. Il-mediċina tradizzjonali għad għandha rwol essenzjali fil-kura tas-saħħa, speċjalment fil-kura tas-saħħa primarja. L-użu tal-pjanti mediċinali huwa l-aktar għodda ta' medikazzjoni komuni fil-mediċina tradizzjonali u fil-mediċina komplementari madwar id-dinja. Ħafna komunitajiet jiddependu minn prodotti naturali miġbura mill-ekosistemi għal skopijiet mediċinali u kulturali, minbarra l-ikel.

4.5. Il-ħażna strateġika u r-rilokazzjoni tal-kumpaniji tal-UE huma direzzjonijiet importanti oħra li għandhom jiġu kkunsidrati u huma parti mill-kompetenzi kondiviżi tal-UE. Hekk kif it-teknoloġija titjieb, u l-kapaċità tal-manifattura magħha, l-UE jeħtieġ li ssib l-inċentivi xierqa għall-kapaċitajiet strateġiċi ta' produzzjoni tar-rilokazzjoni fit-territorju tagħha. L-inċentivi tat-taxxa jista' jkollhom rwol ewlieni f'dan ir-rigward.

4.6. L-immappjar u l-analiżi minn isfel għal fuq mal-Istati Membri u mal-industrija huma meħtieġa biex ikun possibbli li tiġi vvalutata n-natura eżatta tad-dipendenzi identifikati f'aktar dettall, inklużi r-riskji li joħlqu għar-reżiljenza u l-funzjonament tal-ekosistemi industrijali fl-UE, kif ukoll il-prospetti possibbli għat-tnaqqis ta' dawn id-dipendenzi, kif ukoll it-tilwim kummerċjali u l-attakki ċibernetiċi, fil-futur.

4.7. L-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp huwa essenzjali għall-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-industrija tas-saħħa. Minbarra l-kontribuzzjoni tal-fondi tal-UE, il-politiki Ewropej iridu jstimulaw kemm jista' jkun l-investiment pubbliku u privat. L-iżvilupp ta' Shubbijiet Pubbliċi-Privati, bħall-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2), se jħeġġeġ lill-produtturi jinvestu u jsegwu attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni li huma vitali għal skoperti mediċinali futuri. Dawn it-tipi ta' inizjattivi għandhom is-saħħa li jżommu lill-Ewropa fuq quddiem nett tal-innovazzjoni medika.

4.8. Bl-istess mod, huwa tal-akbar importanza li jiġu appoġġjati l-isforzi tal-Istati Membri biex jiġbru flimkien ir-riżorsi pubbliċi permezz ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEI) f'setturi fejn is-suq waħdu ma jistax iwassal għal innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, kif inhu l-każ fis-settur farmaċewtiku.

4.9. Il-kompetittività tal-industrija trid tiġi appoġġjata minn qafas b'saħħtu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jagħti s-setgħa u jipproteġi l-innovazzjoni. L-aċċess għad-data huwa wkoll fundamentali għall-produtturi, speċjalment għall-SMEs li ntaqtu ħażin ħafna mill-pandemija u jrid jiġi mħeġġeġ biex jiġi applikat fuq skala akbar u jikber. L-UE teħtieġ politiki mfassla b'mod speċjali għall-analiżi tal-big data u għall-infrastruttura interoperabbli tal-aċċess għad-data.

⁽⁹⁾ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni (COM(2021) 206 final).

⁽¹⁰⁾ Komunikkazzjoni dwar Strateġija Ewropea għad-data, (COM(2020) 66 final).

⁽¹¹⁾ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-governanza Ewropea tad-data – (COM(2020) 767 final).

4.10. L-SMEs jeħtieġu wkoll aċċess faċli għall-finanzjament sabiex jirnexxu u jikbru. Dan ifisser ukoll sorsi alternattivi għas-self bankarju tas-soltu, bħal ekwità privata jew opportunitajiet ta' finanzjament ta' kapital ta' riskju. L-istrumenti ta' appoġġ għall-investiment iridu jiġu kkoordinati b'mod effettiv, b'linji speċifikament iddedikati għall-SMEs industrijali. F'dan il-qasam, huwa importanti li l-inizjattivi li jirriżultaw mill-qafas finanzjarju sostenibbli tal-UE, inkluża l-implimentazzjoni tat-tassonomija, jitfasslu biex jipprovdu opportunità għall-ekonomija Ewropea, filwaqt li jitqiesu kemm il-ħtiġijiet tas-swieq finanzjarji kif ukoll l-isfidi tal-industrija.

4.11. L-iżvilupp ta' format elettroniku Ewropew għall-iskambju tar-rekords tas-saħħa biex jiġi żblokkat il-fluss tad-data dwar is-saħħa bejn il-fruntieri jipprovdi qafas għall-iżvilupp ulterjuri ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għall-kondiviżjoni sigura tad-data dwar is-saħħa bejn l-Istati Membri tal-UE, li dwarhom il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni bħalissa qed jiżviluppa speċifikazzjonijiet tekniċi. Il-KESE jappella għal impenn akbar u aktar inklużjoni tal-partijiet interessati rilevanti fil-proċeduri regolatorji rigward l-iżvilupp ta' standards armonizzati ta' kwalità u sikurezza għat-tagħmir protettiv personali u għall-apparat mediku.

4.12. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tista' tintuża biex jiġu indirizzati bosta mill-ħtiġijiet tal-ekosistema tas-saħħa permezz ta' investiment fis-sistemi tas-saħħa nazzjonali u r-riformi fihom, it-tisħiħ tar-reżiljenza u t-tnejn għall-kriżijiet, il-kura primarja, iż-żieda ta' aċċess ġust u trasparenti għas-servizzi, l-indirizzar tal-vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista u l-ħiliet diġitali tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, is-soluzzjonijiet tat-telemediċina, u r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

4.13. Il-KESE jitlob l-iżvilupp ta' programmi mfassla b'mod speċjali għat-taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid, it-titjib tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja għall-forza tax-xogħol Ewropea tal-qasam tas-saħħa, f'konformità mar-rwol professjonali u soċjali ewlieni tagħhom, mal-progress teknoloġiku u mar-rekwiżiti l-ġodda għal sostenibbiltà mtejba. Huma meħtieġa politiki ċari ta' taħriġ immexxija mill-partijiet ikkonċernati tas-settur sabiex ikun hemm ħaddiema kwalifikati li jkunu kapaċi jlaħħqu mal-isfidi l-ġodda tal-Patt Ekoloġiku.

4.14. Il-KESE osserva li “[g]ħandhom jitfasslu politiki ġodda dwar il-ħiliet bl-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali sabiex jitħaffef l-adattament tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex ikun hemm tqabbil mad-domanda għal impjiegi ġodda”⁽¹²⁾. Fis-settur tas-saħħa, l-enfasi trid tkun mhux biss fuq il-professjonisti tas-saħħa, iżda wkoll fuq ir-riċerkaturi, l-għalliema, daww li jieħdu d-deċiżjonijiet ta' kull tip, il-persuni tal-media, il-pazjenti nfushom u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.

4.15. L-Akkwist Pubbliku Strateġiku għandu rwol ewlieni biex ilaqqa' flimkien l-industrija tal-UE, iċ-ċentri tar-riċerka, u l-awtoritajiet regolatorji tal-UE u nazzjonali, b'mod partikolari fis-settur tas-saħħa, u jiffaċilita l-kooperazzjoni pubblika-privata bil-ħsieb li jiġu jindirizza l-ħtiġijiet tas-sistemi tas-saħħa pubbliċi u privati u li jippermetti x-xiri ta' teknoloġiji tas-saħħa innovattivi u bi prezzijiet raġonevoli, inklużi soluzzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u klawżoli soċjali⁽¹³⁾.

4.16. Il-KESE diġà talab lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri juru r-rieda politika li jimplementaw “Patt tas-Saħħa għall-Futur tal-Ewropa”⁽¹⁴⁾ li jirrifletti l-valuri fundamentali tal-UE.

4.17. L-Inizjattiva ta' Djalogu Strutturati⁽¹⁵⁾ imħabbra fl-istrategġija farmaċewtika hija essenzjali għall-Ewropa, sabiex jiġu identifikati l-kawżi u l-ixprunaturi ta' vulnerabbiltajiet u dipendenzi potenzjali tal-ktajjen ta' provvista tal-mediċini.

4.18. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-varar tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa⁽¹⁶⁾ sabiex jipprovdi l-infrastruttura meħtieġa għall-kondiviżjoni tad-data għal għodod dijanjostiċi u trattament fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-involviment fi sforzi għall-koinvestiment f'ekosistemi tal-kura tas-saħħa tal-ġenerazzjoni li jmiss fil-ktajjen tal-valur kollha.

⁽¹²⁾ Opinjoni tal-KESE dwar “Strategġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa” (ĠU C 364, 28.10.2020, p. 108).

⁽¹³⁾ Ix-Xiri Soċjali – Gwida biex jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwisti pubbliċi – It-tieni edizzjoni. (ĠU C 237, 18.6.2021, p. 1).

⁽¹⁴⁾ Opinjoni tal-KESE dwar “L-istabbiliment ta' Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027” (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 251)

⁽¹⁵⁾ Djalogu strutturati dwar is-sigurtà tal-provvista tal-mediċini.

⁽¹⁶⁾ Il-Kummissjoni tippubblika konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa.

4.19. Il-KESE jemmen li għandhom jintużaw standards armonizzati bħala strument biex ikopru r-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza tal-prodotti flimkien ma' strumenti li jistgħu jgħinu biex il-prodotti jitqiegħdu fis-suq. L-Unjoni Ewropea jeħtiġilha tevita regolamentazzjoni żejda tal-prodotti, billi l-prijorità hija li jitnaqqas il-piż amministrattiv ikkawżat minn leġiżlazzjoni eċċessiva, filwaqt li jiġi żgurat aċċess faċli għad-dokumentazzjoni, informazzjoni tajba, skambju bla xkiel tal-aħjar prattiki, u kooperazzjoni effettiva.

4.20. Fl-aħħar nett, il-KESE jstieden lill-Kummissjoni tkompli bil-kollaborazzjoni u d-djalogu bejn il-partijiet interessati kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema farmaċewtika tal-UE għal kriżijiet futuri, u tibni fuq il-mekkaniżmi eżistenti stabbiliti fl-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa ⁽¹⁷⁾ u l-Istrateġija Industrijali għall-Ewropa ⁽¹⁸⁾. Il-KESE jstieden ukoll lill-Kummissjoni toħloq aktar sinerġiji bejn l-Istati Membri, tippreżenta inizjattivi ġodda biex issaħħaħ il-koordinazzjoni tas-sistemi nazzjonali differenti (f'konformità mat-TFUE ⁽¹⁹⁾) u tkompli tiżviluppa trasformazzjoni b'saħħitha, sostenibbli u diġitali tal-ekosistema industrijali tas-saħħa.

Brussell, id-29 ta' Settembru 2021.

Pietro Francesco DE LOTTO
Il-President
tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali

⁽¹⁷⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52020DC0761>.

⁽¹⁸⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1593086905382&uri=CELEX:52020DC0102>.

⁽¹⁹⁾ Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni — L-Istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f’dinja li qed tinbidel”

[COM(2021) 252 final]

(2022/C 105/11)

Relatur: **Neža REPANŠEK**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 1.7.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	30.9.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	231/0/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ l-impenn tal-UE biex tmexxi u tippreserva t-trasparenza fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tippromovi kundizzjonijiet ekwi u reċiproċità mibnija fuq il-valuri fundamentali.

1.2. Il-KESE jilqa’ l-konklużjonijiet tad-“Dikjarazzjoni ta’ Bonn dwar il-Libertà tar-Riċerka Xjentifika”, adottata fil-Konferenza Ministerjali dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) fdik il-belt fl-20 ta’ Ottubru 2020, peress li tirrappreżenta prekundizzjoni għal xenarju dinamiku ta’ riċerka u innovazzjoni li jistinka għall-promozzjoni tal-għarfien u l-benefiċċju tas-soċjetà. Il-KESE jappoġġja l-adozzjoni ta’ dawn il-prinċipji fil-livell internazzjonali fil-futur.

1.3. Il-KESE jqis li hemm bżonn li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu involuti aħjar fl-appoġġ lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw politiki straordinarji u programmi speċjali (mobilità tal-karrieri, attrazzjoni/żamma tar-riċerkaturi, u riżultati ta’ riċerka applikata u ta’ innovazzjoni għall-kultura intraprenditorjali tal-SMEs tal-UE) li kapaċi jifruktaw il-valur miżjud tal-UE li min-naħa tagħhom jistgħu jikkontribwixxu għal Żona Ewropea tar-Riċerka⁽¹⁾ ambizzjuża għad-deċennju li jmiss. Dan għandu jnvolvi b’mod partikolari li jitqiesu t-tagħlimiet meħuda matul il-pandemija u l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq is-soċjetajiet u l-ekonomiji, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi żgurati it-trasferiment sħiħ tal-għarfien u t-teknoloġija permezz tat-trasformazzjoni diġitali tar-riċerka. Il-pandemija tat prominenzja lill-kooperazzjoni fil-qasam tas-saħħa, fejn l-enfasi trid tkun sabiex il-kura tas-saħħa ssir disponibbli, sabiex issir ħidma biex tittejjeb u tissaħħaħ is-saħħa b’mod f’waqtu, kif ukoll sabiex il-professjonisti tas-saħħa jikkooperaw bejniethom, fejn il-ħidma flimkien tista’ ssib soluzzjonijiet anke għall-problemi tas-saħħa l-aktar kumplessi.

1.4. Il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni dwar l-importanza li jissaħħaħ ir-rwol ta’ tmexxija tal-UE fl-appoġġ tas-sħubijiet multilaterali tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jitwasslu soluzzjonijiet ġodda għall-isfidi ekoloġiċi, diġitali, tas-saħħa, soċjali u tal-innovazzjoni, filwaqt li jitqies l-impatt attwali tal-COVID-19 fuq is-sistemi tas-saħħa, is-soċjetajiet, il-komunitajiet tan-negozju u l-ekonomija globali usa’ Ewropej.

1.5. Sabiex jingħata kontribut konkret bil-għan ta’ UE aktar b’saħħitha fid-dinja, il-KESE jitlob li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu inklużi b’mod adattat fil-livell tal-UE u dak nazzjonali fil-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea fil-monitoraġġ tal-azzjonijiet, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tagħha. Fid-dawl tal-forum ipplanat taż-ŻER għat-tranżizzjoni, il-KESE jissuġġerixxi li tiġi ffaċilitata azzjoni konġunta mal-UE u l-istituzzjonijiet nazzjonali permezz ta’ Rapport preliminari tan-Network ta’ Għarfien tas-Soċjetà Ċivili, li għandu jiġi ppreżentat u diskuss f’konferenza internazzjonali li ssir fl-2022.

⁽¹⁾ Nota tal-Presidenza lill-Kunsill – It-tiġdid taż-Żona Ewropea tar-Riċerka – kif għandha titħejja t-tmedija ta’ ŻER ambizzjuża li tkun adattata għall-għaxar snin li ġejjin? u Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-Għda – stqarrija għall-istampa, 1 ta’ Diċembru 2020.

2. Kummenti ġenerali

2.1. L-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni jippreżenta l-perspettiva tal-Kummissjoni għall-istrategġija tal-Ewropa dwar il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni. L-istrategġija għandha wkoll l-għan li ssaħħha is-sħubijiet biex jipprovdu soluzzjonijiet ġodda għall-isfidi ekoloġiċi, diġitali, tas-saħħa, soċjali u tal-innovazzjoni.

2.2. L-istrategġija l-ġdida tibni fuq żewġ objettivi prinċipali. L-ewwel nett, hija timmira għal ambjent ta' riċerka u innovazzjoni li huwa bbażat fuq regoli u valuri, u li huwa miftuħ ukoll, sabiex jgħin lir-riċerkaturi u lill-innovaturi madwar id-dinja jaħdmu flimkien fi sħubijiet multilaterali u jsibu soluzzjonijiet għall-isfidi globali. It-tieni, għandha l-għan li tiżgura r-riċiproċità u kundizzjonijiet ekwi fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni.

2.3. L-approċċ globali ġdid jeħtieġ li jiġi implimentat permezz ta':

- il-modulazzjoni tal-kooperazzjoni bilaterali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni biex issir kompatibbli mal-interessi u mal-valuri Ewropej u biex tissaħħha l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE;
- il-mobilizzazzjoni tax-xjenza, tat-teknoloġija u tal-innovazzjoni biex jiġi aċċellerat l-iżvilupp sostenibbli u inklużiv, u t-tranżizzjoni lejn soċjetajiet u ekonomiji reżiljenti u bbażati fuq l-għarfien f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju;
- it-tnedija ta' inizjattivi mfassla fuq approċċ ta' Tim Ewropa, li jikkombinaw azzjonijiet mill-UE, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-Istati Membri biex jisfruttaw l-effettività u l-impatt tal-azzjonijiet.

2.4. Il-Komunikazzjoni sservi wkoll ta' gwida fl-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-programm il-ġdid tal-UE għar-riċerka u għall-innovazzjoni ċivili, Orizzont Ewropa, u s-sinerġiji tiegħu ma' programmi oħrajn tal-UE, b'mod partikolari l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali.

3. Impenn lejn trasparenza internazzjonali u valuri fundamentali fir-riċerka u l-innovazzjoni

3.1. Sabiex iżomm ir-rwol ta' tmexxija, il-programm tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni jeħtieġ jibqa' miftuħ għad-dinja. Dan ifisser li l-parteċipanti mid-dinja kollha, irrispettivament mill-post tal-istabbiliment jew tar-residenza tagħhom, għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fi programmi tal-UE bħall-Erasmus+ u l-Orizzont Ewropa. Barra minn hekk, ir-rispett u l-fehim komuni tal-valuri fir-riċerka għandhom jiġu promossi u implimentati aktar fis-sħubijiet internazzjonali kollha.

3.2. B'segwitu għall-Kodiċi ta' Kondotta Ewropea għall-Integrità tar-Riċerka^(?), l-Opinjoni tal-KESE dwar Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ġdida għar-riċerka u l-innovazzjoni^(?) tenfasizza l-ħtieġa li l-prinċipju tal-integrità xjentifika u etika jiġi inkorporat fl-etika u l-integrità tar-riċerka, sabiex jiġi evitat it-telfien f'termini ta' saħħa tal-bniedem, flus u falliment xjentifiku. Il-Komunikazzjoni tenfasizza r-rwol tal-UE li tippoteġi l-valuri fundamentali komuni meta tindirizza l-isfidi etiċi u tiżgura l-innovazzjoni teknoloġika ċċentrata fuq il-bniedem.

3.3. Il-libertà akkademika, l-awtonomija istituzzjonali, l-aspetti etiċi u ta' integrità tar-riċerka, il-fondazzjonijiet empiriċi, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diversità u l-inklużività għandhom jiġu integrati fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka. Il-KESE jaqbel bis-sħiħ mal-importanza tal-bilanċ bejn il-ġeneri u l-ugwaljanza, l-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh u l-parteċipazzjoni, l-inklużjoni u d-diversità fir-riċerka globali fl-innovazzjoni. Ambjent inklużiv u li jappoġġja r-riċerka, mingħajr interferenza politika, flimkien ma' opportunitajiet għar-riċerka, għandhom jiġu promossi fil-livelli kollha. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-KE biex tiżviluppa u tippromovi linji gwida dwar kif għandha tiġi indirizzata l-interferenza barranija li fil-mira tagħha jkollha l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja tal-UE.

3.4. L-għan globali tal-UE huwa li tagħmel is-settijiet tad-data FAIR: traċċabbli (Findable), aċċessibbli (Accessible), interoperabbli (Interoperable) u riutilizzabbli (Reusable) fi ħdan il-kunċett ta' data miftuħa u xjenza miftuħa.

3.5. Huwa importanti li jiġi pprovdut finanzjament prinċipali fil-livell nazzjonali, filwaqt li jiġi żgurat livell adegwat ta' investiment fir-riċerka u l-iżvilupp li jkun kapaċi jilħaq l-għanijiet stabbiliti fis-settur.

^(?) The European Code of Conduct for Research Integrity, www.allea.org [accessed 6 June 2021].

^(?) L-Opinjoni tal-KESE dwar A new European Research Area (ERA) for Research and Innovation (ĠU C 220, 9.6.2021, p. 79).

3.6. “Id-Diplomazija dwar ix-Xjenza” tista’ tgħin lill-UE tippreżenta setgħa ta’ perswazzjoni u ssegwi l-interessi u l-valuri ekonomiċi tagħna b’mod aktar effettiv, tissodisfa d-domanda u l-interess minn pajjiżi msieħba u tiffoka fuq il-kwalitajiet pożittivi tal-UE bħala ċentru tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Il-KESE huwa konvint li djalogu soċjali u ċiviku kostruttiv fil-livelli kollha jikkontribwixxi għal diplomazija xjentifika li tirnexxi fil-komunitajiet tagħna.

4. Bilanċ ġdid – Lejn kundizzjonijiet ekwi u reċiproċità fir-Riċerka u l-Innovazzjoni

4.1. Permezz tal-politiki u tal-programmi tagħha, l-UE hija katalizzatur ewleni għall-internazzjonalizzazzjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni. Hija kapaċi tinvolvi wkoll sistemi ta’ produzzjoni, u timmobilizza x-xjenza, ir-riċerkaturi żgħażaġħ, in-networks interdixiplinari, it-teknoloġija u l-innovazzjoni biex taċċellera l-iżvilupp sostenibbli u inklużiv, minn naħa waħda, u t-tranżizzjoni lejn soċjetajiet u ekonomiji reżiljenti u bbażati fuq l-għarfien f’pajjiżi bi dħul baxx u medju, min-naħa l-oħra. Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-investimenti privati u partikolarment dawk pubbliċi fix-xjenza sabiex jinżamm il-pass ma’ atturi ewlenin globali oħrajn fir-riċerka u l-innovazzjoni, u fl-istess ħin biex jiġu protetti d-drittijiet tal-bniedem u l-valuri fundamentali.

4.2. Atturi xjentifiċi ewlenin oħra issa qed jonfqu aktar mill-UE fuq ix-xjenza f’termini ta’ perċentwal tal-prodott domestiku gross. It-tensjonijiet ġeopolitiċi qed jiżdiedu u d-drittijiet tal-bniedem u l-valuri fundamentali bħal-libertà akkademika qed jiġu kkontestati. Il-libertà akkademika hija sinsla għall-edukazzjoni għolja fl-UE, u għandha tiġi protetta fil-konfront ta’ pajjiżi terzi. Fid-dawl ta’ avvenimenti reċenti, il-KESE jilqa’ u jappoġġja l-appell mill-akkademiċi Ewropej⁽⁴⁾ biex tittieħed azzjoni immedjata biex jinħolqu perkorsi legali komplementari mħaffa għar-riċerkaturi u l-akkademiċi friskju, inklużi akkademiċi, studenti u atturi tas-soċjetà ċivili mill-Afganistan, speċjalment in-nisa u l-minoranzi etniċi u reliġjużi.

5. Nindirizzaw l-isfidi globali flimkien

5.1. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ li ssir enfasi diretta fuq it-“tranżizzjoni doppja u ġusta”, jiġifieri t-Tranżizzjoni Diġitali u l-Patt Ekoloġiku, u fuq il-politiki dwar is-saħħa u dwar l-irkupru fit-tul wara l-COVID-19. L-Ewropa jeħtieġ tikkoopera bejn il-fruntieri fuq skala li qatt ma rajna bħalha qabel biex nitgħallmu kif, flimkien ma’ msieħba oħrajn, niżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi ħalli nwettqu tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti f’konformità mal-għanijiet ta’ żvilupp sostenibbli u biex nippromovu r-reżiljenza, il-prosperità, il-kompetittività tal-Ewropa – b’mod partikolari favur l-SMEs mikro – u nappoġġjaw il-benesseri ekonomiku u soċjali. Minbarra li jrawwem tranżizzjoni lejn ekonomija Ewropea aktar reżiljenti, irkupru inklużiv li jiżgura li l-ebda Ewropew ma jitħalla jibqa’ lura huwa essenzjali fil-proċess ta’ tranżizzjoni lejn ekonomija Ewropea sostenibbli u li fl-istess ħin joħloq opportunitajiet ġodda għall-ħaddiema. L-innovazzjoni soċjali tista’ taqdi wkoll rwol importanti f’dawk il-proċessi.

5.2. It-trasparenza reċiproka, l-iskambju liberu ta’ ideat u l-ħolqien konġunt ta’ soluzzjonijiet huma essenzjali għall-insewiment u l-promozzjoni ta’ għarfien fundamentali. Dawn huma komponenti ewlenin ta’ ekosistema tal-innovazzjoni vibranti, minħabba li l-ftuħ fil-kooperazzjoni, li jikkarakterizza l-azzjoni tal-UE, qed iseħħ f’ambjent globali ttrasformat.

5.3. Il-mobilizzazzjoni tar-riċerkaturi u tal-innovaturi tad-dinja se tkun kruċjali għall-benesseri taċ-ċittadini u tal-ġenerazzjonijiet futuri. Kif deher mill-pandemija globali reċenti, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet bħas-saħħa globali, jgħinna niksbu innovazzjonijiet rivoluzzjonarji. L-UE jeħtieġ li tappoġġja l-oġġettivi tagħha ta’ awtonomija strateġika miftuħa billi, b’mod parallel, timmodula l-kooperazzjoni bilaterali tagħha ma’ pajjiżi terzi f’ċerti oqsma⁽⁵⁾.

5.4. B’rispons għax-xejriet globali attwali, l-UE għandha tmexxi bl-eżempju, billi tippromovi multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli. L-ordni multilaterali jeħtieġ li jingħata spinta ġdida biex isir adatt għall-iskop tiegħu sabiex ikun jista’ jindirizza l-isfidi globali, u jwieġeb għat-talbiet dejjem akbar taċ-ċittadini għal trasparenza, kwalità u inklużività. L-UE għandha tippromovi wkoll il-modernizzazzjoni ambizzjuża tal-istituzzjonijiet internazzjonali multilaterali ewlenin, filwaqt li ssegwi pjan direzzjonali kondviz għal ftuħ reċiproku fil-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex tiffaċilita rispons globali għall-isfidi globali u tiskambja l-aħjar prattiki.

⁽⁴⁾ <https://www.scholarsatrisk.org/2021/08/urgent-appeal-to-european-governments-and-eu-institutions-take-action-for-afghanistans-scholars-researchers-and-civil-society-actors/>

⁽⁵⁾ L-integrazzjoni tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-EFTA, il-Balkani tal-Punent, it-Turkija, il-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-Renju Unit, l-approfondiment tas-sħubijiet tal-UE mal-Afrika, l-Amerika Latina u reġjuni oħrajn eċċ.

5.5. L-UE jeħtieġ taqdi rwol ewlieni bħala dik li tistabbilixxi l-istandards globali u jenħtieġ li dan il-proċess jiġi promoss ukoll permezz ta' rwol akbar fil-kooperazzjoni internazzjonali dwar riċerka prenormattiva u ta' standardizzazzjoni li tkun "favur l-SMEs". Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' miżuri ta' appoġġ għall-SMEs fl-oqsma kollha tal-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

5.6. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-pjan ta' azzjoni dwar il-proprjetà intellettwali⁽⁶⁾ bħala approċċ tajjeb ħafna u olistiku għall-immodernizzar tas-sistema tal-proprjetà intellettwali tal-UE. It-tnejja tas-Sistema tal-Privattiva Unitarja jeħtieġ li tkun prijorità ewlenija u ser issaħħaħ b'mod konsiderevoli l-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE.

5.7. Ċerti pajjiżi qegħdin ifittxu dejjem aktar tmexxija teknoloġika permezz ta' miżuri diskriminatorji, u ta' spiss jużaw ir-riċerka u l-innovazzjoni bħala għodda għall-influwenza globali u għall-kontroll soċjali. Għandhom jissaħħu l-prosperità u l-kompetittività ekonomika tal-UE, iżda anke l-kapaċità tagħha li tagħmel għad-dispożizzjoni b'mod awtonomu taċ-ċittadini tagħha u li tipprovdihom teknoloġiji u servizzi kruċjali li huma sikuri u siguri. L-UE għandha tmexxi l-iżvilupp ta' normi globali ġodda, standards internazzjonali u oqfsa ta' kooperazzjoni foqfsma bħal dak diġitali, inkluża l-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda oħra. Il-kwalitajiet pożittivi demokratiċi u regolatorji tal-UE huma assi biex jgħinu fil-bini ta' dinja aħjar, filwaqt li l-kredibbiltà tagħha bħala attur tal-paċi u l-istrutturi tas-sigurtà u d-difiża tagħha jistgħu jgħinu biex jappoġġjaw l-isforzi multilaterali biex il-paċi tinżamm, tingħata sostenn u tinbena.

5.8. Il-KESE ilu fuq quddiem fit-tmexxija tad-dibattitu dwar l-intelliġenza artifiċjali (IA) sa mill-ewwel Opinjoni tiegħu dwar is-suġġett fl-2017⁽⁷⁾, u ppubblika għadd ta' Opinjonijiet dwar is-suġġett matul dawn l-aħħar snin⁽⁸⁾. Huwa ilu jippromovi approċċ ta' "human-in-command" għall-IA, fejn il-bnedmin jibqa' jkollhom f'idejhom it-tmexxija tal-IA f'sens tekniku, u jżommu wkoll il-kapaċità li jiddeċiedu jekk, meta u kif jużawha fis-soċjetà tagħna inġenerali. Barra dan jeħtieġ tingħata attenzjoni dwar l-impatt tal-IA fuq l-impjegji, l-importanza li jinstab bilanċ tajjeb bejn ir-regolamentazzjoni, l-awto-regolamentazzjoni u l-gwida etika, u l-impatt tal-IA fuq il-konsumaturi, fost oħrajn. Il-KESE bħalissa qed jabbozza l-Opinjoni formali tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali⁽⁹⁾.

5.9. Il-kapaċità tal-UE li tkun attur globali hija żgurata wkoll permezz tal-konsistenza bejn l-azzjonijiet esterni tal-UE u l-politiki interni f'kull Stat Membru. Vuċi tal-UE magħquda u koerenti hija essenzjali biex jiġu stabilizzati s-sħubijiet u l-alleanzi tagħna ma' pajjiżi terzi, biex jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet multilaterali u reġjonali, u biex jiġi nneozjat approċċ ibbażat aktar fuq l-interessi għall-beni pubbliċi globali.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽⁶⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Pjan ta' azzjoni dwar il-proprjetà intellettwali" (ĠU C 286, 16.7.2021, p. 59).

⁽⁷⁾ ĠU C 288, 31.8.2017, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU C 440, 6.12.2018, p.1; ĠU C 440, 6.12.2018, p.51; ĠU C 240, 16.7.2019, p. 51; ĠU C 47, 11.2.2020, p. 64; ĠU C 364, 28.10.2020, p. 87.

⁽⁹⁾ INT/940 – Regolament dwar l-intelliġenza artifiċjali (ĠU C 517, 22.12.2021, p. 61).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward l-istabbiliment ta’ qafas għal Identità Diġitali Ewropea”

[COM(2021) 281 final — 2021/0136 (COD)]

(2022/C 105/12)

Relatur: **Tymoteusz Adam ZYCH**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 8.7.2021 Kunsill, 15/07/2021
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	30.9.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	229/2/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal strument li jemenda r-Regolament eIDAS fir-rigward tal-istabbiliment ta’ qafas għal Identità Diġitali Ewropea, li jaġġusta dan l-att legali għall-ħtiġijiet attwali tas-suq. L-evalwazzjoni tar-regolament eżistenti wriet li hemm bżonn li jiġu pprovduti soluzzjonijiet imtejba għas-servizzi diġitali li jkunu jestendu l-aċċess kemm għas-settur privat kif ukoll għas-settur pubbliku, u li jkunu disponibbli għall-maġġoranza vasta taċ-ċittadini u r-residenti Ewropej.

1.2. Madankollu, il-KESE jinnota li d-diġitalizzazzjoni proposta tas-servizzi tista’ tirriżulta fl-esklużjoni ta’ partijiet tas-soċjetà Ewropea, b’mod partikolari l-persuni akbar fl-età, dawk b’litteriżmu diġitali baxx u l-persuni b’diżabilità. Għalhekk, il-KESE ġentilment jistieden lill-Kummissjoni Ewropea (KE) u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-qafas meħtieġ għall-edukazzjoni diġitali u għal kampanja ta’ informazzjoni, li fl-istess ħin għandu jservi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali.

1.3. Il-KESE jilqa’ l-fatt li l-użu ta’ Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ser ikun diskrezzjonali u mingħajr ħlas. Madankollu, l-introduzzjoni ta’ soluzzjonijiet diġitali ġodda neċessarjament tinvolvi ħin u spejjeż sinifikanti. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-KE biex tkompli tivvaluta ż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni attwali tar-Regolament il-ġdid sabiex jiġi evitat li s-suq jiġi affettwat b’mod negattiv, u biex tipprovi analiżi ulterjuri u aktar ċarezza fir-Regolament dwar l-ispejjeż mistennija tal-implimentazzjoni tiegħu.

1.4. Il-KESE jinnota li t-Taqsima 9 proposta tar-Regolament tipprevedi r-rikonoxximent transfruntier obbligatorju ta’ attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi maħruġa fi Stat Membru. Madankollu, b’kont meħud tal-fatt li d-dispożizzjonijiet tal-liġijiet domestiċi tal-Istati Membri spiss ivarjaw b’mod sinifikanti, il-KESE jagħraf il-ħtieġa li jiġi ċċarat li r-rikonoxximent ta’ attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi fi Stat Membru wieħed huwa limitat għall-konferma tal-fatti, b’mod analogu għall-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini billi jissempjifika r-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta’ ‘ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea (UE): “Dan ir-Regolament ma japplikax għar-rikonoxximent fi Stat Membru tal-effetti legali relatati mal-kontenut ta’ dokumenti pubbliċi maħruġa mill-awtoritajiet ta’ Stat Membru ieħor”.

(¹) Ir-Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Lulju 2016 dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta’ ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 200, 26.7.2016, p. 1).

1.5. Fil-fehma tal-KESE, jeħtieġ li l-protezzjoni effettiva tad-data tiġi kkunsidrata b'mod speċjali fil-kuntest tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għall-privatezza u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. Għalhekk, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ ir-rekwiżit li l-qafas għal Identità Diġitali Ewropea għandu jagħti lill-utenti l-mezzi biex jikkontrollaw min għandu aċċess għat-tewmi diġitali tagħhom u eżattament liema data jistgħu jaċċessaw. Il-KESE jistieden lill-KE u lill-Istati Membri biex jinkludu, wara konsultazzjonijiet dwar l-aspetti tekniċi tal-qafas għal Identità Diġitali Ewropea, il-kwistjoni tal-ħolqien ta' reġistru li jippermetti lill-utenti jitraċċaw kwalunkwe aċċess għad-data tagħhom.

1.6. Il-KESE jixtieq jenfasizza t-tħassib dwar is-sigurtà relatat mal-proċess ta' diġitalizzazzjoni, speċjalment l-iżvilupp ta' sistemi enormi li jaħżnu u jipproċessaw data li hija vulnerabbli għall-frodi u t-telf. Il-KESE huwa konxju wkoll li bħalissa mhemm l-ebda sistema ta' sigurtà li tista' tipprovi protezzjoni sħiħa tad-data. Għalhekk, fl-Opinjoni tal-KESE, l-utenti tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandhom jiġu ggarantiti kumpens għal kwalunkwe sitwazzjoni mhux mixtieqa relatata mad-data tagħhom (eż. serq jew żvelar ta' data). Tali responsabbiltà għandha tkun indipendenti minn jekk il-fornitur għandux tort.

2. Introduzzjoni

2.1. Is-suġġett ta' din l-Opinjoni huwa l-proposta tal-KE għal regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾ (ir-"Regolament eIDAS") fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea.

2.2. Kif stabbilit fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni, ir-Regolament eIDAS ikun jipprovi l-protezzjonijiet u l-benefiċċji li ġejjin: (1) aċċess għal soluzzjonijiet siguri u affidabbli ħafna tal-identità elettronika, (2) li s-servizzi pubbliċi u privati jkunu jistgħu jiddependu fuq soluzzjonijiet affidabbli u siguri tal-identità diġitali, (3) li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi jingħataw is-setgħa li jużaw soluzzjonijiet tal-identità diġitali, (4) li dawn is-soluzzjonijiet ikunu marbuta ma' varjetà ta' attributi u jippermettu l-kondiviżjoni mmirata ta' data dwar l-identità limitata għall-ħtiġijiet tas-servizz speċifiku mitlub, u (5) l-aċċettazzjoni ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati fl-UE u kundizzjonijiet ugwali għall-forniment tagħhom. L-emendi proposti huma reazzjoni għaż-żieda fid-domanda għal soluzzjonijiet diġitali transfruntiera affidabbli li jiddependu fuq il-ħtieġa li jiġu identifikati u awtentikati l-utenti b'livell għoli ta' assigurazzjoni.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE huwa konxju mid-domandi l-ġodda tas-suq intern li jikkonċernaw l-iżvilupp ta' identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet transfruntiera elettroniki. Is-soluzzjonijiet eżistenti pprovduti fir-Regolament eIDAS, li beda jipproduċi effetti legali f'diversi stadji, minn Lulju 2016, ma jissodisfawx dawn id-domandi, li huwa kkonfermat mill-fatt li, kif inhu bħalissa, 59 % biss tar-residenti tal-UE għandhom aċċess għal soluzzjonijiet ta' identifikazzjoni elettronika affidabbli u siguri. Barra minn hekk, l-aċċess transfruntier għal servizzi bħal dawn huwa limitat minħabba n-nuqqas ta' interoperabbiltà bejn is-sistemi offruti minn Stati Membri individwali.

3.2. Għaldaqstant, il-KESE jilqa' l-proposta l-ġdida tal-KE għal strument li jemenda r-Regolament eIDAS fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea, li għandu jaġġusta dan l-att legali għall-ħtiġijiet attwali tas-suq. Huwa stmat li s-soluzzjonijiet proposti fid-dokument tal-Kummissjoni jistgħu jgħinu biex jiżdied l-għadd ta' utenti tal-identifikazzjoni elettronika għal 80 % jew saħansitra 100 % taċ-ċittadini u r-residenti kollha tal-UE.

3.3. Il-KESE jilqa' b'mod speċjali s-soluzzjonijiet li għandhom l-għan li jżidu s-sigurtà tad-data personali tal-utenti billi jiggarrantixxu d-diskrezzjoni li jikkondividu d-data u l-possibbiltà li jikkontrollaw in-natura u l-ammont ta' data pprovduta lill-partijiet dipendenti. Peress li – skont il-proposta – l-Istati Membri se jżommu kontroll fuq il-fornituri tas-servizzi diġitali, huma jiggarrantixxu li settijiet ta' data sensitivi (eż. relatati mas-saħħa, ir-reliġjon u t-twemmin, l-opinjoni politiki, l-oriġini razzjali jew etnika) jiġu pprovduti biss fuq talba mill-fornituri tas-servizzi, wara deċiżjoni infurmata meħuda mis-sid tal-identità skont il-liġi nazzjonali applikabbli.

3.4. Il-KESE jirrimarka li l-iskeda ta' żmien għall-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament il-ġdid hija pjuttost ottimista, u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, meta tistabbilixxi l-iskadenzi finali għall-applikazzjoni, biex tqis ukoll iż-żmien meħtieġ biex il-fornituri tas-servizzi jaġġornaw is-sistemi tal-IT tagħhom biex jikkonformaw mal-obbligi l-ġodda. Il-KESE għalhekk jistieden lill-KE tanalizza aktar iż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni attwali tar-Regolament

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniki fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

il-ġdid u b'hekk testendi l-iskeda ta' żmien għall-applikazzjoni tiegħu sabiex ma taffettwax is-suq rilevanti. Bħala eżempju, id-dħul fis-seħħ tar-Regolament se jirrikjedi li fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji eżistenti li joffru ffirmar mill-bogħod permezz ta' apparati kwalifikati għall-ħolqien ta' firem elettroniċi biex isiru fornituri kwalifikati għal dak is-servizz speċifiku; se jieħu ż-żmien biex dawn jimplementaw kemm l-aspetti tekniċi kif ukoll il-proċedura ta' awtorizzazzjoni.

3.5. Il-KESE jinnota li d-diġitalizzazzjoni proposta tas-servizzi, irrispettivament mill-benefiċċji tagħha, tista' tirriżulta wkoll fl-esklużjoni ta' partijiet tas-soċjetà Ewropea, inklużi b'mod partikolari l-persuni akbar fl-età, dawk b'litteriżmu diġitali baxx u l-persuni b'diżabilità. Il-KESE jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-edukazzjoni taċ-ċittadini Ewropej fil-ġlieda kontra din l-esklużjoni; fl-istess ħin dan għandu jservi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali.

4. Disponibbiltà u użu diskrezzjonali ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea (EDIF)

4.1. Il-KESE jilqa' l-idea li jiġu pprovduti soluzzjonijiet imtejba għas-servizzi diġitali li jestendu l-aċċess mhux biss għas-servizzi pubbliċi, iżda wkoll għas-settur privat. Barra minn hekk, il-KESE jaqbel mat-tentattivi tal-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel qafas għal Identità Diġitali Ewropea disponibbli għall-maġġoranza l-kbira taċ-ċittadini Ewropej. Minħabba l-ostakli eżistenti għall-aċċess għas-servizzi tal-identifikazzjoni elettronika bejn il-fruntieri (eż. in-nuqqas ta' interoperabbiltà bejn l-iskemi tal-identifikazzjoni elettronika żviluppata mill-Istati Membri), ħafna residenti tal-UE lanqas biss jużawhom. Is-soluzzjonijiet il-ġodda bbażati fuq il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jistgħu jikkontribwixxu biex is-servizzi online affidabbli jkunu disponibbli għal mill-inqas 80 % tal-Ewropej.

4.2. Għalhekk, il-KESE jappoġġja l-proposta li l-Istati Membri jintalbu jorġu Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali – għodda li tippermetti lill-utent: (1) jitlob u jikseb, jaħżen, jagħżel, jikkombina u jikkondividi b'mod sigur, b'mod li jkun trasparenti għal u traċċabbli mill-utent, id-data ta' identifikazzjoni ta' persuna ġuridika u l-attestazzjoni elettronika tal-attributi meħtieġa biex jawtentika online u offline sabiex juża servizzi pubbliċi u privati online, u (2) jiffirma permezz ta' firma elettronika kwalifikata aċċettata madwar l-UE kollha.

4.3. Barra minn hekk, il-KESE jilqa' l-proposta li jiġi żgurat li l-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tkun aċċessibbli bl-istess mod għall-persuni b'diżabilità f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾, li huwa konsistenti mal-prinċipju tal-UE ta' nondiskriminazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Sabiex tiġi evitata l-esklużjoni diġitali fir-rigward ta' din il-kwistjoni, il-KESE jissuġġerixxi li tiġi żviluppata kwalunkwe soluzzjoni f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet kompetenti u l-NGOs għal persuni b'diżabilitajiet, abbażi ta' "approċċ b'diversi partijiet interessati".

4.4. Fil-fehma tal-KESE, il-fatt li ser jitħalla għad-diskrezzjoni taċ-ċittadini u r-residenti jekk jużawx Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali huwa wkoll aspekt pożittiv. Fil-fehma tal-KESE, l-utenti m'għandhom ikunu taħt l-ebda obbligu li jużaw il-kartiera biex jaċċessaw servizzi privati jew pubbliċi, iżda sempliċiment għandhom l-għażla li jagħmlu dan.

4.5. Mill-perspettiva tal-affordabbiltà, il-KESE jilqa' l-fatt li l-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ser ikun mingħajr ħlas għall-utenti. Madankollu, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tanalizza aktar u toffri ċarezza fir-Regolament dwar (i) l-ispiża tal-ħruġ għall-persuni fiżiċi, (ii) l-ispejjeż (il-ħruġ u l-użu) għall-entitajiet legali, u (iii) l-ispejjeż biex jiżdied kwalunkwe attribut tal-identità diġitali ma' tali kartiera, peress li fil-fehma tal-KESE, kull żieda bħal din tirrappreżenta servizz fiduċjarju, u b'hekk tinvolvi spejjeż għas-sid tal-kartiera.

5. Aspetti tal-użu ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea

5.1. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea biex ittejjeb l-użu ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika billi toħloq qafas għal Identità Diġitali Ewropea komuni bbażat fuq dipendenza transfruntiera fuq Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.

5.2. Skont il-proposta, l-użu jista' jtejjeb bil-mezzi previsti fl-Artikolu 12b il-ġdid tar-Regolament eIDAS, li fih sett ta' rekwiżiti dwar ir-rikonoxximent tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, indirizzati mhux biss lill-Istati Membri, iżda wkoll lill-partijiet dipendenti privati li jipprovdu servizzi u "pjattaformi online kbar ħafna", definiti fl-Artikolu 25(1) tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali propost⁽⁴⁾. Abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda xi setturi privati (jiġifieri t-trasport, l-enerġija,

⁽³⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

⁽⁴⁾ COM/2020/825 final.

is-servizzi bankarji u finanzjarji, is-sigurtà soċjali, is-saħħa, l-ilma tax-xorb, is-servizzi postali, l-infrastruttura diġitali, l-edukazzjoni u t-telekomunikazzjoni) għandhom jaċċettaw l-użu ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għall-forniment ta' servizzi fejn awtentikazzjoni b'saħħitha tal-utenti għal identifikazzjoni online tkun meħtieġa bil-liġi nazzjonali jew bil-liġi tal-Unjoni jew minn obbligi kuntrattwali. Fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni, l-istess rekwiżit japplika għall-pjattaformi online kbar ħafna (eż. in-networks soċjali), li għandhom jaċċettaw l-użu ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali fir-rigward tal-attributi minimi meħtieġa għal servizz online speċifiku li għalih tintalab l-awtentikazzjoni, bħall-prova tal-età.

5.3. Il-KESE jinnota li, sabiex jiġu garantiti d-disponibbiltà u l-użu wiesa' tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika inklużi l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, il-fornituri privati tas-servizzi online (li ma jikkwalifikawx bħala "pjattaformi kbar ħafna") għandhom ikunu involuti fl-iżvilupp tal-"kodiċijiet ta' kondotta" awtoregulatorji li jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni wiesgħa tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun responsabbli biex tivvaluta l-effettività u l-użu ta' tali dispożizzjonijiet għall-utenti tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali.

6. Kwistjonijiet li jikkonċernaw l-effetti legali tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali

6.1. Il-KESE jappoġġja l-proposta fir-rigward tat-titjib fl-aċċess għas-servizzi pubbliċi diġitali, inkluż f'sitwazzjonijiet transfruntiera.

6.2. It-Taqsima 9 il-ġdida proposta tar-Regolament eIDAS tippredvi li attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi maħruġa fi Stat Membru wieħed għandha tiġi rikonoxxuta bħala attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.

6.3. Madankollu, fir-rigward tal-liġi domestika tal-Istati Membri, li tista' tvarja b'mod sinifikanti f'xi każijiet, il-KESE jirrimarka li l-attributi attestati kontra sorsi awtentiċi fi Stat Membru wieħed għandhom ikunu limitati biss għall-konferma ta' ċirkostanzi fattwali u m'għandhom jipproduċu l-ebda effett legali fi Stati Membri oħra, sakemm l-attributi ċċertifikati ma jikkonformawx mal-liġi nazzjonali tiegħu. Essenzjalment, is-soluzzjonijiet legali proposti ma għandhomx jaffettwaw ir-rikonoxximent fi Stat Membru wieħed tal-effetti legali relatati mal-kontenut tal-attributi attestati kontra sorsi awtentiċi fi Stat Membru ieħor, b'analoġija mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/1191. Xi data personali (rigward ir-reliġjon jew it-twemmin ta' persuna) tista' sservi bħala eżempju. F'xi pajjiżi tal-UE, dan it-tip ta' informazzjoni jikkawża effetti legali (eż. fil-Ġermanja, rekords vitali jinkludu informazzjoni dwar ir-reliġjon, li tiddetermina l-obbligu li titħallas taxxa tal-knisja sabiex tiżżewweġ f'ċerimonja reliġjuża), filwaqt li f'pajjiżi oħra dan mhux il-każ (eż. fil-Polonja).

6.4. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkunsidra li tiċċara t-test tat-Taqsima 9, sabiex ikun ċar li r-rikonoxximent ta' attestazzjoni elettronika kwalifikata ta' attributi fi kwalunkwe Stat Membru ieħor huwa limitat għall-konferma ta' ċirkostanzi fattwali relatati mal-attribut inkwistjoni, u ma jipproduċix effetti legali fi Stati Membri oħra sakemm l-attributi ċċertifikati ma jikkonformawx mal-liġi nazzjonali tagħhom.

7. Aspetti ta' sigurtà

A. Protezzjoni tad-data fil-kuntest tad-drittijiet fundamentali

7.1. Il-KESE jinnota li, minħabba n-nuqqas ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea komuni, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet iċ-ċittadini u residenti oħra jiffaċċjaw ostakli fl-iskambju diġitali transfruntier ta' informazzjoni relatata mal-identità tagħhom u, barra minn hekk, fl-iskambju sigur ta' tali informazzjoni u b'livell għoli ta' protezzjoni tad-data.

7.2. Għalhekk, il-KESE jilqa' t-tentattivi biex tinholq sistema interoperabbli u sigura bbażata fuq il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, li tista' ttejjeb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward, fost affarijiet oħra, ta' sitwazzjonijiet ta' impjeg jew drittijiet soċjali. F'dan il-kuntest, il-KESE jistenna li l-qafas il-ġdid għal Identità Diġitali Ewropea, pereżempju, joħloq possibbiltajiet biex jiżiedu b'mod rapidu l-opportunitajiet ta' impjeg transfruntier, u biex jiġi estiż l-għoti awtomatiku tad-drittijiet soċjali mingħajr proċeduri ta' applikazzjoni addizzjonali jew sforzi amministrattivi oħra.

7.3. Madankollu, mill-perspettiva tal-KESE, il-protezzjoni effettiva tad-data hija t-tħassib ewlieni li għandu jiġi indirizzata fil-kuntest tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, speċjalment id-dritt għall-privatezza u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

7.4. Għalhekk, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ ir-rekwiżit li l-qafas għal Identità Diġitali Ewropea għandu joffri lil kulħadd il-mezzi biex wieħed jikkontrolla min għandu aċċess għat-tewmi diġitali tiegħu u għal liema data eżattament (inkluż l-aċċess mis-settur pubbliku). Kif indikat fil-proposta, dan se jirrikjedi wkoll livell għoli ta' sigurtà fir-rigward tal-aspetti kollha tal-proviżjonament tal-identità diġitali, inkluż il-ħruġ ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, u l-infrastruttura għall-ġbir, il-ħżin u l-iżvelar ta' data tal-identità diġitali.

7.5. F'dan il-kuntest, il-KESE jilqa' l-proposta li l-utenti ser ikunu intitolati li jiżvelaw b'mod selettiv il-karatteristiċi tagħhom, limitati għal dawk li huma meħtieġa f'sitwazzjoni partikolari. Skont il-proposta, filwaqt li juża Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, l-utent se jkollu kontroll fuq l-ammont ta' data pprovduta lil partijiet terzi u għandu jiġi infurmat dwar l-attributi meħtieġa għall-forniment ta' servizz speċifiku.

7.6. Il-KESE jappoġġja l-proposta għas-separazzjoni fiżika u loġika tad-data personali relatata mal-forniment ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali minn kwalunkwe data oħra maħżuna mill-emittenti ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, u japprova r-rekwiżit li l-fornituri ta' attestazzjoni elettronika kwalifikata ta' servizzi ta' attributi għandhom ikunu taħt entità legali separata.

7.7. Minbarra l-protezzjoni effettiva tad-data, li jeħtieġ li tiġi ggarantita, il-kontroll tal-utenti fuq id-data tagħhom huwa essenzjali. F'dan ir-rigward, il-KESE japprova wkoll il-ħolqien ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea li jibni fuq identitajiet legali maħruġa mill-Istati Membri u fuq il-provvista ta' attributi tal-identità diġitali kwalifikati u mhux kwalifikati.

7.8. Il-KESE jirrimarka li sabiex jiġi garantit livell għoli ta' protezzjoni legali tad-data tal-utenti, l-utenti għandhom jingħataw aktar kontroll fuq il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, inkluża t-traċċabbiltà tal-aċċess għad-data ta' kull utent. Għal dan il-għan l-aspetti tekniċi, li għandhom jiġu determinati matul id-diskussjonijiet wara l-approvazzjoni tal-proposta, għandhom jinkludu l-ħolqien ta' reġistru li jippermetti lill-utent jivverifika fuq talba kwalunkwe każ ta' aċċess għad-data tiegħu.

B. Aspetti oħra ta' sigurtà u responsabbiltà

7.9. Skont il-proposta, il-qafas il-ġdid għal Identità Diġitali Ewropea se jipprovdi mekkaniżmi għall-prevenzjoni tal-frodi u għall-iżguraw tal-awtentikazzjoni tad-data tal-identifikazzjoni personali. Peress li l-proposta tinkludi dispożizzjoni li tintroduċi mezzi li jippermettu l-verifika ta' attributi kontra sorsi awtentiċi, dan jista' jtejjeb, pereżempju, is-sikurezza tat-tfal online billi jżommhom milli jaċċessaw kontenut mhux adegwat għall-età tagħhom. Il-KESE jinnota li fil-livell nazzjonali tali protezzjoni effettiva bħalissa jew mhijiex disponibbli jew hija ineffettiva ħafna.

7.10. Il-KESE jilqa' l-idea li l-web-browsers għandhom jiżguraw appoġġ u interoperabbiltà maċ-ċertifikati kwalifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi skont ir-Regolament eIDAS. Dawn jenħteġ li jirrikonoxxu u juru ċ-ċertifikati kwalifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi biex jipprovdu livell għoli ta' assigurazzjoni, filwaqt li jippermettu lis-sidien tas-siti elettroniċi jasserixxu l-identità tagħhom bħala sidien ta' sit elektroniku u lill-utenti jidentifikaw is-sidien tas-siti elettroniċi b'livell għoli ta' ċertezza. Fl-istess ħin, il-KESE jara l-ħtieġa li jiġu pprovduti mekkaniżmi ta' appell sempliċi, rapidi u effettivi biex jiġi żgurat li sit web jiġi żblukkat meta jiġi mmarkat b'mod żbaljat bħala perikoluż. Għandhom jiġu stabbiliti wkoll regoli ta' responsabbiltà fir-rigward tal-każijiet kollha fejn sit web ikun ġie kkwalfikat bħala perikoluż b'mod żbaljat.

7.11. Il-KESE jixtieq jirrimarka li kull diġitalizzazzjoni tad-data tqajjem tħassib dwar is-sigurtà, speċjalment is-sistemi enormi li jaħżnu u jipproċessaw id-data, li jikkostitwixxu sors ta' informazzjoni vulnerabbli għall-frodi u t-telf tad-data. Il-KESE huwa konxju wkoll li bħalissa mhemm l-ebda sistema ta' sigurtà kompletament effettiva (jiġifieri ħielsa minn lakuni u żbalji) li telimina kompletament tali theddida.

7.12. Għalhekk, il-KESE jirrimarka li, sabiex jiġu minimizzati dawn is-sitwazzjonijiet kollha mhux mixtieqa relatati mad-data tal-utenti, l-arkitettura teknika tal-qafas għal Identità Diġitali Ewropea żviluppata mill-Istati Membri f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni għandha tiffoka fuq miżuri li jżidu s-sigurtà tad-data u jipprovdu mekkaniżmi ta' kontroll tad-data. Tali mekkaniżmi huma importanti, pereżempju, fil-kuntest tal-użu ta' data miġbura minn utenti għal finijiet oħra minbarra dawk maħsuba oriġinarjament. Fl-istess ħin, il-KESE jemmen li l-istruttura teknika għandha tiġi żviluppata b'rispett għad-drittijiet fundamentali u l-prinċipju tas-sovranià tal-Istati Membri.

7.13. Il-KESE jinnota li l-Artikolu 13(1) tar-Regolament eIDAS jistabbilixxi r-responsabbiltà għall-fornituri ta' servizzi fiduċjarji għal dannu kkawżat intenzjonalment jew b'negliġenza lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika minħabba nuqqas ta' konformità mal-obbligi skont dak ir-Regolament (u mal-obbligi tal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà skont l-Artikolu 18 tad-"Direttiva NIS 2" proposta, skont il-proposta tal-Kummissjoni). Din id-dispożizzjoni għandha tiġi applikata f'konformità mar-regoli nazzjonali dwar ir-responsabbiltà (Artikolu 13(3)).

7.14. Fil-kuntest tat-tħassib dwar ir-responsabbiltà, il-KESE jixtieq jirrimarka li l-kwistjonijiet relatati mad-definizzjoni tal-ħsara, id-daqs tagħha u l-kumpens dovut huma rregolati mil-liġi domestika tal-Istati Membri. Skont dawn ir-regoli, ir-responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji tista' tkun limitata skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi domestika u l-“politiki dwar il-forniment ta' servizzi”, li huma definiti mill-fornituri.

7.15. Il-KESE jemmen li l-utenti tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandhom jiġu garantiti kumpens għal kwalunkwe sitwazzjoni mhux mixtieqa relatata mad-data tagħhom, bħal serq, telf, żvelar, u użu ta' data għal skopijiet oħra minbarra dawk maħsuba oriġinarjament, eċċ. Din ir-responsabbiltà għandha tinkludi s-sitwazzjonijiet kollha msemmija hawn fuq, irrispettivament mill-intenzjoni jew min-negliġenza tal-fornitur (irrispettivament mit-tort tal-fornitur).

7.16. Kwalunkwe serq, żvelar mhux awtorizzat jew telf ta' data (speċjalment data personali) jista' jikkawża ħsara fit-tul lil sidha. Ladarba l-informazzjoni diġitali tiġi rilaxxata, din tista' tinkiseb fit-tul minn ħafna entitajiet, kontra r-rieda ta' sidha. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ifittxu u jiżviluppaw mekkaniżmi effettivi li jikkostitwixxu rimedju għas-sidien tad-data f'każijiet bħal dawn.

7.17. Is-soluzzjonijiet proposti tas-sistema l-ġdida se jġiegħlu lill-fornituri tas-servizzi jaġġornaw b'mod sinifikanti s-sistemi elettroniċi tas-sigurtà tagħhom għal livell ferm ogħla, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari liċ-ċibersigurtà. Il-KESE jistenna li dan ser jinvolvi spejjeż sinifikanti u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-IT eżistenti u jista' jikkostitwixxi piż eċċessiv għal xi forniture tas-servizzi li jista' jwassal ukoll għall-għajbien, minn xi swieq, ta' forniture ta' servizzi li ma jistgħux jaffordjaw investimenti bħal dawn f'perjodu qasir ta' żmien. Għalhekk, fil-fehma tal-KESE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ifittxu soluzzjonijiet li jipproteġu lill-forniture mid-diskriminazzjoni f'dak il-qasam u jippermettu li jkun hemm “soft landing” f'dan ir-rigward, inkluż billi joffru l-possibbiltà li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti l-ġodda f'diversi stadji, f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li jgħolqu distorsjoni fis-suq intern”**(COM(2021) 223 final — 2021/0114 (COD))**

(2022/C 105/13)

Relatur: **Maurizio MENSI**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 7.6.2021 Kunsill, 3.6.2021
Bażi legali	Artikoli 114 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	30.9.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	220/3/9

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE japprezza l-isforz tal-Kummissjoni u jaqbel magħha dwar il-ħtieġa li jissaħħu l-istrumenti ta' intervent biex is-suq tal-UE u l-intrapriżi tiegħu jiġu protetti, u b'hekk jimlew vojti fil-qafas regolatorju dwar il-kompetizzjoni, il-kummerċ u l-akkwist pubbliku, bil-għan li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u mingħajr distorsjoni minn sussidji barranin.

1.2. F'dan ir-rigward, il-KESE jemmen li l-proposta tal-Kummissjoni, li tikkonċerna l-finanzjament mill-istat ipprovdut minn sorsi barranin lil intrapriżi li joperaw fis-suq tal-UE, li jistgħu jibdlu s-suq, tikkostitwixxi strument operattiv utli u rilevanti. Minkejja dan, jitqies li xi aspetti tal-intervent regolatorju, li fih innifsu huwa kumpless u strutturat, jeħtieġu aktar irfinar.

1.3. Skont il-proposta, id-definizzjoni wiesgħa ta' sussidju barrani tista' tkopri ħafna forom ta' sussidji minn pajjiż barrani, inklużi dawk marbutin mat-taxxi. Għalhekk il-Kummissjoni għandha l-opportunità tindika dawk l-investigazzjonijiet li biħsiebha tagħtihom prijorità u, fejn japplika, tistabbilixxi kriterji biex tirregola l-indirizzar tal-prattiki varji, għall-finijiet ta' trasparenza u semplifikazzjoni.

1.4. Il-proposta tafda lill-Kummissjoni bil-kontroll tal-investimenti fl-UE minn entitajiet sussidjati minn pajjiżi barranin. F'dan ir-rigward, il-KESE jqis li huwa xieraq li l-Kummissjoni tikkjarifika b'mod preċiż, jekk meħtieġ permezz ta' linji gwida speċifiċi, il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament, sabiex tiżgura l-applikazzjoni omoġenja tiegħu fil-livell tal-UE u tnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' interpretazzjonijiet diverġenti min-naħa tal-Istati Membri li huma responsabbli għall-kontroll tal-investiment barrani. Għal dan il-għan, jipproponi wkoll l-istabbiliment ta' helpdesk għan-negozji dwar ir-regoli dwar is-sussidji barranin, ir-reqwiziti u l-obbligi ta' notifika li jirriżultaw minnhom.

1.5. Qabel tibda l-proċedura, il-Kummissjoni twestaq valutazzjoni tas-sussidju barrani billi tikkunsidra l-effetti negattivi u pożittivi tiegħu fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika inkwistjoni. Il-KESE jemmen li huwa importanti li l-Kummissjoni tindika l-fattur dettall kif issir din il-valutazzjoni fil-prattika, x'jistgħu jkun l-effetti pożittivi jew meta l-kontrolli jkun għustifikabbli.

1.6. B'referenza għas-sistema attwali tal-kontroll tal-fużjonijiet, il-KESE jqis li huwa xieraq li l-Kummissjoni tiċċara kif din is-sistema tirrelata mas-sistema l-ġdida prevista, sabiex jiġi evitat nuqqas ta' allinjament ta' perjodi ta' żmien u riżultati, bil-konsegwenza ta' piżijiet konsiderevoli għall-intrapriżi.

1.7. Sabiex il-Kummissjoni tibda l-proċedura, is-sussidji barranin totali għandhom jaqbu l-limitu ta' EUR 5 miljun għal tliet snin konsekuttivi tat-taxxa. Il-KESE jemmen li dan il-limitu huwa pjuttost baxx f'termini assoluti u jissuġġerixxi li l-Kummissjoni żżidu, sabiex tevita każijiet żgħar u inqas sinifikanti, għall-benefiċċju wkoll tal-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju.

1.8. Fil-qasam tal-akkwist pubbliku, ir-riskju ta' investigazzjonijiet *ex officio* u ta' reviżjoni estensiva tal-offerti pubbliċi jista' jkun sors ta' riskju u piżijiet għall-kumpaniji li joperaw u jinvestu fl-UE. Għalhekk huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tissimplifika u tiċċara kemm jista' jkun is-sistema applikabbli sabiex tiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda, speċjalment meta dawn jaqblu mad-dispożizzjonijiet regolatorji diġà fis-seħħ, u ttaffi l-piż amministrattiv fuq l-intrapriżi tal-UE.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Il-KESE jemmen li huwa essenzjali li l-UE u s-swieq tagħha jibqgħu miftuħa u kompetittivi, u jqis li dan l-aspett għandu importanza fundamentali għall-funzjonament adatt u bbilanċjat tas-sistema soċjoekonomika tagħha, is-solidità tan-negozji u l-benesseri taċ-ċittadini, li huwa ukoll fil-bażi tal-mudell tagħha ta' awtonomija strateġika⁽¹⁾. Fid-dawl ta' dan, huwa jemmen li l-għan tal-protezzjoni tas-suq uniku minn sussidji li jirriżultaw f'kompetizzjoni inġusta għandu jimxi id f'id mal-għan li jkun hemm strument effettiv li jiġi applikat b'mod konsistenti madwar l-UE, bl-inqas piż possibbli għall-intrapriżi.

2.2. Fis-17 ta' Ġunju 2020 il-Kummissjoni adottat White Paper dwar is-sussidji barranin biex tindirizza l-kwistjoni, tnedi dibattitu pubbliku u tipproponi soluzzjonijiet possibbli. Din il-White Paper tidentifika lakuna leġiżlattiva fir-regoli tal-UE dwar l-ghajjnuna mill-Istat fl-oqsma tal-kompetizzjoni, il-kummerċ u l-akkwist pubbliku, li effettivament ma tħallix lill-UE tintervjeni meta s-sussidji barranin joħlqu distorsjoni fis-suq intern, u għalhekk tiffavorixxi ċerti fużjonijiet jew ċerti offerenti. Il-White Paper identifikat ukoll problemi varji marbuta mal-aċċess għall-finanzjamenti tal-UE minn operaturi li jirċievu sussidji barranin, li jista' joħlqu distorsjoni fil-kompetizzjoni għall-aċċess għall-fondi Ewropej. Sal-lum l-ebda Stat Membru ma għandu fis-seħħ leġiżlazzjoni li tindirizza l-effetti ta' distorsjoni li jista' jkollhom is-sussidji barranin.

2.3. Il-kwistjoni tas-sussidji barranin mhix ġdida u ġiet enfasizzata kemm-il darba fil-livell tal-UE. Il-Kunsill irrefera għall-White Paper tal-Kummissjoni fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Settembru 2020; fil-konklużjonijiet tal-1 u tat-2 ta' Ottubru 2020 il-Kunsill Ewropew appella għal "*strumenti ulterjuri biex jiġu indirizzati l-effetti distorsivi tas-sussidji barranin fis-Suq Uniku*". Fir-rapport tiegħu ta' Frar 2020 dwar il-politika tal-kompetizzjoni, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni biex tistħarreġ dwar "*għodod investigattivi xierqa f'każijiet fejn kumpanija titqies li tkun ġabet ruħha b'imġiba distorsiva minħabba s-sussidji li tirċievi mill-gvern jew li tkun għamlet profitti eċċessivi abbażi ta' pożizzjoni dominanti fis-suq fil-pajjiż ta' oriġini tagħha*". F'itra konġunta lill-Viċi Presidenti Eżekuttivi tal-Kummissjoni Vestager u Dombrovskis u lill-Kummissarju Breton, grupp ta' 41 Membru tal-Parlament Ewropew esprimew l-appoġġ qawwi tagħhom favur strument li jindirizza "*kumpaniji minn pajjiżi terzi li rċievu appoġġ statali sostanzjali*".

2.4. Kif tħabbar fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2020-2021, il-Proposta għal Regolament li qed tiġi eżaminata tiddekrivi fid-dettall strument operattiv ġdid (sistema ta' notifika *ex ante* tal-każijiet kbar u potenzjalment iktar distorsivi, flimkien ma' proċedura li trid titnieda *ex officio*) biex ipatti għan-nuqqas regolatorju fil-leġiżlazzjoni Ewropea u jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti fis-suq intern billi jevita kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni mhux ekwa. Essenzjalment, il-Proposta għal Regolament tisemma wkoll fil-punt 3.2.6 tal-Komunikazzjoni dwar ir-rieżami tal-politika kummerċjali relatata mar-rispett ta' kundizzjonijiet ekwivalenti.

2.5. Fil-qosor, il-leġiżlazzjoni proposta għandha l-għan li tinvestiga u, fejn japplika, tiskoraġġixxi jew tipprevjeni fużjonijiet, akkwisti pubbliċi u mġiba fis-suq minn intrapriżi sussidjati minn pajjiżi barranin li jistgħu joħlqu distorsjoni fis-suq intern tal-Unjoni Ewropea. Hija tipprevdi n-notifika obligatorja kemm tal-fużjonijiet meta l-fatturat tal-kumpanija inkwistjoni jaqbeż il-EUR 500 miljun u l-partijiet ikunu bbenefikaw minn aktar minn EUR 50 miljun f'kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin fit-tliet snin ta' qabel, kif ukoll tal-offerti pubbliċi fejn il-valur tal-kuntratt jaqbeż il-EUR 250 miljun, fil-każ li jipparteċipaw entitajiet sussidjati minn barra l-Unjoni. Il-proposta tipprevdi wkoll il-possibbiltà li l-Kummissjoni tinvestiga l-imġiba fis-suq, inklużi l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet iżgħar minn dawn il-limiti, minn kwalunkwe entità li tibbenefika minn sussidji finanzjarji barranin li jaqbz u l-EUR 5 miljun għal tliet snin konsekuttivi.

2.6. Mill-proposta jirriżulta li l-problema mhijiex l-investimenti barranin, iżda s-sussidji li jiffaċilitaw l-akkwiżizzjonijiet ta' intrapriżi tal-UE, jinfluwenzaw id-deċizzjonijiet dwar l-investment, joħlqu distorsjoni fil-kummerċ ta' oġġetti u servizzi, u b'hekk jaffettwaw l-imġiba tal-benefiċjarji u jipperikolaw il-kompetizzjoni. B'differenza mis-sussidji, li għalihom il-Kummissjoni tirriżerva s-setgħa esklużiva li tintervjeni, fil-każ ta' investimenti barranin, il-kompetenza hija tal-Istati Membri, li fi kwalunkwe każ dejjem għandhom il-possibbiltà li jikkontrollaw l-investimenti barranin għal raġunijiet ta' sigurtà jew ta' ordni pubbliku.

⁽¹⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss* (COM(2020) 456 final). Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza* (COM(2021) 32 final).

2.7. Dan il-każ tal-aħħar huwa rregolat mir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^(?), li ilu japplika mill-11 ta' Ottubru 2020 u li jstabbilixxi sistema għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u jtejjeb il-mekkaniżmi ta' kontroll, fejn diġà previsti, u għalhekk jippermetti lill-Kummissjoni tagħmel kummenti jew tadotta opinjonijiet dwar operazzjonijiet approvati mill-Istati Membri. Dan ir-regolament jikkonċerna l-aktar investimenti f'infrastrutturi u teknoloġiji kritiċi, data sensitiva u midja, mingħajr ma jstabbilixxi limiti minimi, u b'hekk jippermetti lill-Istati Membri jeżaminaw kważi l-investimenti kollha li jkunu geġjin minn barra l-UE.

3. Kummenti speċifiċi

3.1. Ir-regolament propost jiddefinixxi "sussidji barranin" f'termini wesgħin ħafna (l-Artikolu 2): jinkludi kwalunkwe intervent li permezz tiegħu pajjiż terz jipprovdni kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju lil kumpaniji li jwettqu attività ekonomika fis-suq intern tal-UE, kemm meta din il-kontribuzzjoni tkun limitata għal intrapriża individwali, kif ukoll meta tikkonċerna diversi intrapriżi jew assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jistgħu jkunu f'forom differenti ħafna, inkluż it-trasferiment ta' fondi jew obbligazzjonijiet, injezzjonijiet ta' kapital, sussidji, self, garanziji fuq self, inċentivi fiskali, tpaciċja ta' telf operatorju, kumpens għal piżijiet finanzjarji imposti mill-awtoritajiet pubbliċi, ħelsien mid-dejn, konverżjoni tad-dejn f'ekwiżità jew negozjar mill-ġdid tiegħu; ir-rinunzja ta' dħul dovut mod ieħor; jew il-forniment jew ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi.

3.2. Skont il-proposta, id-definizzjoni wiesgħa ta' sussidju barrani, b'mod ġenerali konformi mad-definizzjoni tal-UE ta' għajnunata mill-Istat, għalhekk tkopri ħafna forom ta' sussidji u inċentivi minn pajjiż barrani, u dan iqajjem ċerti dubji dwar il-kapaċità reali tal-Kummissjoni li tlaħħaq mal-ammont enormi ta' xogħol, li fil-fatt jikkonċerna sussidji ta' kull tip provduti mill-pajjiżi kollha tad-dinja. Dan jista' joħloq sitwazzjoni ta' inċertezza tad-dritt u r-riskju ta' litigazzjoni possibbli mibdija mill-kompetituri fil-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet ikkontestati. F'dan il-każ għandu jkun indikat b'mod ċar liema huma l-investigazzjonijiet li l-Kummissjoni biħsiebha tipprijoritizza u jekk, f'dan ir-rigward, tikkunsidrax li jiġu stabbiliti kriterji li għandhom jiġu kkomunikati minn qabel.

3.3. Il-proposta essenzjalment tafda lill-Kummissjoni bil-kontroll tal-investimenti fl-UE minn entitajiet sussidjati minn pajjiżi barranin. Barra minn hekk, xi pajjiżi jistgħu jikkunsidraw li deċiżjonijiet bħal dawn jaqgħu fl-isfera tal-kompetenza taġġhom bħala parti mis-sistemi nazzjonali ta' kontroll tal-investment barrani tal-Istati Membri. F'dan ir-rigward, il-KESE jqis li huwa xieraq li l-Kummissjoni Ewropea tiċċara b'mod preċiż, jekk meħtieġ anke permezz ta' linji gwida speċifiċi, il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni omoġenja tiegħu fil-livell tal-UE u jitnaqqas ir-riskju ta' interpretazzjonijiet diverġenti min-naħa tal-Istati Membri. Għal dan il-għan, jipproponi wkoll l-istabiliment ta' helpdesk għan-negozji dwar ir-regoli dwar is-sussidji barranin, ir-reqwiżiti u l-obbligi ta' notifika li jirriżultaw minnhom.

3.4. Il-Proposta għal Regolament għalhekk tirrappreżenta sistema ġdida ta' kontroll li fl-istess ħin hija kemm ex ante (għal fużjonijiet kbar u għal proċeduri ta' akkwist pubbliku) kif ukoll ex post, minbarra dak previst attwalment għal fużjonijiet tal-UE. Is-sistema tibni u hi mmudellata fuq dik attwali, iżda hija differenti (Kapitolu 3). Anke f'dan il-każ, it-tranżazzjonijiet li jeħtieġu notifika jinkludu fużjonijiet, akkwiziżjonijiet ta' kontroll u impriżi konġunti proprji, għalkemm il-limiti finanzjarji huma differenti minn dawk tar-Regolament dwar il-fużjonijiet.

3.5. Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk hemmx "*distorsjoni fis-suq intern*" (Artikolu 5); din il-valutazzjoni se tkun limitata għall-kuntest tal-fużjoni inkwistjoni, għalkemm dan ma jidherx li jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi rabta kawżali diretta bejn l-operazzjoni u d-distorsjoni tas-suq. Distorsjoni tas-suq intern isseħħ meta sussidju barrani jkollu potenzjal li jtejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-intrapriża fis-suq intern u meta, bħala riżultat, effettivament jew potenzjalment, joħloq distorsjoni b'rabta mal-kompetizzjoni fis-suq intern.

3.6. Il-Proposta għal Regolament għalhekk tagħti lill-Kummissjoni diskrezzjoni wiesgħa, billi telenka bħala indikaturi potenzjalment rilevanti l-ammont u n-natura tas-sussidju, is-sitwazzjoni tal-kumpanija u tas-swieq konċernati, il-livell ta' attività ekonomika tal-kumpanija fis-suq intern u l-iskop u l-kundizzjonijiet marbuta mas-sussidju barrani, kif ukoll l-użu tiegħu fis-suq intern.

3.7. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni jkollha l-kapaċità tivvaluta l-effetti negattivi ta' sussidju barrani f'termini ta' distorsjoni tas-suq intern fir-rigward tal-effetti pożittivi tiegħu "fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika rilevanti" (l-Artikolu 5); jekk jipprevalu dawk pożittivi, ma tiġi adottata l-ebda miżura. F'dan il-każ jitqies li jkun jaqbel li l-Kummissjoni tippovdi aktar indikazzjonijiet dwar kif issir din il-valutazzjoni fil-prattika, speċjalment x'jistgħu jkunu l-effetti pożittivi jew meta l-ibbilanċjar ikun ġustifikabbli. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-Kummissjoni żviluppat linji gwida estensivi u dettaljati dwar sussidji intra-UE kompatibbli mas-suq intern.

(?) Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jstabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79 I, 21.3.2019, p. 1).

3.8. Jekk il-Kummissjoni tqis li sussidju barrani joħloq distorsjoni fis-suq intern, tista' timponi miżuri biex tirrimedja l-ħsara li tkun saret (l-Artikolu 6). L-intrapriżi jistgħu wkoll jagħmlu impenji biex jirrimedjaw id-distorsjonijiet allegati u l-Kummissjoni tista' tagħmel dawn l-impenji vinkolanti. L-impenji jew il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu l-għoti ta' aċċess b'kundizzjonijiet ekwi u mhux diskriminatorji lill-infrastrutturi, il-liċenzjar ta' assi akkwistati jew żviluppanti bl-għajnuna ta' sussidji barranin, it-tnaqqis tal-kapaċità jew tal-preżenza fis-suq, l-astensjoni minn ċerti investimenti, il-pubblikazzjoni tar-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp, il-provvista ta' merkanzija, il-ħlas lura tas-sussidju barrani lill-pajjiż terz bl-imgħax jew ix-xoljiment tal-fużjoni.

3.9. F'dan ir-rigward, ikun jaqbel li tingħata aktar kjarifika dwar ir-relazzjoni bejn is-sistema l-ġdida prevista u s-sistema attwali tal-kontroll tal-fużjonijiet tal-UE. Filwaqt li l-limiti tan-notifika u l-valutazzjoni sostanzjali jvarjaw, ħafna tranżazzjonijiet jistgħu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni taħt iż-żewġ sistemi b'mod parallel, bir-riskju ta' nuqqas ta' allinjament ta' perjodi ta' żmien u riżultati, li jirriżultaw f'piżijiet sinifikanti fuq l-intrapriżi.

3.10. Il-Proposta għal Regolament tipproponi sistema ta' notifika obligatorja separata għall-akkwist pubbliku tal-UE li jaqbeż il-EUR 250 miljun (il-Kapitolu 4). Huwa previst li l-intrapriżi li jipparteċipaw f'dawn il-kuntratti jinnotifikaw lill-entità kontraenti dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin kollha riċevuti fit-tliet snin ta' qabel in-notifika jew inkella tkun meħtieġa dikjarazzjoni li turi li ma rċevew l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja barranija f'dak il-perjodu (l-Artikolu 27).

3.11. L-awtoritajiet kontraenti huma meħtieġa jikkomunikaw immedjatament dawn in-notifiki lill-Kummissjoni, li għandha 60 jum min-notifika biex twettaq verifika preliminari u 140 jum ieħor għal investigazzjoni fil-fond, li tisa' tiġi estiża f'każijiet ta' eċċezzjoni. In-notifiki ma jissospendux il-proċedura tal-akkwist pubbliku, iżda l-awtorità kontraenti ma tkunx tista' tiddefinixxi l-proċedura u tagħti l-kuntratt lil kumpanija li tkun qed tiġi eżaminata mill-Kummissjoni. Jekk l-intrapriżi jonqsu milli jagħmlu n-notifika, il-Kummissjoni tista' timponi multi sa 10 % tal-fatturat totali tagħhom. Din hija proċedura pjuttost ikkumplikata li turriskja li tnaqqas il-pass tat-twettiq ta' proċeduri kumplessi bħal dawk relatati mal-akkwist pubbliku, li huma essenzjali biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentaw il-pjani tan-NextGenerationEU.

3.12. Il-Proposta għal Regolament tippermetti lill-Kummissjoni taġixxi fuq inizjattiva tagħha stess biex tinvestiga kwalunkwe distorsjoni potenzjali tas-suq intern tal-UE minn sussidju barrani (il-Kapitolu 2). L-uniku rekwiżit biex il-Kummissjoni tinvestiga huwa li s-sussidji barranin totali jaqbz u l-limitu ta' EUR 5 miljun għal tliet snin fiskali konsekuttivi. Dan il-limitu huwa pjuttost baxx f'termini assoluti, u huwa ssuġġerit li l-Kummissjoni żżidu sabiex tevita każijiet żgħar u inqas importanti, għall-benefiċċju wkoll tal-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tinvestiga kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin sa 10 snin qabel il-bidu tal-investigazzjoni tagħha, bil-possibbiltà li teżamina s-sussidji barranin mogħtija fl-għaxar snin qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament il-ġdid, jekk l-effetti tad-distorsjoni jseħħu wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament.

3.13. Il-Proposta għal Regolament se jkollha effett ekonomiku sinifikanti peress li potenzjalment tirrigwarda l-intrapriżi kollha li jibbenefikaw minn appoġġ minn pajjiżi terzi u jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ekonomiċi fl-UE (b'mod partikolari, għal attivitajiet ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet, jew għal offerti pubbliċi 'l fuq mil-limiti stabbiliti), minbarra li jkollu effetti pożittivi b'mod partikolari għal dawk kolla li ma jirċevux sussidji barranin.

3.14. Il-proposta fil-prattika se tippermetti lill-Kummissjoni tapplika kontroll simili għal dak permess mir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat għas-sussidji mogħtija minn gvernijiet mhux tal-UE. Dan jurriskja li jżid livell addizzjonali ta' kumplessità ma' qafas regolatorju li huwa diġà dettaljat ħafna, b'piżijiet kbar fuq l-intrapriżi tal-UE. Pereżempju, l-istess tranżazzjoni tista', fil-futur, tkun soġġetta għal tliet proċeduri differenti: kontroll tal-fużjonijiet, skrinjar tal-investimenti barranin u kontroll tas-sussidji barranin skont il-proposta, kull waħda bir-regoli u ż-żmien proċedurali tagħha.

3.15. Fis-settur tal-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, il-verifika tas-sussidji barranin tiżdied man-notifiki obligatorji għall-kontroll tal-fużjonijiet (fil-livell tal-UE jew tal-Istat Membru) u man-notifiki nazzjonali għall-investimenti barranin, bir-riskju ta' tilwim mal-intrapriżi involuti.

3.16. Fil-qasam tal-akkwist pubbliku, ir-riskju ta' investigazzjonijiet *ex officio* u ta' reviżjoni estensiva tal-offerti pubbliċi jista' jkun sors ta' riskji u piżijiet għall-kumpaniji li joperaw u jinvestu fl-UE. Dan jikkonċerna l-entitajiet barranin li jinvestu fl-UE u l-intrapriżi bbażati fl-UE li jistgħu jiddependu minn kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin (permezz ta' investituri barranin jew għajnuna barranija għal proġetti speċifiċi). F'dan il-każ, l-intrapriżi jkollhom jeżaminaw bir-reqqa s-sussidji barranin kollha riċevuti biex jivvalutaw l-applikazzjoni possibbli tar-regoli l-ġodda.

3.17. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tissemplifika u tiċċara kemm jista' jkun is-sistema applikabbli, sabiex tiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda, speċjalment meta dawn jaqblu mad-dispożizzjonijiet regolatorji diġà fis-seħħ, u ttaffi l-piż amministrattiv fuq l-intrapriżi tal-UE.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kreditu għall-konsumatur

(COM(2021) 347 final — 2021/0171 (COD))

(2022/C 105/14)

Relatur: **Bogdan PREDA**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 8.7.2021 Kunsill, 14.7.2021
Bażi legali	Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	30.9.2021
Adottata fil-plenarja	21.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	159/5/16

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' dan l-aġġornament għal-leġiżlazzjoni dwar is-self lill-konsumaturi, iżda jirrimarka li għad hemm oqsma fejn id-Direttiva għandha tkun aktar ambizzjuża jew ma tiżgurax il-bilanċ xieraq bejn l-oġġettivi tagħha u s-soluzzjonijiet proposti. Barra minn hekk, il-KESE jqis li s-soluzzjonijiet previsti mid-Direttiva għandhom jagħmlu enfasi akbar fuq l-impatt tad-diġitalizzazzjoni, iż-żieda fl-użu tal-apparati diġitali, u l-għoti ta' self ekoloġiku lill-konsumaturi sabiex il-konsumaturi jiġu mgħejjuna jagħmlu akkwisti aktar sostenibbli.

1.2. Il-KESE japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex ttejjeg kampanji ta' edukazzjoni finanzjarja/kompetenza diġitali, peress li dawn l-isforzi jistgħu jgħibu biss benefiċċji għall-konsumaturi u għas-selliefa.

1.3. Il-KESE jinnota li mill-evidenza relatata mal-orijini ta' dejn eċċessiv, it-tqegħid ta' limiti fuq l-ispejjeż ta' self sabiex jiġu evitati prattiki estremi ta' pprezzar iwassal għal benefiċċji tanġibbli għall-konsumaturi vulnerabbli, dment li tali limitu massimu jiġi kkalibrat b'mod korrett wara analiżi bir-reqqa tas-suq u l-impatt potenzjali sussegwenti. Għalhekk, il-KESE jinnota li d-Direttiva dwar il-kreditu għall-konsumatur għandha tipprovdi metodoloġija ċara u armonizzata li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw sabiex japplikaw tali limiti biex jipprevjenu u jiskoraġġixxu prattiki estremi li jistgħu jwasslu għal dejn eċċessiv. Dan jiżgura wkoll kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għas-selliefa minn pajjiżi differenti.

1.4. Il-KESE jikkunsidra li huwa ta' benefiċċju li jiġi spjegat aktar fid-dettall l-obbligu tas-selliefa kollha li jwettqu valutazzjoni bir-reqqa tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumaturi. F'dan ir-rigward, il-KESE japprova l-approċċ tal-Kummissjoni rigward it-tip ta' data li għandha tintuża fil-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja, inkluża l-eċċezzjoni dwar data personali sensittiva bħad-data dwar is-saħħa, peress li huwa importanti ħafna li jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat fi ħdan il-proċess. Madankollu, huwa ta' importanza kbira li jiġi enfasizzat fid-Direttiva li lanqas valutazzjoni bir-reqqa tal-affidabbiltà kreditizja ma tista' tiggarrantixxi l-ħlas lura tas-self.

1.5. Il-KESE jikkunsidra li t-test tad-Direttiva proposta għandu jiġi rivedut sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għas-selliefa kollha, mill-proċess ta' awtorizzazzjoni/liċenzjar għar-regolamenti/obbligi operattivi, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti għall-kompetituri kollha.

1.6. Il-KESE jqis li l-Kummissjoni għandha tanalizza aktar l-obbligi relatati mal-informazzjoni prekontrattwali sabiex jinstab il-bilanċ xieraq bejn il-ħtieġa għall-informazzjoni u r-rilevanza tagħha għall-konsumaturi, u l-aktar mod effiċjenti u flessibbli kif din tiġi ppreżentata, filwaqt li tiġi kkunsidrata wkoll id-diġitalizzazzjoni tal-proċess kollu.

1.7. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiċċara t-test tad-Direttiva dwar il-kreditu għall-konsumatur fir-rigward tar-rimborż bikri.

2. Introduzzjoni

2.1 Din l-opinjoni hija relatata mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Direttiva dwar il-kreditu għall-konsumatur, li tħassar id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ dwar il-ftehim ta' kreditu għall-konsumatur.

2.2 Kif stabbilit fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni, il-ħtieġa għad-Direttiva l-ġdida hija ġġustifikata mill-fatt li, mill-2008, id-diġitalizzazzjoni żdiedet u biddlet b'mod profund kemm id-drawwiet tas-self (eż. modi ġodda ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni b'mod diġitali, il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja bl-użu ta' sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċizzjonijiet u data mhux tradizzjonali) kif ukoll il-profil tas-selliefa. Fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, sar meħtieġ ukoll li jiġu offruti għodod leġiżlattivi biex jittaffa l-piż finanzjarju fuq ċittadini u unitajiet domestiċi aktar vulnerabbli finanzjarjament.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li taġġorna l-qafas legali dwar il-kreditu għall-konsumatur, peress li s-suq tabilħaqq evolva mill-2008 u d-dispożizzjonijiet attwali ma jkopru b'mod adegwat it-tipi kollha ta' atturi/prodotti, li jfisser li hemm oqsma fejn ma hemm l-ebda protezzjoni xierqa għall-konsumatur jew fejn ir-regoli eżistenti jistgħu jitlejbu.

3.2 Il-KESE jqis li ż-żewġ objettivi ewlenin fl-abbozzar tad-Direttiva dwar il-kreditu għall-konsumatur, jiġifieri (i) it-tnaqqis tad-detriment għall-konsumatur li jieħdu self f'suq li qed jinbidel, u (ii) l-iffaċilitar tal-forniment transfruntier ta' kreditu għall-konsumatur u l-kompetittività tas-suq intern, huma marbuta mill-qrib u huma essenzjali biex jiġi żgurat livell adegwat ta' kopertura u applikazzjoni uniformi tad-Direttiva l-ġdida. Pereżempju, proposta sabiex jiġu imposti limiti obligatorji fuq l-ispejjeż tal-kreditu għall-konsumatur jeħtieġ li tkun aktar dettaljata u armonizzata fid-Direttiva dwar il-kreditu għall-konsumatur fi ħdan metodoloġija ċara. Dan huwa meħtieġ biex jiġi garantit livell uniformi ta' protezzjoni għall-konsumatur, jiġu evitati b'mod effettiv Prattiki ta' self irresponsabbli madwar l-UE u l-iżvilupp ta' prodotti ta' kreditu għall-konsumatur b'rati ta' użura jew spejjeż eċċessivi, li spiss ikunu mmirati lejn l-aktar konsumatur vulnerabbli, u spiss jistgħu jwasslu għal sitwazzjonijiet ta' dejn eċċessiv. Tali metodoloġija armonizzata hija meħtieġa wkoll sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għas-selliefa minn pajjiżi differenti.

3.3 L-estensjoni tal-applikazzjoni tad-Direttiva u l-kjarifika tad-definizzjonijiet ta' diversi termini jistgħu jgħibu biss benefiċċi kemm għall-konsumatur kif ukoll għas-selliefa bl-istess mod, kif ukoll joffru aktar ċarezza dwar id-drittijiet u l-obbligi relatati. Barra minn hekk, il-KESE jqis li l-proposta biex jiġi stabbilit obbligu fuq l-Istati Membri biex jipprovdu servizzi indipendenti ta' konsulenza dwar id-dejn għal konsumatur b'dejn eċċessiv jew għal konsumatur vulnerabbli oħra għandha tgħin ukoll lill-konsumatur f'sitwazzjonijiet diffiċli. Barra minn hekk, il-KESE jissuġġerixxi li d-Direttiva tħeġġeġ lis-selliefa jadottaw politiki li jiffaċilitaw l-identifikazzjoni bikrija ta' diffikultajiet finanzjarji, li se jinkludu wkoll dispożizzjonijiet dwar miżuri ta' tolleranza. Iż-żewġ azzjonijiet jipprewju sitwazzjonijiet ta' dejn eċċessiv u jħeġġu lill-kredituri jsibu soluzzjonijiet għal mutwatarji li jinsabu f'diffikultà.

3.4 Il-KESE japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni biex tħeġġeġ inizzjattivi ta' edukazzjoni finanzjarja/kompetenza diġitali biex tiżgura li l-konsumatur jifhem sew il-prodotti ta' self u r-riskji li jkunu qed jassumu meta jieħdu self, peress li dan huwa l-aktar metodu effiċjenti għaż-żamma tas-solidità finanzjarja tagħhom. F'dan ir-rigward, il-KESE jqis li t-test tad-Direttiva dwar il-komunikazzjoni bejn is-selliefa u l-konsumatur, fl-istadji kollha tar-relazzjoni, għandu jiġi aġġustat biex jakkomoda t-tranżizzjoni diġitali u ż-żieda fl-użu tal-apparati diġitali.

3.5 Il-KESE japprezza wkoll l-isforzi tal-Kummissjoni biex tipprovdi regolamenti ċari dwar is-servizzi ta' konsulenza finanzjarja fir-rigward tal-ftehimiet ta' self, iżda jilqa' perspettiva legali ċara dwar kif tali servizzi jistgħu jiġu offruti.

3.6 Il-KESE jilqa' l-inizjattiva li jiġi spjegat aktar fid-dettall l-obbligu tas-selliefa kollha li jwettqu valutazzjoni bir-reqqa tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur, sabiex jiġi vverifikat jekk jistgħux jaffordjaw is-self inkwistjoni u jekk il-ħtiġijiet finanzjarji tagħhom humiex qed jiġu protetti, filwaqt li jiġu evitati Prattiki ta' self irresponsabbli u dejn eċċessiv. Madankollu, il-Kummissjoni għandha iżomm f'moħħha li r-regoli l-ġodda ma jistgħux u ma għandhomx jittrasferixxu r-responsabbiltà għall-prestazzjoni attwali tal-pagamenti tal-konsumatur fuq is-selliefa, peress li l-konsumatur jeħtiġilhom jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' ħlas lura tad-dejn u biex jimmaniġġjaw in-nefqa

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).

personali tagħhom b'kawtela. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tanalizza aktar it-test tad-Direttiva dwar il-kreditu għall-konsumatur sabiex tagħmilha ċara li l-valutazzjoni bir-reqqa tal-affidabbiltà kreditizja mhijiex garanzija għall-ħlas lura tas-self. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu protetti kif xieraq, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti aktar dettalji dwar is-sitwazzjonijiet fejn, f'ċirkostanzi speċifiċi u ġġustifikati sew, is-selliefa għandhom id-dritt, mingħajr obbligu f'dan ir-rigward, li jagħtu self lill-konsumaturi anki jekk ma jgħaddux mill-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja.

4. Osservazzjonijiet speċifiċi

4.1 Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tanalizza aktar uħud mid-definizzjonijiet il-ġodda sabiex tiżgura ċ-ċarezza tat-test. Pereżempju, id-definizzjoni ta' kreditur għandha tiġi riveduta sabiex jiġi żgurat li n-negozji selliefa kollha jkunu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u jkunu ssorveljati/liċenzjati b'mod ugwali meta jwettqu l-istess tip ta' attività. Barra minn hekk, għall-fini li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, u li l-konsumaturi jiġu pprovduti b'mod effettiv bl-istess livell ta' protezzjoni, is-selliefa kollha, irrispettivament mill-istatus legali tal-kumpanija tagħhom, għandhom japplikaw l-istess regoli u jkunu soġġetti għall-istess obbligi, inkluż fir-rigward tar-rapportar, ħliet fil-każ ta' self mingħajr ħlas dment li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet kollha mmirati lejn il-protezzjoni tal-konsumatur.

4.2 Fir-rigward tal-obbligi li jirriżultaw mill-attività tas-self lill-konsumatur, id-Direttiva għandha tkun aktar ambizzjuża, li tistabbilixxi li tali attività ta' self tirrikjedi awtorizzazzjoni/liċenzja mill-awtorità kompetenti sabiex tiżgura protezzjoni xierqa tal-konsumaturi, monitoraġġ effettiv, u kondizzjonijiet ekwivalenti għas-self lill-konsumatur. Is-sistema proposta bħalissa tidher li hija ibrida bejn l-awtorizzazzjoni u r-reġistrazzjoni, għalkemm mhi ċara xejn.

4.3 Fir-rigward tad-dispożizzjoni speċifika dwar il-konverżjoni ta' self espress feuro fil-munita nazzjonali, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi aktar l-Artikolu 4 tad-Direttiva proposta sabiex tiċċara l-applikabbiltà tiegħu. Is-soluzzjoni proposta, minbarra li mhijiex allinjata mal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾ dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali, hija nieqsa minn ċarezza dwar l-intenzjoni/l-applikabbiltà tagħha u dwar il-metodoloġija reali proposta għall-konverżjoni.

4.4 Fir-rigward tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni (l-Artikolu 6 tad-Direttiva proposta), il-KESE huwa mħasseb dwar il-fatt li jista' jkun diffiċli ħafna li jiġi implimentat għal għadd ta' raġunijiet prinċipalment marbuta ma' rekwiżiti differenti fil-livell nazzjonali u d-diffikultà li jinkisbu l-verifiki kollha meħtieġa bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. Fir-rigward tal-aċċess għall-bażijiet tad-data, il-KESE jibża' li, f'ċerti ċirkostanzi, jista' ma jkunx prattiku jew mhux ekonomiku għall-kredituri li jkollhom aċċess dirett għal bażijiet tad-data minn Stati Membri oħra, għal għadd ta' raġunijiet (eż. in-nuqqas ta' domanda għal kreditu transfruntier, ir-rekwiżiti differenti fil-livell nazzjonali u d-diffikultà li jinkisbu l-verifiki kollha fil-proċess ta' valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja). Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tanalizza aktar il-prinċipju, inkluż billi tikkunsidra l-aċċess indirett għal tali bażijiet tad-data, eż. is-selliefa li jitolbu d-dokumentazzjoni meħtieġa għall-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja permezz tal-bażi tad-data lokali jew l-awtoritajiet fiskali lokali tagħhom.

4.5 Fir-rigward tal-bażijiet tad-data nazzjonali tar-rapportar, il-KESE jinnota li t-trattament tad-data tal-kreditu matul il-pandemija tal-COVID-19 jew kwalunkwe sitwazzjoni eċċezzjonali simili jista' potenzjalment ikollu impatt fuq l-integrità tas-sistema ta' rapportar tal-kreditu u fl-aħħar mill-aħħar fuq il-forniment ta' kreditu għall-konsumaturi. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tenfasizza fid-Direttiva l-importanza tal-kondiviżjoni sħiħa kontinwa tal-informazzjoni dwar il-kreditu, inkluż ir-rapportar ta' data dwar il-pagamenti mitlufa/moratorji matul kriżi, bħal fi żminijiet normali. Barra minn hekk, f'konformità mal-linji gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar l-oriġinazzjoni tas-self, il-KESE jirrakkomanda wkoll li l-Kummissjoni tispeċifika li l-bażijiet tad-data tar-rapportar għandu jkollhom minn tal-inqas informazzjoni dwar l-imġiba tal-ħlas lura tal-konsumaturi fuq il-ftehimiet ta' self eżistenti tagħhom, inkluż kwalunkwe arretrati.

4.6 Il-KESE japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni biex tagħmel l-informazzjoni prekuntrattwali aktar aċċessibbli għall-konsumaturi. Madankollu, fil-fehma tal-KESE, is-soluzzjoni adatta ma għandhiex tkun li jinħoloq dokument addizzjonali – il-Ħarsa Ġenerali Standard lejn il-Kreditu għall-Konsumatur – peress li jista' jirriżulta f'piż addizzjonali kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-kredituri, u jista' jkun qarrieqi għall-konsumaturi, fis-sens li jistgħu jillimitaw l-analiżi tagħhom għall-informazzjoni pprovduta fil-ħarsa ġenerali biss, mingħajr ma jqisu sew l-informazzjoni l-oħra kollha stabbilita fil-formola ta' Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur. Soluzzjoni aħjar tkun li tiġi kkunsidrata, fid-dawl tal-ħtieġa ta' rispons għal metodi diġitali ġodda, is-semplifikazzjoni tal-proċess tal-istabbiliment

(²) Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34).

(u t-twettiq) tar-relazzjoni mal-konsumaturi, inkluż billi jiġu pprovduti b'mod speċifiku modi diġitali biex jiġi ssodisfat l-obbligu li tiġi pprovduta l-formola ta' Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur.

4.7 Fir-rigward tal-eżenzjoni mir-regoli dwar bejgħ abbinat u prattiki ta' ggruppjar relatati mal-kontijiet kurrenti jew ta' tfaddil, huwa ferm kontestabbli jekk fil-fatt huwiex fl-interess tal-konsumatur li din l-eżenzjoni tiġi limitata biss għal kontijiet li l-iskop uniku tagħhom huwa limitat għar-reqwiziti tas-self. Skont it-test, is-selliefa għandhom jipprojbixxu lill-konsumaturi milli jużaw il-kontijiet inkwistjoni għal skopijiet personali, barra mir-reqwiziti tas-self. Il-KESE jaqbel li l-konsumatur ma għandux ikun sfurzati jiftaħ kont li mhuwiex meħtieġ għall-implimentazzjoni/għar-rimborż tas-self, iżda tali kont, ladarba jinfetħ, għandu jintuża mill-konsumatur kif iqis opportun.

4.8 Fir-rigward tad-drittijiet tal-konsumaturi meta l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tinvolvi l-użu ta' fassil ta' profili jew ipproċessar awtomatizzati ieħor ta' data personali, fil-fehma tal-KESE s-soluzzjoni proposta tippreżenta r-riskji li tiġi compromessa l-kapaċità tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jstabilixxu kundizzjonijiet ta' valutazzjoni f'konformità mal-attitudni tar-riskju tagħhom stess, u b'hekk titnaqqas il-flessibbiltà tal-proċess. Fil-fehma tagħna, l-Artikolu 18(6) kollu għandu jiġi fformulat mill-ġdid f'konformità mar-reqwiziti tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR), li jfisser li l-konsumatur għandu d-drittijiet mogħtija mill-GDPR meta l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja titwettaq esklużivament b'mod awtomatiku u tipproduċi effetti li jikkonċernaw individwu privat.

4.9 Il-KESE jemmen li l-ħlas lura bikri ta' self huwa dispożizzjoni ċentrali fid-Direttiva peress li hija għandha l-għan li tippromovi l-kompetittività tas-suq u taffettwa sitwazzjonijiet ta' dejn eċċessiv, u japprezza l-intenzjonijiet ġenerali tal-proposta. Madankollu, il-KESE jenfasizza li jeħtieġ li t-test tad-Direttiva dwar il-kreditu għall-konsumatur jiġi rivedut sabiex (i) jiġi verament ffaċilitat l-eżerċizzju ta' dan id-dritt u (ii) jiġu evitati l-litigazzjonijiet li seħħew dwar id-definizzjoni ta' "l-ispejjeż kollha".

4.10 Il-KESE jinnota li mill-evidenza relatata mal-orijini ta' dejn eċċessiv, it-tqegħid ta' limiti fuq l-ispejjeż ta' self sabiex jiġu evitati prattiki estremi ta' pprezzar jista' jwassal għal benefiċċji tanġibbli għall-konsumaturi vulnerabbli, dment li tali limitu massimu jiġi kkalibrat b'mod korrett wara analiżi bir-reqqa tas-suq u l-impatt potenzjali. Approċċ bħal dan għandu jiżgura li l-miżuri huma tabilħaqq ta' benefiċċju għall-konsumaturi filwaqt li jiġu evitati effetti opposti.

4.11 F'konformità mal-aktar Direttiva reċenti dwar il-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur, l-Artikolu 44 tad-Direttiva proposta jispeċifika li l-Istati Membri jeħtieġilhom jintroduċu sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-liġi nazzjonali f'każ ta' ksur tar-regoli ta' traspożizzjoni tad-Direttiva. Il-KESE jilqa' tali dispożizzjonijiet, iżda jitlob lill-Kummissjoni tiddikjara wkoll fid-Direttiva li s-sanzjonijiet amministrattivi ma jaffettwawx id-drittijiet tal-konsumaturi li jiksibu kumpens jew rimborż, skont il-każ.

Brussell, il-21 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

ANNEX

It-testi li ġejjin mill-opinjoni tas-sezzjoni ġew rifjutati u hađu posthom emendi adottati mill-Assemblea, iżda li ġabu mill-inqas kwart tal-voti:

EMENDA 2**Imressqa minn:**

TEDER Reet

INT/956 — Ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur**Punt 4.1**

Ibdel it-test kif ġej:

Opinjoni tas-sezzjoni	Emenda
<p>Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tanalizza aktar uħud mid-definizzjonijiet il-ġodda sabiex tiżgura ċ-ċarezza tat-test. Pereżempju, id-definizzjoni ta' kreditur għandha tiġi riveduta sabiex jiġi żgurat li n-negozji selliefa kollha jkunu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u jkunu ssorveljati/liċenzjati b'mod ugwali meta jwettqu l-istess tip ta' attività. Barra minn hekk, għall-fini li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti u li l-konsumaturi jiġu pprovduti b'mod effettiv bl-istess livell ta' protezzjoni, is-selliefa kollha, irrispettivament mill-istatus legali tal-kumpanija tagħhom, għandhom japplikaw l-istess regoli u jkunu soġġetti għall-istess obbligi, inkluż fir-rigward tar-rapportar.</p>	<p>Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tanalizza aktar uħud mid-definizzjonijiet il-ġodda sabiex tiżgura ċ-ċarezza tat-test. Pereżempju, id-definizzjoni ta' kreditur għandha tiġi riveduta sabiex jiġi żgurat li n-negozji selliefa kollha jkunu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u jkunu ssorveljati/liċenzjati b'mod ugwali meta jwettqu l-istess tip ta' attività. Barra minn hekk, għall-fini li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti u li l-konsumaturi jiġu pprovduti b'mod effettiv bl-istess livell ta' protezzjoni, is-selliefa kollha, irrispettivament mill-istatus legali tal-kumpanija tagħhom, għandhom japplikaw l-istess regoli u jkunu soġġetti għall-istess obbligi, inkluż fir-rigward tar-rapportar, ħliet fil-każ ta' self mingħajr ħlas dment li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet kollha mmirati lejn il-protezzjoni tal-konsumatur.</p>

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 88

Kontra: 79

Astensjonijiet: 21

KOMPROMESS DWAR EMENDA 3**Imressaq minn:**

PREDA Bogdan

INT/956 — Ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur

Punt 4.10

Opinjoni tas-sezzjoni	Kompromess
<p>Il-KESE jinnota li mill-evidenza relatata mal-orijini ta' dejn eċċessiv, huwa ċar li l-limiti fuq l-ispejjeż ta' self iwasslu għal benefiċċji tanġibbli għall-konsumaturi, speċjalment dawk vulnerabbli.</p>	<p>Il-KESE jinnota li mill-evidenza relatata mal-orijini ta' dejn eċċessiv, it-tqegħid ta' limiti fuq l-ispejjeż ta' self sabiex jiġu evitati Prattiki estremi ta' pprezzar jista' jwassal għal benefiċċji tanġibbli għall-konsumaturi vulnerabbli, dment li tali limitu massimu jiġi kkalibrat b'mod korrett wara analiżi bir-reqqa tas-suq u l-impatt potenzjali sussegwenti. Approċċ bħal dan għandu jiżgura li l-miżuri huma tabilħaqq ta' benefiċċju għall-konsumaturi filwaqt li jiġu evitati effetti opposti.</p>

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 82

Kontra: 79

Astensjonijiet: 17

KOMPROMESS FUQ L-EMENDA 4

Imressqa minn:

PREDA Bogdan

INT/956 — Ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur

Punt 1.3

Opinjoni tas-sezzjoni	Kompromess
<p>Il-KESE jinnota li mill-evidenza relatata mal-orijini ta' dejn eċċessiv, huwa ċar li l-limiti fuq l-ispejjeż ta' self iwasslu għal benefiċċji tanġibbli għall-konsumaturi, speċjalment dawk vulnerabbli. Madankollu, proposta li timponi limiti fuq l-ispejjeż tal-kreditu għall-konsumatur, jeħtieġ li tkun aktar dettaljata u armonizzata fid-Direttiva dwar il-kreditu għall-konsumatur proposta fi ħdan metodoloġija ċara, sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti għas-selliefa minn pajjiżi differenti.</p>	<p>Il-KESE jinnota li mill-evidenza relatata mal-orijini ta' dejn eċċessiv, it-tqegħid ta' limiti fuq l-ispejjeż ta' self sabiex jiġu evitati Prattiki estremi ta' pprezzar jista' jwassal għal benefiċċji tanġibbli għall-konsumaturi vulnerabbli, dment li tali limitu massimu jiġi kkalibrat b'mod korrett wara analiżi bir-reqqa tas-suq u l-impatt potenzjali sussegwenti. Għalhekk, il-KESE jinnota li d-Direttiva dwar il-kreditu għall-konsumatur għandha ttiprovdi metodoloġija ċara u armonizzata li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw sabiex japplikaw tali limiti biex jipprevjenu u jiskoraġġixxu Prattiki estremi li jistgħu jwasslu għal dejn eċċessiv. Dan jiżgura wkoll kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għas-selliefa minn pajjiżi differenti.</p>

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 88

Kontra: 77

Astensjonijiet: 15

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(COM(2021) 346 final — 2021/0170 (COD))

(2022/C 105/15)

Relatur: **Mordechaj Martin SALAMON**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 13.9.2021 Kunsill, 23.8.2021
Bażi legali	Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	30.9.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	231/0/6

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' l-Proposta għal Regolament dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti peress li jaġġorna u għandu l-potenzjal li jtejjeb id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ attwali dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (DSĠP), speċjalment fir-rigward tal-isfidi u l-iżviluppi l-ġodda fis-swieq u fit-teknoloġija.

1.2. Il-KESE jinnota li ħafna mit-tagħlimiet meħuda minn 20 sena ta' implimentazzjoni tad-DSĠP huma integrati fil-qafas propost, u jagħti tama li l-konsumaturi se jgawdu protezzjoni aħjar, b'mod partikolari meta l-prodotti jirriżultaw li mhumiex sikuri. Fl-istess ħin, l-operaturi ekonomiċi u s-swieq online x'aktarx se jibbenefikaw minn regoli aktar ċari u armonizzati.

1.3. Il-KESE jappoġġja l-Proposta għal Regolament, peress li jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu allinjati mill-ġdid il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn operaturi ekonomiċi differenti, b'mod partikolari bejn il-manifatturi Ewropej u l-SMEs fir-rigward ta' kumpaniji barranin dwar il-bejgħ online.

1.4. Il-KESE jinnota li d-definizzjonijiet tal-kunċetti ta' "sikurezza" u ta' "prodott" ġew aġġornati biex jirriflettu n-natura li qed tevolve tas-swieq u tat-teknoloġija, sabiex it-teddid għas-sikurezza minn oġġetti konnessi li jistgħu jkunu soġġetti għal hacking, nuqqas ta' aġġornamenti għas-software u sustanzi kimiċi dannużi issa jista' jiġi mmitigat. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, il-KESE jipproponi li tissaħħaħ id-definizzjoni ta' prodotti sikuri u ta' xi wħud mill-kriterji użati għall-valutazzjoni tas-sikurezza.

1.5. Il-KESE jappoġġja l-obbligi l-ġodda imposti fuq is-swieq online iżda għandu dubji qawwija kemm il-protezzjoni se tkun biżżejjed għall-konsumaturi jekk l-isforzi ta' infurzar ikomplu jistrieħu primarjament fuq l-inforzaturi nazzjonali aktar milli fuq il-pjattaformi.

1.6. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata interazzjoni bla xkiel mal-partijiet ewlenin l-oħra tal-leġiżlazzjoni li jkopru l-istess suġġetti jew suġġetti kontigwi, bħall-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, kif ukoll ir-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti, b'mod speċjali fir-rigward tal-kwistjoni tar-responsabbiltà li jinżammu tipi differenti ta' swieq online.

⁽¹⁾ Id-Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4).

1.7. Il-KESE jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Proposta għal Regolament ma tispeċifikax li s-swieq online huma importaturi jew distributuri ta' prodotti skont l-attività u r-rwol tagħhom fil-katina tal-provvista (diġitali) u ma tistabbilixxi doveri u responsabbiltajiet simili għalihom bħal fil-każ tal-ħwienet tradizzjonali. Il-KESE jilqa' aktar ċarezza dwar il-punti fejn mhemmx qbil fir-responsabbiltà.

1.8. Il-KESE jemmen li l-isforzi tas-sorveljanza tas-suq iridu jiġu estiżi biex ikopru l-oġġetti kollha tal-konsumatur u għandhom ikunu sforz kondiviż, ikkoordinat, iffinanzjat tajjeb u ssimplifikat madwar l-Ewropa.

1.9. Il-KESE jesprimi dispjaċir għall-fatt li ma hemm l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri biex jiġbru u jipprovdu data aħjar dwar l-inċidenti u l-korrimenti. Mingħajr bażi tad-data dwar il-korrimenti fil-livell tal-UE, se jkun diffiċli li tiġi żgurata implimentazzjoni kosteffettiva u sussegwentement li jitwettqu evalwazzjonijiet korretti tal-Proposta għal Regolament. Għaldaqstant, jenħtieġ li tirrikjedi li l-Istati Membri jiġbru u jikkondividu data dwar korrimenti li jinvolvu prodotti tal-konsumatur, abbażi ta' metodoloġija komuni.

1.10. Il-KESE jilqa' l-adozzjoni ta' miżuri li jappoġġjaw lill-SMEs, u b'mod partikolari l-mikrointrapriżi, fl-obbligi tagħhom, inkluż perjodu ta' appoġġ finanzjarju, bil-provvista ta' linji gwida ċari u ta' għajnuna, pariri u taħriġ rilevanti biex jiġi żgurat li l-SMEs ma jkunux żvantaġġati fl-isforzi tagħhom ta' konformità meta mqabbla ma' operaturi akbar b'riżorsi aħjar.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni

2.1. Il-Proposta għal Regolament ⁽²⁾ hija konformi mal-Aġenda tal-Konsumatur Ġdida mill-2020 ⁽³⁾ u għandha l-għan li:

- taġġorna u timmodernizza l-qafas ġenerali għas-sikurezza tal-prodotti tal-konsumatur li mhumiex għall-ikel;
- tippreserva r-rwol tiegħu bħala xibka ta' sikurezza għall-konsumaturi;
- tadatta d-dispożizzjonijiet għall-isfidi maħluqa minn teknoloġiji ġodda u mill-bejgħ online; u
- tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji.

2.2. Filwaqt li l-proposta tissostitwixxi ⁽⁴⁾ d-DSĠP, din se tkompli tapplika għall-prodotti manifatturati għall-konsumatur u li mhumiex għall-ikel. Il-Proposta għal Regolament se ttiprovdi wkoll kontinwità mad-DSĠP billi:

- jirrikjedi li l-prodotti tal-konsumatur ikunu "sikuri";
- jistabbilixxi ċerti obbligi għall-operaturi ekonomiċi; u
- ikun fih dispożizzjonijiet għall-iżvilupp ta' standards b'appoġġ għar-reqwiżit ġenerali tas-sikurezza.

2.3. Ir-Regolament propost għandu l-għan li jaġġorna r-regoli attwalment stabbiliti fid-Direttiva 2001/95/KE biex jiżgura xibka ta' sikurezza għall-prodotti kollha u, fl-istess ħin, jiżgura li r-reġim jipprovdi konsistenza akbar billi jallinja r-regoli tas-sorveljanza tas-suq għall-prodotti li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni ("prodotti mhux armonizzati") ma' dawk li japplikaw għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni ("prodotti armonizzati") kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾.

⁽²⁾ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2021/0170 (COD)).

⁽³⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Aġenda tal-Konsumatur ġdida li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-konsumatur għall-irkupru sostenibbli (COM(2020) 696 final).

⁽⁴⁾ Premessa 2, Proposta għal Regolament.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tirrevedi u timmodernizza d-DSĠP, bħala parti mill-Aġenda tal-Konsumatur Ġdida għall-perjodu 2020-2025. Id-DSĠP kienet biċċa importanti mil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fis-suq uniku, li tirrikjedi li prodotti sikuri biss jitqiegħdu fis-suq u jaġixxu bħala xibka ta' sikurezza għall-konsumaturi li ma bbenefikawx minn leġiżlazzjoni aktar speċifika għas-settur. Il-Proposta għal Regolament tippreserva dan ir-rwol kruċjali.

3.2. Meta wieħed janalizza l-esperjenzi meħuda mill-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-bidliet fundamentali li sehew fil-prodotti u fis-swieq mill-adozzjoni tiegħu fl-2001, revizzjoni kienet mistennija sew. Il-KESE jappoġġja r-revizzjoni minħabba li, filwaqt li d-Direttiva serviet bħala għodda importanti lejn kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-manifatturi Ewropej u l-SMEs fir-rigward ta' kumpaniji barranin, jeħtieġ li jiġu segwiti sforzi biex jiġu allinjati l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-bejgħ online (ħtieġa rikonoxxuta mill-Proposta għal Regolament).

3.3. In-natura tal-prodotti mibjugħa lill-konsumaturi evolviet sa punt li jfisser li d-definizzjonijiet antiki ta' "sikurezza" u ta' "prodott" m'għadhomx jinżammu. Id-definizzjoni ta' sikurezza li tkopri biss "is-saħħa" u "l-integrità fiżika" m'għadhiex tikkorrispondi għar-riskji reali li jstgħu jiġu esposti għalihom il-konsumaturi. Il-KESE jilqa' l-inklużjoni fl-Artikolu 7 ta' għadd ta' aspetti biex tiġi vvalutata s-sikurezza tal-prodotti. Madankollu, il-KESE jiddispaċih li l-Artikolu 3(2) ma jindikax b'mod ċar ir-rabta tiegħu mal-Artikolu 7, li għandu jtejjeb iċ-ċertezza legali.

3.4. Il-KESE jilqa' l-enfasi fuq il-kunċett ta' "sikurezza" u l-inklużjoni taċ-ċibersigurtà" bħala rekwiżit biex prodott jiġi kkunsidrat "sikur". Madankollu, biex tiżdied iċ-ċertezza legali, il-KESE jipproponi li jiġi stipulat li iċ-ċibersigurtà tiġi vvalutata fiċ-ċirkostanzi kollha u matul il-ħajja tal-prodott. Barra minn hekk, meta jkunu preżenti sustanzi kimiċi dannużi fi prodotti ta' kuljum, id-DSĠP attwali jbati biex jipproteġi lill-konsumaturi. Il-KESE jqis li huwa ovvju u inevitabbli li kwalunkwe qafas regolatorju futur irid jissalvagwardja wkoll lill-konsumaturi kontra t-theddid għas-sikurezza tagħhom minn oġġetti konnessi li jstgħu jkunu soġġetti għal hacking, nuqqas ta' aġġornamenti għas-software u sustanzi kimiċi dannużi, u jilqa' l-bidliet f'dan ir-rigward.

3.5. Minkejja l-eżistenza ta' inizjattivi awtoregulatorji għat-titjib tal-protezzjoni kontra prodotti mhux sikuri mibjugħa online, studju reċenti (2020) ⁽⁶⁾ wera li żewġ terzi tal-250 prodott ittestjati mixtrija ma kinux konformi mal-liġijiet dwar is-sikurezza u l-istandards tekniċi tal-UE, u pperikolaw lill-konsumaturi. Dan jindika l-ħtieġa ta' regolamentazzjoni effettiva hawnhekk aktar milli awtoregolamentazzjoni. Il-KESE jappoġġja l-adozzjoni ta' regolament f'dan il-qasam u jilqa' l-obbligi l-ġodda imposti fuq is-swieq online, għalkemm javża li jstgħu ma jkunux kompletament adegwati biex jipproteġu lill-konsumaturi peress li ħafna mill-identifikazzjoni u l-infurzar għadhom ir-responsabbiltà tal-inforzaturi aktar milli tal-pjattaformi. Il-KESE jesprimi dispaċir ukoll għall-fatt li l-Proposta għal Regolament ma tispeċifikax li s-swieq online huma importaturi (jew distributuri, fejn meħtieġ) ta' prodotti skont l-attività u r-rwol tagħhom fil-katina tal-provvista (diġitali) u ma tistabbilixxi doveri u responsabbiltajiet simili għalihom bħal fil-każ tal-ħwienet tradizzjonali. Il-KESE jitlob li tiġi ċċarata r-responsabbiltà tal-pjattaformi f'każijiet fejn l-ebda attur ieħor fil-katina tal-provvista ma jieħu azzjoni kontra prodott mhux sikur.

3.6. Il-konsumaturi qed jinnegozjaw aktar online, aktar bejn il-fruntieri u permezz ta' ktajjen tal-provvista itwal u aktar ikkumplikati. Is-sistema attwali ta' kontroll tas-suq għandha biss setgħat internazzjonali u transfruntiera dgħajfa, u hija taħlita ffinanzjata ħażin li tkopri biss ċerti tipi ta' oġġetti, u dan jindika ħtieġa ċara li tittieħed azzjoni. Il-KESE jemmen li l-isforzi tas-sorveljanza tas-suq iridu jiġu estiżi biex ikopru l-oġġetti kollha tal-konsumatur u għandhom ikunu sforz kondiviż, ikkoordinat, iffinanzjat tajjeb u ssemplifikat madwar l-Ewropa. Il-KESE jilqa' l-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' arbitraġġ – u r-rwol tal-Kummissjoni fih – sabiex jiġu solvuti differenzi persistenti fl-interpretazzjoni u/jew l-applikazzjoni bejn il-pajjiżi. Il-KESE jappoġġja wkoll l-iżvilupp ta' rabetiet b'saħħithom ta' kooperazzjoni madwar id-dinja u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni f'inizjattivi internazzjonali.

3.7. Il-Proposta għal Regolament se tissodisfa biss l-għan tagħha li tiproteġi lill-konsumaturi meta tinteraġixxi mingħajr xkiel mal-biċċiet ewlenin l-oħra tal-leġiżlazzjoni li jkopru l-istess suġġetti jew suġġetti kontigwi. Speċjalment fir-rigward tal-kwistjoni tar-responsabbiltà li jinżammu tipi differenti ta' swieq online, kwalunkwe verżjoni ta' suċċess tal-Proposta għal Regolament se jkollha tiġi kkoordinata mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u mad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà tal-Prodotti u se tirrikjedi aġġustamenti korrispondenti fihom. Għandha tiġi żgurata wkoll konsistenza fir-rigward tal-proposta leġiżlattiva dwar l-intelliġenza artifiċjali, l-istrateġija kimika u l-pjan ta' azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari. Filwaqt li r-rabetiet huma rikonoxxuti b'mod ċar fil-Proposta għal Regolament, il-KESE jilqa' dettalji aktar speċifiċi dwar

⁽⁶⁾ https://www.beuc.eu/publications/beuc-x-2021-004_is_it_safe_to_shop_on_online_marketplaces.pdf, p. 15.

l-interoperabbiltà tad-diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva fil-prattika. Mhuwiex aċċettabbli li jkun hemm lakuni. Il-KESE jitlob ukoll li tingħata attenzjoni lill-inizjattivi internazzjonali bħal dawk tal-OECD, l-UNCTAD u d-WTO fir-rigward tal-kooperazzjoni internazzjonali, u jħeġġeġ il-pożizzjoni ta' tmexxija tal-UE f'dan il-qasam.

3.8. Id-DSĠP inbriet fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u l-KESE jilqa' l-fatt li dan jibqa' pilastru tal-arkitettura tal-Proposta għal Regolament. Dan il-prinċipju jippermetti l-adozzjoni tal-ogħla livelli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Il-KESE jemmen li l-ankraġġ tal-prinċipju ta' prekawzjoni huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumatur filwaqt li fl-istess ħin jiġi pprovdut kunċett flessibbli li jippermetti lill-Proposta għal Regolament tadatta għal sfidi ġodda. Għalhekk, għandhom dejjem jittieħdu miżuri ta' prekawzjoni meta l-evidenza xjentifika dwar periklu ambjentali jew għas-saħħa tal-bniedem tkun inċerta iżda r-riskji jkunu għoljin. Dan jagħmel ukoll il-funzjoni netta tas-sikurezza tad-DSĠP – li tipprovi soluzzjonijiet meta l-konsumaturi jkunu friskju u l-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur ikollha lakuni – aktar effettiva. L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni tagħmel ukoll is-sorveljanza tas-suq aktar kompluta.

4. Kummenti speċifiċi

Il-KESE:

4.1. jappoġġja t-trasformazzjoni tad-DSĠP f'regolament, peress li hija għażla li tippermetti implimentazzjoni aktar rapida u aktar konsistenti madwar l-UE. Filwaqt li l-użu ta' Direttiva kien jippermetti l-aġġustament tar-regoli għal-leġiżlazzjoni lokali, dan iżid l-ispejjeż tal-konformità u jżid in-nuqqas ta' sikurezza għall-kumpaniji li jinnegozjaw bejn il-fruntieri jew li jipproduċu għal swieq multipli. L-esperjenza sal-lum kienet li tnejn minn kull ħames negozji jirrapportaw spejjeż addizzjonali relatati mal-implimentazzjoni mhux uniformi tad-DSĠP (?);

4.2. jilqa' l-kamp ta' applikazzjoni aktar ċar u usa' tal-leġiżlazzjoni, b'mod partikolari l-kjarifika u l-introduzzjoni ta' swieq sekondarji (Premessa 16), il-kjarifika li r-riskju ambjentali għandu jkun parti mill-evalwazzjoni ta' prodott sikur (Premessa 11), u l-inklużjoni ta' fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, li jippermettu sorveljanza tas-suq aktar effettiva;

4.3. jilqa' l-obbligi speċifiċi għas-swieq online fil-Proposta għal Regolament. Madankollu, iwissi li jridu jingħalqu l-lakuni. L-obbligi jeħtieġ li jiġu definiti aktar u, b'mod partikolari, għandha tingħata kunsiderazzjoni biex il-postijiet tas-suq ikunu soġġetti għall-Artikolu 5 u tiġi aġġornata r-responsabbiltà tagħhom għal dik ta' importatur (jew distributtur fejn meħtieġ) biex jiġu evitati pjattaformi li jevitaw il-proposta tal-Proposta għal Regolament u tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali attwali. Jirakkomanda li s-swieq online għandu jkollhom ukoll obbligu li jimmonitorjaw (abbażi tal-proċedura "notice and stay down" [notifika biex jitneħħew xogħlijiet jew materjal, u dak li jitneħħa jrid jibqa' mneħħi]) prodotti mibjugħa permezz tal-intermedjarji tagħhom, kif introdotti fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali, sabiex jitneħħa l-piż ta' azzjoni ta' notifika u tneħħija minn inforzaturi nazzjonali. Kjarifika dwar kif l-obbligi tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali se japplikaw flimkien mal-Proposta għal Regolament jew jikkomplementawh tintlaqa' tajjeb ukoll;

4.4. jappoġġja r-rekwiżiti aktar b'saħħithom għat-traċċabbiltà u jisħaq li l-Istati Membri jrid ikollhom l-għodod it-tajbin għad-dispożizzjoni tagħhom biex ifittxu traċċabbiltà effettiva. F'dan l-aspett, is-setgħat il-ġodda tal-Kummissjoni li tadotta miżuri ta' implimentazzjoni u tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi ta' traċċabbiltà potenzjalment ukoll isaħħu l-protezzjoni tal-konsumatur;

4.5. jappoġġja t-tisħiħ tal-proċessi ta' sejħa lura iżda jaħseb li għandu jkun obligatorju li l-avviżi ta' sejħa lura jiġu ppubblikati dejjem. F'każijiet fejn il-konsumaturi jkunu xtraw oġġett u tawh bħala rigal jew ikunu xtrawh f'suq ta' prodotti użati, sistema ta' avviżi ta' sejħiet lura diretti li altrimenti tiffunzjona tajjeb għax-xerrejja tista' tfalli minħabba li l-utent reali tal-prodott ma jirċevix l-avviż ta' sejħa lura diretta;

4.6. jesprimi dispjaċir għall-fatt li ma hemm l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri biex jiġbru u jipprovdut data aħjar dwar l-inċidenti u l-korrimenti, meta bażi tad-data dwar il-korrimenti fil-livell tal-UE tiffaċilita l-implimentazzjoni kosteffettiva u sussegwentement tikkoreġi l-evalwazzjonijiet tal-Proposta għal Regolament. L-użu ta' data mir-RAPEX biex jitkejjel l-ammont ta' korrimenti esperjenzati mill-konsumaturi huwa problematiku, peress li l-gruppi ta' prodotti relatati mal-ogħla numru ta' korrimenti ma jurux wisq korrelazzjoni man-notifiki fir-RAPEX. Din il-kwistjoni hija enfazzzata aktar fl-istudju

(?) Proposta għal Regolament, p. 13.

ta' sfond għall-valutazzjoni tal-impatt, li sab li d-data tar-RAPEX ma tistax sempliċiment tintuża bħala indikatur għax-xejriet tas-sikurezza tal-prodotti tal-konsumatur⁽⁸⁾. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Proposta għal Regolament tirrikjedi li l-Istati Membri jiġbru u jikkondividu data dwar korrimenti li jinvolvu prodotti tal-konsumatur, abbażi ta' metodoloġija komuni, sabiex tinħoloq bażi tad-data rappreżentattiva li tkopri s-suq uniku. Il-Programm tas-Suq Uniku jista' jipprovdi bażi finanzjarja soda għas-sorveljanza pan-Ewropea tal-korrimenti relatati mal-prodotti. Iċ-ċaqliq ta' dan il-piż fuq l-operaturi ekonomiċi kif inhu l-każ fil-proposta, mingħajr strateġija ta' infurzar pan-Ewropea ċara, x'aktarx li ma jkunx sodisfaċenti;

4.7. jemmen li l-Proposta għal Regolament għandha tippermetti li jiġu stabbiliti kriterji ta' sikurezza kimika għall-prodotti li jaqgħu taħt il-liġi. Id-DSĠP attwali ma tistabbilixxix x'inhu prodott "sikur" fir-rigward tas-sustanzi kimiċi. Mhuwiex ċar jekk ir-Regolament huwiex se jġib aktar ċarezza f'dan ir-rigward. Pereżempju, l-UE tipprojbixxi sustanzi kimiċi li jikkawżaw il-kanċer fil-ġugarelli, iżda mhux fil-prodotti tal-indukrar tat-tfal, anke jekk ir-riskju ta' esponiment spiss ikun simili. L-objettiv tal-Kummissjoni li timxi lejn ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi kif espress fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà u appoġġjat mill-KESE⁽⁹⁾ għandu jiġi ssodisfat bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Proposta għal Regolament⁽¹⁰⁾;

4.8. jappoġġja l-fatt li r-riskji taċ-ċibersigurtà li jaffettwaw is-sikurezza tal-konsumatur issa se jiġu koperti taħt il-kunċett tas-sikurezza. Dan jinkludi l-introduzzjoni f'waqtha tal-kunċett ta' "konformità waqt l-użu" – peress li l-aġġornamenti tas-software jibdlu l-prodott, dan irid jiġi eżaminat maż-żmien. Dan qed isir aktar pertinenti, peress li aktar prodotti għall-konsumatur huma konnessi, u b'hekk jiżdedu r-riskji ta' hacking u użu ħażin, li jwasslu għal riskji potenzjali għas-sikurezza. Madankollu, id-definizzjonijiet ta' prodott sikur għandhom jagħmlu referenza ċara għal tali rekwiżiti u kriterji;

4.9. jikkunsidra li s-sorveljanza tas-suq għandha kemm jista' jkun tkun fl-istess livell fost is-setturi kollha. Il-bidliet f'dan l-aspett jeħtieġ li jiġu skrutinati bir-reqqa biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-infurzar (fis-setturi kollha koperti) ikollhom sett ta' għodod adegwat għad-dispożizzjoni tagħhom u li jkun hemm ukoll rabta qawwija mal-unjoni doganali. Filwaqt li enfasi fuq is-sorveljanza tas-suq ibbażata fuq ir-riskju hija milqugħa, se jkun kruċjali li l-awtoritajiet iwettqu wkoll verifiki għal għarrieda adegwati biex jottimizzaw il-protezzjoni u jipprevjenu d-danni lill-konsumaturi. Inkella, prodotti perikolużi li mhumiex magħrufa li huma perikolużi jiġu identifikati biss wara li jkun kkawżaw dannu lill-konsumaturi;

4.10. jemmen li d-definizzjonijiet, it-termini u s-sistemi jridu jsiru koerenti fid-diversi strumenti tas-sikurezza tal-prodotti filwaqt li jippermettu varjazzjonijiet meħtieġa skont il-kategorija ta' prodotti individwali (ġugarelli, kożmetiċi, prodotti elettroniċi, eċċ.);

4.11. jilqa' l-fatt li d-definizzjonijiet ta' standards sikuri matul il-proċess ta' standardizzazzjoni huma msaħħa, sabiex l-istandards isiru f'waqthom u bil-possibbiltà li l-Istati Membri jopponu standards li ma jiżgurawx is-sikurezza għall-konsumaturi u b'hekk ma jaqgħux taħt il-mandat mogħti. Biex jiġi żgurat li l-istandardizzazzjoni tissodisfa l-ħtiġijiet tal-konsumaturi u ma tintużax biex jiġu eliminati atturi żgħar mis-suq, huwa ta' importanza kbira l-appoġġ kontinwu għar-rappreżentanza effettiva tas-settur tal-konsumaturi u tal-SMEs fl-istandardizzazzjoni Ewropea⁽¹¹⁾;

4.12. jilqa' l-fatt li l-obbligi stabbiliti fil-Proposta għal Regolament se japplikaw għan-negozji kollha irrispettivament mid-daqs tagħhom, filwaqt li jiġi ankrat il-prinċipju li s-sikurezza ma tistax tkun soġġetta għal reġimi "eħfef" u li kull prodott tal-konsumatur irid ikun sikur. Madankollu, jiddispijaċih li l-fehmiet tal-SMEs kienu sottorappreżentati fl-istadju ta' konsultazzjoni, u b'hekk aggrawaw id-distorsjonijiet li diġà jeżistu fis-suq. Jinnota wkoll li ċ-ċifri fil-Kapitolu 3 "Impatt Finanzjarju" tal-valutazzjoni tal-impatt kienu approssimattivi. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni futura, il-KESE jirrakkomanda li l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għar-rappurtar annwali mill-Istati Membri (skont l-Artikolu 22(1)) għandhom jikkwantifikaw l-impatti fuq l-SMEs u l-mikrointrapriżi;

⁽⁸⁾ https://ec.europa.eu/info/files/study-support-preparation-evaluation-gpsd-well-impact-assessment-its-revision-part-1-evaluation_en, p. 40.

⁽⁹⁾ ĠU C 286, 16.7.2021, p. 181.

⁽¹⁰⁾ <https://webapi2016.eesc.europa.eu/v1/documents/eesc-2020-05343-00-00-ac-tra-mt.docx/content>

⁽¹¹⁾ ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12, Anness III.

4.13. jirrikonoxxi li l-SMEs, u b'mod partikolari l-mikrointrapriżi, jistgħu jiġu affettwati b'mod sproporzjonat minn dawn il-miżuri minħabba fatturat iżgħar u inqas kapital uman biex jimplementaw l-obbligi⁽¹²⁾. Jilqa' l-fatt li l-qafas leġiżlattiv attwali jindirizza xi wħud mill-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, b'mod partikolari permezz ta': reġim ta' sanzjonijiet li jqis id-daqs tal-impriża fl-impożizzjoni ta' penali (Artikolu 40(2)(h)) u jirrakkomanda penali proporzjonali; u sistema ta' sorveljanza tas-suq ibbażata fuq ir-riskju li ma tpoġġix fi żvantaġġ lil kumpaniji iżgħar⁽¹³⁾. Madankollu, il-KESE jilqa' l-adozzjoni ta' miżuri li jappoġġjaw lill-SMEs, u b'mod partikolari l-mikrointrapriżi, fl-obbligi tagħhom, inkluż perjodu ta' appoġġ finanzjarju, bil-provvista ta' linji gwida ċari u ta' għajjnuna, pariri u taħriġ rilevanti biex jiġi żgurat li l-SMEs ma jkunux żvantaġġati fl-isforzi tagħhom ta' konformità meta mqabbla ma' operaturi akbar b'riżorsi aħjar;

4.14. jilqa' l-fatt li l-konsumaturi kollha se jkun jista' jkollhom aċċess għall-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tal-prodotti, in-natura tar-riskju u l-miżuri meħuda⁽¹⁴⁾, b'mod partikolari billi jikkonsultaw il-portal tas-Safety Gate⁽¹⁵⁾, iżda jwissi li dan m'għandux iwitti t-triq biex il-konsumaturi jkunu meħtieġa jimmitigaw ir-riskji tagħhom billi jiksbu dan l-għarfien qabel ma jixtru (fil-kuntest ta' dak li jista' jiġi interpretat bħala "aspettattivi raġonevoli tal-konsumatur li jirrigwardaw is-sikurezza" (Artikolu 7(3)(i)). Barra minn hekk, il-bażijiet tad-data u n-notifiki għandhom ikunu aċċessibbli faċilment għall-konsumaturi vulnerabbli kif ukoll għall-konsumaturi b'diżabilità;

4.15. jinnota li l-Artikolu 8(11) jirrikjedi li l-manifatturi jużaw is-Safety Business Gateway biex jinfurmaw minnufih lill-konsumaturi dwar ir-riskji għas-saħħa u s-sikurezza tagħhom u jinfurmaw lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Itenni li r-Regolament għandu jiżgura b'mod speċifiku li l-fatt li din l-informazzjoni ssir disponibbli ma jqiegħed l-ebda obbligu direttament jew indirettament fuq il-konsumaturi li jikkonsultaw il-bażi tad-data li jista' jaffettwa jekk prodott ikunx instab li mhwiex sikur jew le. Barra minn hekk, in-notifiki għandhom ikunu aċċessibbli faċilment għall-konsumaturi vulnerabbli u għall-konsumaturi b'diżabilità;

4.16. jilqa' delimitazzjoni u dettalji aktar ċari dwar id-differenza bejn is-Safety Gate (Artikolu 24, fejn l-Istati Membri jgħorġu notifiki) u s-Safety Business Gateway (Artikolu 25, fejn l-operaturi ekonomiċi jipprovdu lill-awtoritajiet tal-infurzar u lill-konsumaturi b'informazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti tagħhom) u kif dawn il-portali jistgħu jinteraġixxu;

4.17. jilqa' l-kapaċità mogħtija lill-konsumaturi li jressqu quddiem l-awtoritajiet nazzjonali⁽¹⁶⁾ kif ukoll il-kapaċità li jinfurmaw lill-portal tas-Safety Gate dwar ir-riskji⁽¹⁷⁾, li jeħtieġ li jingħataw segwitu għalihom. Jitlob li jiġi pprovdut finanzjament adegwat sabiex dawn l-ilmenti kollha jkunu jistgħu jiġu investigati kif imiss sabiex il-konsumaturi jiġu protetti b'mod effiċjenti. Jilqa' l-akkoppjar ta' dan il-mekkaniżmu tal-ilmenti mal-ħtieġa li l-manifatturi jinvestigaw l-ilmenti riċevuti (Artikolu 8(2)) u biex jieħdu azzjoni korrettiva meta jikkunsidraw jew ikollhom raġuni biex jemmnu li prodott li jkunu qiegħdu fis-suq jista' ma jkunx sikur (Artikolu 8(10)).

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹²⁾ Study to support the preparation of an evaluation of the General Product Safety Directive as well as of an impact assessment on its potential revision, p. 11 u p. 320. Ara wkoll il-Proposta għal Regolament (COM(2021) 346 final), p. 13.

⁽¹³⁾ ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12, Anness III.

⁽¹⁴⁾ Artikolu 31.

⁽¹⁵⁾ Artikolu 32(1).

⁽¹⁶⁾ Artikolu 31(4).

⁽¹⁷⁾ Artikolu 32(2).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jissospendi temporanjament d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji

(COM(2021) 392 final — 2021/0209 (CNS))

(2022/C 105/16)

Relatur: **Tymoteusz Adam ZYCH**

Konsultazzjoni	Kunsill, 15.9.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottat fis-sezzjoni	21.9.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	101/0/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, minħabba l-importanza soċjoekonomika ewlenija tagħha għar-reġjun u l-awtorità tal-Unjoni li tadottaha, fid-dawl tal-kompetenza tagħha li tirregola d-dazji doganali.

1.2. Minbarra l-kategoriji tal-prodotti koperti mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1386/2011⁽¹⁾, il-proposta ġiet estiża għal seba' kategoriji ġodda li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 3903 19, 5603 94, 5604 10, 7326 90, 7607 20, 8441 40 u 8479 90 (makkinarju għal skopijiet industrijali u materja prima).

1.3. Iż-żamma tas-sospensjoni tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti industrijali, kif ukoll l-estensjoni tal-kategoriji ta' prodotti li tkopri, hija meqjusa ta' benefiċċju għall-ekonomija tal-Gżejjer Kanarji, li ġarrbet ħsara ekonomika partikolari meta mqabbla ma' reġjuni oħra tal-UE minħabba l-pandemija tal-COVID-19, speċjalment fir-rigward tal-volum tal-PDG nazzjonali.

1.4. L-impożizzjoni ta' kontrolli tal-użu aħħari fkonformità mar-regoli tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu hija proċedura stabbilita f'dan il-kuntest u ma toħloqx piżijiet amministrattivi sinifikanti u supplementari għall-awtoritajiet reġjonali u lokali jew għall-operaturi ekonomiċi.

1.5. Il-KESE jenfasizza li kemm l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet legali ġodda kif ukoll il-kontinwazzjoni ta' daww eżistenti biex jappoġġjaw ir-reġjuni ultraperiferiċi huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku tagħhom, għall-ibbilanċjar tas-suq intern u għall-ħolqien tal-impjiegi fis-settur lokali.

1.6. Fil-fehma tal-KESE, sabiex in-negozji jkunu jistgħu jieħdu deċizzjonijiet ta' investiment fit-tul, is-sospensjoni proposta għandha tiġi stabbilita għal perjodu pluriennali.

2. Kuntest

2.1. Il-Gżejjer Kanarji, komunità awtonoma ta' Spanja b'erja totali ta' madwar 7 446,95 km², jiffurmaw arċipelagu fl-Oċean Atlantiku li jikkonsisti fi tlettax-il gżira madwar 1 000 km mill-kosta tal-Peniżola Iberika. Huma wieħed mir-reġjuni periferiċi tal-Unjoni Ewropea li jagħmlu parti mill-grupp tar-reġjuni ultraperiferiċi, u flimkien mal-arċipelagi tal-Gżejjer Selvagens, Cabo Verde, Madeira u l-Azores, jiffurmaw żona ġeografika msejħa l-Makaroneżja.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1386/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 li temporanjament jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji (ĠU L 345, 29.12.2011, p. 1).

2.2. Il-popolazzjoni bħalissa hija ta' madwar 2 175 952 abitant. L-aktar żewġ gżejjer popolati huma Tenerife (904 713) u Gran Canaria (846 717), fejn tgħix aktar minn 80 % tal-popolazzjoni totali. Konċentrazzjoni daqshekk għolja tal-popolazzjoni fuq tnejn biss mit-tlettax-il gżira hija parzjalment għalfejn ir-reġjun għandu problemi soċjoekonomiċi, inkluża r-rata għolja ta' emigrazzjoni tiegħu.

3. L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni

3.1. Il-KESE jinnota li, abbażi tal-Artikolu 349 tat-TFUE, ir-Regolament (UE) Nru 1386/2011 jipprevedi miżuri doganali speċifiċi għall-Gżejjer Kanarji bħala wieħed mir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea – is-sospensjoni temporanja tad-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali.

3.2. Il-miżuri previsti fir-Regolament (UE) Nru 1386/2011, li kellhom l-għan li jsaħħu l-kompetittività ta' operaturi ekonomiċi lokali u b'hekk jiżguraw impjieg aktar stabbli fil-gżejjer, jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2021. F'April 2021, il-gvern Spanjol talab l-estensjoni tas-sospensjoni tad-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni għal għadd ta' prodotti. Skont it-talba, ir-restrizzjonijiet li qed jiffaċċa r-reġjun, li huma strutturali u permanenti, għadhom relatati mal-iżolament tiegħu, id-daqs żgħir tas-suq u l-frammentazzjoni tiegħu. Il-gżejjer lanqas ma jistgħu jibbenefikaw mill-integrazzjoni Ewropea bl-istess mod bħal reġjuni fuq il-kontinent. L-iskema ta' sospensjoni li għaliha l-proposta tirrelata hija maħsuba biex tnaqqas dawn ir-restrizzjonijiet fuq is-suq tal-Gżejjer Kanarji. Barra minn hekk, minħabba l-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, il-gvern Spanjol talab ukoll is-sospensjoni tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għal seba' kategoriji ġodda ta' prodotti.

3.3. L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li tappoġġja lir-reġjun ultraperiferiku ta' Spanja billi tibni fuq l-assi tiegħu sabiex tippermetti t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjegi fis-settur lokali. Il-proposta tissupplimenta l-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI), li jipprovdi appoġġ lis-settur primarju u l-produzzjoni tal-materja prima, kif ukoll il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) u l-allokazzjoni addizzjonali speċifika tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).

3.4. Il-proposta tal-Kummissjoni hija konformi mal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-politika kumplessiva għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-politiki fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali, il-kompetizzjoni, l-ambjent, l-intrapriża, l-iżvilupp u r-relazzjonijiet esterni.

3.5. Din se tippermetti lill-operaturi ekonomiċi, mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2031, jimportaw ċerta materja prima, komponenti, partijiet u oġġetti kapitali mingħajr dazju permezz tas-sospensjoni temporanja tad-dazji doganali.

4. Kummenti ġenerali

4.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta li jiġi modifikat ir-Regolament tal-Kunsill eżistenti u jinnota li l-miżuri speċifiċi li jistipula jistgħu jiġu adottati mingħajr ma tiġi pperikolata l-integrità u l-koerenza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, inklużi s-suq intern u l-politiki komuni. Fil-fehma tal-KESE, din il-bidla ser tgħin biex jittejjeb il-bilanċ fis-suq intern.

4.2. Il-KESE kemm-il darba enfażizza li s-sitwazzjoni tar-reġjuni insulari hija ħafna aktar diffiċli milli fil-bqija tal-Unjoni, speċjalment meta mqabbla mal-kontinent. Huma jbatu minn ostakli ġeografiċi, demografiċi u ambjentali severi u permanenti, bħas-separazzjoni mill-kontinent; erja tal-art limitata; dipendenza fuq it-trasport marittimu u bl-ajru, bl-ispejjeż ogħla tagħhom; tnaqqis fil-popolazzjoni u d-diffikultajiet fis-suq tax-xogħol; produzzjoni kkonċentrata f'intrapriżi żgħar u mikro li huma inqas reżiljenti għad-dinamika tal-bidla ekonomika minn negozji akbar; u opportunitajiet limitati biex jinkisbu l-benefiċċji tas-suq uniku Ewropew u r-relazzjonijiet ekonomiċi kompetittivi.

4.3. Il-mezzi limitati tat-trasport u ż-żieda fl-ispejjeż tad-distribuzzjoni jwasslu għal spiża ogħla għan-negozju tal-manifattura tal-prodott milli kieku kellu jiġi stabbilit fuq l-art kontinentali, li jirriżulta direttament fi tnaqqis fil-kompetittività. Dan iwassal għal diffikultajiet għan-negozji lokali biex isibu klijenti barra mill-fruntieri nazzjonali u jgħeghel lis-settur industrijali jikkonċentra l-produzzjoni fis-suq lokali. Il-KESE jemmen li l-politika doganali tal-Unjoni għandha tqis din is-sitwazzjoni ekonomika diffiċli esperjenzata mir-reġjuni insulari u tiegħu miżuri xierqa biex ittejjeb l-opportunitajiet u l-kompetittività tagħhom vis-à-vis l-Ewropa kontinentali.

4.4. Il-KESE jinnota li t-turiżmu huwa fattur ewlieni għall-istabbiltà ekonomika f'ħafna żoni insulari, u dan is-settur huwa wkoll ir-riżorsa ekonomika ewlenija tal-Gżejjer Kanarji. Is-sehem tat-turiżmu lejn ir-reġjun fil-PDG tal-Gżejjer Kanarji fl-2018 kien ta' 28 %, li jirrappreżenta xejra 'l fuq. Fl-2017, l-għadd ta' turisti li waslu fl-arċipelagu tal-Gżejjer Kanarji kien qrib ħafna li jaqbeż is-16-il miljun u kien madwar miljun aktar mill-2016, filwaqt li 15,11-il miljun persuna vvaġġaw lejn il-Gżejjer Kanarji fl-2019.

4.5. Filwaqt li l-iżvilupp tat-turiżmu wasslet għal tkabbir ekonomiku, huwa importanti wkoll li wieħed iżomm f'moħħu l-aspetti negattivi meta t-turiżmu huwa pedament tal-ekonomija, u li saru evidenti mat-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19. Skont data ppubblikata mill-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika Spanjol, l-għadd ta' turisti barranin fil-Gżejjer Kanarji naqas b'aktar minn 70 % fl-2020, meta 3,78 miljun persuna biss waslu fl-arċipelagu. Id-dħul tar-reġjun mit-turiżmu naqas bl-istess perċentwal, b'madwar EUR 4 biljun iggwadanjati mit-turiżmu s-sena l-oħra. L-akbar tnaqqis ġie rreġistrat għall-gżira ta' Lanzarote (73,7 %), filwaqt li l-iżgħar tnaqqis kien għal Tenerife (66,4 %). Attività turistika limitata fil-Gżejjer Kanarji fl-2020 wasslet għal tnaqqis smat ta' madwar 20 % tal-PDG. Kien hemm ukoll reċessjoni f'termini tal-attività tal-konstruzzjoni u industrijali, bi tnaqqis smat ta' 13 % meta mqabbel mal-2019. Għandu jiġi enfasizzat li l-effetti tal-kriżi tas-saħħa globali se jkollhom konsegwenzi fit-tul, u l-industrija tat-turiżmu Ewropea hija mistennija li tibqa' taħt il-livelli tal-2019 sal-2023⁽²⁾.

4.6. Il-qgħad żdied ukoll b'mod sinifikanti fil-Gżejjer Kanarji bħala riżultat tal-kriżi tal-COVID-19. Fl-ewwel tliet xhur tal-2020 laħaq it-18,89 %, u matul is-sena żdied għal 25,42 %, ferm oġhla mill-medji nazzjonali u tal-Unjoni ta' 15,5 % u 7,1 %, rispettivament (Eurostat, 2021).

4.7. Il-KESE jinnota li l-proposta hija konformi mal-politika segwita mill-Unjoni, li wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħha huwa l-koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali, u li, permezz ta' politiki ekonomiċi ġestiti tajjeb, tfittex li ssaħħa il-Komunità b'tali mod li r-reġjuni ultraperiferiċi jkollhom opportunitajiet indaqs għall-iżvilupp u aċċess għal kundizzjonijiet tal-għajxien aħjar. Skont l-Artikolu 174 tat-TFUE, it-territorji insulari ġew rikonossuti bħala reġjuni żvantaġġati li jeħtieġu attenzjoni speċjali.

4.8. Il-KESE jinnota wkoll li ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija f'dawn l-aħħar sentejn u l-impatt tagħha fuq l-ispejjeż globali tat-trasport bla dubju kkontribwixxew għal tnaqqis akbar fil-kompetittività tal-industriji tal-gżejjer. Barra minn hekk, il-benefiċċji tas-sospensjoni tariffarja awtonoma introdotta fl-1991 saru inqas effettivi. B'konsegwenza ta' dan, l-industrija lokali saret inqas kompetittiva vis-à-vis il-kompetituri tagħha fi Spanja u l-bqija tal-Unjoni kontinentali. Konxju mill-karatteristiċi ġeografiċi u ekonomiċi tar-reġjun tal-Gżejjer Kanarji, il-KESE jemmen li għandu jingħata appoġġ lil miżuri mmirati biex itaffu l-effetti negattivi ta' dawn il-kundizzjonijiet.

4.9. Il-KESE jinnota li s-soluzzjoni proposta tista' tagħti kontribut sinifikanti biex tinżamm l-istabbiltà ekonomika ta' din il-parti tal-Unjoni Ewropea, u li t-tneħħija tas-sospensjoni għandu jkollha effett inflazzjonarju fuq is-suq, li maż-żmien jipperikola l-bażi industrijali diġà moderata fuq il-gżejjer u b'hekk iżid id-disparitajiet mal-bqija tal-UE.

4.10. Fil-fehma tal-KESE, għadha tiġi appoġġjata s-soluzzjoni – applikata ripetutament – li l-użu ta' miżuri tariffarji jkun kundizzjonali fuq l-użu aħħari tal-prodotti, sabiex jibbenefikaw biss l-operaturi ekonomiċi li jinsabu fil-Gżejjer Kanarji.

4.11. Madankollu, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħruġ fid-dieher possibbli ta' diffikultajiet fil-kummerċ fir-reġjun tal-Gżejjer Kanarji – jew saħansitra b'mod aktar wiesa', madwar l-UE – minħabba n-nuqqas ta' definizzjoni tat-terminu "devjazzjoni tal-kummerċ" użat fl-Artikolu 4(1) tal-att propost. Il-ħolqien ta' tali "devjazzjonijiet tal-kummerċ" jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex temporanjament tirtira s-sospensjoni tad-dazji awtonomi, li jkollha għadd ta' konsegwenzi ekonomiċi għar-reġjun u għan-negozji lokali. Il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' definizzjoni preċiża ta' dan it-terminu, kemm f'sens kwalitattiv kif ukoll kwantitattiv.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2) <https://www.europarl.europa.eu/factsheets/mt/sheet/126/tourism>

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: “Strateġija lejn żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ”

(COM(2021) 277 final)

u l-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013

(COM(2021) 278 final — 2021/0140 (CNS))

(2022/C 105/17)

Relatur: **Ionuț SIBIAN**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 10.8.2021
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	6.10.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	232/1/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' l-Istrateġija tal-Kummissjoni għal żona Schengen li tiffunzjona bis-sħiħ u reżiljenti.

1.2. Il-Kumitat jafferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tiegħu, kif espress fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2016, għall-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-kooperazzjoni ta' Schengen: l-eżerċitar mingħajr xkiel tal-libertajiet fundamentali tat-trattati fi spazju komuni ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-ħtieġa li tissaħħaħ ir-responsabbiltà konġunta u s-solidarjetà fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni.

1.3. Il-Kumitat itenni li, fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE għall-ġestjoni tal-fruntieri, l-interoperabbiltà, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-ażil, u l-kooperazzjoni tal-pulizija u dwar il-ġustizzja kriminali, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma f'kull ħin marbuta bil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u huma obbligati mhux biss li jirrispettaw iżda wkoll li jippromovu d-dispożizzjonijiet tagħha.

1.4. Il-Kumitat huwa mħasseb ħafna bir-rapporti dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni tal-UE u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCGA — Frontex) biex jirrimedjaw, jimmonitorjaw u jsegwu r-rapporti ta' ksur tad-drittijiet fundamentali mingħajr dewmien u jiżguraw li l-mekkaniżmi ta' obbligu ta' rendikont stabbiliti fir-Regolament tal-EBCG jiġu implimentati b'mod effettiv. Il-Kumitat jitlob li jissaħħaħ il-Forum Konsultattiv dwar id-Drittijiet Fundamentali, u li s-soċjetà ċivili organizzata tkun involuta fih permezz tal-KESE.

1.5. Il-Kumitat jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-introduzzjoni mill-ġdid fuq bażi semipermanenti tal-kontrolli fuq il-fruntieri f'partijiet tal-fruntieri interni tal-Istati Membri u dwar l-impatt ekonomiku u soċjali negattiv li dan kellu fuq iċ-ċittadini, in-negozji tal-UE, u b'mod partikolari fuq il-ħaddiem tal-fruntieri, il-komunitajiet tal-fruntieri u l-Ewroreġjuni. Huwa jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u tivvaluta bir-reqqa l-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' dawn ir-riintroduzzjonijiet fuq bażi perjodika u tieħu azzjoni fejn meħtieġ. Huwa jfaħħar l-intenzjoni ddikjarata tal-Kummissjoni li tuża aktar malajr is-setgħat ta' infurzar tagħha fejn l-evalwazzjonijiet ta' Schengen jwasslu għal tali azzjoni.

1.6. Il-Kumitat jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-esklużjoni kontinwa mill-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen tal-Istati Membri ta' Ċipru, ir-Rumanija, il-Bulgarija u l-Kroazja. Flimkien mal-Kummissjoni, huwa jitlob li tittieħed azzjoni rapida u deċiżiva mill-Kunsill f'dan ir-rigward.

1.7. Il-Kumitat jinnota li ħafna mill-elementi li huma partijiet kostitwenti tal-Istrategġija għadhom proposti leġiżlattivi. Huwa jixtieq jindika li l-Kumitat ħareġ Opinjonijiet speċifiċi dwar xi wħud minn dawn il-proposti, b'mod partikolari l-Patt il-ġdid għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Interoperabbiltà. Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni tieħu nota ta' dawn l-Opinjonijiet.

1.8. Il-Kumitat jinnota li ħafna mill-elementi tal-Patt jiddependu mill-implimentazzjoni f'waqtha tal-leġiżlazzjoni adottata reċentement, b'mod partikolari r-Regolament dwar l-interoperabbiltà u r-Regolament Ewropew dwar il-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta 2.0. Il-Kumitat jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-progress li sar f'dan ir-rigward u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib kwalunkwe dewmien u nfiq li jaqbeż il-baġit u tirrimedjahom b'mod effettiv.

1.9. Il-Kumitat iqis li l-proposti biex jittejjeb il-funzjonament tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen huma pożittivi, b'mod partikolari s-segwitu aktar rapidu, sinerġiji akbar mal-Mekkaniżmu ta' Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà u attenzjoni akbar u aktar orizzontali għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż ir-rwol previst tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali. Madankollu, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li l-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen ma jippolitiċizzax kwistjonijiet ta' natura aktar teknika.

1.10. Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-Forum Schengen jista' jipprovi impetu politiku għas-salvagwardja u l-iżvilupp taż-żona Schengen, iżda jwissi li dan ma għandux jinvolvi ritorn għall-passat intergovernattiv ta' Schengen, li l-funzjonament tagħha kien preġudikat mill-intergovernanza u n-nuqqas ta' trasparenza. Istituzzjonijiet oħra tal-UE, kif ukoll il-Kumitat, għandhom jinżammu infurmati f'kull ħin u għandhom ikunu jistgħu jattendu bħala parteċipanti.

1.11. Il-Kumitat jifhem li l-oqsma relatati tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dwar il-ġustizzja kriminali, inkluża kooperazzjoni mtejjba dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu, huma tal-akbar importanza għall-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE u tal-Istati Membri fiż-żona Schengen. Kooperazzjoni bħal din għandha tirrikjedi rispett sħiħ kontinwu għad-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri kollha, inkluża s-salvagwardja ta' ġudikatura indipendenti, sabiex tippermetti li strumenti ta' fiduċja reċiproka, bħall-Mandat ta' Arrest Ewropew, jiffunzjonaw kif xieraq.

1.12. Il-Kumitat jemmen bis-sħiħ li l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ma għandhiex tiffoka esklużivament fuq il-kontrolli tal-migrazzjoni u l-ażil, iżda għandha tikkostitwixxi sħubija ġenwina bil-għan li ttejjeb il-pożizzjoni tal-migranti u tar-rifuġjati f'pajjiżi terzi kif ukoll, b'mod partikolari, tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, u għandha tfittex li tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni, filwaqt li tippromovi migrazzjoni sikura u ordnata.

1.13. Kif ġie enfasizzat mill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2021, huwa ta' importanza kruċjali li jintlaħaq qbil dwar sistema Ewropea komuni għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni tagħna, il-migrazzjoni u l-ażil sabiex il-pajjiżi terzi ma jitħallewx jieħdu vantaġġ minn nuqqas ta' għaqda.

2. Kuntest tal-Opinjoni

2.1. Fl-1985, għadd ta' Stati Membri adottaw il-Ftehim Internazzjonali ta' Schengen, u ħadu d-deċiżjoni li jabolixxu l-kontrolli kollha fuq il-fruntieri fil-fruntieri interni tagħhom. Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-1990 ipprovidiet il-"miżuri ta' akkumpanjament" meħtieġa, bil-għan li jiġu bbilanċjati l-esternalitajiet li jirriżultaw mit-tneħħija tal-kontrolli.

2.2. It-Trattat ta' Amsterdam integra l-acquis ta' Schengen fl-ordni legali tal-UE u rregola l-pożizzjoni speċjali tar-Renju Unit, tal-Irlanda u tad-Danimarka.

2.3. Il-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali man-Norveġja, mal-Iżlanda, mal-Iżvizzera u mal-Liechtenstein ippermettiet il-parteeipazzjoni ta' dawn il-pajjiżi fil-kooperazzjoni ta' Schengen.

2.4. Il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja jipparteċipaw f'partijiet tal-acquis ta' Schengen, iżda t-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni tagħhom tirrikjedi Deċiżjoni tal-Kunsill unanima għal dak il-għan. Il-Kunsill irrifjuta li jieħu dik id-deċiżjoni anki jekk il-Kummissjoni sabet li dawn il-pajjiżi huma teknikament lesti.

2.5. Peress li l-acquis ta' Schengen ġie inkorporat fl-ordni legali tal-UE, dan kompli jiżviluppa b'mod progressiv b'mod partikolari bl-adozzjoni tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-Kodiċi dwar il-Viżi u r-Regolament Ewropew dwar il-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-fruntieri, il-viżi, il-migrazzjoni u l-ażil hija appoġġjata minn għadd ta' bażijiet tad-data tal-IT fuq skala kbira għall-iskambju tal-informazzjoni (SIS, VIS, Eurodac, EES, ETIAS, TCN-ECRIS), li bħalissa huma interoperabbli.

2.6. Għalkemm ir-responsabbiltà hija kondiviża, l-Istati Membri individwali jibqgħu responsabbli għall-partijiet rispettivi taġġhom tal-fruntieri esterni, li jfisser li n-nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni fi Stat Membru wieħed x'aktarx li jkollhom riperkussjonijiet serji fil-qasam kollu tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja.

2.7. Matul l-aħħar ħames snin, iż-żona Schengen kienet taħt pressjoni konsiderevoli bħala riżultat tar-riintroduzzjoni ripetuta u kontinwa tal-kontrolli fil-fruntieri interni minn xi Stati Membri. Dan seħħ b'reazzjoni għas-sitwazzjoni tar-rifuġjati u l-migrazzjoni tal-2015 u t-treddida ta' vjolenza terroristika fl-Ewropa.

2.8. Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal aktar każijiet ta' għeluq tal-fruntieri u restrizzjonijiet għall-moviment liberu tal-persuni.

2.9. B'reazzjoni għas-sitwazzjoni tar-rifuġjati u l-migrazzjoni tal-2015, il-Frontex, l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ġiet riformata bħala l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fl-2016 u msaħħa aktar fl-2019.

2.10. Fil-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Kummissjoni Ewropea affermat li "l-ġestjoni integrata tal-fruntieri hija strument ta' politika indispensabbli" għall-integrità taż-żona Schengen kif ukoll "komponent essenzjali ta' politika komprensiva dwar il-migrazzjoni". Hija ħabbret strateġija separata dwar il-futur ta' Schengen, li ġiet ippubblikata fit-2 ta' Ġunju 2021.

2.11. L-għan tal-istrateġija huwa li taġġmel iż-żona Schengen aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti. Din tqis l-isfidi li ffaċċjat iż-żona Schengen f'dawn l-aħħar snin, inkluż matul il-kriżi pandemika, u tistabbilixxi triq 'il quddiem li żżomm il-benefiċċji ta' Schengen.

2.12. L-istrateġija għandha l-għan li:

(1) **tiżgura ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE;**

(2) **issaħħaħ iż-żona Schengen fuq livell intern;**

(3) **ittejjeb it-tħejjija u l-governanza;**

(4) **tlesti ż-żona Schengen.**

2.13. L-istrateġija l-ġdida hija akkumpanjata mill-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013⁽¹⁾.

2.14. Il-Kummissjoni tipproponi reviżjoni maġġuri tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen. Il-bidliet jinkludu l-aċċellerazzjoni tal-proċess ta' evalwazzjoni kif ukoll proċedura rapida f'każ ta' nuqqasijiet sinifikanti li jistgħu jkunu ta' riskju lil Schengen fl-intier tiegħu.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Ġestjoni Moderna u Effettiva tal-Fruntieri Esterni

3.1.1. Il-Kumitat jappoġġja l-adozzjoni rapida ta' Politika Strateġika Pluriennali għall-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni integrata prevista mill-Artikolu 77(2)(d) tat-TFUE. Huwa jitlob li jiġi kkonsultat dwar din l-istrateġija qabel l-adozzjoni⁽²⁾ tagħha.

3.1.2. Il-Kumitat ikompli jappoġġja Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta effettiva, u l-istabbiliment tal-fergħa operattiva tagħha. Madankollu, huwa mħasseb dwar il-progress li qed isir f'dan ir-rigward. B'mod partikolari, huwa jindika s-sejbiet reċenti tal-Qorti tal-Awdituri tal-UE li jiddikjaraw li l-Aġenzija ma implimentatx bis-siħ il-mandat tagħha tal-2016 u li kien hemm diversi riskji u nuqqasijiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-mandat tagħha tal-2019⁽³⁾.

⁽¹⁾ COM(2021) 278 final.

⁽²⁾ Ara l-punt 4.8 fil-ĠU C 110, 22.3.2019, p. 62.

⁽³⁾ Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, L-appoġġ li l-Frontex tagħti lill-ġestjoni tal-fruntieri esterni: mhuwiex suffiċjentement effettiv sal-ġurnata tal-lum, 2021.

3.1.3. Il-Kumitat huwa partikolarment imħasseb dwar ir-rapporti dwar l-abbużi tad-drittijiet fundamentali matul l-attivitàjiet operazzjonali kkoordinati tal-Frontex u l-ġharfien dwar dan mill-Aġenzija, kif irrapporjat minn sorsi tal-midja u NGOs differenti, u diskuss fir-rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskrutinju tal-Frontex tal-Kumitat LIBE. Huwa kument bil-ħatra reċenti ta' Uffiċjal tad-Drittijiet Fundamentali ġdid kif ukoll bir-reklutaġġ li jinsab għaddej ta' uffiċjali għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali, iżda jenfasizza li l-Uffiċċju tad-Drittijiet Fundamentali jeħtieġ li jirċievi riżorsi adegwati biex iwettaq il-kompiti tiegħu b'indipendenza sħiħa. Huwa jitlob lill-Aġenzija timplimenta bis-sħiħ il-mekkaniżmi u l-istrutturi ta' obbligu ta' rendikont previsti fir-regolament tat-twaqqif tagħha.

3.1.4. Il-Kumitat huwa mħasseb dwar l-enfasi fl-istrateġija fuq is-sistema ta' skrinjar ta' qabel id-dħul, li fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Patt iqis li din tikkostitwixxi kontribut ġdid ta' min jikkunsidrah. Madankollu, il-Kumitat qajjem dubji dwar il-fattibbiltà Prattika tagħha u kkunsidra mhux adegwata mill-perspettiva tad-drittijiet fundamentali (*). Huwa jenfasizza l-ħtieġa għal mekkaniżmu għal monitoraġġ indipendenti mill-Istati Membri kif previst fir-Regolament dwar l-Skrinjar.

3.1.5. Il-Kumitat dejjem ikkunsidra li t-tilħiq ta' interoperabbiltà sħiħa tas-sistemi tal-IT huwa pass meħtieġ biex tiġi żviluppata politika koerenti u effettiva madwar l-UE kollha. F'konformità ma' dik il-fehma, huwa jappoġġja wkoll aktar diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-viża u tad-dokumenti tal-ivvjaġġar.

3.1.6. Il-Kumitat jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li d-dewmien fl-Istati Membri individwali jista' jżomm lura l-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà madwar l-Ewropa kollha. Minħabba l-esperjenza tal-passat fl-implimentazzjoni tas-SIS II u fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali reċenti rigward l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (*), il-Kumitat jixtieq jisma' x'passi konkreti qed tieħu l-Kummissjoni biex tiżgura implimentazzjoni f'waqtha tal-interoperabbiltà, f'konformità mal-baġit previst.

3.1.7. Il-Kumitat jenfasizza li għandu jintlaħaq aktar żvilupp teknoloġiku kif ukoll interoperabbiltà sħiħa b'kunsiderazzjoni xierqa għall-protezzjoni tad-data personali u tad-drittijiet fundamentali. Fir-rigward tal-proposta dwar Eurodac riveduta, u b'rabta mal-użu ta' bażijiet ta' data fuq skala kbira b'mod ġenerali, il-Kumitat itenni li għandha tintlaħaq interoperabbiltà sħiħa b'kunsiderazzjoni xierqa għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Il-miżuri jridu jkunu strettement meħtieġa u proporzjonati, minħabba s-sensittività tad-data, speċjalment fejn dawn jikkonċernaw l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u l-kunfidenzjalità tal-proċedura. Għandu jiġi indikat li d-data personali pproċessata fir-rigward tal-ġestjoni tal-fruntieri u r-ritorn, taqa' fl-ambitu tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, u ma tikkwalifikax bħala data personali operazzjonali, skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

3.1.8. Il-KESE jinnota li meta jkun hemm kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, speċjalment ukoll meta l-Frontex taġixxi f'territorju ta' pajjiż terz, id-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, iridu jiġu rrispettati bis-sħiħ u jridu jiġu stabbiliti mekkaniżmi xierqa ta' obbligu ta' rendikont.

3.2. Miżuri għat-tisħiħ ta' Schengen fuq livell intern

3.2.1. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon l-attenzjoni mogħtija lill-miżuri li, għalkemm fil-verità mhumiex miżuri li jżviluppaw Schengen, huma marbuta mal-funzjonament taż-żona Schengen.

3.2.2. It-tħassib dwar is-sigurtà tal-Istati Membri huwa indirzzat aħjar b'aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi milli bir-riintroduzzjoni tal-kontrolli fil-fruntiera interna.

3.2.3. Il-Kumitat jenfasizza li fil-forom kollha ta' kooperazzjoni tal-pulizija u kooperazzjoni fil-ġustizzja kriminali, id-drittijiet fundamentali, inklużi d-dritt tad-difiża (?) u d-drittijiet tal-vittmi (*), iridu jiġu rrispettati bis-sħiħ. Dan ifisser ukoll li jekk id-drittijiet fundamentali jiġu miksur, it-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn atturi differenti (UE u nazzjonali) ma għandux jirriżulta f'nuqqas ta' obbligu ta' rendikont.

(*) Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar il-migrazzjoni, ĠU C 123, 9.4.2021, p. 15, ĠU C 155, 30.4.2021, p. 58, ĠU C 155, 30.4.2021, p. 64.

(*) Nota tal-Kummissjoni Ewropea dwar Implementation of interoperability: state of play on the implementation of the Entry/Exit System and the European Travel Information and Authorisation System, June 2021. (L-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà: is-sitwazzjoni attwali rigward l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Dhul/Hruġ, u tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar).

(*) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(?) F'konformità mat-Titolu VI tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-leġiżlazzjoni sekondarja rilevanti.

(*) Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57) kif ukoll il-leġiżlazzjoni għal kategoriji speċifiċi ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament sesswali u l-pornografija tat-tfal u t-terroriżmu.

3.2.4. Il-protezzjoni tad-data personali, fl-ambitu tal-oqfsa legali xierqa, jeħtieġ li tiġi rrispettata f'kull ħin, speċjalment f'każ ta' data personali sensittiva ħafna, bħal fl-ambitu tad-Deċiżjonijiet ta' Prüm.

3.2.5. Fir-rigward tal-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-pulizija transfruntiera, il-Kumitat jirreferi għall-Opinjoni tiegħu dwar ir-Regolament dwar l-intelliġenza artifiċjali⁽⁹⁾.

3.2.6. Il-Kumitat jixtieq jindika li, fl-anness għall-proposta għal Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali⁽¹⁰⁾, hemm il-possibbiltà li l-IA tintuża għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, l-ażil u l-kontroll fuq il-fruntieri. B'mod partikolari, ir-referenza għall-użu ta' "poligrafi u għodod simili jew [għodod] biex jiġi identifikat l-istat emozzjonali ta' persuna fiżika" hija inkwetanti, peress li hemm nuqqas ta' evidenza xjentifika għall-affidabbiltà ta' tali metodi.

3.2.7. Fir-rigward tal-miżuri speċifiċi proposti fil-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Kumitat jirreferi għall-Opinjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020⁽¹¹⁾.

3.2.8. Il-Kumitat għandu dubbi dwar il-valur miżjud ta' żieda fl-użu ta' Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri flimkien mar-Rekords tal-Ismijiet tal-Passiġġieri, u jħoss li l-Kummissjoni ma għamlitx każ konvinċenti biex tippermetti l-iskambju sistematiku u tal-massa ta' data personali intra-Schengen, li awtomatikament jaffettwa wkoll liċ-ċittadini tal-UE li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu.

3.2.9. Fir-rigward tal-użu tal-Mandat ta' Arrest Ewropew, u strumenti oħra li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, bħall-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea, il-Kumitat jindika li l-fiduċja reċiproka hija indispensabbli għall-funzjonament bla xkiel ta' dawn l-istrumenti ta' rikonossiment reċiproku. Dan jirrikjedi monitoraġġ saħansitra aktar effettiv tal-istat tad-dritt mill-istituzzjonijiet tal-UE u jinvolvi responsabbiltà min-naħa tal-Istati Membri biex jirrispettaw l-istat tad-dritt, b'mod partikolari d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (minn hawn "il-Karta") u l-Artikolu 19(1) tat-TUE.

3.3. Governanza msafha

3.3.1. Il-Kumitat japprezza li l-Forum Schengen jista' jipprovdi lill-Istati Membri post biex jiddiskutu kwistjonijiet politikament rilevanti relatati mal-kooperazzjoni ta' Schengen. Madankollu, istituzzjonijiet oħra tal-UE, kif ukoll il-Kumitat, għandhom jibqgħu informati u jkollhom id-dritt li jattendu bħala parteċipanti. Il-Forum u l-azzjonijiet tiegħu għandhom ikunu trasparenti kemm jista' jkun u għandhom jipprovdu aċċess għad-dokumenti tiegħu. It-tnejja mill-ġdid tar-Rapport dwar l-Istat ta' Schengen hi ta' min ifaħħarha, iżda mhijiex biżżejjed f'dan ir-rigward.

3.3.2. Il-Kumitat jappoġġja l-idea li l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jirrikjedi emenda biex jiġu inkorporati xi wħud mit-tagħlimiet miksuba mill-pandemija tal-COVID-19. Huwa jenfasizza li dawn it-tagħlimiet imorru lil hinn mill-kwistjoni tal-fruntieri interni u jikkonċernaw il-funzjonament tas-suq intern innifsu. Għalhekk, kwalunkwe emenda bħal din għandha tkun parti minn test tal-idoneità usa' għall-qafas regolatorju tal-Ewropa għall-moviment liberu f'dinja fejn il-COVID-19 x'aktarx li tkompli tkun realtà tal-ħajja. Il-Kumitat jappoġġja l-idea li approċċ bħal dan għandu jinkludi regoli dwar l-ivvjaġġar lejn l-UE, li bħalissa huma neqsin mill-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Il-Kumitat isaqsi wkoll lill-Kummissjoni jekk tipprevedix xi emenda għar-Regolament dwar it-Traffiku Lokali tal-Fruntiera.

3.3.3. Il-Kumitat jemmen li l-Kummissjoni għandha tieħu pożizzjoni aktar b'saħħitha b'appoġġ għall-ivvjaġġar mingħajr fruntieri fl-Ewropa. It-Trattat tal-UE jgħid b'mod ċar li l-UE għandha toffri liċ-ċittadini tagħha żona mingħajr fruntieri. Id-dritt għall-Istati Membri li jerġgħu jintroduċu l-kontrolli fuq il-fruntieri huwa eċċezzjoni għal dak id-dritt, li jeħtieġ li jiġi interpretat b'mod ristrett. Ma jistax jitqies bħala prerogattiva sovrana, u minflok huwa marbut bir-regoli tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Kwalunkwe reviżjoni tal-Kodiċi jeħtieġ li tqis b'mod sħiħ in-natura eċċezzjonali tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri.

3.3.4. Il-Kumitat jilqa' l-proposti biex jittejjeb il-funzjonament tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen, b'mod partikolari dawk biex jiġi żgurat segwitu aktar rapidu, sinerġiji akbar mal-Mekkaniżmu ta' Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà u dawk li jagħtu aktar attenzjoni u jieħdu approċċ trasversali għad-drittijiet tal-bniedem. Madankollu, għandha tingħata attenzjoni biex il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen ma jippoliticiżzax kwistjonijiet ta' natura aktar teknika.

⁽⁹⁾ INT/940 (ĠU C 517, 22.12.2021, p. 61) .

⁽¹⁰⁾ COM(2021) 206 final, pp. 4 u 5.

⁽¹¹⁾ ĠU C 123, 9.4.2021, p. 15.

3.3.5. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel użu attiv mis-setgħat ta' infurzar tagħha skont it-Trattati f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm nuqqas ta' segwitu għan-nuqqasijiet misjuba matul l-Evalwazzjonijiet ta' Schengen. Għandha tingħata prijorità lill-prattiki sistemiċi li jiksru n-normi tad-drittijiet fundamentali. Huwa importanti li l-Kummissjoni ma tiddependix biss mis-sejbiet tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen, iżda hi stess għandha timmonitorja wkoll b'mod attiv is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali.

3.4. *L-ikkompletar taż-żona Schengen*

3.4.1. Il-Kumitat ifaħħar il-pożizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tat-tlestija taż-żona Schengen. Huwa jenfasizza r-rabta bejn il-moviment liberu, iċ-ċittadinanza tal-UE u n-nuqqas ta' kontrolli fuq il-fruntieri. Bħalissa ċ-ċittadini tal-Bulgarija, tal-Kroazja u tar-Rumanija ma jibbenefikawx bis-sħiħ mid-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-UE skont it-Trattati.

3.4.2. Il-Kumitat jenfasizza li dawn l-Istati Membri diġà jikkontrollaw il-fruntieri esterni tagħhom f'konformità mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. L-adeżjoni sħiħa tagħhom iżżid il-funzjonament u s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea, permezz tal-parteciġipazzjoni sħiħa tagħhom fil-bażijiet tad-data kollha tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI) fuq skala kbira.

3.4.3. Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pjan direzzjonali aktar dettaljat għall-adeżjoni sħiħa u jstieden lill-Kunsill jaġixxi malajr kif xieraq.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 — Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel

(COM(2021) 323 final)

(2022/C 105/18)

Relatur: **Carlos Manuel TRINDADE**

Konsultazzjoni	Kummissjoni, 10.8.2021
Bażi legali	Artikolu 153(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	6.10.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	153/25/41

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) isostni li l-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji għas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol (OSH) hija essenzjali biex jinkisbu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fit-tul; din il-protezzjoni, stabbilita fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, hija dritt rifless fil-prinċipju 10 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u hija fundamentali biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' żvilupp sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti ⁽¹⁾.

1.2. Il-KESE jaqbel bis-sħiħ mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li "Kundizzjonijiet tax-xogħol sani u sikuri huma prerekwiżit għal forza tax-xogħol b'saħħitha u produttiva. Jenħtieġ li ħadd ma jġarrab mard jew aċċidenti relatati mal-impjeg. Huwa wkoll aspett importanti kemm tas-sostenibbiltà kif ukoll tal-kompetittività tal-ekonomija tal-UE" ⁽²⁾. Il-KESE jikkondividi wkoll l-osservazzjoni li "OSH tajba tnaqqas ukoll l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u piżijiet oħra tas-soċjetà, b'kuntrast għal dan, l-ispejjeż ta' OSH ħażina huma għoljin għall-individwi, għan-negozji u għas-soċjetà" ⁽³⁾.

1.3. B'mod ġenerali, il-KESE japprova l-viżjoni strateġika u l-azzjonijiet previsti fil-qafas strateġiku, mingħajr preġudizzju għall-osservazzjonijiet, il-proposti u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti f'din l-Opinjoni, jiġifieri dawn l-elementi li ġejjin:

1.3.1. Il-Kumitat jinnota, b'mod partikolari, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq "inizjattiva biex ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tan-nies li jaħdmu permezz ta' pjattaformi diġitali fi tmiem l-2021 [...] [biex] jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, inkluż f'termini ta' saħħa u sikurezza, tan-nies kollha li jaħdmu permezz tal-pjattaformi", jekk l-imsieħba soċjali ma jkunux lesti li jinnegozjaw bejniethom ⁽⁴⁾.

1.3.2. Il-KESE, jappoġġja (i) l-approċċ "Viżjoni zero" għall-imwiet relatati max-xogħol; (ii) il-miżuri pjanati għall-għieda kontra l-kanċer; (iii) ir-ratifika tal-Konvenzjoni (Nru 190) tal-190 tal-ILO dwar il-Vjolenza u l-Fastidju; (iv) il-preżentazzjoni, qabel tmiem l-2021, ta' inizjattiva leġiżlattiva mmirata lejn il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa u l-vjolenza domestika; (v) l-għan tal-Kummissjoni li tintegra r-riskji psikosoċjali u ergonomiċi fil-kampanja għal postijiet tax-xogħol ħielsa mill-periklu.

⁽¹⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2021) 323 final).

⁽²⁾ Ibid.

⁽³⁾ Ibid.

⁽⁴⁾ Ibid.

1.3.3. Il-KESE, ġeneralment, jaqbel b'mod partikolari: (i) li huwa "essenzjali li wieħed jitgħallem mil-lezzjonijiet tal-pandemija tal-COVID-19 u li tiżdied it-tnejja għal kriżijiet potenzjali futuri tas-saħħa [...], u għandhom jiġu żviluppati ulterjorment is-sinerġiji bejn l-OSH u s-saħħa pubblika"; (ii) li l-COVID-19 għandha tkun inkluża fir-rakkomandazzjoni dwar l-iskeda Ewropea tal-mard okkupazzjonali⁽⁵⁾.

1.3.4. Il-KESE, b'mod ġenerali, jaqbel b'mod partikolari mal-ħtieġa li: (i) tiġi indirizzata "x-xejra 'l isfel fl-għadd ta' spezzjonijiet tax-xogħol fxi Stati Membri"; (ii) jiġi organizzat, Summit ta' rendikont dwar l-OSH fl-2023, li b'mod partikolari jieħu kont tal-progress li sar fil-kisba tal-approċċ "Viżjoni zero" għall-imwiet relatati max-xogħol; (iii) jiġi introdott indikatur ġdid dwar l-aċċidenti fatali fuq il-post tax-xogħol, diġà propost fil-pjan ta' azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; (iv) jittejjbu l-attivitajiet tal-ispetturi tax-xogħol permezz ta' gwida u taħriġ fil-livell Ewropew u nazzjonali; (v) tiġi promossa l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti tal-leġiżlazzjoni; (vi) tingħata għajnuna lill-impjegaturi, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro u żgħar, biex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni dwar l-OSH⁽⁶⁾.

1.3.5. Il-KESE ġeneralment japprova b'mod partikolari: (i) il-kooperazzjoni bejn l-UE, l-ILO u d-WHO dwar id-data u l-għarfien; (ii) il-fatt li l-UE se tappoġġja, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, il-ħolqien ta' indikatur ġdid dwar il-mortalità minn mard attribwit għal fatturi ta' riskju okkupazzjonali (fil-qafas tal-oġettivi ta' żvilupp sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti); (iii) il-fatt li l-UE se tappoġġja l-integrazzjoni tad-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u sani fil-qafas tal-ILO dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol; (iv) l-intenzjoni tal-UE li trawwem l-OSH fil-ktajjen tal-provvista globali; (v) l-intenzjoni tal-UE li tiżgura li l-istandards tal-OSH jiġu inkorporati kif xieraq f'impenji vinkolanti dwar l-istandards soċjali u tax-xogħol, u li tippromovi l-kwistjoni ta' xogħol deċenti fi ftehimiet kummerċjali futuri; (vi) l-appoġġ għall-pajjiżi kandidati biex ikunu jistgħu jinkorporaw l-acquis tal-UE dwar l-OSH fil-leġiżlazzjoni tagħhom⁽⁷⁾.

1.4. B'mod partikolari, il-KESE jipproponi li l-Kummissjoni tintegra l-azzjonijiet, il-miżuri jew l-inizjattivi li ġejjin fil-qafas strateġiku tal-UE għall-perjodu 2021-2027:

1.4.1. Taqsima 2.1: (i) fir-rigward tal-persuni li jikkwalifikaw bħala li jaħdmu għal rashom u li għalihom m'għandhomx japplikaw ir-regoli dwar l-OSH skont il-qafas strateġiku, il-Kumitat jirrakkomanda li jitwettaq studju f'ħin debitu, bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni, tal-esperti u tal-imsieħba soċjali, bil-ħsieb li tinstab l-aħjar soluzzjoni b'rispett tal-prinċipju li l-ħaddiema kollha li jaħdmu għal rashom għandhom ukoll ikunu jistgħu jaħdmu f'ambjent sikur u san, u li l-konklużjonijiet ta' dan l-istudju jiġu ppreżentati fis-Summit dwar l-OSH tal-2023; (ii) fir-rigward tal-inizjattiva mhux leġiżlattiva dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol li l-Kummissjoni qed tippjana li tnedi fil-livell tal-UE, il-Kumitat qed jipproponi, proprju minħabba r-rilevanza tar-raġunijiet mogħtija fil-qafas strateġiku, li titħejja inizjattiva leġiżlattiva.

1.4.2. Taqsima 2.2: (i) il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi l-kanċer li joriġina minn ambjent okkupazzjonali fil-Pjan futur tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, u biex twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Karċinoġeni u l-Mutaġeni (CMD) għas-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni u għall-prodotti mediċinali perikolużi, sabiex jiġi garantit segwitu fuq medda twila ta' żmien tal-ħaddiema esposti għal dawn is-sustanzi, inklużi dawk li m'għadhomx iwettqu xogħolhom f'dawn l-istess kundizzjonijiet; (ii) jirrakkomanda li l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tivvaluta "kif tista' tissaħħaħ l-effettività tad-Direttiva dwar is-Sanzjonijiet tal-Impjegaturi (2009/52/KE)" twassal għal reviżjoni li tipprevedi sanzjonijiet aktar severi għall-impjegaturi li jiksru l-liġi; (iii) iqis li huwa urġenti, kif juru t-tagħlimiet meħuda reċentement mill-COVID-19, li tiġi żviluppata inizjattiva leġiżlattiva dwar il-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali; (iv) jikkunsidra li l-esperjenza miksuba u r-riċerka dwar id-disturbi muskoloskeletalni jiġġustifikaw il-ħtieġa ta' inizjattiva leġiżlattiva f'dan il-qasam.

1.4.3. Taqsima 2.3: (i) il-Kumitat jirrakkomanda li r-rakkomandazzjoni dwar l-iskeda Ewropea tal-mard okkupazzjonali tinbidel f'direttiva; (ii) jissuġġerixxi li tittejjeb id-Direttiva dwar l-Aġenti Bijoloġiċi fid-dawl ta' esperjenzi reċenti; (iii) fir-rigward tal-ispettorati nazzjonali tax-xogħol, jipproponi li jiġi stabbilit l-oġettiv li sa tmiem il-perjodu kopert mill-qafas strateġiku, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-proporzjon stabbilit fl-istandards tal-ILO, jiġifieri spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem. Jekk dan l-oġettiv ma jintlaħaqx matul il-perjodu kopert mill-qafas strateġiku, il-Kummissjoni għandha tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva għal dan il-għan.

1.4.4. Kapitolu 3: il-Kumitat jirrakkomanda li l-azzjonijiet ta' spezzjoni tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol jiġu integrati u promossi kif xieraq fil-qafas strateġiku, minħabba r-rwol importanti li din l-awtorità għandha fil-koordinazzjoni tal-ispezzjonijiet transfruntiera.

⁽⁵⁾ Ibid.

⁽⁶⁾ Ibid.

⁽⁷⁾ Ibid.

1.5. Il-KESE jinnota li minkejja xi titjib f'dawn l-aħħar snin, id-data u l-għarfien dwar ir-realtà tal-UE u tal-Istati Membri fil-qasam tal-OSH għadhom neqsin ħafna. Il-KESE huwa konvint li dan l-għarfien huwa essenzjali sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati aħjar l-isfidi u jiġu evitati r-riskji, jiġu żviluppati politiki xierqa u jiġu mmonitorjati l-implimentazzjoni u l-progress fil-livell tal-UE u fid-diversi Stati Membri, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-oġġettivi u l-azzjonijiet li jirriżultaw mill-qafas strateġiku dwar l-OSH 2021-2027.

1.6. Il-KESE jenfasizza li fil-proċess tar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, huwa meħtieġ li jitqiesu t-trasformazzjonijiet ekoloġiċi, diġitali, demografiċi u soċjali tal-ekonomija Ewropea, u b'mod partikolari fid-dinja tax-xogħol, sabiex jiġu protetti l-ħaddiema jew il-persuni li jaħdmu għal rashom, f'dan il-każ f'konformità mal-punt 1.4.1 (i).

1.7. L-Istati Membri huma b'mod partikolari responsabbli għall-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar l-OSH u għall-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin sani u sikuri għall-ħaddiema Ewropej kollha, b'mod partikolari għall-ħaddiema staġjonali u l-gruppi l-aktar vulnerabbli bħaż-żgħażaġh, l-anzjani, in-nisa, persuni b'diżabilità, migranti u ħaddiema f'kundizzjonijiet prekarji. It-tisħiħ tar-riżorsi tekniċi u umani tal-ispettorati tax-xogħol, li naqsu f'dawn l-aħħar snin f'ħafna Stati Membri, kif ukoll it-titjib tal-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u t-taħriġ fil-livell Ewropew, huma fatturi essenzjali biex titjeb b'mod sinifikanti l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-OSH. Il-gwida u l-appoġġ li jippermettu lill-SMEs, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro, jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni dwar l-OSH għandhom ikunu wkoll prijorità għall-Istati Membri differenti. Bħala gwardjana tat-Trattati, il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli biex tiżgura li l-Istati Membri jikkonformaw b'mod xieraq mal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.

1.8. Il-KESE jirakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, waqt l-aġġornament tal-istrateġija nazzjonali dwar l-OSH, jieħdu inizjattivi bl-għan li jippromovu djalogu soċjali permanenti bejn l-imsieħba soċjali dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa u tas-sikurezza fis-setturi differenti, fin-negozji u fuq il-post tax-xogħol. Il-parteciġazzjoni tat-trade unions u tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u l-konsultazzjoni permanenti tagħhom dwar il-valutazzjoni u l-prevenzjoni tar-riskju hija essenzjali għall-promozzjoni tal-ambjenti tax-xogħol sikuri u sani, u li jkollhom impatt dirett fuq is-saħħa tal-ħaddiema, fuq il-produttività tan-negozji u fuq is-servizzi tas-saħħa pubblika.

1.9. Fid-dawl tal-isfidi tal-globalizzazzjoni u tal-ambizzjoni Ewropea li "jogħlew l-istandards tal-OSH globalment", il-KESE jirakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkooperaw mill-qrib mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) biex jippromovu l-integrazzjoni tad-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u sani fil-qafas tal-ILO dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll ir-rispett ta' dawn il-prinċipji fil-ktajjen tal-provvista globali.

2. Kuntest ġenerali

2.1. Il-KESE jinnota li "għal kważi 20 sena issa, l-oqfsa strateġiċi tal-UE dwar l-OSH kellhom rwol ċentrali fil-mod kif l-awtoritajiet nazzjonali u s-sħab soċjali jiddeċiedu dwar l-oġġettivi tal-OSH" ⁽⁸⁾. Madankollu, il-KESE jenfasizza li, għalkemm huma bla dubju importanti fil-pjani nazzjonali, dawn l-oqfsa strateġiċi huma nieqsa mill-viżibbiltà u li f'diversi Stati Membri t-trade unions, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem ma kinux involuti biżżejjed fl-iżvilupp u l-monitoraġġ tagħhom.

2.2. Il-KESE jieħu nota tal-evalwazzjoni tal-qafas strateġiku tal-UE għas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2014-2020, b'mod partikolari l-enfasi fuq aspetti importanti bħal: (i) il-limitazzjonijiet tal-Istati Membri f'termini ta' riżorsi; (ii) il-ħtieġa li ssir aktar enfasi fuq il-mard okkupazzjonali, it-tidil demografiku, ir-riskji psikosoċjali u d-disturbi muskuloskeletal; u (iii) il-ħtieġa li kemm l-ispettorati tax-xogħol kif ukoll in-negozji jiġu meġhuna jtejbu l-istandards tagħhom tal-OSH ⁽⁹⁾.

2.3. Il-KESE jinnota li l-leġiżlazzjoni Ewropea naqqset dawn ir-riskji u kkontribwiet għat-titjib tal-istandards tal-OSH fis-setturi kollha tal-attività ekonomika, fl-Istati Membri kollha. Madankollu għad fadal sfidi u l-pandemija tal-COVID-19 aggravat ir-riskji, li għandhom jiġu indirizzati.

2.4. Il-KESE jirrikonoxxi l-progress sinifikanti li sar fl-aħħar snin fl-UE fil-qasam tal-OSH: l-aċċidenti fatali fuq il-post tax-xogħol fl-UE naqsu b'madwar 70 % bejn l-1994 u l-2018. Filwaqt li d-deindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa u t-titjib fil-kura medika kkontribwew għal dan it-tnaqqis, huwa minnu wkoll li s-sistema tal-OSH tal-UE kellha wkoll rwol importanti ⁽¹⁰⁾.

⁽⁸⁾ Ibid.

⁽⁹⁾ Ibid.

⁽¹⁰⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2021) 323 final).

2.5. Il-KESE jinnota li minkejja dan il-progress, xorta waħda seħħew aktar minn 3 300 aċċident fatali u 3,1 miljun aċċident mhux fatali fl-EU-27 fl-2018, u aktar minn 200 000 ħaddiem imutu ta' kull sena minn mard okkupazzjonali. Dan iġib miegħu tbatija umana immensa. Iż-żamma u t-titjib ta' standards ta' protezzjoni għall-ħaddiema huma għalhekk sfida permanenti u ħtieġa ⁽¹¹⁾.

2.6. Il-KESE jissottolinja li kull sena, l-aċċidenti u l-mard relatati max-xogħol jiswew lill-ekonomija tal-UE aktar minn 3,3 % tal-PGD (madwar EUR 460 000 000 000 fl-2019), u li skont l-istimi, għal kull euro investit fl-OSH ir-redditu għall-impjegatur ikun madwar id-doppju ⁽¹²⁾.

2.7. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet kemm l-OSH hija kruċjali għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema, għall-funzjonament tas-soċjetà tagħna, u għall-kontinwità ta' attivitajiet ekonomiċi kritiċi. Il-KESE jaqbel mal-osservazzjoni li l-pandemija enfasizzat ukoll il-ħtieġa ta' strateġija bbażata fuq l-OSH u l-politiki tas-saħħa pubblika, bil-ħolqien ta' sinerġiji bejn dawn iż-żewġ dimensjonijiet li għandhom impatt dirett fuq "[il-]funzjonament tas-soċjetà tagħna u [...] [il-]kontinwità ta' attivitajiet soċjali u ekonomiċi kritiċi" ⁽¹³⁾.

3. Il-qafas strateġiku tal-Unjoni Ewropea dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027

3.1. Huwa f'dan il-kuntest ġenerali li l-Kummissjoni tippreżenta l-qafas strateġiku ġdid tal-UE għall-OSH 2021-2027 ⁽¹⁴⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-qafas strateġiku"), imħabbar fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jiffoka fuq it-tliet objettivi ewlenin li ġejjin:

- l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-**bidla** fid-dinja l-ġdida tax-xogħol permezz tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u demografiċi;
- it-titjib tal-**prevenzjoni** ta' aċċidenti u ta' mard okkupazzjonali;
- iż-żieda fit-**tħejjija** għal kwalunkwe kriżi potenzjali futura tas-saħħa.

3.2. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li biex jintlaħqu dawn l-objettivi ser ikunu meħtieġa:

- (i) djalogu soċjali msaħħaħ;
- (ii) żieda fil-kapaċitajiet ta' riċerka u ġbir ta' data fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE;
- (iii) infurzar aħjar tal-leġiżlazzjoni;
- (iv) sensibilizzazzjoni;
- (v) mobilizzazzjoni ulterjuri tal-finanzjament.

3.3. Il-KESE jinnota li l-qafas strateġiku jipprevedi l-implimentazzjoni ta' 36 azzjoni matul il-perjodu kopert, li 17 minnhom jaqgħu taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Kummissjoni, 16 tal-Istati Membri u 3 tal-imsieħba soċjali.

4. Osservazzjonijiet dwar il-qafas strateġiku

4.1. Taqsima 2.1: L-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla

4.1.1. Fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, in-natura tal-funzjonijiet kif ukoll tal-modi u tal-postijiet tax-xogħol qed tinbidel, u dan joħloq sfidi kbar għall-Istati Membri u għan-negozji biex jiżguraw is-saħħa u l-benesseri tal-ħaddiema.

4.1.2. Il-forza tax-xogħol li qed tixjeh tesiġi li l-ambjent tax-xogħol u l-kompiti jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' ħaddiema akbar fl-età sabiex jonqsu kemm jista' jkun ir-riskji, u għalhekk l-OSH għandha rwol ewleni biex it-tibdil demografiku jiġi indirizzat b'mod adegwat.

⁽¹¹⁾ Ibid.

⁽¹²⁾ Ibid.

⁽¹³⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2021) 323 final).

⁽¹⁴⁾ Ibid.

4.1.3. It-teknoloġiji diġitali jistgħu joffru wkoll lill-ħaddiema, inklużi l-ħaddiema b'diżabilità jew dawk akbar fl-età, opportunitajiet ġodda biex kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel itejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Huma jappoġġjaw ukoll l-implimentazzjoni tal-OSH permezz ta' għodod aċċessibbli, miżuri ta' sensibilizzazzjoni u spezzjonijiet aktar effiċjenti.

4.1.4. Il-KESE jemmen li r-robotizzazzjoni u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali jistgħu jnaqqsu r-riskji assoċjati ma' kompiti perikolużi, bħal dawk li jsejtnu f'żoni b'kontaminazzjoni għolja, bħal sistemi tal-ilma skartat, miżbliet jew żoni ta' fumigazzjoni agrikola, u jistgħu jipprovdu wkoll opportunitajiet ġodda għall-ħaddiema u n-negozji. Huwa minnu, madankollu, li t-teknoloġiji l-ġodda jgħolqu wkoll diffikultajiet kbar minħabba ż-żieda fil-ħin irregolari u l-post tax-xogħol, il-possibbiltà ta' monitoraġġ tal-ħaddiema u r-riskji assoċjati ma' għodod u magni ġodda. Dawn l-isfidi jżidu l-istress psikoloġiku, li jista' jwassal għal għadd dejjem jikber ta' mard psikosomatiku, li kontribom jeħtieġ li jinstabu miżuri xierqa.

4.1.5. Għalkemm il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-OSH diġà tkopri ħafna mir-riskji li jirriżultaw mill-iżviluppi fl-industriji, fit-tagħmir u fil-postijiet tax-xogħol, il-KESE jaqbel mal-idea tal-Kummissjoni Ewropea li l-evoluzzjonijiet teknoloġiċi, ix-xjuħija tal-forza tax-xogħol u l-evoluzzjoni ta' forum ta' xogħol, jesigū proposti leġiżlattivi ġodda.

4.1.6. F'dan il-kuntest, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva Qafas dwar l-OSH sabiex tadattaha għar-realtajiet tax-xogħol kif ukoll għar-riskji u l-isfidi ġodda relatati mat-tibdil fil-klima (pereżempju, xogħol li jsir f'temperaturi għoljin jew fil-beraħ), mat-tibdil demografiku u mad-diġitalizzazzjoni.

4.1.7. Il-KESE jemmen li r-riskji psikosoċjali, li diġà kienu għoljin ħafna qabel il-pandemija, żdiedu b'mod konsiderevoli b'riżultat tal-COVID-19 u bl-introduzzjoni massiva, mhux ippjanata, tax-xogħol mill-bogħod mhux volontarju, bil-konsegwenzi tiegħu bħall-għajbien tad-distinzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-konnettività permanenti, in-nuqqas ta' interazzjoni soċjali u ż-żieda fl-użu tal-ICT.

4.2. Taqsima 2.2: It-titjib tal-prevenzjoni ta' mard u ta' aċċidenti okkupazzjonali

4.2.1. Il-KESE jappoġġja l-viżjoni tal-Kummissjoni — approċċ “Viżjoni zero” lejn l-imwiet relatati max-xogħol u t-tisħiħ tal-kultura ta' prevenzjoni fl-UE. Il-KESE jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni, u b'mod partikolari l-“Viżjoni zero” tagħha “għall-imwiet relatati max-xogħol” u l-idea li tissaħħaħ il-kultura ta' prevenzjoni, u jaqbel li “il-prevenzjoni ta' mwiet relatati max-xogħol se tkun possibbli biss billi: i) issir investigazzjoni bir-reqqa tal-aċċidenti u l-imwiet fuq il-post tax-xogħol, ii) jiġu identifikati u indirizzati l-kawżi ta' dawn l-aċċidenti u l-imwiet, iii) tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji relatati ma' aċċidenti, korrimenti u mard okkupazzjonali u iv) jissaħħaħ l-infurzar tar-regoli u l-linji gwida eżistenti”.

4.2.2. Il-KESE jqis inaċċettabbli l-mijiet ta' eluf ta' mwiet relatati mal-kanċers okkupazzjonali u jistieden lill-Istati Membri jimplementaw malajr l-istrategġija tal-pjan direzzjonali dwar is-sustanzi karċinoġeniċi u jinfurzar il-valuri ta' limitu u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn adottati fil-livell tal-UE, sabiex jillimitaw l-esponiment ta' madwar 40 miljun ħaddiem għal 26 sustanza perikoluża u għalhekk itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Il-KESE jemmen li l-lista ta' sustanzi perikolużi għandha tiġi riveduta u s-supplementata, b'mod partikolari billi jiġu inklużi n-nanomaterjali u l-effetti karċinoġeniċi tagħhom, u jirrakkomanda li l-għadd ta' karċinoġeni soġġetti għal valuri limitu ta' espożizzjoni jiżdied għal 50.

4.2.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromovu s-saħħa fuq il-post tax-xogħol u jagħtu prijorità lit-titjib tar-riċerka u tal-ġbir tad-data, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. L-azzjonijiet tagħhom għandhom ikopru b'mod partikolari l-mard kardjovaskulari relatat max-xogħol u d-disturbi muskuloskeletalni kif ukoll ir-riskji psikosoċjali.

4.2.4. Il-KESE jappoġġja l-proposta li tiġi aġġornata kontinwament il-metodoloġija biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tas-sustanzi perikolużi sabiex jiġu identifikati l-gwadanji possibbli fl-effiċjenza fl-iffissar tal-valuri ta' limitu tal-OSH. Huwa jenfasizza u jappoġġja l-proċess li bih tiġi indirizzata l-problema tas-sustanzi perikolużi abbażi ta' valutazzjoni xjentifika, f'konformità mal-prinċipju ta' “sustanza waħda, valutazzjoni waħda”. Il-konsultazzjoni tripartitika tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH) u l-involvement mill-qrib tal-partijiet ikkonċernati kollha huma meqjusa li kienu ta' suċċess.

4.2.5. Huwa jqis, fil-kuntest tal-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-partijiet ikkonċernati dwar il-ħtieġa li jiġu protetti l-ħaddiema tas-saħħa esposti għal prodotti mediċinali perikolużi u għal riskji oħra, li l-kwistjoni għandha tiġi eżaminata aktar, mhux biss permezz ta' taħriġ, edukazzjoni u gwida, iżda wkoll permezz tal-adozzjoni ta' liġi vinkolanti.

4.2.6. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li tiġi rikonnoxxuta d-diversità, inklużi d-differenzi u l-inugwaljanzi bejn l-irġiel u n-nisa, u li tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni fil-forza tax-xogħol biex jiġu żgurati s-sikurezza u s-saħħa kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel, b'mod partikolari fil-valutazzjoni tar-riskji fuq il-post tax-xogħol, u li għandhom jittieħdu miżuri biex jiġu evitati l-preġudizzji abbażi tal-ġeneru. Fi kwalunkwe każ, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-kapaċità għax-xogħol tista' tiġi affettwata mill-istatus bijoloġiku (treddigħ, tqala).

4.2.7. Hemm ukoll il-ħtieġa li jittejbu l-perspettivi tal-persuni b'diżabilità dwar is-suq tax-xogħol, inkluż fir-rigward tal-applikazzjoni prattika tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u l-iskemi ta' riabilitazzjoni vokazzjonali għall-persuni li jbatu minn mard kroniku jew għall-persuni li kienu vittmi ta' aċċidenti.

4.2.8. Il-protezzjoni ta' gruppi ta' ħaddiema partikolarment vulnerabbli trid titjeb. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri kollha għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-korpi ta' spezzjoni tax-xogħol u r-ratifika tal-Konvenzjoni tal-2019 dwar il-Vjolenza u l-Fastidju. Il-KESE jhegġegħ lill-Istati Membri kollha biex jirratifikaw din il-Konvenzjoni matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Istrateġija.

4.3. Taqsima 2.3: Titjib fit-tnejja — rispons rapidu għat-theddid

4.3.1. Il-kriżi tal-COVID-19 uriet li s-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol huma kruċjali fl-ghajjnuna lill-ħaddiema, lin-negozji u lill-Istati Membri biex jiproteġu l-ħajjet u jimmaniġġjaw ir-riskji biex jiżguraw il-benesseri, il-kontinwità tal-attivitajiet u s-sostenibbiltà tan-negozji.

4.3.2. Waħda mit-tagħlimiet għall-ġejjieni hija l-importanza ta' sinerġiji bejn l-OSH u s-saħħa pubblika, li ppermettew rispons effettiv matul il-kriżi. Din l-interazzjoni trid tissaħħaħ fl-Istati Membri kollha sabiex l-UE tkun lesta tiffaċċja kriżijiet futuri tas-saħħa.

4.3.3. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza tal-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) għall-ħolqien, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-imsieħba soċjali, ta' għodod ta' gwida li ppermettew lin-negozji, b'mod partikolari lill-SMEs, biex jirreaġixxu b'mod adegwat għall-fażijiet differenti tal-pandemija.

4.3.4. Il-klassifikazzjoni tal-virus SARS-CoV-2 skont id-Direttiva dwar l-Aġenti Bijoloġiċi għenet biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħaddiema f'faċilitajiet li fihom ikun qed jiġi mmanipulat il-virus għall-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-amministrazzjoni tal-vaċċini.

4.3.5. Il-pandemija wriet li l-ħaddiema mobbli u transfruntiera — inklużi l-ħaddiema staġjonali, migranti u ħaddiema f'kundizzjonijiet prekarji — huma esposti aktar għal kundizzjonijiet ta' ħajja u ta' xogħol ta' detriment għas-saħħa jew perikolużi, pereżempju minħabba li jkunu joqogħdu f'akkomodazzjoni fqira jew iffullata żżejjed jew minħabba li ma jkunux jafu d-drittijiet tagħhom. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom tal-OSH u biex isaħħu l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni tagħhom dwar il-ħtieġa li jippromovu kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja ġusti u sikuri għall-ħaddiema staġjonali, mobbli u transfruntiera.

4.3.6. Il-KESE jinnotta l-importanza, enfasizzata mill-Kummissjoni li jiġu appoġġjati l-ħaddiema infettati mill-COVID-19 u l-familji li tilfu membri tal-familja minħabba esponiment fil-post tax-xogħol għas-SARS-CoV-2 u l-fatt li 25 Stat Membru diġà hađu passi f'din id-direzzjoni, anke permezz tar-rikonoxximent tal-COVID-19 bħala marda okkupazzjonali⁽¹⁵⁾.

4.4. Kapitolu 3: L-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku aġġornat

4.4.1. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni meta din tiddikjara li "s-sħab soċjali jinsabu f'pożizzjoni partikolarment tajba biex isibu soluzzjonijiet adattati għaċ-ċirkostanzi ta' attività jew settur speċifiku"⁽¹⁶⁾.

4.4.2. Il-KESE jissottolinja li l-pandemija wriet ir-rwol ewlieni tan-negozji u tal-postijiet tax-xogħol fit-tixrid/l-imxija tal-kontaminazzjoni; għalhekk huwa iktar u iktar importanti li jittieħdu miżuri tal-OSH li jkunu adattati għal kull unità ekonomika speċifika.

4.4.3. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tieħu inizzjattivi f'dan ir-rigward, taħt il-qafas strateġiku, bil-ħsieb li tippromovi djalogu soċjali permanenti bejn l-imsieħba soċjali dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza fid-diversi setturi ta' attività, u b'mod speċjali fin-negozji. Il-parteċipazzjoni tat-trade unions u tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u l-konsultazzjoni permanenti tagħhom dwar is-sitwazzjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib man-negozjati u l-ftehimiet kollettivi, kif ukoll il-valutazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju, l-isfruttar ta' possibbiltajiet u l-ħolqien ta' ambjenti tax-xogħol sikuri u sani għandhom impatt dirett fuq is-saħħa tal-ħaddiema, fuq il-produttività u fuq il-kompetittività tan-negozji u s-soċjetà nnifisha, b'mod partikolari fuq is-servizzi tas-saħħa pubblika.

4.4.4. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li għarfien eżatt u aġġornat tar-realtà tal-OSH, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri, jippermetti l-identifikazzjoni tal-kwistjonijiet u l-prevenzjoni tar-riskji, id-definizzjoni ta' politiki xierqa, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom u l-analiżi tar-risultati tagħhom. L-għarfien dwar l-innovazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi u l-integrazzjoni kostanti tagħhom fid-deċizzjonijiet politiki jippermettu wkoll l-iżvilupp kontinwu ta' dawn id-deċizzjonijiet.

⁽¹⁵⁾ Ibid.

⁽¹⁶⁾ Ibid.

4.4.5. Il-KESE jappoġġja l-ħtieġa li jkun hemm bażijiet tad-data tal-OSH aġġornati u xierqa fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, b'indikaturi soċjali ġodda għar-riċerka u r-rappurtar, l-analiżi u l-istudju dwar l-OSH fid-dimensjonijiet kollha tagħhom”⁽¹⁷⁾

4.4.6. Il-KESE jinnota li “s-suċċess ta’ dan il-qafas strateġiku jiddependi l-aktar fuq l-implimentazzjoni tiegħu fil-livell nazzjonali u lokali”⁽¹⁸⁾. Dan l-approċċ jagħti lill-Istati Membri responsabbiltà akbar fl-infurzar u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, fil-promozzjoni tad-djalogu soċjali bejn l-imsieħba soċjali u fl-eliminazzjoni tal-ostakli għal djalogu bħal dan, peress li waħda mill-kundizzjonijiet bażiċi għas-suċċess tal-qafas strateġiku hija l-intervent tal-ispettorati tax-xogħol fil-livell tal-Istati Membri, l-azzjoni tat-tekniki u tat-tobba tax-xogħol u l-parteċipazzjoni tat-trade unions u tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-qasam tal-OSH.

4.4.7. Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-qafas strateġiku, il-KESE jfakkar li n-negozji għandhom responsabbiltà ġenerali għas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, kemm jekk fuq il-post tax-xogħol jew meta l-ħaddiem jaħdem mill-bogħod. Madankollu, dan joħloq sfida meta l-ħaddiem ikun qed jaħdem mid-dar jew minn post ieħor fejn l-impjegatur jista’ ma jkollux kontroll jew aċċess.

4.4.8. Il-KESE jaqbel li s-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji assoċjati ma’ aċċidenti, korrimenti u mard okkupazzjonali hija essenzjali biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-qafas strateġiku, b'enfasi fuq “Viżjoni zero” fir-rigward ta’ mwiet minħabba aċċidenti fuq il-post tax-xogħol. Il-KESE jemmen li s-sensibilizzazzjoni hija tabilħaqq waħda mill-miżuri fundamentali għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, iżda li l-element ewlieni għas-suċċess jinsab fl-eżistenza preċedenti ta’ din il-leġiżlazzjoni, flimkien, sussegwentement, mal-parteċipazzjoni u l-kontroll. Il-KESE huwa konvint li, sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta’ din l-istrateġija, huwa essenzjali li wieħed jiffoka fuq il-prevenzjoni u l-konformità mad-direttivi dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.

4.4.9. Skont il-KESE, din is-sensibilizzazzjoni tiddependi ħafna mill-parteċipazzjoni attiva tal-imsieħba soċjali u tal-partijiet ikkonċernati kollha. Huwa f’dan il-kuntest li huwa japprezza r-rwol tal-ACSH u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tivvalorizza aktar.

4.4.10. Il-KESE jikkunsidra li għalkemm il-partijiet ikkonċernati kollha — l-Istati Membri, in-negozji, l-ispettorati tax-xogħol u l-ħaddiema — jaqblu dwar il-ħtieġa li jintlaħqu dawn l-oġġettivi, il-grad ta’ responsabbiltà jvarja, u huma l-ħaddiema li huma l-aktar vulnerabbli u li għandhom l-inqas setgħa, u għaldaqstant għandhom jingħataw l-akbar protezzjoni.

4.4.11. Il-KESE iqis għalhekk li l-ħaddiem, meta jinnota riskju ta’ aċċident jew ta’ mard serju fuq il-post tax-xogħol tiegħu, u b’mod partikolari riskju fatali, għandu jkun jista’ jirrifjuta li jaħdem u, fl-aħħar istanza, ikollu d-dritt li jtemm il-kuntratt tiegħu filwaqt li jibbenefika minn kumpens jekk ħajtu tkun ipperikolata minħabba li n-negozju ma jkunx jikkonforma mar-regoli tal-OSH.

4.4.12. Il-KESE jinnota li hemm total ta’ 11-il fond u mekkaniżmu finanzjarju Ewropew li jagħmluha possibbli li jiġu ffinanzjati azzjonijiet fl-oqsma differenti tal-OSH⁽¹⁹⁾. Il-KESE jissottolinja li l-appoġġ finanzjarju għall-azzjonijiet fil-qasam tal-OSH huwa wieħed mill-elementi ewlenin għas-suċċess tal-qafas strateġiku nnifsu. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni ttipprovi informazzjoni aktar dettaljata lill-Istati Membri u, b’mod partikolari, lill-imsieħba soċjali, sabiex tiffaċilita l-aċċess tagħhom għall-proġetti tal-OSH u ttejjeb l-implimentazzjoni tagħhom.

4.5. Kapitolu 4: Il-promozzjoni ta’ standards effettivi tal-OSH madwar id-dinja

4.5.1. Il-KESE jaqbel mad-dikjarazzjoni li “f’dinja globalizzata, it-theddid għas-saħħa u għas-sikurezza ma jiqafx fil-fruntieri” u huwa wkoll tal-fehma li l-oġġettiv tal-qafas strateġiku huwa “biex jogħlew l-istandards tal-OSH globalment”⁽²⁰⁾.

4.5.2. Il-KESE jappoġġja wkoll il-pożizzjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-ILO biex timplimenta u timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni taċ-Ċentenarju għall-Futur tax-Xogħol (2019), li tappoġġja l-integrazzjoni tad-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa fil-qafas tal-ILO dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol.

Brussell, l-20 ta’ Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹⁷⁾ .

⁽¹⁸⁾ Ibid.

⁽¹⁹⁾ Ibid.

⁽²⁰⁾ Ibid.

ANNEX

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċevew tal-inqas kwart tal-voti mixħuta (Artikolu 43(2) tar-Regoli ta' Proċedura):

EMENDA 1**Imressqa minn:**

LE BRETON Marie-Pierre

MINCHEVA Mariya

PILAWSKI, Lech

VADÁSZ Borbala

VERNICOS George

SOC/698 — Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali — Qafas strateġiku tal-UE (2021-2027)**Punt 4.1.5**

Ibdel it-test kif ġej:

Opinjoni tas-sezzjoni	Emenda
Għalkemm il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-OSH diġà tkopri ħafna mir-riskji li jirriżultaw mill-iżviluppi fl-industriji, fit-tagħmir u fil-postijiet tax-xogħol, il-KESE jaqbel mal-idea tal-Kummissjoni Ewropea li l-evoluzzjonijiet teknoloġiċi, ix-xjuħija tal-forza tax-xogħol u l-evoluzzjoni ta' forom ta' xogħol, jesigū proposti leġiżlattivi ġodda.	Għalkemm il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-OSH diġà tkopri ħafna mir-riskji li jirriżultaw mill-iżviluppi fl-industriji, fit-tagħmir u fil-postijiet tax-xogħol, il-KESE jaqbel mal-idea tal-Kummissjoni Ewropea li l-evoluzzjonijiet teknoloġiċi, ix-xjuħija tal-forza tax-xogħol u l-evoluzzjoni ta' forom ta' xogħol, jistgħu jesigū proposti leġiżlattivi ġodda.

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 70

Kontra: 118

Astensjonijiet: 11

EMENDA 2**Imressqa minn:**

LE BRETON Marie-Pierre

MINCHEVA Mariya

PILAWSKI, Lech

VADÁSZ Borbala

VERNICOS George

SOC/698 — Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali — Qafas strateġiku tal-UE (2021-2027)

Punt 4.1.6

Ibdel it-test kif ġej:

Opinjoni tas-sezzjoni	Emenda
F'dan il-kuntest, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva Qafas dwar l-OSH sabiex tadattaha għar-realtajiet tax-xogħol kif ukoll għar-riskji u l-isfidi ġodda relatati mat-tibdil fil-klima (pereżempju, xogħol li jsir f'temperaturi għoljin jew fil-beraħ), mat-tibdil demografiku u mad-diġitalizzazzjoni.	F'dan il-kuntest, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni timmonitorja mill-viċin l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-OSH u jekk ikun meħtieġ tirrevediha sabiex tiżgura li din tkopri wkoll ir-riskji u l-isfidi ġodda relatati mat-tibdil fil-klima (pereżempju, xogħol li jsir f'temperaturi għoljin jew fil-beraħ), mat-tibdil demografiku u mad-diġitalizzazzjoni.

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 68

Kontra: 124

Astensjonijiet: 12

EMENDA 3

Imressqa minn:

LE BRETON Marie-Pierre

MINCHEVA Mariya

PILAWSKI, Lech

VADÁSZ Borbala

VERNICOS George

SOC/698 — Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali — Qafas strateġiku tal-UE (2021-2027)

Punt 4.2.2

Ibdel it-test kif ġej:

Opinjoni tas-sezzjoni	Emenda
Il-KESE jqis inaċċettabbli l-mijiet ta' eluf ta' mwiet relatati mal-kanċers okkupazzjonali u jistieden lill-Istati Membri jimplementaw malajr l-istrateġija tal-pjan direzzjonali dwar is-sustanzi karċinoġeniċi u jinfurzaw il-valuri ta' limitu u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn adottati fil-livell tal-UE, sabiex jillimitaw l-esponiment ta' madwar 40 miljun ħaddiem għal 26 sustanza perikoluża u għalhekk itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Il-KESE jemmen li l-lista ta' sustanzi perikolużi għandha tiġi riveduta u ssupplementata, b'mod partikolari billi jiġu inklużi n-nanomaterjali u l-effetti karċinoġeniċi tagħhom , u jirrakkomanda li l-għadd ta' karċinoġeni soġġetti għal valuri limitu ta' espożizzjoni jiżdied għal 50 .	Il-KESE jqis inaċċettabbli l-mijiet ta' eluf ta' mwiet relatati mal-kanċers okkupazzjonali u jistieden lill-Istati Membri jimplementaw malajr l-istrateġija tal-pjan direzzjonali dwar is-sustanzi karċinoġeniċi u jinfurzaw il-valuri ta' limitu u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn adottati fil-livell tal-UE, sabiex jillimitaw l-esponiment ta' madwar 40 miljun ħaddiem għal 26 sustanza perikoluża u għalhekk itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Il-KESE jemmen li l-lista ta' sustanzi perikolużi għandha tiġi riveduta u ssupplementata, b'mod partikolari billi jiġu inklużi nanomaterjali speċifiċi b'effetti karċinoġeniċi pprovati , u jirrakkomanda sforzi massimi biex jiġi estiż l-għadd ta' karċinoġeni soġġetti għal valuri limitu ta' espożizzjoni.

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 68

Kontra: 135

Astensjonijiet: 6

EMENDA 4**Imressqa minn:**

LE BRETON Marie-Pierre

MINCHEVA Mariya

PILAWSKI, Lech

VADÁSZ Borbala

VERNICOS George

SOC/698 — Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali — Qafas strateġiku tal-UE (2021-2027)**Punt 4.2.5**

Ibdel it-test kif ġej:

Opinjoni tas-sezzjoni	Emenda
Huwa jqis, fil-kuntest tal-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-partijiet ikkonċernati dwar il-ħtieġa li jiġu protetti l-ħaddiema tas-saħħa esposti għal prodotti mediċinali perikolużi u għal riskji oħra, li l-kwistjoni għandha tiġi eżaminata aktar, mhux biss permezz ta' taħriġ, edukazzjoni u gwida, iżda wkoll permezz tal- adozzjoni ta' liġi vinkolanti .	Huwa jqis, fil-kuntest tal-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-partijiet ikkonċernati dwar il-ħtieġa li jiġu protetti l-ħaddiema tas-saħħa esposti għal prodotti mediċinali perikolużi u għal riskji oħra, li l-kwistjoni għandha tiġi eżaminata aktar, mhux biss permezz ta' taħriġ, edukazzjoni u gwida, iżda wkoll permezz tal- implimentazzjoni effiċjenti tal-liġi eżistenti .

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 71

Kontra: 133

Astensjonijiet: 9

EMENDA 5**Imressqa minn:**

LE BRETON Marie-Pierre

MINCHEVA Mariya

PILAWSKI, Lech

VADÁSZ Borbala

VERNICOS George

SOC/698 — Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali — Qafas strateġiku tal-UE (2021-2027)

Punt 4.3.5

Ibdel it-test kif ġej:

Opinjoni tas-sezzjoni	Emenda
<p>Il-pandemija wriet li l-ħaddiema mobbli u transfruntiera — inklużi l-ħaddiema staġjonali, migranti u ħaddiema f'kundizzjonijiet prekarji — huma esposti aktar għal kundizzjonijiet ta' ħajja u ta' xogħol ta' detriment għas-saħħa jew perikolużi, pereżempju minħabba li jkunu joqogħdu f'akkomodazzjoni fqira jew iffullata żżejjed jew minħabba li ma jkunux jafu d-drittijiet tagħhom. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom tal-OSH u biex isaħħu l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni tagħhom dwar il-ħtieġa li jippromovu kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja ġusti u sikuri għall-ħaddiema staġjonali, mobbli u transfruntiera.</p>	<p>Il-pandemija wriet li l-ħaddiema mobbli u transfruntiera — inklużi l-ħaddiema staġjonali, u dawk migranti f'sitwazzjoni ta' impjieg mhux sigur — huma esposti aktar għal kundizzjonijiet ta' ħajja u ta' xogħol ta' detriment għas-saħħa jew perikolużi, pereżempju minħabba li jkunu joqogħdu f'akkomodazzjoni fqira jew iffullata żżejjed jew minħabba li ma jkunux jafu d-drittijiet tagħhom. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom tal-OSH u biex isaħħu l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni tagħhom dwar il-ħtieġa li jippromovu kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja ġusti u sikuri għall-ħaddiema staġjonali, mobbli u transfruntiera.</p>

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 72

Kontra: 125

Astensjonijiet: 11

EMENDA 6

Imressqa minn:

LE BRETON Marie-Pierre

MINCHEVA Mariya

PILAWSKI, Lech

VADÁSZ Borbala

VERNICOS George

SOC/698 — Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali — Qafas strateġiku tal-UE (2021-2027)

Punt 4.4.11

Ħassar il-punt:

Opinjoni tas-sezzjoni	Emenda
<p>Il-KESE iqis għalhekk li l-ħaddiem, meta jinnota riskju ta' aċċident jew ta' mard serju fuq il-post tax-xogħol tiegħu, u b'mod partikolari riskju fatali, għandu jkun jista' jirrifjuta li jaħdem u, fl-aħħar istanza, ikollu d-dritt li jtemm il-kuntratt tiegħu filwaqt li jibbenefika minn kumpens jekk ħajtu tkun ipperikolata minħabba li n-negozju ma jkunx jikkonforma mar-regoli tal-OSH.</p>	

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 69

Kontra: 135

Astensjonijiet: 8

EMENDA 7**Imressqa minn:**

LE BRETON Marie-Pierre

MINCHEVA Mariya

PILAWSKI, Lech

VADÁSZ Borbala

VERNICOS George

SOC/698 — Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali — Qafas strateġiku tal-UE (2021-2027)**Punt 1.4.1**

Ibdel it-test kif ġej:

Opinjoni tas-sezzjoni	Emenda
<p>Taqsim 2.1: (i) fir-rigward tal-persuni li jikkwalifikaw bħala li jaħdmu għal rashom u li għalihom m'għandhomx japplikaw ir-regoli dwar l-OSH skont il-qafas strateġiku, il-Kumitat jirrakkomanda li jitwettaq studju f'ħin debitu, bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni, tal-esperti u tal-imsieħba soċjali, bil-ħsieb li tinstab l-aħjar soluzzjoni b'rispett tal-prinċipju li l-ħaddiema kollha li jaħdmu għal rashom għandhom ukoll ikunu jistgħu jaħdmu f'ambjent sikur u san, u li l-konklużjonijiet ta' dan l-istudju jiġu ppreżentati fis-Summit dwar l-OSH tal-2023; (ii) fir-rigward tal-inizjattiva mhux leġiżlattiva dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol li l-Kummissjoni qed tippjana li tnedi fil-livell tal-UE, il-Kumitat qed jipproponi, proprju minħabba r-rilevanza tar-raġunijiet mogħtija fil-qafas strateġiku, li titħejja inizjattiva leġiżlattiva.</p>	<p>Taqsim 2.1: (i) fir-rigward tal-persuni li jikkwalifikaw bħala li jaħdmu għal rashom u li għalihom m'għandhomx japplikaw ir-regoli dwar l-OSH skont il-qafas strateġiku, il-Kumitat jirrakkomanda li jitwettaq studju f'ħin debitu, bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni, tal-esperti u tal-imsieħba soċjali, bil-ħsieb li tinstab l-aħjar soluzzjoni b'rispett tal-prinċipju li l-ħaddiema kollha li jaħdmu għal rashom għandhom ukoll ikunu jistgħu jaħdmu f'ambjent sikur u san, u li l-konklużjonijiet ta' dan l-istudju jiġu ppreżentati fis-Summit dwar l-OSH tal-2023; (ii) fir-rigward tal-inizjattiva mhux leġiżlattiva dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol li l-Kummissjoni qed tippjana li tnedi fil-livell tal-UE, il-Kumitat jilqa' l-approċċ adottat mill-Kummissjoni.</p>

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 66

Kontra: 135

Astensjonijiet: 8

EMENDA 8**Imressqa minn:**

LE BRETON Marie-Pierre

MINCHEVA Mariya

PILAWSKI, Lech

VADÁSZ Borbala

VERNICOS George

SOC/698 — Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali — Qafas strateġiku tal-UE (2021-2027)**Punt 1.4.2**

Ibdel it-test kif ġej:

Opinjoni tas-sezzjoni	Emenda
<p>Taqsim 2.2: (i) il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi l-kanċer li joriġina minn ambjent okkupazzjonali fil-Pjan futur tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, twassal għal u biex twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Karċinoġeni u l-Mutaġeni (CMD) għas-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni u għall-prodotti mediċinali perikolużi, sabiex jiġi garantit segwitu fuq medda twila ta' żmien tal-ħaddiema esposti għal dawn is-sustanzi, inklużi dawk li m'għadhomx iwettqu xogħolhom f'dawn l-istess kundizzjonijiet; (ii) jirrakkomanda li l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tivvaluta "kif tista' tissaħħaħ l-effettività tad-Direttiva dwar is-Sanzjonijiet tal-Impjegaturi (2009/52/KE)" reviżjoni li tippredvi sanzjonijiet aktar severi għall-impjegaturi li jiksru l-liġi; (iii) iqis li huwa urġenti, kif juru t-tagħlimiet meħuda reċentement mill-COVID-19, li tiġi żviluppata inizjattiva leġiżlattiva dwar il-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali; (iv) jikkunsidra li l-esperjenza miksuba u r-riċerka dwar id-disturbi muskolo-skeletalni jiġġustifikaw il-ħtieġa ta' inizjattiva leġiżlattiva f'dan il-qasam.</p>	<p>Taqsim 2.2: (i) il-Kumitat jappoġġja l-proposta fil-Qafas Strateġiku dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali li tiġi identifikata lista prijoritarja ta' sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni — li jeħtieġ li jiġu indirizzati — abbażi tal-opinjoni li ntlaħaq qbil dwarha fi ħdan il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol li tiġi stabbilita lista' ta' sustanzi prijoritarji fir-rigward tal-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol (OEL — occupational exposure limit) u jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi l-kanċer li joriġina minn ambjent okkupazzjonali fil-Pjan futur tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, (ii) jirrakkomanda li l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tivvaluta "kif tista' tissaħħaħ l-effettività tad-Direttiva dwar is-Sanzjonijiet tal-Impjegaturi (2009/52/KE)" twassal għal implimentazzjoni u infurzar effiċjenti; (iii) jaqbel mal-approċċ tal-Kummissjoni li titħejja, bil-kooperazzjoni tal-Istati Membri u l-imsieħba soċjali, inizjattiva mhux leġiżlattiva fil-livell tal-UE marbuta mas-saħħa mentali fil-post tax-xogħol li tivvaluta l-kwistjonijiet emerġenti marbutin mas-saħħa mentali tal-ħaddiema; (iv) jappoġġja l-għan tal-Kummissjoni li r-riskji psikosoċjali u ergonomiċi jagħmlu parti mill-kampanja favur postijiet tax-xogħol ħielsa mill-periklu.</p>

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 70

Kontra: 140

Astensjonijiet: 7

EMENDA 9**Imressqa minn:**

LE BRETON Marie-Pierre

MINCHEVA Mariya

PILAWSKI, Lech

VADÁSZ Borbala

VERNICOS George

SOC/698 — Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali — Qafas strateġiku tal-UE (2021-2027)

Punt 1.4.3

Ibdel it-test kif ġej:

Opinjoni tas-sezzjoni	Emenda
<p>Taqsim 2.3: (i) il-Kumitat jirrakkomanda li r-rakkomandazzjoni dwar l-iskeda Ewropea tal-mard okkupazzjonali tinbidel f'direttiva; (ii) jissuġġerixxi li tittejjeb id-Direttiva dwar l-Aġenti Bijoloġiċi fid-dawl ta' esperjenzi reċenti; (iii) fir-rigward tal-ispettorati nazzjonali tax-xogħol, jipproponi li jiġi stabbilit l-objettiv li sa tmiem il-perjodu kopert mill-qafas strateġiku, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-proporzjon stabbilit fl-istandards tal-ILO, jiġifieri spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem. Jekk dan l-objettiv ma jintlaħaqx matul il-perjodu kopert mill-qafas strateġiku, il-Kummissjoni għandha tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva għal dan il-għan.</p>	<p>Taqsim 2.3: (i) il-Kumitat jinnota li għandu jingħata segwitu kif imiss fl-Istati Membri lir-rakkomandazzjoni dwar l-iskeda Ewropea tal-mard okkupazzjonali; u (ii) jinnota wkoll li d-Direttiva dwar l-Aġenti Bijoloġiċi ttejbet fid-dawl ta' esperjenzi reċenti.</p>

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 70

Kontra: 133

Astensjonijiet: 7

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tagħlim imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva

(COM (2021) 455 final)

(2022/C 105/19)

Relatur ġenerali: **Tatjana BABRAUSKIENĒ**

Relatur ġenerali: **Michael McLOUGHLIN**

Konsultazzjoni	Kunsill, 30.8.2021
Bażi legali	Artikoli 165(4) u 166(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	654
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	152/0/0

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (il-KESE) huwa kument li l-proposta tindika li “l-edukazzjoni hija dritt fundamentali tal-bniedem u dritt tat-tfal”. Il-KESE jilqa' wkoll il-fatt li l-intenzjoni tal-proposta hija li jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) u inizjattivi importanti oħra tal-UE⁽¹⁾ li għandhom l-għan li jtejbu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri biex l-edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva ssir realtà fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali tal-ħajja soċjali u ekonomika u s-suq tax-xogħol.

1.2. Il-KESE jerġa' jappella lill-“Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jimplimentaw l-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jgħid li l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità tajba u inklużiva għandhom ikunu dritt għal kulħadd fl-Ewropa”⁽²⁾, u japplikawh biex tittejjeb il-provvista tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali b'appoġġ għal aċċess ugwali għal tagħlim imħallat għal kulħadd u finanzjament pubbliku sostenibbli abbażi ta' ftehim mal-imsieħba soċjali tal-edukazzjoni u s-soċjetà ċivili.

1.3. Il-KESE jirreferi għall-Opinjoni tiegħu⁽³⁾ li fiha jitlob li “l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-27 [j]eħtieġ li tiżgura djalogu soċjali effettiv u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, rispettu u infurzar tad-drittijiet tax-xogħol, u informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u l-intraprenditorija, b'mod partikolari fil-VET, it-tagħlim għall-adulti u t-taħriġ għall-impjegati, sabiex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet li jiffaċċjaw il-kumpaniji”.

1.4. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri jibnu fuq l-esperjenza miksuba mill-edukazzjoni matul il-kriżi tal-COVID-19, u biex jiġi żgurat li t-tagħlim imħallat ikun imfassal u pprattikat bir-reqqa fil-kurrikuli bbilanċjati bl-appoġġ ta' għodod pedagoġiċi xierqa, sabiex jiġi żgurat li jiġu pprovduti ambjent u għodod ta' tagħlim xierqa u innovattivi għat-tfal kollha. L-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw li jiġi stabbilit tagħlim imħallat biex jappoġġja l-kwalità u l-inklużjoni tal-edukazzjoni, b'mod partikolari għat-tfal fil-bżonn. Il-kunċett ta' tagħlim imħallat, għalkemm qed jinfirex u jirċievi aktar attenzjoni, għadu jeħtieġ aktar riċerka u studju, b'mod partikolari mill-perspettiva tal-iżvantaġġi edukattivi, kif ukoll għall-iskejjel primarji u l-ewwel snin tal-iskejjel sekondarji.

⁽¹⁾ COM/2020/625 final, COM/2020/624 final, ĠU C 66, 26.2.2021 p. 1, ĠU C 221, 10.6.2021, p. 3.

⁽²⁾ ĠU C 56, 16.2.2021, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 286, 16.7.2021, p. 27.

1.5. Il-KESE jinnota li sabiex tiġi żgurata aktar awtonomija għall-istudenti fil-proċessi ta' taġġim tagħhom, huwa importanti li jkun disponibbli taġġim imħallat għall-istudenti kollha, mhux biss għal dawk li jgħixu f'żoni rurali fejn l-aċċess għall-iskola mhuwiex possibbli, jew fl-edukazzjoni terzjarja fejn huwa meħtieġ taġġim indipendenti mill-istudenti.

1.6. Il-KESE jinnota li, f'każijiet ta' taġġim mhux skolastiku u bbażat fuq il-proġetti, jeħtieġ li jiġu żgurati s-saħħa u s-sikurezza tal-istudenti, speċjalment tal-istudenti tal-VET. It-taġġim mill-bogħod fit-tul, fis-seħħ matul il-kriżi tal-COVID-19, kellu impatt negattiv fuq il-benesseri mentali u fiżiku tal-istudenti u tal-għalliema, kif ukoll fuq ir-riżultati tat-taġġim tal-istudenti. Il-KESE jilqa' l-enfasi tal-proposta fuq il-fatt li l-professjonisti tas-saħħa mentali kwalifikati jeħtieġ li jipprovdu appoġġ effettiv għall-benesseri tal-istudenti u tal-għalliema.

1.7. Il-KESE jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li t-taġġim imħallat jiġi inkluż fl-istrateġija edukattiva tagħhom, wara djalogu effettiv mal-imsieħba soċjali u l-partijiet ikkonċernati tal-edukazzjoni rilevanti fl-edukazzjoni, b'mod li jikkontribwixxi b'mod pożittiv għat-taġġim ta' kwalità u inklużiv għall-istudenti, jiżgura l-aċċess għal ambjenti ta' taġġim u taħriġ tajbin u l-għodod u l-appoġġ meħtieġa għall-għalliema, u ma jħallix lill-istudenti mingħajr appoġġ.

1.8. Il-KESE jitlob ukoll lill-Istati Membri jiżguraw li t-taġġim imħallat ma jkunx ta' detriment għall-valur soċjali tal-edukazzjoni jew għar-rilevanza tat-taġġim wiċċ imb'wiċċ fil-programmi edukattivi. L-esperjenza tat-taġġim u t-taħriġ online ta' emerġenza matul il-pandemija tal-COVID-19 seħtet dawl fuq il-valur insostitwibbli tat-taġġim wiċċ imb'wiċċ u tal-interazzjoni u r-rispons kontinwi bejn l-għalliema u l-istudenti biex tiġi żgurata edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva. Ir-relazzjonijiet bejn l-istudenti u l-għalliema huma fattur ewlieni fil-motivazzjoni u t-taħriġ tal-istudenti, li ma għandhomx jiġu mminati permezz tat-taġġim imħallat.

1.9. Il-KESE jitlob li l-Istati Membri jiżguraw li l-iżvilupp ta' pjani edukattivi individwalizzati jqis ir-rekwiżiti tal-istudenti għat-teknoloġija ta' assistenza. Barra minn hekk, il-KESE jindika li dan jeħtieġ li l-għalliema jkunu meħjuna b'mod adegwat minn persunal ta' appoġġ, ikunu familjari ma' dawn it-teknoloġiji, u jkunu jistgħu jużawhom b'mod effettiv biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-istudenti b'diżabilità.

1.10. Il-KESE jenfasizza r-rwol ċentrali tal-għalliema fit-taġġim imħallat. L-iskambji tal-persunal, il-proġetti kollaborattivi u t-taġġim individwalizzati huma possibbli jekk ikun hemm ħin tax-xogħol adegwat għall-għalliema allokat għal dan u jekk it-tmexxija tal-iskola tappoġġjah. Huwa importanti ħafna li titrawwem komunità ta' taġġim imħallat biex jiġi promoss il-valur tat-teknoloġija tat-taġġim u t-taħriġ.

1.11. Barra minn hekk, il-KESE jindika li sabiex jiġu żgurati l-inklużjoni u l-kwalità tal-edukazzjoni, it-taġġim imħallat għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-"Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għalliema u l-ħarrieġa Ewropej għall-futur". F'dan ir-rigward, il-KESE jitlob lill-Istati Membri biex jappoġġjaw b'mod effettiv lill-għalliema fit-tħejjijiet tagħhom biex jiprovdu appoġġ lill-istudenti dwar taġġim imħallat ta' kwalità, billi jtejbu, jaġġornaw u jagħmlu l-iżvilupp professjonali inizjali u kontinwu aktar rilevanti għall-ħtiġijiet tal-għalliema u tal-istudenti.

1.12. Il-KESE jilqa' l-miżuri proposti biex jiġi appoġġjat il-litteriżmu fl-IT tal-għalliema, bħall-korsijiet, il-programmi u l-għodod għat-titjib tal-ħiliet diġitali għall-għalliema u l-iżvilupp u t-tixrid ta' moduli u riżorsi pedagoġiċi online u fuq il-post. Barra minn hekk, il-proposta jenħtieġ li tappoġġja d-dritt tal-għalliema li jirċievu żvilupp professjonali kontinwu, aġġornat u aċċessibbli; dan jenħtieġ li jiġi rikonoxxut fid-djalogu soċjali u fin-negozjar kollettiv fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali bl-involviment sinifikanti tal-imsieħba soċjali tal-edukazzjoni.

1.13. Il-KESE jindika li l-korsijiet online miftuħa massivi (MOOCs) mhumiex neċessarjament interattivi jew ibbażati fuq pedagoġija tajba. Għalhekk, huwa jitlob lill-Kummissjoni ttiprovdi appoġġ ta' taħriġ aktar varjat għall-għalliema, għall-ħarrieġa, għall-mexxejja tal-iskejjel u għall-edukaturi għalliema fuq it-taġġim imħallat fil-pjattaforma tal-Portal tal-Edukazzjoni fl-Iskejjel, li jwassal għal ċertifikazzjoni. Ir-riżorsi u l-materjali tekniċi żviluppatti bl-appoġġ tal-Kummissjoni li għandhom jintużaw fit-taħriġ imħallat jeħtieġ li jkunu affidabbli, faċli biex jintużaw, tradotti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u aċċettati b'mod unanimu mill-partijiet ikkonċernati kollha fil-proċess tat-taġġim. Il-KESE jirrakkomanda li l-proġetti tal-Akkadema Ewropea tal-Għalliema jintalbu wkoll jiżviluppaw programmi ta' taħriġ tal-għalliema akkreditati konġunti dwar it-titjib tal-pedagoġija fuq it-taġġim imħallat. Ir-rwol tal-mikrokredenzjali għandu jiġi esplorat b'rabta mat-taġġim imħallat.

1.14. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-proposta tagħmel enfasi fuq il-benesseri u l-attrazzjoni tal-professjoni tat-tagħlim u jissuġġerixxi li l-Istati Membri jimpjegaw aktar għalliema biex jappoġġjaw il-benesseri tal-persunal tat-tagħlim. Il-KESE jinnota li n-nuqqas kbir ta' għalliema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-salarji mhux attraenti⁽⁴⁾ għandhom effett detrimental fuq il-kwalità tat-tagħlim. Dan jista' johlq ostaklu għall-iżvilupp ta' sistemi ta' tagħlim imħallat ta' kwalità għolja u inklużivi.

1.15. Il-KESE jindika li l-kombinazzjoni tat-tagħlim wiċċ imb'wiċċ u mill-bogħod tirrikjedi li l-għalliema jkunu kreattivi u innovattivi⁽⁵⁾ u jkollhom ħiliet pedagoġiċi tajbin. Huwa essenzjali li jitfassal tagħlim imħallat b'tali mod li jirrispetta l-volum ta' xogħol, il-ħin tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti tal-għalliema u jiżgura li jkollhom ambjent tax-xogħol ta' appoġġ.

1.16. Il-KESE jirrakkomanda li tiġi żgurata t-tmexxija demokratika tal-iskejjel, fejn hemm indipendenza effettiva għall-istudenti u għall-għalliema biex imexxu l-proċess ta' tagħlim u ta' taħriġ tagħhom stess. Il-KESE jerġa' jindika l-importanza li tiġi żgurata u msaħħa l-governanza demokratika tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, li għandha tinvolvi konsultazzjoni sinifikanti mas-soċjetà ċivili organizzata.⁽⁶⁾

1.17. Il-KESE jinnota li t-tagħlim imħallat barra minn ambjent ta' edukazzjoni formali, eż. tagħlim informali u mhux formali, jeħtieġ li jiġi rikonoxxut b'implimentazzjoni effettiva tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali. It-tagħlim mhux formali u informali għandu rwol importanti biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' ħiliet interpersonali, komunikattivi u konjittivi essenzjali inklużi, fost affarijiet oħra, il-kreattività, iċ-ċittadinanza attiva u l-ħiliet għall-ħajja tax-xogħol. Il-parteċipazzjoni fil-proċessi ta' validazzjoni jeħtieġ li tkun aċċessibbli għal kulħadd u tkun appoġġjata b'investiment pubbliku sostenibbli.

1.18. Il-KESE jindika li tagħlim imħallat żviluppat sew jeħtieġ li jiġi appoġġjat minn investiment pubbliku sostenibbli, enfasizzat bħala parti mis-Semestru Ewropew u bl-appoġġ ta' fondi addizzjonali tal-UE, bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, Erasmus+ u FSE+. L-appoġġ għall-aċċess għal programmi ta' tagħlim online ta' kwalità huwa essenzjali għal kwalunkwe student. Hemm bżonn ta' aktar investiment, speċjalment biex jiġi żgurat tagħlim mill-bogħod ta' kwalità għolja għall-istudenti tal-VET u biex jiġi żgurat l-aċċess tagħhom għal għodod u simulaturi li jgħinuhom b'tagħlim Prattiku indipendenti f'ambjent sikur u jipprovdu ċentri komunitarji ta' tagħlim tul il-ħajja⁽⁷⁾ u libreriji.

1.19. Il-KESE jinnota li l-użu dejjem akbar tal-għodod diġitali fil-qafas tat-tagħlim imħallat qed jipperikola dejjem aktar is-sikurezza tad-data tal-istudenti u tal-għalliema, kif ukoll id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-għalliema. Għalhekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu finanzjament pubbliku sostenibbli u jistabbilixxu qafas legali xieraq f'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali tal-edukazzjoni u mal-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni, filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni tad-data u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fl-edukazzjoni. Il-KESE jinsab imħasseb li r-rakkomandazzjoni qed tipprevedi li ma hemm bżonn tal-ebda riżorsi addizzjonali biex jiġu implimentati l-pjani fil-proposta. Il-finanzjament jista' jkun mod kif titqawwa l-kooperazzjoni f'oqsma fejn ma jkun hemm l-ebda kompetenza b'saħħitha tal-UE. L-ispejjeż jistgħu jinvolvu l-ispejjeż tal-hosting, tal-manutenzjoni u tat-tagħmir għall-integrazzjoni ta' pjattaforma, il-hosting tar-riżorsi tat-tagħlim, għas-sigurtà tad-data, għat-tagħmir tal-għalliema u tal-istudenti, eċċ. L-aktar studenti żvantaġġati se jbatu l-aktar jekk ma jkunx hemm riżorsi.

1.20. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-proliferazzjoni tal-fornituri tal-edukazzjoni u l-espansjoni tas-settur tal-EdTech, li se jkunu dejjem aktar favoriti bl-implimentazzjoni tat-tagħlim imħallat fil-programmi edukattivi. Il-KESE jitlob lill-Istati Membri jiżviluppaw regolamenti nazzjonali, inklużi l-possibbiltà li jiġu stabbiliti pjattaformi pubbliċi għat-tagħlim u għat-taħriġ online biex jiġi protett il-valur pubbliku tal-edukazzjoni. Barra minn hekk,

⁽⁴⁾ KE: Għalliema fl-Ewropa Karrieri, Żvilupp u Benesseri, 2021.

⁽⁵⁾ EC: Blended learning in school education – guidelines for the start of the academic year 2020/21 (KE: It-tagħlim imħallat fl-edukazzjoni skolastika – linji gwida għall-bidu tas-sena akkademika 2020/21).

⁽⁶⁾ ĠU C 286, 16.7.2021, p. 27.

⁽⁷⁾ Downes, P. (2011). *Multi/Interdisciplinary Teams for Early School Leaving Prevention: Developing a European Strategy Informed by International Evidence and Research*. Il-Kummissjoni Ewropea, NEST (Network ta' Esperti dwar l-Aspetti Soċjali tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ), id-Direttorat Ġenerali, l-Edukazzjoni u l-Kultura: Brussell.

il-pjattaformi pubbliċi għandhom jiġu implimentati f'konsultazzjoni sinifikanti mal-imsieħba soċjali tal-edukazzjoni u mal-partijiet ikkonċernati tal-edukazzjoni, filwaqt li tiġi rrispettata bis-sħiħ l-awtonomija professjonali tal-ġhalliema u tal-persunal tal-edukazzjoni, kif ukoll il-libertà akkademika u l-awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni, mingħajr ma jagħmlu pressjoni fuq l-ġhalliema jew fuq il-persunal tal-edukazzjoni dwar il-materjal edukattiv u l-metodi pedagoġiċi li jużaw.

1.21. Minħabba l-importanza marbuta mal-qasam kollu ta' taġħlim imħallat, il-KESE jissuġġerixxi li jiġu żviluppati kejl diskret u ġbir divrenzjat tad-data skont l-età li jirrikonoxxu l-ħtiġijiet differenti ta' żvilupp tat-tfal u taż-żgħażaġh għal din ir-rakkomandazzjoni; dan għandu jippermetti wkoll li tinġabar informazzjoni dwar metriċi relatati dwar l-iżvantaġġi, bħall-bullying u t-tluq bikri mill-iskola. Il-kejl preċiż jista' jiġi żviluppat flimkien mal-imsieħba rilevanti. Bl-istess mod, bħala konsegwenza jrid ikun hemm rapportar ċar u monitoraġġ tat-tweġtiq tar-rakkomandazzjoni.

2. Kummenti ġenerali

2.1. L-Opinjoni li ġejja tħares lejn il-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-taġħlim imħallat għall-edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva Din l-Opinjoni taġħmel enfasi wkoll fuq l-edukazzjoni vokazzjonali inizjali fil-livell sekondarju. Ir-Rakkomandazzjoni proposta ma tippromovix l-integrazzjoni tal-preżenza mnaqqsa tal-edukaturi fit-taġħlim, u lanqas ma thegġegħ li jitqattgħu aktar sigħat quddiem skrin. Il-KESE jilqat l-involviment taż-żgħażaġh, li għandu jiġi sostnut u kontinwu fil-proċess kollu.

2.2. Skont studju tal-Kummissjoni Ewropea⁽⁸⁾, taġħlim imħallat huwa mifhum bħala approċċ ibridu li jgħaqqad it-taġħlim fl-iskola mat-taġħlim mill-bogħod, inkluż it-taġħlim online. It-taġħlim imħallat huwa mudell flessibbli li jista' jappoġġja proġett jew kors ta' studju biex isir progress, filwaqt li ma jirrikjedix li l-ġhalliema u l-istudenti jkunu fl-istess spazju fiżiku f'kull ħin.

2.3. Filwaqt li t-taġħlim ibbażat fuq l-iskola jsahha il-ħiliet soċjali, il-benesseri tal-istudenti, sens ta' appartenenza, sens ta' komunità u interazzjoni personali aħjar bejn l-ġhalliema u l-istudenti, u fost l-istudenti, it-taġħlim imħallat organizzat tajjeb jista' jgħin lill-istudenti jiksbu taġħlim aktar indipendenti, individwalizzati u dirett minnhom infushom⁽⁹⁾. Jista' jkollu wegħda partikolari għat-taġħlim relatat mal-arti inklużi l-materjali tal-vidjow.

2.4. Filwaqt li l-proposta tiddekrivi t-taġħlim imħallat bħala approċċ ibridu u tenfasizza l-flessibbiltà u l-potenzjal tiegħu li jhegġegħ studju indipendenti, hija meħtieġa kjarifika ulterjuri rigward ir-rwol li għandhom l-ġhalliema u l-ħarrieġa fl-implimentazzjoni tat-taġħlim imħallat. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi żgurat li t-taġħlim imħallat jiġi implimentat f'kurrikuli b'approċċ ta' skola sħiħa, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-ġhalliema, tal-istudenti u tal-familji taġħhom. Huwa meħtieġ ukoll li t-taġħlim imħallat jiġi implimentat matul il-ħin tal-iskola u ma jikkawżax taġħbija żejda mhux sostenibbli għall-ġhalliema jew piż addizzjonali għall-familji tal-istudenti.

3. Kummenti speċifiċi

3.1. Il-kriżi tal-COVID-19 obbligat lill-istudenti tal-iskejjel primarji, sekondarji u tal-VET ikunu studenti aktar indipendenti. L-iskejjel u l-ġhalliema – l-aktar mingħajr l-ebda tħejjija xierqa – kienu obbligati jadattaw għat-taġħlim online u mill-bogħod ta' emerġenza, bl-użu ta' messaġġi diġitali, posta elettronika, video-chats online, u mezzi oħra biex jikkomunikaw mat-tfal sabiex jipprovdu taġħlim adegwat matul il-lockdown. Kienet ukoll sfida sinifikanti għat-tfal b'diżabilità, li huma fi żvantaġġ akbar meta jinteraġixxu permezz tal-midja diġitali. Il-gvernijiet, ix-xandiriet tat-televiżjoni, is-sħab soċjali, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-NGOs u l-individwi mxew b'mod inkredibbli biex jappoġġjaw lill-ġhalliema fl-istabbiliment ta' klassijiet virtwali u pjattaformi ta' kollaborazzjoni, iżda għad fadal ħafna aktar xi jsir.

3.2. Minħabba l-impatt kbir tal-kriżi tal-COVID-19 fuq iż-żgħażaġh u s-sistema edukattiva, irridu nkunu kawti wkoll dwar iż-żmien tal-bidla. Ir-ritorn għall-iskola b'mod fiżiku jeħtieġ iż-żmien biex jiġi pproċessat, u ħafna żgħażaġh jeħtieġ li jidraw ir-ritorn għan-"normalità": bidla kbira wisq fi żmien qasir wisq tista' tkun destabilizzanti. It-tfal u iż-żgħażaġh ġarrbu l-piż tal-kriżi tal-COVID. L-edukazzjoni, is-soċjalizzazzjoni, il-prospetti ekonomiċi u s-saħħa mentali taġħhom s'frew partikolarment ħażin matul il-pandemija. Il-prijorità fil-perjodu li ġej għandha tkun in-normalizzazzjoni u enfasi partikolari fuq il-benesseri, is-saħħa mentali u t-taġħlim formali.

⁽⁸⁾ EC: Blended learning in school education – guidelines for the start of the academic year 2020/21 (KE: It-taġħlim imhallat fl-edukazzjoni skolastika – linji gwida għall-bidu tas-sena akkademika 2020/21).

⁽⁹⁾ Ibid.

3.3. Il-KESE qed jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-possibbiltà ta' kif il-gradni primarji u saħansitra l-ewwel snin tal-iskejjel sekondarji jistgħu jlaħħqu mat-tagħlim imħallat, b'dawn l-etajiet spiss ma jkollhomx il-kompetenzi meħtieġa biex ikunu studenti attivi f'ambjent ta' tagħlim imħallat. Normalment dawn ma jkollhomx awtodirezzjoni, ħiliet kollaborattivi, ħiliet fl-ICT, kostruzzjoni tal-għarfien, ħiliet awtoevalwattivi u oħrajn diversi hekk imsejħa ħiliet tas-seklu 21. Dawn il-ħiliet huma meħtieġa għal tagħlim b'suċċess f'ambjent imħallat, u n-nuqqas ta' dawn il-ħiliet f'popolazzjoni ta' studenti huma theddidiet ġenwini biex jingħata tagħlim imħallat ta' kwalità. Jeħtieġ li jiġi stabbilit prinċipju li l-mossi sperimentali fl-iskola jibdwu bi studenti akbar milli b'oħrajn iżgħar fl-età.

3.4. Il-KESE qed jindika li l-istudenti tal-VET tilfu l-aktar mill-esperjenza Prattika tat-tagħlim fl-apprendistati matul il-COVID. In-nuqqas ta' aċċess għall-għodod tal-broadband u tal-IT, interazzjoni inadegwata bejn l-għalliema u l-istudenti u nuqqas ta' ambjenti ta' tagħlim xierqa kollha wasslu biex aktar studenti jitolqu qabel iż-żmien speċjalment fost il-bniet u t-tfal żvantaġġati soċjoekonomikament. It-tagħlim imħallat, għalhekk, jeħtieġ li jiġi mfassal u użat bir-reqqa sabiex jiġi żgurat li jiġu pprovduti ambjent u għodod ta' tagħlim inklużiv għat-tfal kollha. Filwaqt li r-rakkomandazzjoni tiffoka l-aktar fuq l-edukazzjoni primarja u sekondarja, anki fuq il-VET inizjali fil-livell sekondarju, ikun utli li jiġi esplorat il-potenzjal għal tagħlim imħallat fil-qasam tal-apprendistati.

3.5. Il-proposta tinkludi fost il-miżuri tagħha rispons dirett għall-kriżi "bi prijoritizzazzjoni tal-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti u tal-familji tagħhom", kif ukoll "tisħiħ tal-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali tal-istudenti u tal-familji". F'dan ir-rigward, il-KESE jindika kemm huwa importanti li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-iżgurar tal-benesseri u t-titjib tal-kompetenzi diġitali biex tiġi koperta s-sistema edukattiva kollha, inklużi l-għalliema, il-harriġa u l-mexxejja tal-iskejjel b'mod partikolari.

3.6. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni qed tipproponi li tiżviluppa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, materjal ta' gwida speċifiku, manwali u materjali konkreti oħrajn, abbażi ta' evidenza, attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari u identifikazzjoni ta' Prattiki tajbin. Dawn se jimlew il-lakuni identifikati fl-appoġġ għall-iżvilupp ta' approċċ ta' tagħlim imħallat fil-livell tal-iskola u tas-sistema. L-imsieħba soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra għandhom ikunu wkoll parti minn din il-kooperazzjoni. Kull mossa, bidla jew aġġustament fis-sistemi edukattivi jridu jsiru bl-akbar kawtela. Irridu nkunu ċerti kompletament li bidliet bħal dawn bl-ebda mod ma jaggravaw l-iżvantaġġi edukattivi u t-tluq bikri mill-iskola, li huma probabbilment l-akbar sfidi li qed tiffaċċja s-sistema edukattiva tagħna.

3.7. Il-KESE huwa tal-fehma li t-tagħlim imħallat għandu l-potenzjal li jitransforma kompletament kemm it-tagħlim kif ukoll it-taħriġ. Madankollu, filwaqt li l-proposta tenfasizza li "l-opportunitajiet maħluqa mit-tagħlim imħallat, inkluż it-titjib tal-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, u l-iżvilupp ta' kompetenzi wiesa' u l-benesseri tal-istudenti", il-KESE jinnota li l-limitazzjonijiet fl-implimentazzjoni tat-tagħlim imħallat għandhom jiġu kkunsidrati bir-reqqa. Speċjalment fiż-żoni rurali u fiż-żoni ta' faqar fejn l-infrastruttura (in-nuqqas ta' aċċess għall-broadband u l-għodod tal-IT) u ambjent ta' appoġġ (l-ambjent tad-dar, l-isfond finanzjarju, eċċ.) huma nieqsa għal tagħlim imħallat ta' kwalità ta' benefiċċju għall-istudenti. Il-konnessjoni ma' networks b'saħħithom u affidabbli, speċjalment meta l-familja kollha jkollha bżonn taqbad għall-attivitajiet tagħha, hija kruċjali. Barra minn hekk, mhux l-istudenti kollha għandhom livelli suffiċjenti ta' ħiliet diġitali, awtodixxiplina jew awtonomija meħtieġa biex isegwu l-lezzjonijiet b'mod indipendenti u jwettqu kompiti mingħajr interazzjoni wiċċ imb'wiċċ mal-għalliema. B'mod ġenerali, it-tagħlim imħallat ta' suċċess jiddependi ħafna fuq il-monitoraġġ u l-assistenza tal-ġenituri – speċjalment għal studenti iżgħar. Dan jista' joħloq jew iżid l-inugwaljanzi fir-riżultati tat-tagħlim tal-istudenti u jikkontribwixxi għal żieda fir-rata ta' dawk li jitolqu kmieni mill-iskola, peress li mhux kulħadd għandu ġenituri li se jkunu jistgħu jew huma disponibbli biex jissodisfaw dak ir-rwol b'mod effettiv.

3.8. Filwaqt li s-sistemi tal-edukazzjoni kienu qed jesperjenzaw pass dejjem akbar lejn il-privatizzazzjoni f'dawn l-aħħar snin, it-tagħlim imħallat jenħtieġ li jiġi implimentat fi programmi edukattivi b'tali mod li jipproteġi r-responsabbiltà u t-trasparenza fil-governanza tas-sistemi tal-edukazzjoni pubblika mill-influwenza tal-interessi u l-atturi privati u kummerċjali. L-edukazzjoni bħala prodott pubbliku ma għandhiex tiġi mminata bit-tagħlim imħallat.

3.9. Qabel il-COVID-19, l-edukaturi ffaċċjaw l-isfida ta' distakk dejjem akbar fit-tagħlim fost l-istudenti minħabba diversi pressjonijiet soċjoekonomiċi. Fatturi oħra jinkludu r-razziżmu, is-segregazzjoni u t-tnaqqis ġenerali fil-mobbiltà 'l fuq u tnaqqis fir-ritmu ekonomiku globali. B'mod ġenerali, kien hemm ukoll dipendenza akbar fuq ix-xogħol mid-dar, pereżempju, li sservi biss biex twessa' d-diskrepanzi fil-kisba. L-iżolament u l-awtotagħlim bl-istess mod għandhom effetti psikoloġiċi detrimental. Għal ħafna studenti, b'mod partikolari dawk minn sfondi soċjoekonomikament żvantaġġati, l-interazzjoni wiċċ imb'wiċċ mal-għalliema u mal-pari toffri sors ta' kumdità u tgħin biex jitnaqqas id-distakk fit-tagħlim.

Il-pandemija tal-COVID-19 li għaddejjja bħalissa aggravat din id-diskrepanza fit-tagħlim, inkluż id-distakk fil-ħiliet diġitali, b'aktar studenti friskju li jbatu minn telf ta' tagħlim.

3.10. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-edukazzjoni inizjali u l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema ma jagħmlux biżżejjed biex jipprovdu lill-għalliema bil-ħiliet xierqa, inklużi l-ħiliet diġitali, il-metodi pedagoġiċi jew il-materjali tat-tagħlim biex jgħallmu permezz tat-tagħlim imħallat. Dan japplika b'mod speċjali meta ssir ħidma ma' studenti bi bżonnijiet speċjali, f'ambjent multikulturali, jew ma' studenti żvantaġġati, li huwa saħansitra aktar problematiku mis-soltu, peress li dan jikkastiga b'mod preċiż dawk il-gruppi ta' studenti li jeħtieġu appoġġ addizzjonali fis-sitwazzjoni attwali. Il-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità jappella għal aċċess ugwali għas-servizzi tal-edukazzjoni għall-impjegati u l-istudenti b'diżabilità, u l-forniment ta' miżuri bħall-interpretazzjoni tas-sinjali, is-sottotitoli attivati u x-xogħol adattat.

3.11. L-għodod ta' awtovalutazzjoni msemmija fil-proposta, bħall-għodda li jmiss ta' SELFIE għall-għalliema, għandhom il-potenzjal li jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' tagħlim imħallat. Madankollu, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għar-riskju li dawn l-għodod jistgħu joħolqu parametru referenzjarju fost l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni bil-għan li jiġu stabbiliti l-klassifikazzjonijiet tal-iskejjel, il-leagues u l-kompetizzjonijiet. Huwa importanti li l-implimentazzjoni ta' tagħlim imħallat tirrispetta l-karatteristiċi speċifiċi ta' kwalunkwe istituzzjoni u prijorità tal-edukazzjoni fir-rigward tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), li jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-ftehim tal-għalliema, tal-ħarrieġa u tal-mexxejja tal-iskejjel.

3.12. Dejjem aktar, ix-xogħol mat-tfal u ż-żgħażaġh jeħtieġ li jkun ibbażat fuq il-parteciċipazzjoni kontinwa reali ta' dawk ikkonċernati, f'konformità mal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Minbarra konsultazzjoni waħda, ma hemm l-ebda enfasi kbira fuq il-fehmiet tat-tfal fir-rakkomandazzjoni. Din id-differenza għandha tiġi indirizzata. Ħafna Stati Membri qed jiżviluppaw mudelli tal-aħjar prattika u l-UE qed tiżviluppa d-drittijiet tagħha stess tal-istrateġija dwar it-tfal. Dan it-tip ta' bidla għandu eventwalment ikun evidenti fil-ġestjoni u fl-evalwazzjoni tal-iskejjel.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli

(COM(2021) 561 final — 2021/0205 (COD))

(2022/C 105/20)

Relatur: **Thomas KROPP**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 13.9.2021 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 14.9.2021
Bażi legali	Artikoli 100(2) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	7.10.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	231/0/9

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (il-KESE) isostni li s-suq tal-avjazzjoni tal-UE huwa essenzjali għall-kummerċ u t-turiżmu fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll għall-kompetittività internazzjonali tal-ekonomija Ewropea ⁽¹⁾.

Madankollu, minħabba li l-avjazzjoni hija wieħed mis-setturi li qed jikbru l-aktar malajr f'termini ta' emissjonijiet tas-CO₂, il-KESE jappoġġja l-inizjattivi regolatorji meħuda mill-istituzzjonijiet tal-UE biex jiġi mmitigat l-impatt tal-avjazzjoni fuq l-ambjent ⁽²⁾.

1.2. Il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" tal-Kummissjoni għandu l-għan li jpoġġi lill-blokk fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira ambizzjuża tiegħu ta' tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030, meta mqabbel mal-livelli tal-1990, filwaqt li jallinja l-politika tal-UE mal-mandati politiċi ambizzjużi tal-Patt Ekoloġiku u l-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Il-KESE jappoġġja din il-politika ambizzjuża ħafna, li fiha diversi proposti leġiżlattivi li jaffettwaw l-avjazzjoni, li element essenzjali tagħhom huwa l-promozzjoni ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF). Għalkemm il-Kummissjoni evalwat in-natura komplementari ta' din il-proposta ma' proposti rilevanti oħra, il-KESE jemmen li l-Kummissjoni għandha tqis ukoll l-effetti finanzjarji kumulattivi tal-miżuri regolatorji rilevanti kollha.

1.3. Fil-kuntest tal-inizjattivi regolatorji mfassla biex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn newtralità klimatika, il-Proposta RefueEU Aviation hija ta' importanza ewlenija għall-avjazzjoni. Għall-kuntrarju ta' setturi oħra, l-avjazzjoni tiddependi mill-fjuwils fossili bħala sors ta' enerġija. Sabiex is-settur tal-avjazzjoni jkun jista' jikber filwaqt li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ tiegħu, il-Proposta għal Regolament rigward RefueEU Aviation tfittex li taċċellera l-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-użu tal-SAF billi jiġi impost obbligu fuq il-fornituri tal-fjuwil tal-ġettijiet lill-avjazzjoni biex jipprovdu sehem dejjem akbar ta' fjuwil tal-avjazzjoni mħallat mal-SAF fl-ajruporti kollha tal-UE, u billi l-linji tal-ajru jintalbu jżidu l-użu tagħhom tal-SAF fi stadji inkrementali predefiniti.

F'konformità mal-approċċ tiegħu għall-promozzjoni tal-avjazzjoni sostenibbli, il-KESE jappoġġja l-impetu tal-Proposta tal-Kummissjoni, iżda jissuġġerixxi emendi biex jiżguraw li din tkun tista' tiġi implimentata b'mod effettiv u mingħajr ma jinħolqu distorsjonijiet.

⁽¹⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 99; ĠU C 389, 21.10.2016, p. 86.

⁽²⁾ Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019) 640 final);
Strateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti, https://ec.europa.eu/transport/themes/mobilitystrategy_mt;
Id-Direttiva tal-UE dwar l-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet, inkluża l-avjazzjoni (COM(2021) 552 final);
Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (COM/2021/557 final);
Id-Direttiva dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (COM(2021) 560 final).

1.4. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex jiġi aċċellerat it-tkabbir ta' suq għall-SAF. Tabilħaqq huwa minnu li l-SAF — jekk jiġu prodotti fi kwantitajiet suffiċjenti u jkunu disponibbli għal-linji tal-ajru kollha — inaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tas-CO₂ tas-settur. Madankollu, mhuwiex ċar jekk l-approċċ segwit mill-Kummissjoni huwiex se jipprevjeni distorsjonijiet għall-kompetizzjoni.

1.5. L-avjazzjoni hija settur tas-servizzi internazzjonali, li fil-fatt ikopri żewġ swieq distinti b'dinamika differenti tas-suq: is-Suq Uniku Ewropew taż-ŻEE minn naħa waħda, u s-suq regolat fuq livell internazzjonali min-naħa l-oħra. Il-KESE jemmen li l-abbozz ta' Proposta għandu jirrifletti b'mod ċar din id-differenza, u jstieden lill-Kummissjoni żżomm kundizzjonijiet ekwi fi *ħdan* iż-ŻEE u tippromovi b'mod proattiv standards applikabbli *globalment* għas-sostenibbiltà.

1.6. Ir-Regolament propost se jkopri l-operazzjonijiet kollha tal-linji tal-ajru kollha tal-UE, kemm jekk dawn joperaw fiż-ŻEE kif ukoll fuq livell internazzjonali; madankollu, in-networks tal-linji tal-ajru mhux tal-UE se jkunu koperti biss sal-punt fejn dawn jinkludu servizzi minn ajruport tal-UE. Is-servizzi globali l-oħra kollha tal-linji tal-ajru mhux tal-UE ma jiġux affettwati mill-użu minimu meħtieġ tal-fjuwil tal-avjazzjoni mħallat mal-SAF. Għalhekk, id-differenza mistennija fil-prezz bejn il-fjuwil tal-avjazzjoni u l-SAF tista' tippovdi vantaġġ kompetittiv lil-linji tal-ajru mhux tal-UE. Fi żmien meta s-settur tal-avjazzjoni globali kollu qed jitħabat biex jirkupra mill-agħar kriżi fl-istorja tiegħu ta' wara l-gwerra, il-linji tal-ajru tal-UE m'għandhomx għalfejn iġarrbu kostijiet addizzjonali b'mod unilaterali. Barra minn hekk, jekk id-differenza fil-prezzijiet tiġi mgħoddija lill-passiġġieri, titjiriet inqas ekoloġiċi operati minn linji tal-ajru mhux tal-UE jsiru aktar attraenti għall-passiġġieri tal-UE.

1.7. Il-KESE jirrakkomanda li ssir fażi pilota qabel l-implimentazzjoni attwali ta' dan ir-Regolament, li matulha jstgħu jiġu allinjati d-dispożizzjonijiet interni fi *ħdan* iż-ŻEE relatati mal-mitigazzjoni tal-impatt tal-avjazzjoni fuq l-ambjent, u l-Kummissjoni tiffoka l-isforzi tagħha fuq il-koordinazzjoni mill-qrib tal-promozzjoni tal-UE tal-SAF b'inizjattivi simili mwettqa fuq livell internazzjonali. Ladarba tiġi prodotta kwantità suffiċjenti ta' SAF u tkun disponibbli għat-trasportaturi tal-UE u mhux tal-UE, dan ir-Regolament jiġi applikat bis-sħiħ biex ikopri wkoll l-obbligi għal-linji tal-ajru mhux tal-UE li jtilqu minn ajruporti tal-UE. Approċċ gradwali bħal dan jimminimizza r-riskji ta' żvantaġġi ta' min jidħol l-ewwel, inaqqs ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, jippermetti proċess ta' implimentazzjoni kosteffettiv u jstabilixxi l-istabbiltà tal-ippjanar għall-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-manifatturi tal-SAF. Barra minn hekk, dan jiffaċilita approċċ konsistenti għall-bijofjuwils.

1.8. Minħabba li proporzjon ferm ogħla ta' CO₂ jiġi rilaxxat fuq rotot internazzjonali fit-tul milli fuq ir-rotot ta' distanzi medji sa qosra taż-ŻEE ⁽³⁾, il-KESE jemmen li l-Kummissjoni għandha tagħmel enfasi akbar fuq il-mezzi biex tinkiseb koordinazzjoni tal-miżuri regolatorji internazzjonali. Dawn il-miżuri ta' partijiet terzi, flimkien ma' mekkaniżmi ta' kumpens diġà miftiehma bħall-CORSIA ⁽⁴⁾, se jiġġeneraw aktar momentum għall-produzzjoni, it-tixrid u l-użu tal-SAF fuq livell internazzjonali, u b'hekk jaċċelleraw id-domanda akbar għall-SAF u jnaqqsu r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju ⁽⁵⁾.

Il-KESE jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni li se jieħu ż-żmien biex jinholq suq għall-SAF. Il-KESE jstieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan direzzjonali realistiku u komprensiv għaż-żieda inkrementali fl-użu tal-SAF biex tippovdi stabbiltà fl-ippjanar għall-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi għall-produtturi tal-SAF, u biex tippovdi orjentazzjoni għall-proċess ta' monitoraġġ politiku.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Huwa meħtieġ approċċ regolatorju komprensiv u effettiv għall-promozzjoni tat-tkabbir tal-avjazzjoni sostenibbli.

2.1.1. L-abbozz tal-Proposta RefuelEU Aviation huwa inkorporat f'diversi proposti regolatorji oħra fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li kollha huma mmirati biex jimmitigaw l-effetti tal-avjazzjoni fuq l-ambjent ⁽⁶⁾. Għalhekk, fil-valutazzjoni tal-impatt u l-prattiċità tal-proposta RefuelEU Aviation, għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-interdipendenza ta' dawn il-proposti u lill-effett kumulattiv tagħhom fuq is-suq tal-avjazzjoni.

⁽³⁾ Nofs l-emissjonijiet tas-CO₂ ġejjin minn 6 % biss tat-titjiriet: l-operazzjonijiet fit-tul., Data Snapshot on CO₂ emissions and flight distance | EUROCONTROL.

⁽⁴⁾ L-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali, CORSIA, hija reġim globali ta' miżuri bbażati fuq is-suq biex jiġi kkompensat is-sehem tal-emissjonijiet tas-CO₂ minn titjiriet internazzjonali li jaqbżu l-livell tagħhom tal-2020. Din qed tiġi applikata mill-1 ta' Jannar 2021 fuq bażi volontarja, sal-2026; involontarjament 81 pajjiż (inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE) li jirrappreżentaw 77 % tal-avjazzjoni internazzjonali.

⁽⁵⁾ Diversi nazzjonijiet, bħar-Renju Unit u l-Istati Uniti, qed jippjanaw ukoll miżuri biex jippromovu l-SAF u jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂, ara SWD(2021) 633 final.

⁽⁶⁾ SWD(2021) 633 final, sezzjoni 7.2 (mhux disponibbli bil-Malti).

2.1.2. Direttiva riveduta dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija tintroduċi rata tat-taxxa minima applikabbli għal titjriet intra-UE; l-SAF jibbenefikaw minn rata tat-taxxa minima zero, filwaqt li r-rati tat-taxxa minimi għandhom jiżiedu fi stadji inkrementali fuq perjodu ta' għaxar snin għal livell ta' EUR 10,75/Gigajoule. L-għan iddikjarat ta' din il-proposta huwa li jiġi stimulat l-użu ta' aktar SAF u li l-linji tal-ajru jiġu mħeġġa jużaw inġenji tal-ajru aktar effiċjenti u li jniġġsu anqas u li jiġi evitat nuqqas possibbli ta' dħul ta' 32 %. Jekk l-Istati Membri jaqbz u r-rata minima individwalment, dawn it-taxxi nazzjonali addizzjonali tas-CO₂ iżidu b'mod sinifikanti l-piż tal-kost fuq il-linji tal-ajru, sakemm l-SAF ma jiġux prodotti fi kwantitajiet suffiċjenti. Jidher essenzjali li tiġi stabbilita rabta bħal din mad-disponibbiltà tal-SAF, inkella r-regoli jista' jkollhom effett li jikkastigaw minflok jipprovdu aktar incenċivi għall-produzzjoni u l-użu tal-SAF.

2.1.3. Fil-fatt, hemm dubju dwar jekk taxxi addizzjonali jistgħux jipprovdu stimolu għat-tranżizzjoni mill-fjuwils fossili lejn l-SAF, jekk l-SAF ma jkunux disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti.

2.1.4. Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet dwar l-anti-dumping sinifikanti, il-kundizzjonijiet tas-suq bħalissa jippermettu lill-kompetituri tal-linji tal-ajru joffru prezzijiet tal-biljetti li huma taħt il-kostijiet operazzjonali marġinali tagħhom, saħansitra anke taħt il-kostijiet kumulattivi tal-ATM u tal-imposti tal-ajruporti. Taxxa ulterjuri ma taffettwax tali livelli ta' prezzijiet marġinali u għalhekk ma tippredix incenċivi għall-benefiċċju mill-SAF bħala miżura kompetittiva; tali taxxa minima madwar l-UE sempliċiment iċċaħħad lil-linji tal-ajru mill-mezzi finanzjarji meħtieġa għall-investimenti f'inġenji tal-ajru aktar effiċjenti. Barra minn hekk, id-dħul miksub minn dawn it-taxxi addizzjonali jista', min-natura tiegħu, ma jintużax għall-objettivi predefiniti (rilevanti għall-ambjent), iżda se jgħaddi fil-fondi tal-Istati Membri. Għalhekk, dawn ma jippermettux it-tkabbir tal-provvista biex tiġi ssodisfata d-domanda dejjem tikber għall-ivvjaġġar bl-ajru.

2.1.5. Għalhekk, il-KESE jemmen li hija meħtieġa evalwazzjoni aktar divrenzjata tad-dinamika tas-suq b'enfasi partikolari fuq il-ħtieġa potenzjali li tiġi indirizzata, bħala miżura regolatorja addizzjonali, il-ħtieġa ta' leġislazzjoni anti-dumping immirata biex effettivament tirrikjedi livell minimu ta' prezzijiet biex tkopri l-kostijiet eżoġeni⁽⁷⁾.

Il-Kummissjoni tippromponi wkoll ir-reviżjoni tar-regoli tal-avjazzjoni tal-ETS bħala miżura oħra skont il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". L-ETS qabel kienet tkopri madwar 40 % tal-emissjonijiet totali fl-UE; il-verzjoni riveduta żiedet dan is-sehem bl-inklużjoni ta' setturi addizzjonali bħal dak marittimu. L-obbligu tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għas-setturi tal-ETS żdied ukoll minn 40 % għal 61 % sal-2030 abbażi tal-livelli tal-2005, filwaqt li l-kwoti bla hłas fl-avjazzjoni għandhom jitneħħew gradwalment bejn l-2023 u l-2025.

2.1.6. Fil-fatt, l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet huwa mekkaniżmu bbażat fuq is-suq biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, u l-irfinar ulterjuri tal-parametri ta' dan l-istrument jista' jsaħħaħ il-mekkaniżmu. Meta jiġu evalwati l-effetti ta' tali miżuri fuq id-dinamika tas-suq, kif issuġġerit hawn fuq, għandu jiġi mfakkar li t-tnaqqis inkrementali tal-kwoti bla hłas iżid piż ta' spiża fuq il-kost addizzjonali diġà previst tat-taxxa minima madwar l-UE. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, id-Direttiva dwar l-iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet u r-Regolament RefuelEU Aviation kollha jirrikjedu data dwar l-użu u l-konsum tal-fjuwil tal-ġettijiet tal-avjazzjoni, kif ukoll l-użu tal-SAF. Għandha tingħata aktar kunsiderazzjoni lis-simplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-ġbir, ir-rapportar u l-verifika tad-data sabiex tiġi evitata kumplessità bla bżonn u tiġi żgurata l-prattiċità tal-proċessi.

Ir-Regolament propost dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi huwa maħsub biex jiżgura li fl-ajruporti jkun hemm l-infrastruttura xierqa biex tippermetti l-aċċess għall-SAF fl-ajruporti kollha tal-UE. Filwaqt li l-iżgurar ta' loġistika effiċjenti għat-tixrid tal-SAF huwa bla dubju essenzjali, ir-Regolament innifsu jeħtieġ kjarifika ulterjuri; skont il-formulazzjoni attwali tiegħu, il-vetturi għall-forniment ta' fjuwil ekoloġiku għall-avjazzjoni jistgħu jitqiesu li mhumiex ekoloġiċi⁽⁸⁾. Fin-nuqqas ta' kjarifiki bħal dawn, huwa diffiċli li jiġi vvalutat sa liema punt jistgħu jirriżultaw aktar kostijiet fl-ajruporti li potenzjalment jistgħu jiġu mgħoddija lil-linji tal-ajru.

2.2. Ir-Regolament propost RefuelEU Aviation huwa proposta ewlenija biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-futur tal-avjazzjoni, iżda għandu jevita effetti ta' distorsjoni fuq is-suq tal-avjazzjoni.

(7) Kwalunkwe intervent regolatorju fil-mekkaniżmi tas-suq imur kontra l-objettivi tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-avjazzjoni. Madankollu, il-liberalizzazzjoni mhijiex domma, u għandha l-limiti tagħha meta tipprevjeni l-kisba tal-għanijiet klimatiki kif stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku. Minn dan jirriżulta r-rekwiżit għal analiżi dettaljata u divrenzjata tal-implikazzjonijiet tas-suq ta' tali interventi f'qafas regolatorju liberalizzat. Dan huwa aktar rilevanti jekk diversi inizjattivi regolatorji komplementari jkunu interdipendenti u jista' jkollhom effetti finanzjarji kumulattivi fuq il-partijiet ikkonċernati.

(8) Opinjoni tal-KESE dwar *Tassonomija tal-finanzi sostenibbli — tibdil fil-klima*, adottata fit-22 ta' Settembru 2021, ECO/549 (ĠU C 517, 22.12.2021, p. 72).

2.2.1. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-produzzjoni u t-tixrid tal-SAF fil-livell industrijali se jeħtieġu investimenti sinifikanti, u ż-żmien, għal applikazzjoni fuq skala akbar sinifikanti. Minħabba li l-ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni hija legalment limitata għal traffiku tal-ajru intra-UE, u b'mod effettiv għal traffiku tal-ajru intra-ŻEE, il-Kummissjoni tipproponi li timminimizza d-distorsjonijiet għall-kompetizzjoni internazzjonali b'żewġ miżuri: l-iżguraw tal-użu ta' fjuwil tal-ġettijiet imħallat mal-SAF għat-titjiriet kollha li jtilqu mill-ajruporti tal-UE irrispettivament mid-destinazzjoni tagħhom, u l-impożizzjoni ta' użu minimu tal-fjuwil tal-ġettijiet tal-avjazzjoni fl-ajruporti tal-UE. Tal-ewwel hija mmirata lejn il-fornitur u mhijex diskriminatorja fir-rigward tal-linji tal-ajru. Madankollu, hemm dubju dwar jekk il-miżura tal-aħħar hijex Prattikabbli u effettiva fil-prevenzjoni tad-distorsjonijiet tas-suq.

2.2.2. L-Artikolu 7 jimponi obbligu fuq il-linji tal-ajru kollha biex jipprovdu data, fost l-oħrajn, dwar l-użu tal-fjuwil tal-ġettijiet tal-avjazzjoni f'ajruport partikolari tal-UE, u obbligu li jirrapportaw l-ammont totali ta' fjuwil tal-avjazzjoni mħallat mal-SAF mixtri mill-fornituri. Il-linji tal-ajru bħalissa diġà jirrapportaw l-użu u l-konsum tal-fjuwil tal-ġettijiet għal kull titjira fil-kuntest tal-obbligi ta' rapportar skont l-EU ETS; din l-iskema tapplika biss għal titjiriet intra-UE⁽⁹⁾. Ir-Regolament propost jestendi l-obbligi ta' rapportar għal titjiriet internazzjonali mill-ajruporti tal-UE. Dawn huma operati wkoll minn trasportaturi mhux tal-UE li għalhekk huma inklużi fl-obbligi ta' rapportar tad-data. Huwa aċċettat fuq livell internazzjonali li l-linji tal-ajru mhux nazzjonali jiġu inklużi fl-obbligi ta' rapportar tad-data sabiex l-awtoritajiet nazzjonali jkun jistgħu jimmonitorjaw il-konformità. Għalhekk, mhix mistennija oppożizzjoni internazzjonali għal dan l-obbligu ta' rapportar.

2.2.3. Madankollu, l-Artikolu 5 jimponi obbligu fuq il-linji tal-ajru (kollha) biex jiżguraw li l-użu annwali tagħhom tal-fjuwil tal-ġettijiet f'ajruport partikolari tal-UE jkun mill-inqas 90 % tal-fjuwil tal-ġettijiet tal-avjazzjoni meħtieġ fis-sena. L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li tipprevjeni l-hekk imsejħa tankering. Il-Kummissjoni tirreferi għat-tankering bħala mezz għal linja tal-ajru biex iżżid aktar fjuwil tal-ġettijiet milli meħtieġ biex jiġi evitat ir-riforniment fl-ajruport tad-destinazzjoni fejn il-fjuwil tal-ġettijiet jista' jkun aktar għali⁽¹⁰⁾. Madankollu, iċ-ċentri ta' xi linji tal-ajru tan-network mhux tal-UE jinsabu fil-prossimità taż-ŻEE (eżempji: Londra, Doha, Dubai, Istanbul) u jeħtieġu biss titjira qasira minn ajruport partikolari taż-ŻEE għal dak iċ-ċentru. Imbagħad, id-destinazzjonijiet fuq distanzi twal jistgħu jintlaħqu b'forniment ta' fjuwil minn ajruport ċentrali mhux tal-UE mingħajr it-tankering. L-ammont ta' kost addizzjonali relatat mal-SAF mgħoddi lill-passiġġier fil-prezz tal-biljett jista' jinċentiva lill-passiġġieri jilhq u d-destinazzjoni finali tagħhom fuq distanzi twal billi jtiru mill-ajruport ta' konnessjoni ċentrali mhux tal-UE (inqas għali)⁽¹¹⁾. Madankollu, l-Artikolu 5 ma jindirizzax id-distorsjonijiet *sistemiċi* li jirriżultaw mill-ħolqien ta' żvantaġġi kompetittivi għall-ajruporti ċentrali tal-UE u b'hekk għal-linji tal-ajru tan-network tal-UE.

2.2.4. Minħabba li r-rotot lejn iċ-ċentri fil-viċinanza tal-UE jinvolvu titjiriet fuq distanzi qosra, ir-riforniment bil-fjuwil għal dawn it-titjiriet barra mill-UE jkopri biss frazzjoni żgħira tal-operazzjonijiet internazzjonali totali tal-linji tal-ajru mhux tal-UE. Maż-żmien, hekk kif is-sehem tal-fjuwil imħallat mal-SAF jiżdied, se tiżdied ukoll id-differenza fil-prezzijiet bejn it-taħlita tal-SAF u l-fjuwil tradizzjonali tal-avjazzjoni, u b'hekk tiżdied l-attrazzjoni kompetittiva tat-titjiriet permezz ta' ċentri mhux tal-UE. Il-passiġġieri se jkun saħansitra aktar inċentivati biex jevitaw ir-rotot li jinvolvu r-riforniment bl-SAF; dan ikollu impatt negattiv fuq l-għan iddikjarat ta' din il-proposta regolatorja biex jiġi promoss l-użu tal-SAF u b'hekk jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂, inkluż fuq ir-rotot 'il barra mill-UE.

2.2.5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-KESE jirakkomanda li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament propost issir fi stadji. F'fażi pilota, l-enfasi tal-attivitajiet għandha tkun fuq l-allinjament tad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar ir-rapportar tad-data u dwar l-imposti relatati mas-CO₂ fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali. Bħalissa jeżistu diversi dispożizzjonijiet bħal dawn b'mod parallel, u dawn jiffurmaw il-bażi għall-kalkolu tal-livell kemm ta' kwoti tal-emissjonijiet kif ukoll ta' kumpensi, u t-taxxi nazzjonali fuq is-CO₂/il-fjuwil tal-avjazzjoni li għandhom jitħallsu. Madankollu, bħalissa, dawn id-dispożizzjonijiet mhux qed jitqiesu fl-istess kuntest, li jwassal għal proċessi amministrattivi paralleli għall-partijiet ikkonċernati u għall-amministrazzjonijiet. Dan ir-Regolament propost, fil-forma attwali tiegħu, jintroduċi rekwiżit ulterjuri biex tiġi pprovduta saħansitra aktar data dwar l-użu tal-fjuwil fl-ajruporti kollha, inkluż l-użu tal-fjuwil SAF u l-użu tal-fjuwil

⁽⁹⁾ L-intenzjoni oriġinali li tiġi estiża l-applikabbiltà tal-EU ETS għat-titjiriet lejn/minn ajruporti tal-UE tneħħiet wara oppożizzjoni minn stati mhux tal-UE li saħqu li l-linji tal-ajru tagħhom ma jstgħux jiġu inklużi legalment fi skema regolatorja tal-UE simili għal taxxa.

⁽¹⁰⁾ Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni (1. Ir-raġunijiet u l-oġġettivi tal-proposta), p. 1.

⁽¹¹⁾ Eżempju: Il-prezz tal-biljett għal Stuttgart-Vjenna-Kuala Lumpur jiġi affettwat mill-użu ta' fjuwil imħallat mal-SAF, li jiswa aktar, għar-rotta qasira ta' Stuttgart-Vjenna, kif ukoll mir-rekwiżit ta' użu tal-SAF għar-rotta twila ta' Vjenna-Kuala Lumpur. B'kuntrastr ma' dan, it-titjiriet ta' Stuttgart-Istanbul-Kuala Lumpur ikunu jirrikjedu biss l-użu ta' fjuwil tal-avjazzjoni mħallat mal-SAF għar-rotta qasira ta' Stuttgart-Istanbul.

Fl-eżempju mogħti hawn fuq, jista' tabilħaqq ikun ta' vantaġġ mill-aspett finanzjarju għal-linja tal-ajru li topera Istanbul-Stuttgart biex tuża l-kwantità ta' fjuwil meħtieġa minn Istanbul biex titnaqqas il-ħtieġa ta' riforniment tal-fjuwil ulterjuri għat-titjira tar-ritorn Stuttgart-Istanbul u b'hekk jiġi evitat għalkollox l-użu tal-fjuwil imħallat mal-SAF. L-Artikolu 5 jipprevjeni kunsiderazzjonijiet bħal dawn.

madwar l-UE kollha; l-EASA u l-Eurocontrol ikunu obbligati wkoll li jirrapportaw data akkumulata li jirċievu f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, iżda mhux neċessarjament data oħra.

2.2.6. Jidher li għall-bidu jeħtieġ li tiġi stabbilita t-trasparenza u tinnaqqas il-kumplessità bla bżonn billi jiġu ssimplifikati l-mekkaniżmi ta' rapportar, ta' verifika u ta' monitoraġġ għar-regolamenti eżistenti għal-linji tal-ajru tal-UE, u b'hekk jiġi stabbilit sett ta' miżuri koerenti, effettivi u effiċjenti li jista' jintegra wkoll l-inizjattivi nazzjonali varji, u b'hekk jinħoloq qafas armonizzat. F'din il-fażi pilota, id-data pprovduta mil-linji tal-ajru tal-UE tkun tirrifletti l-użu tal-SAF (biss) mil-linji tal-ajru tal-UE għal titjiriet intra-ŻEE. Dan jidher realistiku fid-dawl taż-żmien meħtieġ biex tiżdied l-iskala tal-produzzjoni tal-SAF. Tali titjiriet fis-Suq Uniku Ewropew tal-Avjazzjoni, inizjalment, ma għandhomx jinkludu passiġġieri internazzjonali.

2.2.7. Din il-fażi pilota ssuġġerita mhux neċessarjament iddewwem l-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament, bl-għan tagħha jkun li tissimplifika l-proċessi ta' rapportar u ta' verifika tad-data intra-UE biex jiġi żgurat li l-miżuri tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55%" għall-avjazzjoni ma jwaxslux għal burokrazija kumplessa bla bżonn. Barra minn hekk, din toħloq trasparenza dwar l-effett finanzjarju kumulattiv tal-miżuri fuq is-settur tal-avjazzjoni Ewropew. Il-fażi pilota ma tipprekludix lill-Kummissjoni milli tallinja l-proċessi ma' dawk adottati barra miż-ŻEE.

2.2.8. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal titjiriet internazzjonali minn ajruporti tal-UE għandha ssir dipendenti mid-disponibbiltà tal-SAF biex tilqa' għad-domanda akbar. Skema effettiva ta' użu tal-SAF madwar iż-ŻEE tista' mbagħad isservi fuq livell internazzjonali bħala punt ta' riferiment, mudell u standard possibbli. Barra minn hekk, it-tqassim tal-iskema proposta fi stadji differenti se jevita ripetizzjoni tal-kontroversja esperjenzata mill-Kummissjoni dwar l-inklużjoni ta' titjiriet 'il barra mill-UE fl-EU ETS. Huwa essenzjali li l-Kummissjoni tiżviluppa strumenti regolatorji prattikabbli fil-livell taż-ŻEE, u tinnegozja approċċ armonizzat fil-livell globali.

2.2.9. Fil-kuntest tal-koordinazzjoni tal-passi lejn qafas *internazzjonali* rfinat u mmirat, il-CORSIA tista', u se tkun teħtieġ li, tiġi indirizzata. Billi tinżamm distinzjoni bejn l-istadji importanti għall-miżuri fiż-ŻEE, u l-istadji importanti għall-qafas internazzjonali, il-CORSIA tista' tiġi adattata b'mod kunsenswali għal dan tal-aħħar mingħajr ma tinħoloq aktar kumplessità għal tal-ewwel.

2.3. Huwa meħtieġ pjan direzzjonali komprensiv, ċar u konvinċenti għall-implimentazzjoni tal-proposti abbozzati kollha, kif ukoll stadji importanti ta' monitoraġġ, jekk ikun meħtieġ.

2.3.1. Il-miri klimatiċi li ġew miftiehma politikament fiż-ŻEE għas-setturi kollha, b'mod partikolari l-avjazzjoni, huma tassew ambizzjużi u, kif jikkonferma r-rapport tal-IPCC li ġie ppubblikat dan l-aħħar, suppost ilhom li ddaħħlu. Madankollu, l-ispeċifità jiet tal-avjazzjoni, kif deskritti mill-Kummissjoni u miġbura fil-qosor hawn fuq, jirrikjedu l-inċentivar tad-domanda u tal-provvista għal suq (tal-SAF) attwalment negliġibbli mingħajr ma tiġi pperikolata l-kompetittività internazzjonali tas-settur tal-avjazzjoni Ewropew jew tiġi pperikolata s-sigurtà tal-impjieg fl-Ewropa. Sabiex jiġu ssodisfati dawn l-isfidi speċifiċi għas-settur, se jkun essenzjali li jiġu implimentati miżuri effettivi fi stadji inkrementali definiti b'mod ċar li għalihom il-partijiet ikkonċernati jistgħu jadattaw b'mod realistiku l-prodotti u l-proċessi interni tagħhom.

2.3.2. Il-proċess leġiżlattiv li għaddej minnu nnifsu fih livell ta' inċertezza fir-rigward tal-eżitu finali tal-pakketti leġiżlattivi. Il-KESE jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex ifittxu li jżommu u tabilħaqq itejbu aktar l-effettività kumulata tal-miżuri proposti — u jilħqu kunsens dwar il-pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tagħhom.

2.3.3. Pjan direzzjonali bħal dan se jinkludi l-allinjament ta' miżuri nazzjonali diġà eżistenti. Xi Stati Membri diġà żviluppaw pjani direzzjonali bħal dawn wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati⁽¹²⁾.

3. Kummenti speċifiċi

3.1. Sabiex il-proposta tiġi implimentata b'suċċess, huwa essenzjali li jiġi żgurat li jiġu esklużi l-iżbalji kritiċi fid-disinn f'mandat rigward l-SAF. Il-Kummissjoni żviluppata 8 tfassiliet tal-politika li jvarjaw fir-rigward tal-parti obligata tar-Regolament (Fornitur u/jew Linja tal-ajru), il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku (intra-ŻEE b'żona *extra*-ŻEE jew mingħajrha), is-sottomandati għal prodotti tal-SAF sofistikati futuri (b'mod partikolari l-RFNBO), l-oġġettiv (volum tal-SAF/iffrankar tal-gassijiet serra), u r-rekwiżiti loġistiċi (jiġifieri jekk l-opzjoni tinkludix sistema ta' ċertifikati negozjabbli

⁽¹²⁾ Eżempju: Il-Pjan Direzzjonali tal-Ġermanja dwar "mill-elettriku għal fjuwil likwidu" (PtL-Roadmap), 2021 https://www.bmvi.de/SharedDocs/DE/Anlage/LF/ptl-roadmap.pdf?__blob=publicationFile

(book and claim) li tagħmel il-provvista fiżika ta' kull ajruport mhux meħtieġa, sabiex jiġi evitat l-iżgurar li kull lott ta' fjuwil f'kull ajruport ikollu jkun fih l-SAF).

3.2. Il-KESE jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni ta' mandat għall-bijofjuwils avvanzati u l-e-kerosin. Il-Proposta tal-UE tiegħu post mandati nazzjonali partikolari li parzjalment jiddependu minn fjuwils ibbażati fuq kultivazzjonijiet alimentari. Għalhekk, minħabba li l-produzzjoni tal-bijofjuwils hija ta' importanza prevalenti għal ħafna setturi, u mhux biss għall-avjazzjoni, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-produzzjoni tagħhom tkun dejjem sostenibbli.

3.3. Il-Proposta tal-Kummissjoni tippredvi taħlita ta' 5 % ta' SAF sal-2023, li 4,3 % minnha hija attribwita għall-bijofjuwils, u 0,7 % għall-e-kerosin. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-bilanċ bejn il-bijofjuwils avvanzati u l-e-kerosin. Minħabba li l-bijofjuwils avvanzati huma magħmula mill-iskart u mir-residwi, ir-riżorsi jillimitaw l-isfruttar ambizzjuż tagħhom. Madankollu, l-e-kerosin, jekk ikun magħmul minn elettriku rinnovabbli (ekoloġiku) u mis-CO₂ maqbud mill-atmosfera, dan jipprovdi fjuwil b'emissjonijiet negliġibbli ta' CO₂. Il-KESE jemmen li leġiżlazzjoni sekondarja ulterjuri tista' taċċellera l-introduzzjoni ta' proċessi ta' produzzjoni avvanzati, u tiffaċilita l-kisba ta' miri aktar ambizzjużi fuq perjodu medju u twil għat-taħlitiet tal-SAF.

3.4. Fid-dawl tal-potenzjal tiegħu, il-KESE jirrakkomanda li jiġu segwiti inklużjonijiet aktar ambizzjużi tal-e-kerosin. Ma jidhrix li huwa impossibbli li l-mira minima tiżdied għal 0,7 % fl-2027 u għal 5 % fl-2030. Fil-fehma tal-KESE, il-Kummissjoni tissottovaluta d-dinamika tas-suq tal-e-kerosin. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Amerika t'Isfel u fl-Afrika jistgħu jiżviluppaw impjanti tal-enerġija, jaħżnu u jittrasportaw l-e-fjuwils lejn pajjiżi li jeħtieġu l-SAF u l-e-fjuwils. Skont kemm tikber l-iskala tal-impjanti, il-produzzjoni tal-e-fjuwils se ssir dejjem aktar affordabbli għal dawn il-pajjiżi. Madankollu, il-formulazzjoni attwali tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED III) ma tippredix biżżejjed stabbiltà fl-ippjanar għall-investituri biex jinvestu fteknoloġiji ġodda. Madankollu, dan is-sors ta' enerġija huwa tant importanti li hemm bżonn ta' pjan direzzjonali politiku ċar, kif deskritt hawn fuq.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tan-notifika ta’ kumpens fir-rigward ta’ miżura globali bbażata fuq is-suq għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-Unjoni”

(COM(2021) 567 final — 2021/0204 (COD))

(2022/C 105/21)

Relatur: **Thomas KROPP**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 14.9.2021 Parlament Ewropew, 13.9.2021
Bażi legali	Artikoli 192 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	7.10.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	238/0/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jinnota li, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-avjazzjoni naqsu b'64 % fl-2020, meta mqabbla mal-2019 ⁽¹⁾. Skont tbassir mill-Eurocontrol (l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni bl-Ajru) li jirferi il-proposta tal-Kummissjoni, il-volum tat-traffiku mhux mistenni jilħaq il-livelli tal-2019 qabel l-2024 ⁽²⁾.

1.2. FLulju 2020, il-Kunsill tal-ICAO (Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti) iddeċieda li l-emissjonijiet tal-2019 għandhom jintużaw bħala l-linja bażi biex jiġi kkalkulat il-kumpens ⁽³⁾ mil-linji tal-ajru għas-snin 2021-2022.

1.3. Skont l-emenda proposta għad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati jirrapportaw kumpensi, kif meħtieġ mil-liġi internazzjonali, fl-2022 għall-2021, anke jekk iż-żieda fl-emissjonijiet fl-2021 meta mqabbla mal-2019 hija mistennija li tkun negliġibbli, jekk mhux zero.

1.4. Għalhekk, il-KESE japprova l-proposta tal-Kummissjoni ⁽⁵⁾ li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tan-notifika ta' kumpens fl-2021. L-emenda għandha tiġi adottata mingħajr dewmien biex tinkiseb ċertezza legali ⁽⁶⁾.

⁽¹⁾ https://ec.europa.eu/clima/news/emissions-trading-greenhouse-gas-emissions-reduced-2020_mt

⁽²⁾ <https://www.eurocontrol.int/publication/eurocontrol-five-year-forecast-2020-2024>

⁽³⁾ Il-kumpens huwa attività minn kumpanija jew minn individwu biex tikkumpensa għall-emissjonijiet tagħhom billi tiffinanzja tnaqqis fl-emissjonijiet x'imkien ieħor. Fi swieq fejn il-kumpens huwa attività obligatorja, jinħarġu krediti ta' Tnaqqis Iċċertifikat ta' Emissjonijiet għal kumpensi ġġenerati minn proġetti ta' tnaqqis tal-emissjonijiet. Dawn il-krediti jistgħu jiġu nnegozjati bejn kumpaniji u gvernijiet biex jikkonformaw ma' ftehimiet internazzjonali li jillimitaw l-ammont ta' CO₂ li jista' jiġi rilaxxat minn korp jew organizzazzjoni waħda.

⁽⁴⁾ Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

⁽⁵⁾ Is-suġġett ta' din l-Opinjoni: COM(2021) 567 – 2021/0204 (COD).

⁽⁶⁾ Il-KESE jsewgi r-raġunament tal-klawżola 9 taħt l-intestatura “Billi:” tal-proposta COM(2021) 567 final – 2021/0204 (COD).

1.5. Il-KESE jirakkomanda li tiġi prevista estensjoni tal-linja bażi mibdula sakemm l-għadd medju ta' passiġġieri jkun fil-livelli tal-2019, mill-inqas għall-2022 u l-2023; dawn huma s-sinjura li matulhom huwa attwalment mistenni li jseħħ l-irkupru. Inkella l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jkunu obbligati li jikkompensaw għall-emissjonijiet minkejja li jtiru inqas u jiġġeneraw inqas emissjonijiet milli matul is-sena ta' referenza.

1.6. CORSIA (Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali) hija element wieħed minn pakkett ta' miżuri mfassla biex jittaffa l-impatt tal-avjazzjoni fuq l-ambjent. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrevedi l-proposti regolatorji kollha rilevanti għall-avjazzjoni fil-pakkett "lesti għall-mira ta' 55%" tal-politika tagħha dwar il-Patt Ekoloġiku, bil-għan li tistabbilixxi l-interdipendenza tal-proposti sabiex tivvaluta l-impatt finanzjarju kumulattiv tagħhom, u tallinja l-proċeduri rispettivi.

1.7. Fl-2016, l-istati membri tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) – inklużi Stati Membri tal-UE – qablu li jimplementaw il-CORSIA bħala l-istrument għall-protezzjoni tal-klima fl-avjazzjoni internazzjonali. Il-KESE jilqa' l-miżuri globali għall-industrija globali. Għalhekk huwa jappella lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri biex ikomplu jappoġġjaw bis-sħiħ u japprovaw il-CORSIA.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Fl-2016, l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) adottat CORSIA biex tindirizza l-emissjonijiet tas-CO₂ tal-avjazzjoni. L-istandards u l-proċeduri biex tiġi implimentata din l-iskema ġew adottati bħala anness għall-Konvenzjoni ta' Chicago li l-Istati Membri kollha tal-ICAO jridu japplikaw minn Jannar 2019.

2.2. Skema ta' kumpens ma tnaqqasx l-emissjonijiet tas-settur, iżda l-linji tal-ajru ser jikkompensaw għaż-żieda fl-emissjonijiet tal-avjazzjoni f'setturi oħra, sabiex l-emissjonijiet netti tas-CO₂ jistabbilizzaw. Rekwiżit fundamentali huwa li t-tnaqqis tal-emissjonijiet fi bnaid oħra jkun permanenti u ma jwassalx għal żidiet mhux intenzjonati fl-emissjonijiet.

2.3. Ir-rilevanza tal-CORSIA hija importanti ħafna minħabba li hija mekkaniżmu maqbul internazzjonalment fil-livell tan-NU. L-Istati Membri kollha li ffirmaw l-ICAO jridu jiżguraw li t-trasportaturi tagħhom jirrapportaw l-emissjonijiet kollha; fl-1 ta' Jannar 2019 beda l-monitoraġġ fuq it-titjiriet internazzjonali. Il-linji tal-ajru huma għalhekk obbligati li jistabbilixxu bażijiet ta' data għall-fjuwil użat fuq kull titjira sabiex jikkalkulaw l-emissjonijiet tas-CO₂ billi japplikaw wieħed minn diversi metodi approvati li jkejje l-użu tal-fjuwil. L-Istati Membri tal-ICAO madankollu qablu li jimplementaw il-CORSIA f'fażijiet differenti; bejn l-2021 u l-2026 ser ikunu soġġetti għall-kumpens biss dawk it-titjiriet bejn stati li vvolontarjament biex jipparteċipaw f'din l-ewwel fażi (?). Mill-2027 'il quddiem, it-titjiriet internazzjonali kollha ser ikunu koperti mill-iskema, b'eżenzjoni żgħira ħafna ta' ċerti pajjiżi li qed jiżviluppaw. It-titjiriet domestiċi jaqgħu taħt il-kompetenza ta' aġenzija oħra tan-NU, l-UNFCCC (?), u huma koperti mill-Ftehim ta' Pariġi.

2.4. Minħabba l-kriżi unika tal-COVID-19 u t-tnaqqis qawwi fil-volum tat-traffiku, u għalhekk fl-emissjonijiet tas-CO₂, kif ukoll perjodu ta' rkupru fit-tul wara din il-kriżi, huwa pjuttost improbabli li ser ikun hemm rekwiżiti ta' kumpens fl-2021-2023; dan jista' jwassal għal inċertezza dwar jekk l-obbligi tar-rappurtar jibqgħux sinifikanti. Il-proposta attwali tistabbilixxi obbligu legali għall-Istati Membri tal-UE li jinnotifikaw iċ-ċifra ta' kumpens lil-linji tal-ajru bbażati fl-UE sat-30 ta' Novembru 2022 fir-rigward tal-emissjonijiet tal-2021, anke jekk dawn ikunu żero. Għalhekk tipprovdi ċertezza legali kemm għal-linji tal-ajru tal-UE kif ukoll għall-Istati Membri.

(?) Mill-inqas 88 stat li jirrappreżentaw 77% tal-avjazzjoni internazzjonali huma koperti mill-iskema mill-2021 'il quddiem, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE.

(*) Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima. Il-Protokoll ta' Kjoto, li ġie ffirmat fl-1997 u li dam għaddej mill-2005 sal-2020, kien l-ewwel implimentazzjoni tal-miżuri skont il-UNFCCC. Il-Protokoll ta' Kjoto ġie sostitwit mill-Ftehim ta' Pariġi, li daħal fis-seħħ fl-2016. Il-UNFCCC għandha 197 stat firmatarju u l-progress tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tagħha huwa mmonitorjat mill-Konferenza tal-Partijiet, li tiltaqa' kull sena.

2.5. Huwa mbassar li l-CORSIA ser ittaffi madwar 2,5 biljun tunnellata ta' CO₂ bejn l-2021 u l-2035, li hija medja annwali ta' 165 miljun tunnellata ta' CO₂ ⁽⁹⁾. Madankollu, minħabba li l-CORSIA ma tnaqqasx l-emissjonijiet tal-avjazzjoni, mhijiex ser taffettwa l-livelli attwali tal-avjazzjoni tas-CO₂. Għalhekk, il-CORSIA għandha titqies flimkien ma' mekkaniżmi oħra li għandhom impatt fuq il-livelli ta' emissjonijiet tas-CO₂ tas-settur ⁽¹⁰⁾. Tliet miżuri oħra fil-kuntest tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" ⁽¹¹⁾ isegwu dan l-objettiv: l-introduzzjoni ta' taxa fuq il-pitrolju fil-livell tal-UE biss, l-introduzzjoni ta' mandat ta' taħlit għal fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli ⁽¹²⁾ u emendi għall-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (EU ETS).

2.6. Għalkemm il-CORSIA u l-ETS it-tnejn jindirizzaw l-emissjonijiet tas-CO₂, dawn jiffunzjonaw b'mod differenti. L-EU ETS tnaqqas l-emissjonijiet totali permissibbli billi tobbliga lil-linji tal-ajru jixtru kwoti għall-emissjonijiet *individwali* tagħhom. Min-naħa l-oħra, il-CORSIA tobbliga lil-linji tal-ajru biex jixtru kumpensi biex jikkompensaw għat-tkabbir kollettiv tal-emissjonijiet *settorjali*, sabiex kull tunnellata ta' CO₂ rilaxxata mill-avjazzjoni tiġi evitata jew imnaqqa f'settur ieħor. L-ETS applika għall-avjazzjoni intra-UE. Madankollu, din tinkludi passiġġieri li sempliċiment jittrasferixxu minn ajruport tal-UE għal ċentru tal-UE għal konnessjoni lejn destinazzjoni internazzjonali; f'każijiet bħal dawn, jiġu pprezzati l-emissjonijiet tas-CO₂ għas-segmenti kollha tal-ivvjaġġar li jinvolvu ajruport tal-UE. L-istess passiġġier jista' jittrasferixxi lejn destinazzjoni fuq l-istess distanza twila permezz ta' ċentru fil-viċinanza tal-UE bħal Londra, Istanbul, Dubai, Doha jew Moska; madankollu, l-emissjonijiet tas-CO₂ għat-titjira fuq distanza twila li toriġina minn ċentru mhux fl-UE imbagħad ma jkunux koperti mill-EU ETS. Dawn il-każijiet ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għandhom jiġu indirizzati.

2.7. Bl-istess mod, il-proposta ReFuelEU Aviation tista' twassal għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni minħabba li l-użu ta' fjuwil tal-avjazzjoni mħallat ma' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jkun obbligatorju (biss) fl-ajruporti kollha tal-UE, iżda mhux fiċ-ċentri li mhumiex tal-UE. Għalkemm il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jarmu inqas CO₂, l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom huma ferm ogħla minn dawk tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Mingħajr il-finanzjament pubbliku ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli bħal dawn, l-ispiża addizzjonali għal dawn it-tip ta' fjuwils fl-aħħar mill-aħħar tingħadda lill-passiġġieri, u b'hekk it-titjiriet internazzjonali minn ċentru tal-UE jsiru aktar għaljin għalihom minn titjira lejn l-istess destinazzjoni minn ċentru li mhux tal-UE. Distorsjonijiet sinifikanti bħal dawn għall-kompetizzjoni internazzjonali għandhom jiġu evitati; fl-aħħar mill-aħħar jipperikolaw it-tnaqqis mixtieq politikament, kummerċjalment u, fuq kollox, ekoloġikament tal-emissjonijiet tas-CO₂.

2.8. It-tassazzjoni tal-pitrolju jkollha effett fuq is-suq jekk tistimola l-produzzjoni ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli; dan mhux neċessarjament il-każ.

2.9. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tistabilixxi ħarsa ġenerali komprensiva tal-miżuri kollha bbażati fuq is-suq u l-effett maħsub tagħhom fuq is-suq tal-avjazzjoni.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropej

⁽⁹⁾ Skeda informattiva tal-IATA dwar il-CORSIA, 12 ta' Mejju 2019.

⁽¹⁰⁾ Bħal pereżempju l-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-EU ETS 2003/87/KE; l-inizjattiva RefuelEU Aviation; COM(2021) 561 final 2021/0205 (COD).

⁽¹¹⁾ Il-pakkett tal-Kummissjoni "lesti għall-mira ta' 55 %" jikkonsisti f'diversi proposti regolatorji interdependenti li jippermettu lill-Unjoni Ewropea tikseb il-mira tal-kontinent tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' **55 % emissjonijiet netti, li dwarhom il-Kunsill tal-UE qabel fl-2020**; dan huwa mnaqqax fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Il-proposti f'dan il-pakkett jaffettwaw ukoll l-ekosistemi Ewropej tat-trasport u tat-turiżmu. Mingħajr inċentivi effettivi, il-proposti ma jwasslux għal politiki sostenibbli tal-UE dwar it-turiżmu u t-trasport. Għall-kuntrarju, il-miżuri proposti jistgħu jwasslu għal żidiet sinifikanti fl-ispejjeż għan-negożji tal-UE, kemm kbar kif ukoll żgħar, u jagħmlu ħsara lill-kompetittività tagħhom fil-konfront tal-kumpaniji tat-trasport u tat-turiżmu ta' pajjiżi terzi li jinsabu madwar il-fruntieri tal-UE, u b'hekk ipoġġu l-impjegji tal-UE f'dawn is-setturi friskju. Dawk ir-reġjuni tal-UE li jiddependu ħafna mit-turiżmu konsegwentement jintlaqtu b'mod partikolarment ħażin. Approċċ sostenibbli u orjentat lejn il-futur, kif propost mill-Kummissjoni, jikkonsisti f'miżuri komplementari; madankollu, bejniethom dawn għandhom jaġixxu bħala katalist lejn settur newtrali għall-gassijiet serra; għalhekk għandu jitqies l-impatt kumulattiv tagħhom tal-ispejjeż għall-ekosistemi Ewropej tat-trasport u t-turiżmu bil-għan li tiġi pprovduta stabbiltà għall-ippjannar sabiex ikun hemm investiment f'impjegji ġodda.

⁽¹²⁾ Abbozz ta' opinjoni tal-KESE TEN/744 (ara paġna 136 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Perkors għal Pjaneta b’Saħħitha għal Kulħadd — Pjan ta’ Azzjoni tal-UE: ‘Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija”

(COM(2021) 400 final)

(2022/C 105/22)

Relatur: **Maria NIKOLOPOULOU**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 31.5.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	4.10.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	105/0/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jappoġġja l-pjan tal-Kummissjoni biex tindirizza b'mod komprensiv it-tipi differenti ta' tniġġis u tikkonforma mal-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Biex il-pjan ikun verament ambizzjuż, il-miri jridu jkunu allinjati bis-siġħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u l-livell ta' ambizzjoni għandu jiżdied mill-bidu nett, jiġifieri bħalissa.

1.2. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda tiġbor id-data sabiex dalwaqt tkun tista' tagħmel proposti leġislattivi fl-oqsma fejn ma jeżistux, pereżempju fir-rigward tat-tniġġis tad-dawl u tal-vibrazzjoni.

1.3. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien tal-Pjattaforma għall-Partijiet Ikkonċernati b'rabta mat-Tniġġis Żero, bil-għan li jitħaffef il-pass tad-dekontaminazzjoni u jixtieq jikkollabora permezz tal-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari ⁽¹⁾ jew mezz oħra.

1.4. Il-KESE jiddispaċi li r-rimedju u l-kumpens għal ħsara relatata mat-tniġġis jiġu kkunsidrati inqas fil-ġerarkija tat-tniġġis żero. Jeħtieġ li jiġu definiti azzjonijiet meta min iniġġes ma jkunx jista' jiġi identifikat jew ma jkunx jista' jikkompensa għall-ħsara.

1.5. Il-KESE jissuġġerixxi li meta jiġu vvalutati s-sorsi ta' materja partikolata, il-potenzjal ossidattiv u l-partikoli ultrafini tagħhom għandhom jiġu inklużi fil-leġislazzjoni u l-monitoraġġ tat-tniġġis mill-materja partikolata.

1.6. Biex jiġi miġġieled it-tniġġis tal-baħar, il-portijiet kollha jeħtieġ li jkollhom sistema avvanzata ta' ġbir u ġestjoni tal-iskart. Barra minn hekk, l-UE għandha tħeġġeġ il-miżuri għat-tneħħija mingħajr heda tal-iskart mill-baħar, kemm biex tgħin id-dekontaminazzjoni kif ukoll biex tiżgura attività sekondarja tas-sajd.

1.7. Parti mit-tniġġis marbut mal-plastik fil-baħar jiġi mill-ilmijiet interni. It-tindif tax-xmajjar Ewropej tagħna jeħtieġ koordinazzjoni bejn il-pajjiżi kkonċernati.

1.8. Il-KESE huwa tal-fehma li l-ġestjoni tal-iskart għandha tiġi armonizzata u li l-iskart għandu jiġi ġestit u jintuża mill-ġdid fl-istess territorju jew fejn ikun hemm faċilitajiet ta' riċiklaġġ adegwati, sabiex jiġi evitat li jkollu impatt negattiv f'pajjiżi terzi.

⁽¹⁾ Il-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari.

1.9. Għalkemm il-miri huma stabbiliti fil-livell tal-UE, il-KESE jirrakkomanda li jiġu stabbiliti limiti minimi għal kull pajjiż, sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jagħmlu progress tajjeb minkejja ritmu differenti.

1.10. Il-KESE jhegġegħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jħaffu l-pass tal-proċess tat-tranżizzjoni lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, li huma tant importanti għall-kumpaniji biex iwettqu l-proċess tagħhom ta' dekarbonizzazzjoni tal-produzzjoni.

1.11. Il-KESE jifraħ lill-Kummissjoni għall-istrateġija tax-xjenza mill-pubbliku biex tattiva l-parteċipazzjoni u l-kontribut tan-nies billi tissensibilizzahom dwar it-tniġġis, is-saħħa u l-benesseri.

2. Proposta tal-Kummissjoni

2.1. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" huwa wieħed mill-aħħar elementi ċentrali tal-Patt Ekoloġiku. Huwa jistabbilixxi bħala mira ewlenija għall-2050 li t-tniġġis jitnaqqas għal livelli li ma jagħmlux ħsara lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tintegra u torbot flimkien l-azzjonijiet kollha li għaddejjin bħalissa dwar diversi miri ta' tniġġis.

2.2. Skont id-dritt tal-Unjoni u l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku, u f'sinerġija ma' inizjattivi oħra, sal-2030, l-UE għandha tnaqqas:

- b'aktar minn 55 %, l-impatt fuq is-saħħa (imwiet prematuri) tat-tniġġis tal-arja;
- bi 30 %, il-persentaġġ tal-popolazzjoni li tbatu minn disturbi kroniċi dovuti għall-istorbju tat-trasport;
- b'25 %, l-ekosistemi fl-UE li fihom il-bijodiversità hija mhedda mit-tniġġis tal-arja;
- b'50 %, it-telf ta' nutrijenti, l-użu u r-riskji tal-pestiċidi kimiċi, l-użu ta' dawk l-aktar perikolużi u l-bejgħ ta' antimikrobiċi għall-annimali mrobbija fl-irziezet u għall-akkwakultura;
- b'50 %, l-iskart mill-plastik fil-baħar u bi 30 %, il-mikroplastiki rilaxxati fl-ambjent;
- b'mod sinifikanti, il-ġenerazzjoni totali tal-iskart u, b'50 %, l-iskart municiċipali residwu.

2.3. Ir-Rapporti dwar il-Monitoraġġ u l-Prospettiva ta' Tniġġis Żero ppjanati għall-2022 u l-2024 se jkollhom l-għan li jevalwaw il-proċess biex jintlaħqu l-miri stabbiliti sal-2030 u se jkunu l-punt ta' riferiment biex jiġi deċiż liema miżuri jeħtieġ li jiġu implimentati jew jissaħħu biex jiġi żgurat li jintlaħqu b'suċċess il-miri tal-2030. Minn hawn 'il quddiem, se jiġu deskritti l-passi li jmiss biex jinkiseb tniġġis żero sal-2050.

2.4. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni, se tnedi l-Pjattaforma għall-Partijiet Ikkonċernati b'rabta mat-Tniġġis Żero.

2.5. Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina ser tiġi riveduta sal-2023 bil-għan li jitnaqqsu l-plastik u skart ieħor, l-istorbju taħt l-ilma u s-sustanzi niġġiesa.

2.6. Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi u d-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ se jgħollu l-livell ta' ambizzjoni biex jitneħħew in-nutrijenti mill-ilma mormi u biex l-ilma u l-ħama ttrattati jitħejjew għall-użu mill-ġdid.

Ir-Regolament dwar it-Trasport tal-Iskart se jiġi rivedut biex jiġu kkontrollati aħjar l-esportazzjonijiet tal-iskart, jiġi żgurat it-trattament sostenibbli tiegħu u jiġu ristretti l-esportazzjonijiet b'impatti dannużi fuq l-ambjent u fuq is-saħħa f'pajjiżi terzi.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Kif iddikjarat fil-Pjan ta' Azzjoni, il-ġlieda kontra t-tniġġis hija wkoll ġlieda għall-ekwità, peress li l-aktar effetti dannużi fuq is-saħħa huma mġarrbin mill-iżjed gruppi vulnerabbli, inklużi t-tfal, il-persuni akbar fl-età jew b'kundizzjonijiet tas-saħħa, il-persuni b'diżabilità u dawk li jgħixu f'kundizzjonijiet soċjoekonomiċi agħar^(?). Flivell dinji, il-pajjiżi b'introjtu baxx u medju għandhom l-agħar proporzjon ta' mard relatat mat-tniġġis, b'madwar 92 % tal-imwiet relatati mat-tniġġis^(?).

(?) Rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) Nru° 22/2018: "Unequal exposure and unequal impacts" [Esponiment inugwali u impatti inugwali].

(?) UNEP/EA.4/3 (2018): Implementation plan "Towards a Pollution-Free Planet" [Pjan ta' implimentazzjoni "Lejn Pjaneta Mingħajr Tniġġis"].

3.2. Il-KESE jappoġġja l-pjan tal-Kummissjoni u l-inizjattivi ewlenin tiegħu biex tindirizza b'mod komprensiv it-tipi differenti ta' tniġġis u tikkonforma mal-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi u l-SDGs. Biex il-pjan ikun verament ambizzjuż, jeħtieġ li l-miri jkunu allinjati bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO.

3.3. Il-KESE jaqbel mal-approċċ tat-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni eżistenti fl-oqsma differenti u l-aġġustament tagħha fejn din ma ġietx implimentata b'suċċess, pereżempju f'dak li jirrigwarda l-kwalità tal-arja u l-ilma. Aħna ntenu li l-politika ambjentali tal-UE wriet li implimentazzjoni dgħajfa, frammentata u mhux uniformi tal-leġiżlazzjoni ambjentali Ewropea hija problema serja f'ħafna Stati Membri⁽⁴⁾. Barra min hekk, dak li huwa nieqes mhuwiex l-għarfien fir-rigward ta' x'għandu jsir, iżda l-implimentazzjoni ta' miżuri li ilna nafu dwarhom, ħafna drabi deċiżi żmien ilu, u nuqqas ta' rieda politika⁽⁵⁾.

3.4. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda tiġbor id-data sabiex dalwaqt tkun tista' tagħmel proposti leġiżlattivi fl-oqsma fejn ma jeżistux, pereżempju fir-rigward tat-tniġġis tad-dawl u tal-vibrazzjoni.

3.5. Il-punt sa fejn intlaħqu l-miri se jiġi vvalutat bir-riżultati tal-monitoraġġ u l-prospettiva għall-2024. Dan se jiftaħ id-dibattitu biex jiġi vvalutat il-livell ta' ambizzjoni u, jekk ikun meħtieġ, jiġu riveduti l-għanijiet u l-leġiżlazzjoni b'aktar reqqa. Il-KESE jibża' li dan il-proċess ser ikun twil wisq minħabba ż-żmien qasir li fadal biex jintlaħqu l-miri tal-2030, u huwa tal-fehma li l-livell ta' ambizzjoni għandu jidded mill-bidu nett, jiġifieri bħalissa.

3.6. Il-miri rigward it-tniġġis tal-arja stabbiliti għall-2030 huma bbażati fuq snin ta' referenza li huma antiki wisq. Is-snin ta' referenza jvarjaw bejn l-għanijiet differenti minħabba li huma bbażati fuq data u leġiżlazzjoni differenti. Għalkemm huwa minnu li perjodi twal ta' data kumulattiva jiffaċilitaw il-projezzjonijiet, il-KESE jemmen li l-punt tat-tluq biex tiġi vvalutata l-progressjoni tal-miri għandu jkun allinjat għall-miri kollha sabiex tinkiseb stampa realistika tal-livell ta' konformità.

3.7. Il-qafas ta' abilitazzjoni għandu jgħin lin-negozji u lill-SMEs jimplementaw il-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll tat-tniġġis, billi jżommu l-piżijiet amministrattivi baxxi kemm jista' jkun. Hemm ukoll il-hteġa li jiġi armonizzat qafas regolatorju fil-livell internazzjonali, peress li t-tniġġis tal-UE ma jiqafx mal-fruntieri.

3.8. Il-KESE huwa tal-fehma li l-proċess ta' kooperazzjoni huwa fundamentali biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni. Għalhekk, huwa jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien tal-Pjattaforma għall-Partijiet Ikkonċernati b'rabta mat-Tniġġis Zero u jixtieq jikkollabora permezz tal-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari jew mezzi oħra. Jirrakkomanda wkoll li tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi u jitrawmu spazji għall-kooperazzjoni bejn is-soċjetà ċivili fir-reġjuni differenti, peress li t-tniġġis m'għandux fruntieri.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. L-appoġġ tal-UE għall-innovazzjoni, l-investiment u r-riċerka dwar tagħmir u teknoloġiji ġodda huwa importanti għan-negozji kollha, u għall-ħolqien ta' impjegji ġodda ta' kwalità tajba. Barra minn hekk, jeħtieġ li jsir investiment: fin-natura u l-bijodiversità (ir-restawr tal-ekosistemi u l-agrikoltura restorattiva); fil-prospertà (l-infrastruttura sostenibbli u t-tranżizzjonijiet rinnovabbli/tal-enerġija, il-bini u l-mobilità ekoloġika/pubblika); u fin-nies (l-edukazzjoni u t-tnaqqis tad-distakk diġitali/ir-R&Ż, ir-riformi tat-taxxa biex jinħolqu opportunitajiet aktar ġusti u ekwi fl-edukazzjoni, is-saħħa u l-ambjent).

4.2. Il-KESE jiddispaċih li r-rimedju u l-kumpens għal ħsara relatata mat-tniġġis jiġu kkunsidrati inqas fil-ġerarkija tat-tniġġis zero. Il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" ma kienx effettiv ħafna, kif juri l-għadd kbir ta' siti mniġġsa li għadhom jeżistu fl-UE. Jeħtieġ li jiġu definiti azzjonijiet meta min iniġġes ma jkunx jista' jiġi identifikat jew ma jkunx jista' jikkompensa għall-ħsara.

4.3. Fir-rigward tat-tniġġis tal-arja, il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-materja partikolata, li hija marbuta ma' miljuni ta' mwiet prematuri fid-dinja. Meta jiġu vvalutati l-effetti tossikoloġiċi tal-materja partikolata fuq is-saħħa tal-bniedem, għandha tiġi stabbilita metrika standardizzata bbażata mhux biss fuq il-konċentrazzjoni tal-massa iżda wkoll fuq id-daqs u l-kompożizzjoni kimika. Meta jiġu vvalutati s-sorsi tal-materja partikolata, il-potenzjal ossidattiv tagħhom u l-partikoli ultrafini huma importanti peress li l-grad ta' periklu jiddependi minn dan, u għandhom jiġu inklużi fil-leġiżlazzjoni u l-monitoraġġ tat-tniġġis mill-materja partikolata.

⁽⁴⁾ ĠU C 110, 22.3.2019, p. 33.

⁽⁵⁾ ĠU C 123, 9.4.2021, p. 76.

4.4. Il-leġiżlazzjoni dwar l-ilma se tiġi adattata għat-tnaqqis tas-sustanzi kimiċi li jniġġsu u l-mikroplastiki. L-iskart mill-plastik huwa inkwetanti ħafna peress li huwa kkompilat biex jitneħħa, jassorbi sustanzi niġġiesa oħra, u ma jiġix ikkunsidrat l-impatt kimiku u tossikoloġiku għoli tal-addittivi tiegħu u tas-sustanzi dderivati mill-frammentazzjoni tiegħu, in-nanoplastiki⁽⁶⁾. Il-pajjiżi tal-OECD jikkontribwixxu bil-kbir għall-iskart mill-plastik prodott fpajjiżi oħra; għalhekk jeħtieġ li jinstabu soluzzjonijiet għat-tniġġis transfruntier u jeħtieġ li jiġi stabbilit limitu globali speċifiku għid għall-iskart mill-plastik. Il-prevenzjoni hija wkoll essenzjali, u jeħtieġ li tittejjeg u tiġi inċentivata l-produzzjoni għall-ekodisinn. L-industrija u x-xjenza ambjentali għandhom jaħdmu flimkien biex jirriċerkaw soluzzjonijiet vijabbli.

4.5. Huwa importanti, b'mod partikolari fl-agrikoltura, li jsir investiment fl-innovazzjoni ta' teknoloġiji u mudelli operattivi li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid tal-ilma u jtejbu l-kwalità tal-ilma, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet biex titnaqqas l-impronta ambjentali (pereżempju, fir-rigward tal-fertilizzazzjoni, l-użu tal-pestiċidi u l-emissjonijiet tan-nitrati). It-titjib tal-ħiliet tal-operaturi u t-taħriġ fteknoloġiji ġodda u soluzzjonijiet diġitali se jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tagħhom u l-konformità mar-regolamentazzjoni dwar l-ilma.

4.6. L-iskart mill-attivitajiet tas-sajd u, b'mod partikolari, ix-xbieki tas-sajd għandhom jiġu ġestiti b'mod skrupluż. Peress li l-movimenti tal-iskart mill-plastik fil-baħar huma imprevedibbli, jeħtieġ li tiġi implimentata leġiżlazzjoni internazzjonali, jew tal-anqas diżaggregata skont il-produzzjoni u l-konsum tal-plastik ta' kull pajjiż, sabiex min iniġġes l-aktar ikollu jħallas aktar. L-NGOs u ċerti pajjiżi wrew li jeżistu l-għodod u n-nies bil-kapaċità li jneħħu l-iskart mill-baħar u li jistgħu jinħolqu l-istrutturi portwarji meħtieġa għall-ħżin u r-riċiklaġġ tiegħu⁽⁷⁾. Madankollu, il-miżura ma tiġix implimentata minħabba li s-sajjieda ma jiksbu l-ebda benefiċċju ekonomiku mill-ġbir u s-separazzjoni tal-iskart u l-portijiet iż-żgħar għandhom mhumiex ippreparati għal din l-attività. Il-portijiet kollha, inklużi l-iżgħar fosthom, għandu jkollhom sistema avvanzata ta' ġbir u ġestjoni trasparenti tal-iskart⁽⁸⁾. L-UE għandha ttejjeg dawn il-miżuri mingħajr heda, kemm biex tgħin id-dekontaminazzjoni kif ukoll biex tiżgura attività sekondarja tas-sajd⁽⁹⁾.

4.7. 80 % tal-iskart fl-ibħra jgħaddu mill-ilmijiet interni (lagi u xmajjar)⁽¹⁰⁾. Il-ġestjoni u l-kontroll tal-problema fis-sors huma aktar effettivi. It-tindif tax-xmajjar Ewropej tagħna jeħtieġ koordinazzjoni bejn il-pajjiżi. Madankollu, il-pajjiżi kkonċernati għandhom sistemi legali differenti ħafna u livelli differenti ta' obbligi tal-gvern fir-rigward tal-ġestjoni tal-baċini tax-xmajjar.

4.8. Il-KESE jqis li l-indirizzar tat-taħlitiet ta' sustanzi kimiċi huwa pass rilevanti 'l quddiem fil-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanzi kimiċi. Ir-riċerka u l-iżvilupp huma kruċjali biex ikun hemm progress fir-rigward tal-għarfien, il-valutazzjoni u l-ġestjoni tat-taħlitiet⁽¹¹⁾.

4.9. L-orjentazzjoni tal-UE lejn tniġġis zero teħtieġ ukoll inċentivi biex tiġi ffaċilitata l-bidla, il-bini tal-kapaċitajiet fteknoloġiji ġodda u soluzzjonijiet diġitali, assistenza teknika, edukazzjoni soċjali u armonizzazzjoni u implimentazzjoni ta' gwidi għal prattika tajba f'dak li jirrigwarda l-produzzjoni u l-konsum. In-negozji jeħtieġu biżżejjed enerġija rinnovabbli bi prezzijiet affordabbli u fjuwils gassużi b'livell baxx ta' karbonju jew zero biex jiddekarbonizzaw il-proċessi tal-manifattura tagħhom. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jħaffu l-pass tal-proċess tat-tranżizzjoni lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

4.10. Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali tippredvi livell għoli ta' protezzjoni għall-ambjent kollu kemm hu. Approċċ aktar adatt għall-SMEs huwa li jiġu implimentati l-aqwa tekniki disponibbli li ma jinvolvox spejjeż eċċessivi. L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali għandha tkopri l-katina kollha tal-valur, inkluż l-akkwist ta' materja prima barra mill-UE. Il-livelli ta' konformità għandhom ikunu legalment vinkolanti għall-emissjonijiet industrijali u tinħtieġ metodoloġija standardizzata u affidabbli ta' monitoraġġ, li tiżgura l-ipparagunar ta' data ġenwina, kif ukoll valutazzjoni armonizzata li tiggarrantixxi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-industrija kollha tal-UE.

⁽⁶⁾ Ara Sendra *et al.*, 2020.

⁽⁷⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116).

⁽⁸⁾ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 207.

⁽⁹⁾ Can fishers help cleaning the sea from plastic waste?[Is-sajjieda jistgħu jgħinu fit-tindif tal-baħar mill-iskart tal-plastik?], ETF.

⁽¹⁰⁾ Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, Marine plastic debris and microplastics [Ir-residwu tal-plastik fil-baħar u l-mikroplastiki], 2016.

⁽¹¹⁾ ĠU C 286, 16.7.2021, p. 181.

4.11. Il-KESE jqis l-Aġenda għall-Filiet bħala element ewlieni għall-iżvilupp tas-suq tax-xogħol, li jiggwida t-taħriġ tal-professjonisti biex ikunu konxji tal-klima, l-ambjent u s-saħħa. Huwa jilqa' b'sodisfazzjon ukoll it-taħriġ tal-ħaddiema fis-settur tas-saħħa u dak soċjali li ser itejjeb il-kapaċitajiet tagħhom li jindirizzaw ir-riskji ambjentali. Din l-istrategġija se tagħmilha aktar faċli għall-intraprendituri, in-negozji, l-SMEs, dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema kollha biex jadattaw, u b'hekk jinaqqas kemm jista' jkun it-telf tal-impjegji.

4.12. Il-bliet u r-reġjuni jinsabu fuq quddiem nett fl-implimentazzjoni tal-programmi kontra t-tniġġis. L-isfida biex titwettaq l-aġenda tiddependi mill-isforzi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Huwa kruċjali li jiġu armonizzati r-rekwiżiti u l-miżuri fir-reġjuni kollha u li jiġi żgurat li l-implimentazzjoni u l-għanijiet li jintlaħqu fl-aħħar mill-aħħar jibqgħu kostanti matul iż-żmien, irrispettivament mill-bidliet politiċi. Għalkemm il-miri huma stabbiliti fil-livell tal-UE, il-KESE jirrakkomanda li jiġu stabbiliti limiti minimi għal kull pajjiż, sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jaqgħu progress tajjeb minkejja ritmu differenti.

4.13. Huwa importanti li l-ġestjoni tal-iskart tiġi armonizzata, peress li s-separazzjoni u t-treatment ma jaħdmux b'mod ugwali bejn ir-reġjuni tal-UE u fil-livell lokali f'kull pajjiż, u b'hekk titnaqqas l-effettività tal-ġestjoni u tal-prevenzjoni tat-tniġġis. L-esportazzjoni ta' kwalunkwe skart li ma jikkonformax mal-istandards tal-UE għandha tkun ipprojbita, irrispettivament mill-miżuri regolatorji tal-pajjiż li lejha huwa maħsub li jiġi esportat. Barra minn hekk, l-iskart tal-UE għandu jiġi ġestit u użat mill-ġdid fl-istess territorju jew fejn ikun hemm faċilitajiet ta' riċiklaġġ adegwati, biex jiġi evitat l-impatt tiegħu fuq pajjiżi terzi, sakemm l-iskart ma jintużax bħala materja prima fil-produzzjoni sostenibbli li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent.

4.14. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa qafas integrat ta' monitoraġġ u ta' prospettiva għal tniġġis zero bil-għan li jiġu vvaluati l-impatti tiegħu fuq is-saħħa, l-ambjent, l-ekonomija u s-soċjetà. Il-monitoraġġ tal-istat tax-xmajjar għandu jiġi inkluż ukoll. Id-data miġbura għandha tinkiseb bl-użu ta' metodi standardizzati, tkun trasparenti, affidabbli, traċċabbli u disponibbli għal kulħadd. Il-bażi tad-data għandha tintegra s-sorsi tal-istituzzjonijiet ewlenin assoċjati mal-Kummissjoni kif ukoll ta' kwalunkwe istituzzjoni rikonoxxuta li tixtieq tikkontribwixxi għall-monitoraġġ tat-tniġġis u l-effetti tiegħu.

4.15. Il-KESE jifraħ lill-Kummissjoni għall-istrategġija tax-xjenza mill-pubbliku biex tattiva l-parteċipazzjoni u l-kontribut tan-nies billi tissensibilizzahom dwar it-tniġġis, is-saħħa u l-benesseri. Dan jawtonomizza lin-nies biex jimmonitorjaw it-tniġġis u jintegraw id-data miġbura għat-teħid tad-deċiżjonijiet. Sabiex jiġi ggarantit is-suċċess tagħha, għandha tiġi żgurata koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet, l-NGOs, il-komunitajiet u l-qasam tax-xjenza.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċeduri uniformi għal kontrolli fuq it-trasport ta’ merkanzija perikoluża bit-triq”

(COM(2021) 483 final — 2021/0275 (COD))

(2022/C 105/23)

Konsultazzjonijiet	Parlament Ewropew, 13.9.2021 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 24.9.2021
Bażi legali	Artikoli 91 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjeta tal-Infommazzjoni
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	219/0/1

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li m’hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul il-564 sessjoni plenarja tiegħu tal-20 u l-21 ta’ Ottubru 2021 (seduta tal-20 ta’ Ottubru), b’219-il vot favur u astensjoni waħda (1), li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, l-20 ta’ Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1286/2014 fir-rigward tal-estensjoni tal-arranġament tranżitorju għall-kumpaniji maniġerjali, il-kumpaniji ta’ investiment u l-persuni li jagħtu pariri dwar, jew ibiġġu, unitajiet ta’ impriżi ta’ investiment kollettiv f’titoli trasferibbli (UCITS) u mhux UCITS”

(COM(2021) 397 final — 2021/0215 (COD))

(2022/C 105/24)

Konsultazzjonijiet	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 29.7.2021 Parlament Ewropew, 13.9.2021
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	216/0/7

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u m’hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul il-564 sessjoni plenarja tiegħu tal-20 u l-21 ta’ Ottubru 2021 (seduta tal-20 ta’ Ottubru 2021), b’216-il vot favur u b’7 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, l-20 ta’ Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/65/KE fir-rigward tal-użu ta’ dokumenti bl-informazzjoni ewlenija mill-kumpaniji maniġerjali tal-imprezi ta’ investiment kollettiv f’titoli trasferibbli (UCITS)”

(COM(2021) 399 final — 2021/0219 (COD))

(2022/C 105/25)

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 1.9.2021
Bażi legali	Artikolu 53(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	218/0/11

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u m’hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul il-564 sessjoni plenarja tiegħu tal-20 u l-21 ta’ Ottubru 2021 (seduta tal-20 ta’ Ottubru 2021), b’218-il vot favur u bi 11-il astensjoni, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, l-20 ta’ Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta’ konservazzjoni u ta’ ġestjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar”

(COM(2021) 424 final — 2021/0242 (COD))

(2022/C 105/26)

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 13.9.2021 Kunsill, 30.8.2021
Bażi legali	Artikoli 43(2) u Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	221/0/1

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u m'hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul il-564 sessjoni plenarja tiegħu tal-20 u l-21 ta' Ottubru 2021 (seduta tal-20 ta' Ottubru 2021), b'221 vot favur u b'astensjoni waħda, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment L-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021”

(COM(2020) 575 final)

(opinjoni addizzjonali)

(2022/C 105/27)

Relatur: **Gonçalo LOBO XAVIER**

Deċiżjoni tal-Bureau tal-Kumitat	26.4.2021
Bażi legali	Artikolu 32(1) tar-Regoli ta' Proċedura u Artikolu 29(a) tad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	5.10.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	168/0/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) għadu mħasseb dwar il-fatt li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri m'hemmx biżżejjed ċarezza dwar is-sistemi ta' governanza tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (NRRPs) u t-tqassim tar-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tagħhom bejn il-livelli ċentrali, reġjonali u lokali. Lanqas ma hemm ċarezza biżżejjed dwar il-mekkaniżmi adatti għall-involvement tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali fil-fażijiet tal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-aġġustament tal-NRRPs. Dan issemma fir-Riżoluzzjoni tal-KESE ta' Frar⁽¹⁾ u s-sitwazzjoni baqgħet l-istess minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni. Il-KESE jappella bil-qawwa għal aktar skrutinju dwar dawn l-aspetti kruċjali għall-irkupru tal-Unjoni.

1.2 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jitkejjel il-progress tal-implimentazzjoni tal-pjani għall-irkupru u r-reżiljenza. Huma meħtieġa indikaturi ta' monitoraġġ tajbin, peress li dawn se jkunu l-boxxla għad-direzzjoni li fiha nistgħu nkomplu niżviluppaw u nirkupraw. Jeħtieġ li l-Istati Membri jirreaġixxu b'mod xieraq għal din l-isfida u hemm bżonn ta' kuraġġ biex ngħarrfu liċ-ċittadini dwar id-diffikultajiet enormi li jinsabu quddiemhom.

1.3 Il-KESE jemmen bis-siġħ fl-importanza taċ-ċiklu tas-Semestru li jmiss għall-Unjoni bħala strument ewlieni għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Hemm żewġ tipi ta' għodod fil-Pjani Nazzjonali: l-Istati Membri jistgħu implimentaw u jagħmlu tibdil strutturali radikali minn naħa waħda bi tranżizzjoni doppja u, min-naħa l-oħra, b'investiment u riformi għaċ-ċittadini (familja, ħaddiema, intraprendituri, eċċ.) li qed isofru b'mod aktar dirett mill-kriżi. Fil-fehma tal-KESE, dawn iż-żewġ għażliet għandhom jiġu kkunsidrati. Dawn jeħtieġu għodod differenti u xi kultant dawn ma jistgħux jikkoinċidu. L-irkupru huwa meħtieġ biex is-sistema ekonomika ssir reżiljenti.

1.4 Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat uħud mill-aktar dgħufijiet perikolużi tal-Ewropa: in-nuqqas ta' koordinazzjoni tal-politika għall-industrija, u d-dipendenza minn oqsma ekonomiċi oħra għal bosta prodotti u servizzi. Il-KESE jifhem li huwa diffiċli li jinbidlu d-drawwiet u l-politiki, kif ukoll li hemm bżonn ta' għadd ta' snin biex jinħassu l-effetti reali ta' politiki ġodda. Madankollu, iż-żmien huwa prezzjuż jekk l-Unjoni trid tinbidel u tirkupra. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima (u d-diffikultajiet fid-distribuzzjoni tagħha), in-nuqqas ta' semikondutturi u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija juru wkoll id-dipendenza tal-Unjoni fuq assi kritiċi. Il-KESE jixtieq jara azzjoni reali mill-Istati Membri kollha dwar l-investment fl-edukazzjoni, l-infrastruttura u l-politika industrijali li tista' żżid l-impjiegi u tħeġġeġ liċ-ċittadini biex jagħtu spinta lill-industrija Ewropea.

(¹) L-involvement tas-soċjetà ċivili organizzata fil-Pjani Nazzjonali għall-irkupru u r-Reżiljenza – X'jaħdem u x'ma jaħdimx? (ĠU C 155, 30.4.2021, p. 1).

1.5 Il-KESE jappoġġja l-investimenti fl-edukazzjoni ta' kwalità għolja, it-tagħlim tul il-ħajja u r-riċerka u l-iżvilupp, li huma essenzjali biex jixprunaw u jikkomplementaw il-bidliet ekonomiċi u soċjali li in-NextGenerationEU jippromovi. M'hemmx dubju li huwa meħtieġ investiment li jsahha is-sistemi tas-saħħa u l-politiki tas-saħħa pubblika tas-soċjetajiet milquta ħażin mill-pandemija tal-COVID-19. L-investment irid ikun ikkombinat ma' politika industrijali tasew b'saħħitha li tista' tippromovi l-produzzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi fl-Ewropa sabiex tiġi evitata dipendenza sħiħa minn oqsma ekonomiċi oħra.

1.6 Il-KESE jemmen li issa huwa ż-żmien għal riforma rigoruża u profonda tal-patt. Huma meħtieġa rakkomandazzjoni b'saħħitha f'dan is-Semestru rivedut ġdid, u patt ġdid li jinkludi għadd ta' proċedimenti u regoli vinkolanti għall-konsultazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-awtoritajiet lokali. Dan jirrikjedi azzjoni. Wasal iż-żmien li jiġu fformulati regoli vinkolanti għall-involviment fl-istadji kollha mit-tħejija sal-implimentazzjoni biex jiġu evitati problemi strutturali fil-futur.

1.7 Fil-fehma tal-KESE, analiżi qasira tal-prijoritajiet ewlenin tal-pjani għall-irkupru u r-reżiljenza turi enfasi ċara fuq l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku. Il-KESE jemmen li dan huwa bla dubju importanti, iżda hemm tħassib dwar l-implimentazzjoni u l-impatt ta' xi miżuri li jidhru li m'għandhomx bażi soda. Iċ-ċittadini, il-ħaddiema u l-kumpaniji jeħtiġilhom jiġu appoġġjati biex jagħmlu din it-tranżizzjoni, u l-miri għandhom jiġu definiti b'mod ċar u raġonevoli biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn ikollna retorika politika impressjonanti iżda implimentazzjoni Prattika ħażina, b'effetti sekondarji enormi mhux fid-dieher.

1.8 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li wieħed mill-aktar riżultati siewja tal-proċess tas-Semestru ġie injorat matul is-snin. Fil-fatt, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi huma opportunità għal titjib, u huma bbażati fuq data konsistenti. L-Istati Membri għandhom jivalutaw mill-ġdid l-attitudni tagħhom fir-rigward ta' din l-għodda, b'mod partikolari wara l-kriżi tal-COVID-19 u fid-dawl tal-opportunità li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza toffri biex jiġu implimentati riformi strutturali (fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-politiki fiskali, is-suq tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali fl-ambitu tal-Pilastru Soċjali u r-rakkomandazzjonijiet tas-Summit ta' Porto) li huma essenzjali għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa bidla ta' attitudni mill-perspettiva tal-Istati Membri, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ikunu attivi ferm u jaġixxu bħala superviżuri fil-proċess.

1.9 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni wkoll għall-kapaċità ta' assorbiment tal-fondi ta' ċerti Stati Membri, fid-dawl tat-"track record" tagħhom. Nofs il-fondi strutturali tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020 ma ntużawx sa tmiem l-2020, u għandhom jintefqu fis-snin li ġejjin. L-esperjenza u d-data tal-Kummissjoni għandhom jipprovdu twissijiet lill-Istati Membri u jgħinu u jirriallokaw aħjar il-fondi f'termini ta' distribuzzjoni u skeda ta' żmien. Huwa importanti ħafna li l-Istati Membri jiġu mwissija li l-għażliet politiċi tagħhom m'għandhomx idgħajfu l-proċess ta' rkupru u li jeħtieġ li jittieħdu xi miżuri biex jiġu evitati problemi fis-sistema. Dan jinkludi mhux biss il-ħtieġa li tiġi evitata l-burokrazija, iżda wkoll il-ħtieġa li jiġi pprovdut l-appoġġ politiku adegwat għall-effiċjenza.

1.10 Il-KESE jemmen li l-proċess inevitabli tad-diġitalizzazzjoni, speċjalment b'rabta mas-servizzi pubbliċi fis-sistemi tas-saħħa jew soċjali, se jelimina għadd ta' impjegji. Din id-diġitalizzazzjoni tista' toħloq ukoll problemi għaċ-ċittadini akbar fl-età li huma inqas kapaċi jadattaw għall-proċess ta' diġitalizzazzjoni. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jittfasslu programmi li jistgħu verament jappoġġjaw liċ-ċittadini u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni. L-Istati Membri jeħtiġilhom jallokaw fondi ta' investiment biex jagħtu taħriġ mill-ġdid ta' ħliet lill-persuni affettwati minn din il-bidla, u hemm bżonn ta' kuraġġ politiku biex tiġi affaċċjata l-isfida, kif ukoll komunikazzjoni tajba maċ-ċittadini biex jingħataw kjarifiki għall-politiki u l-għanijiet.

1.11 Il-KESE jilqa' l-inizjattiva ta' "Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza". Il-KESE jemmen li din se tkun għodda importanti ħafna li tista' tagħti spinta lill-proċess ta' investiment u twassal għal mekkaniżmi li jistgħu jkunu ta' importanza kruċjali għall-Unjoni. Il-KESE jappoġġja wkoll l-iskeda ta' żmien proposta, b'adozzjoni mistennija mill-Kummissjoni sal-aħħar ta' Settembru (?). Madankollu, il-KESE jinsisti fuq il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili wkoll f'dan il-proċess. Din mhijiex kwistjoni ta' viżibbiltà. Din hija kwistjoni ta' viġilanza, u l-KESE jiġbed l-attenzjoni wkoll għall-ħtieġa li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu awtonomizzati u jitħejjew għal din l-isfida. Huwa inutli li tintalab azzjoni mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jekk ma jkunux imħejjija jew jekk ma jkollhomx ir-riżorsi biex ikunu attivi. Dan jirrappreżenta responsabbiltà u opportunità enormi għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

(?) Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza u indikatorji komuni, abbozz ta' att delegat: Tabella ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza – indikatorji komuni u elementi dettaljati.

2. Kummenti ġenerali

2.1 Il-KESE jilqa' t-tnedija tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-2021: biex tingħeleb il-COVID-19, ikun appoġġat l-irkupru u tkun modernizzata l-ekonomija tagħna⁽³⁾. Id-dinja qed tiffaċċja kriżi kbira li tidher li qed iddghajef il-pjani u l-istrateġiji kollha ta' rkupru. Ir-reżiljenza u s-saħħa tal-Ewropa jridu, madankollu, jipprevalu jekk irridu nsostnu l-Unjoni tagħna.

2.2 Huwa fatt li l-Unjoni Ewropea ħadet azzjonijiet bla preċedent biex tiġġieled il-pandemija tal-COVID-19, ittaffi l-impatt tal-kriżi, u tqiegħed l-ekonomija tagħna fi triq ta' tkabbir robust, sostenibbli u inklużiv. Madankollu, għad hemm ħafna inċertezza dwar l-effettività tal-politiki tas-saħħa, peress li l-kriżi kellha impatt enormi fuq il-fiduċja taċ-ċittadini, li hija essenzjali għall-irkupru ekonomiku u soċjali. L-għan li titlaqqam aktar minn 70 % tal-popolazzjoni Ewropea se jkollu impatt enormi fuq il-fiduċja tan-nies, u l-KESE jfaħħar il-koordinazzjoni li saret bejn l-Istati Membri biex jintlaħaq dan l-għan. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni wkoll għall-ħtieġa li jiġi ċċarat liċ-ċittadini l-fatt li dawn il-kisbiet huma importanti iżda għad hemm bżonn ta' kawtela minħabba li dawn il-miżuri jistgħu ma jkunux biżżejjed biex iwaqqfu kompletament il-kriżi tas-saħħa.

2.3 L-opportunità li ngħatat lill-Istati Membri biex jippreżentaw il-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza hija fattur enormi li għandha tkun ta' prijorità. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jaqdu rwol kritiku fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' dawn il-pjani. Dan għandu jkun ċar għall-Istati Membri kollha. Riżoluzzjoni tal-KESE ssostni li: "Il-KESE jqis li r-riformi kollha fil-proċess ta' ristrutturar għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE: il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u dawk soċjali, il-valuri demokratiċi u l-istat tad-dritt. L-investimenti skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandhom jimmiraw li jlliberaw il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku, isaħħu r-reżiljenza ekonomika tal-UE, jilhq u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (SDGs), joħlqu ekonomija ċirkolari, jilhq u nnewtralità klimatika fl-UE sa mhux aktar tard mill-2050, iħeġġu l-innovazzjoni u l-modernizzazzjoni relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u s-soċjetà, u jassiguraw implimentazzjoni effettiva tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali biex tiġi żgurata koeżjoni soċjali, jinqered il-faqar u jitnaqqsu l-inugwaljanzi"⁽⁴⁾.

2.4 In-Next Generation EU, b'valur ta' EUR 750 biljun (EUR 500 biljun minnhom diġà ġew allokati), huwa għodda ewlenija għall-UE biex trawwem l-investiment u l-irkupru sabiex l-UE toħroġ aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti mill-kriżi attwali.

2.5 Il-KESE jemmen li l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jistabbilixxi azzjonijiet konkreti biex tissaħħa id-dimensjoni soċjali fil-politiki kollha tal-Unjoni u se jgħin biex jiġi żgurat irkupru inklużiv.

2.6 Il-KESE jafferma wkoll il-pożizzjoni tiegħu li s-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, id-distribuzzjoni ekwa u ġusta, u l-istabbiltà makroekonomika jibqgħu l-prinċipji gwida tal-aġenda ekonomika tal-UE. Minkejja l-isfidi kollha, il-Patt Ekoloġiku jibqa' prijorità fit-tul u l-Ewropa jeħtiġilha tiegħu l-opportunità biex tmexxi din il-kwistjoni.

2.7 Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-iżgurar ta' koordinazzjoni effettiva tal-politika fl-ambitu tas-Semestru Ewropew jibqa' kruċjali biex l-ekonomija tal-UE tibda tikber b'mod qawwi, sostenibbli u inklużiv wara l-pandemija. Dan ġie ddikjarat mill-KESE f'dawn l-aħħar xhur u jibqa' ta' prijorità.

2.8 Il-KESE huwa tal-fehma li b'mod ġenerali, il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għadha baxxa fl-Istati Membri. L-organizzazzjonijiet ġew informati u f'ħafna każijiet instemgħu; madankollu, dan ġab biss ftit riżultati tanġibbli. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, ma kien hemm l-ebda konsultazzjoni effettiva li wasslet għal modifiki sinifikanti għall-proposti inizjali tal-gvern, ħlief għal ftit eċċezzjonijiet biss.

3. Kummenti speċifiċi

3.1 Bis-saħħa tal-miżuri li ttieħdu fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, l-impatt tal-pandemija fuq is-swieq tax-xogħol Ewropej trażżan. Madankollu, għad hemm fehmiet u sitwazzjonijiet differenti fi ħdan l-Unjoni. Il-KESE jemmen li jridu jittieħdu approċċi divrenzjati sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-Istati Membri li qed ibatu mill-kriżi aktar minn Stati Membri oħra.

⁽³⁾ COM(2021) 500 final, 2.6.2021, Il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-2021: biex tingħeleb il-COVID-19, ikun appoġġat l-irkupru u tkun modernizzata l-ekonomija tagħna.

⁽⁴⁾ L-involvement tas-soċjetà ċivili organizzata fil-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza – X'jaħdem u x'ma jaħdimx? (ĠU C 155, 30.4.2021, p. 1).

3.2 Il-KESE jaqbel mal-fehma li l-politika ekonomika għandha tibqa' ta' appoġġ matul l-2021 u l-2022. L-Istati Membri qed jiffaċċjaw battalja enormi li għad baqagħlha ħafna biex tintemm. L-Unjoni jehtigħilha tipprevali u tirrealizza li l-pjani ta' rkupru se jieħdu ż-żmien biex ikollhom effett u li r-reżiljenza hija meħtieġa sabiex jinkisbu r-riżultati. Il-KESE jappella bis-saħħa għal strateġiji fuq perjodu qasir u medju biex jiġu indirizzati b'mod adegwat l-effetti negattivi tal-kriżi u biex kun hemm tkabbir b'saħħtu u sostenibbli matul is-snin.

3.3 Hemm xejra interessanti għaċ-ċittadini Ewropej biex ifaddlu aktar. Din ix-xejra għandha tkun ukoll opportunità pożittiva biex tingħata spinta lit-taħlita ta' investment privat u pubbliku li jista' jagħmel differenza għall-irkupru tal-ekonomija u l-kundizzjonijiet soċjali. Il-KESE jappella għal azzjoni speċifika f'dan ir-rigward u jemmnen li l-Kummissjoni għandha thegħeġ lill-Istati Membri kollha jadottaw politika fiskali b'saħħitha. Il-kreattività hija meħtieġa biex jiġu adottati strateġiji biex dan it-tfaddil jinbidel f'investment intelliġenti u r-responsabbiltà ta' dan trid tinqasam mal-gvernijiet, il-partijiet ikkonċernati u l-istituzzjonijiet finanzjarji.

3.4 Il-KESE, permezz tal-appoġġ attiv u l-ħidma tal-Grupp ad hoc dwar is-Semestru Ewropew, beħsiebu jaħdem fuq ir-riżoluzzjoni li jmiss tiegħu matul ix-xhur li ġejjin, b'kontributi mis-27 delegazzjoni ta' 3 membri tal-Grupp ad hoc dwar is-Semestru Ewropew stabbiliti għal dan il-għan, u jsegwi l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta' implimentazzjoni, filwaqt li janalizza l-kontenut ta' politika minn perspettiva tas-soċjetà ċivili. Għalissa, ġie rreġistrat biss titjib żgħir, prinċipalment fir-rigward ta' laqgħat ta' informazzjoni formali, b'possibbiltajiet limitati ħafna biex jiġu influwenzati l-pjani.

3.5 L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma aktar pożittivi dwar l-aspettattivi tal-gvernijiet li jużaw il-fondi biex jixprunaw l-investment milli biex jagħtu spinta lir-riformi li jsaħħu t-tkabbir, b'ħafna membri jħossu li l-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ta' pajjiżhom huma nieqsa mill-ambizzjoni jew l-impenn fir-rigward tar-riformi, filwaqt li oħrajn jikkritikaw in-nuqqas ta' investment addizzjonali li diġà ma kienx previst qabel il-kriżi tal-COVID-19.

3.6 L-Ewropa ffaċċjat diffikultà kbira bil-kriżi tal-COVID-19 u din uriet dgħufija perikoluża tal-Unjoni: in-nuqqas ta' koordinazzjoni tal-politika għall-industrija u d-dipendenza minn żoni ekonomiċi oħra għal bosta prodotti u servizzi. Dan il-fatt jeħtieġ li jiġi indirizzat b'mod koordinat biex jiġi ffaċilitat l-irkupru. Politika industrijali adegwata hija meħtieġa aktar minn qatt qabel u issa huwa ż-żmien biex tittieħed azzjoni. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima turi wkoll id-dipendenza tal-Unjoni minn assi kritiċi. Il-KESE jixtieq jara azzjoni reali mill-Istati Membri kollha dwar l-investment fl-edukazzjoni, l-infrastruttura u l-politika industrijali li tista' żżid l-impjeggi u thegħeġ liċ-ċittadini biex jagħtu spinta lill-industrija Ewropea.

3.7 Maġġoranza kbira tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (71 %) iqisu li l-involvement tagħhom fit-tfassil tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ta' pajjiżhom varja minn kemxejn insuffiċjenti għal estremament limitat.

3.8 Il-KESE jemmnen li l-proċess ta' diġitalizzazzjoni huwa fundamentali biex tingħata spinta lill-ekonomija u lis-soċjetà iżda hemm ħtieġa reali li l-Istati Membri jfasslu programmi u jallokaw riżorsi biex jeliminaw l-ostakli għal dan il-proċess, speċjalment għal xi partijiet tal-popolazzjoni – l-anzjani u l-persuni b'inqas ħiliet. Il-ħtieġa li jiġu żviluppati programmi tal-IT b'impatt allinjat mas-software li jista' jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha hija għalhekk prijorità. Iva għad-diġitalizzazzjoni. Iżda mhux akkost ta' kollox.

3.9 Il-KESE huwa sodisfatt ħafna bl-inizjattiva tal-Kummissjoni għal "Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza". Din hija pass importanti għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjani għall-irkupru u r-reżiljenza, u l-KESE jemmnen li din se tkun opportunità li tagħti spinta lill-proċess ta' investment u twassal għal mekkaniżmi li jistgħu jkunu ta' importanza kruċjali għall-Unjoni. Għal darb' oħra, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jista' jkollhom rwol kritiku f'dan il-proċess u huma lesti li jikkooperaw.

4. Il-pjani ta' rkupru u l-approċċi differenti

4.1 Il-KESE jemmnen li, fir-rigward tal-qafas eżistenti, il-politika dwar it-tkabbir sostenibbli u inklużiv u l-bilanċi fiskali tal-Istati Membri jridu jkunu ta' prijorità. Il-ħtieġa għal adattament għal fażi ġdida – ġaladarba jingħeleb il-periklu għas-saħħa kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 – hija ċara. Għandu jkun hemm alternattiva għall-iżbilanċ eċċessiv bħala l-uniku prospett wara ż-żieda enormi fid-dejn u d-defiċit tal-Istati Membri. Il-KESE jemmnen li dan huwa ż-żmien għal riforma radikali u profonda tal-qafas tal-governanza fiskali u jwissi bil-qawwa kontra t-triq lura għar-regoli fiskali l-"qodma". Neħtieġu rakkomandazzjoni b'saħħitha għal dan is-Semestru rivedut ġdid, u patt ġdid li jinkludi għadd ta' proċeduri u regoli vinkolanti għall-konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-awtoritajiet lokali, u dan jirrikjedi azzjoni. Wasal iż-żmien li jiġu fformulati regoli vinkolanti għall-involvement fl-istadji kollha, mit-tħejjija sal-implimentazzjoni, u l-Istati Membri jeħtieġ li jħarsu lejn miri ġodda għat-tnaqqis tad-defiċit b'enfasi fuq it-tkabbir kif ukoll fuq il-governanza.

4.2 Hemm hteġa urġenti li jiġi mmodernizzat il-qafas fiskali u ekonomiku, li tiġi implimentata pożizzjoni ffukata fuq il-prospertà u li tiġi implimentata regola tad-deheb. Il-Kummissjoni issa qed tħares ukoll lejn l-aspett tal-infiq iżda wkoll – bir-raġun – lejn in-naħa tad-dħul. Il-KESE jirrakkomanda li t-tassazzjoni fuq ix-xogħol tiġi trasferita lejn taxxi ambjentali, filwaqt li jitqies ukoll li ma jittehdix approċċ rigressiv u li ma jintefax piż fuq unitajiet domestiċi bi dħul baxx. Il-KESE jitlob ukoll li jkun hemm ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u l-frodi, minħabba li dan jista' jdgħajjef l-irkupru ekonomiku u fiskali tal-Istati Membri u tal-UE. F'dan ir-rigward hemm bżonn ta' approċċ intelliġenti kif ukoll konverġenza akbar fl-Unjoni biex nimxu 'l quddiem. Il-politika monetarja u fiskali, forsi b'taxxi ambjentali progressivi, bi tnaqqis gradwali fit-taxxa trid tkun ukoll għażla. Huwa ċar li l-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa ma' pajjiżi terzi minflok fi h'dan l-UE tista' tagħmel differenza.

4.3 Il-KESE jenfasizza l-fatt li, minbarra l-pandemija, hemm pressjoni fuq il-prezz tal-materja prima. Hija meħtieġa attenzjoni kbira biex din tiġi indirizzata. Il-KESE jemmen f'kompetizzjoni ġusta u jappoġġja l-hteġa għal kundizzjonijiet ekwi, iżda jirrimarka li s-sitwazzjoni qed issir serja, u hemm riskju ta' ħsara kbira fl-Unjoni kollha. Il-prezzijiet tal-materja prima żdiedu b'madwar 30 % u 120 % f'dawn l-aħħar xhur u l-pressjoni qed tkompli tiżdied.

4.4 L-NRRPs juru fehmiet differenti tal-Istati Membri rigward l-irkupru ta' kull ekonomija u kull sitwazzjoni soċjali. Dan juri wkoll l-inugwaljanzi fl-Istati Membri. Il-KESE jitlob li jkun hemm politiki aktar koordinati li jkunu kapaċi jsaħħu l-Unjoni. Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri hija meħtieġa u l-“prattiki tajba” jistgħu jiġu kondiviżi sabiex jiġu evitati passi żbaljati. Setturi bħat-turiżmu u l-industrija tal-manifattura, fost oħrajn, huma l-aħħar li ntliaqtu, u għandha tkun prijorità li dawn is-setturi jinġiebu f'livell ieħor. Dan se jkun importanti ħafna fil-ħolqien tal-impjegi u fl-adattament tal-forza tax-xogħol għall-ħtiġijiet reali tal-ekonomija, u biex l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkunu involuti fil-proċess ta' implimentazzjoni.

4.5 Il-KESE jinsab mħasseb dwar il-fatt li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-Kummissjoni kienu fil-biċċa l-kbira inyorati minn ċerti Stati Membri s'issa, u dan wassal għal xettiċiżmu dwar bidla possibbli fl-attitudni fil-futur. Barra minn hekk, il-kapaċità ta' assorbiment ta' ċerti Stati Membri u l-effetti trasformattivi tal-investimenti tal-Faċilità għall-irkupru u r-Reżiljenza hija xi ħaġa li tqajjem mistoqsijiet, u għalhekk hemm dubji dwar l-effiċjenza u l-effettività potenzjali tagħhom. Il-KESE jinsisti li għalhekk huwa meħtieġ monitoraġġ mill-qrib.

4.6 Il-KESE jqis li l-implimentazzjoni tal-NRRPs m'għandhiex tkun biss eżerċizzju purament formali, iżda għandha ssir fl-ispirtu reali ta' dan l-istrument: ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandu jiġi rikonoxxut u l-konsultazzjonijiet għandhom isiru fil-forums pubbliċi u mhux bil-biben magħluqin.

4.7 Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat u aggravat il-lakuni li ilhom jeżistu fis-soċjetajiet tagħna, u dawk l-aktar vulnerabbli spiss huma l-aħħar li ntliaqtu. L-inċidenza tal-infezzjonijiet tal-COVID-19 kienet l-ogħla għall-persuni l-aktar fil-bżonn, u bosta partijiet tas-soċjetà spiss iġorru l-piż tal-impatt tal-miżuri biex tiġi miġġielda l-kriżi. Bħala konsegwenza tal-kriżi, il-persuni b'ħiliet baxxi u/jew iż-żgħażaġh ġarrbu, b'mod sproporzjonat, l-akbar tnaqqis fl-impjegi. Barra minn hekk, l-edukazzjoni ġiet imfixkla serjament għal ħafna studenti. Hemm riskji aggravanti ta' inugwaljanzi fir-rigward tal-gruppi ta' ċittadini b'inqas ħiliet.

5. Is-suq uniku bħala element b'saħħtu tal-Istil ta' Ħajja Ewropew

5.1 Il-kriżi tal-COVID-19 inħasset fl-Istati Membri kollha iżda l-impatt kien differenti. Approċċ koordinat dwar it-tilqim ippermetta lill-Unjoni tikseb riżultati tajbin ħafna. L-għan li titlaqqam 70 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni fisser komputu enormi u r-rispons tal-UE kien pożittiv ħafna. Minkejja xi problemi (mistennija f'każ ta' proġett bħal dan), dan kien suċċess u eżempju tajjeb tal-“proġett ta' paċi” li l-Unjoni rrappreżentat sa mill-bidu tagħha.

5.2 Aktar minn qatt qabel, is-suq uniku u l-integrazzjoni tiegħu jridu jkunu ta' prijorità u t-tilwim politiku għandu jiġi evitat. Il-politika retorika li ddgħajjef is-suq uniku u li tinsab f'xi Stati Membri, ġiet kontradetta mill-fatti: huwa biss permezz ta' Unjoni b'saħħitha u approċċ koordinat li kien possibbli li jiġu nnegożjati u abbozzati l-pjani għall-irkupru u r-reżiljenza fi żmien daqshekk qasir. Il-komunikazzjoni hija essenzjali għall-promozzjoni tal-valuri Ewropej, u s-suq uniku huwa parti mill-proċess. Iċ-ċittadini kollha tal-Ewropa għandhom jibbenefikaw mis-suq intern, sabiex ikunu kburin bil-kapaċità tal-Ewropa li tirrispondi għall-kriżi, minkejja l-ostakli kollha maħluqa mill-isfida ta' rispons koordinat għall-kriżi.

5.3 Il-KESE jifhem li l-Istati Membri ħadu approċċi differenti fir-rigward tas-sitwazzjoni tas-saħħa, iżda jenfasizza wkoll il-fatt li l-koordinazzjoni u l-prattiki tajba għandhom jiġu promossi aktar wara l-proċess tat-tilqim. L-Unjoni jeħtiġilha tieħu vantaġġ mill-assi tagħha – speċifikament il-moviment liberu taċ-ċittadini, il-prodotti u l-moviment tal-kapital. Il-KESE jixtieq jappoġġja din il-libertà mingħajr ma jiddgħajfu s-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri, u dan huwa possibbli biss permezz tal-koordinazzjoni tas-suq uniku. L-Istati Membri wrew diversi drabi fl-istorja li dan huwa possibbli. Issa wasal iż-żmien għal rispons tajjeb.

5.4 Il-KESE jappoġġja suq uniku u l-opportunitajiet tiegħu flimkien ma' suq soċjali b'saħħtu li huwa essenzjali u "marka" tal-Unjoni. Din hija kisba li trid tiġi protetta.

6. Il-fehma tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar il-pjani ta' rkupru

6.1 Il-KESE jinsisti li l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa kruċjali għall-irkupru speċjalment peress li għandna nammettu li l-miżuri ta' rkupru ta' emerġenza, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, jistgħu jsiru permanenti.

6.2 L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jappoġġjaw l-investimenti fl-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja u r-riċerka u l-iżvilupp li huma essenzjali biex jiġu xprunati u kkomplementati l-bidliet ekonomiċi u soċjali promossi min-Next Generation EU, kif ukoll investimenti li jsaħħu s-sistemi tas-saħħa u l-politiki tas-saħħa pubblika tas-soċjetajiet li ntlaqtu ħażin mill-pandemija tal-COVID-19. Aktar minn qatt qabel, l-organizzazzjonijiet "fuq il-post" għandhom il-kapaċità u r-responsabbiltà li jindikaw u jipproponu modi kif jiffaċċjaw l-isfidi reali u l-Istati Membri jeħtieġ ikollhom il-kuraġġ li jinvolvuhom fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-KESE jitlob dan it-tip ta' approċċ prinċipalment minħabba l-esperjenza u l-għarfien miġbura minn deċennji ta' servizz għal kawżi differenti b'riżultati tajbin ħafna.

6.3 Fi żminijiet ta' kriżi l-vuċi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili hija importanti aktar minn qatt qabel, mhux biss minħabba l-esperjenza ta' dawn l-organizzazzjonijiet, iżda prinċipalment minħabba li huma jgawdu kuntatt dirett mar-realtà li huwa essenzjali għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni ta' politiki li għandhom impatt reali.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro”

(COM(2020) 746 final)

(opinjoni addizzjonali)

(2022/C 105/28)

Relatur: **Kristi SÕBER**

Deċiżjoni tal-Bureau	26.4.2021
Bażi legali	Artikolu 32(1) tar-Regoli ta' Proċedura u Artikolu 29(a) tad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	5.10.2021
Adottata fil-plenarja	20.10.2021
Sessjoni plenarja Nru	564
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	166/2/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) huwa konxju sew li l-pandemija għadha ma spiċċatx u li l-impatti ekonomiċi tagħha ser idumu diversi snin u għalhekk hemm bżonn ta' taħlita speċifika u ġdida ta' politika ekonomika ta' emerġenza. Il-KESE jilqa' l-previżjoni l-aktar reċenti tal-Kummissjoni Ewropea li tindika li, mill-2021, l-ekonomija tal-UE u dik taż-żona tal-euro ser jergġu jaċċelleraw malajr (u d-data preliminari tikkonferma dan), speċjalment permezz tal-irkupru tal-investment, appoġġjat bis-sħiħ mill-użu ta' NextGenerationEU (NGEU), b'mod partikolari l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

1.2. Fl-istess ħin, il-KESE jirrikonoxxi li l-UE għaddejjja mill-aktar perjodu serju fl-istorja ekonomika tal-integrazzjoni Ewropea, li qed jaffettwa l-konsum privat u l-investimenti, kif ukoll il-prestazzjoni tal-kummerċ barrani. F'dan iż-żmien kritiku, l-infiq tal-gvern biss jista' jgħin biex itaffi s-sitwazzjoni.

1.3. F'din is-sitwazzjoni speċifika u unika, kien meħtieġ li tinholq taħlita ġdida ta' politika ekonomika ta' emerġenza biex tiġi indirizzata l-kriżi. Il-KESE japprezza r-reazzjoni rapida fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri u jilqa' l-fatt li l-proċess ta' tranżizzjoni doppja sar parti sostanzjali mill-isforz u l-istrateġija ta' rkupru.

1.4. Speċjalment fl-ewwel nofs tal-2020, l-Inizjattivi ta' Investment fir-Rispons għall-Coronavirus għenu biex jittaffew iċ-ċirkostanzi ekonomiċi diffiċli ħafna, prinċipalment billi stabbilizzaw is-swieq, l-impjeggi u l-introjtu personali. Dan l-ewwel pass kien segwit mill-NGEU, il-kontribuzzjoni fiskali robusta u l-aktar innovattiva, b'reazzjoni diretta għall-effetti tal-pandemija. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon iż-żewġ inizjattivi bħala rispons rapidu u flessibbli għall-pandemija.

1.5. Il-KESE huwa konxju sew tal-pożizzjonijiet u l-impatti differenti tal-pandemija li kkawżaw diverġenza usa' fost l-Istati Membri. Il-KESE jitlob li jiġi kkunsidrat il-fenomeni tad-diverġenzi fiż-żona tal-euro u li jingħata rispons prudenti għall-prestazzjoni fiskali li marret għall-aġar b'mod sinifikanti. Fi ħdan qafas komuni, il-Kumitat jilqa' l-flessibilità adottata f'politiki ekonomiċi nazzjonali u programmi ta' rkupru mfassla apposta li jirrispettaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri. Din il-flessibilità hija rakkomandata wkoll sabiex jiġu implimentati l-Programmi ta' Rkupru u Reżiljenza.

1.6. Il-KESE jissottolinja l-ħtieġa li jinkiseb bilanċ ġdid bejn il-politiki monetarji u fiskali u li jiġu eliminati l-iżbilanċi makroekonomiċi identifikati fil-perjodu li ġej. Il-KESE huwa konxju taż-żieda sinifikanti fil-proporzjonijiet tad-dejn għall-PDG fl-aħħar sena. Hekk kif ikun ikkonsolidat l-irkupru ekonomiku, it-tnaqqis fil-proporzjonijiet tad-dejn għall-PDG irid isir b'tali mod li jiġi promoss it-tkabbir inklużiv, jiġu evitati l-iġustizzji soċjali u l-effetti negattivi għall-kumpanji u fuq is-suq tax-xogħol.

1.7. Il-KESE jirrispetta u jifhem li l-irkupru ta' wara l-COVID-19 ser ikun akkumpanjat b'mod estensiv minn miżuri strutturali ta' politika⁽¹⁾ li ser ikunu prinċipalment konformi mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. F'dan ir-rigward, il-KESE jappoġġja r-rabtiet bejn il-proċess ta' rkupru, il-konsolidazzjoni fiskali u l-prattiki tal-ibbaġitjar ekoloġiku.

1.8. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li t-tagħlimiet mill-pandemija għandhom jiġu riflessi fl-isforz ġenerali biex jingħata kontribut għall-iżvilupp ekonomikament effettiv, soċjalment ġust u ambjentalment sostenibbli tal-UE u taż-żona tal-euro fuq perjodu twil ta' żmien.

1.9. Għall-kuntrarju tal-kriżi preċedenti fl-2009-2011, fejn is-setturi bankarji u finanzjarji kienu wieħed mill-kawżi tar-reċessjoni konsegwenti, din id-darba l-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-forma tajba u b'saħħitha tas-setturi bankarji u finanzjarji, li għenet biex din is-sitwazzjoni diffiċli tingħeleb b'mod aktar faċli.

1.10. Il-KESE jappella b'rispett li tinżamm l-integrità tas-suq uniku u li jiġi evitat kwalunkwe sinjal tal-frammentazzjoni tiegħu, bħala kundizzjoni fundamentali għall-prestazzjoni pożittiva futura tal-ekonomiji tal-UE u taż-żona tal-euro. Din l-integrità għandha tiġi appoġġjata aktar permezz ta' progress xieraq fl-iżvilupp tal-Unjoni Bankarja u tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

1.11. Il-KESE jirrikonoxxi u jirrispetta li ttieħdu xi tagħlimiet importanti mill-kriżi preċedenti u dawn intużaw biex jappoġġjaw l-istabbiltà makroekonomika, u jappella lill-istituzzjonijiet responsabbli tal-UE biex itejbu l-governanza tal-politika ekonomika tal-UE u biex jiżguraw li t-tagħlimiet meħuda mill-pandemija jiġu konsegwentement riflessi fi sforzi kontinwi ta' riforma.

2. Sfond u kuntest

Il-prestazzjoni u l-prospetti makroekonomiċi attwali

2.1. Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat depressjoni ekonomika qawwija u f'daqqa iżda, fl-2020, it-tnaqqis fil-PDG kien fl-aħħar mill-aħħar kemxejn inqas milli kien mistenni oriġinarjament. It-tnaqqis kien akbar milli fl-aħħar kriżi ekonomika (fl-2020, l-ekonomija taż-żona tal-euro naqset b'6,5% sena wara sena, meta mqabbla ma' 4,5% fl-2009; l-ekonomija tal-UE naqset b'6,0% sena wara sena fl-2020, meta mqabbla ma' 4,3% fl-2009; kemm l-ekonomiji tal-UE kif ukoll taż-żona tal-euro huma mistennija li jkbr u b'4,8% fl-2021). Għalhekk, qed niffaċċjaw sitwazzjoni ekonomika eċċezzjonali u l-aġar prestazzjoni ekonomika tal-Ewropa mit-tieni Gwerra Dinjija 'l hawn.

2.2. Fl-2020, kemm il-konsum privat kif ukoll l-investimenti naqsu b'mod sostanzjali (it-tnejn li huma b'7,4% sena wara sena) u l-kummerċ barrani ntlaqat ħażin ukoll. Fl-istess sena, in-nefqa pubblika biss żdiedet bi f'it meta mqabbla mas-sena preċedenti (1,3%). S'iġa, minħabba l-miżuri ta' emerġenza, la kien hemm telf kbir ta' impjegji u lanqas telf kbir ta' introjtu bl-istess livell li kien hemm fil-kriżi tal-2008. Madankollu, meta jitqies it-tnaqqis sostanzjali fl-attività ekonomika, dan ifisser li l-produttività naqset ukoll.

2.3. B'mod ġenerali, l-2021 titqies bħala sena ta' rkupru (speċjalment minħabba ż-żieda fl-attività ta' investiment, li skont il-previżjoni tal-Kummissjoni Ewropea għandha tilħaq is- 6,2%), iżda għadha mimlija inċertezzi minħabba l-impatt tal-pandemija fuq l-aġenti ekonomiċi u l-bidliet fl-imġiba tagħhom.

Taħlita ta' politika ekonomika ta' emerġenza

2.4. Minħabba l-pandemija, kellha tinholq taħlita ġdida ta' politiki ekonomiċi ta' emerġenza biex tipprovdi rispons immedjat iżda wkoll fuq terminu medju għax-xokk. Il-prijorità ewlenija tagħha hija li tittratta, telimina u tnaqqas il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-pandemija u li iżżomm lill-Ewropa f'direzzjoni kompetittiva u sostenibbli.

(1) Definizzjoni tal-BĊE fl-Occasional Paper Series tal-BĊE Nru 210 ta' Ġunju 2018, *Structural Policies in the Euro-area* (Politiki strutturali fiż-żona tal-euro): Politika ekonomika strutturali = miżuri ta' politika ekonomika adottati għas-swieq tax-xogħol, tal-prodotti u finanzjarji sabiex jitjiebu l-oqfsa istituzzjonali u regolatorji bil-għan li jissaħħu l-kundizzjonijiet għat-tkabbir fit-tul u jiġu żgurati effetti ta' distribuzzjoni mixtieqa.

2.5. Parti integrali oħra mir-rispons fuq terminu medju u fit-tul għall-pandemija, u l-isforz għall-irkupru, ir-rikostruzzjoni u r-reżiljenza (l-istrateġija 3R), hija l-proċess ta' tranżizzjoni doppja (ekoloġika u diġitali), bl-enfasi qawwija tiegħu fuq il-kunsiderazzjonijiet soċjali u r-rispett għall-istat tad-dritt u valuri fundamentali oħra tal-UE. Barra minn hekk, il-KESE jappella għal enfasi akbar fuq il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u l-indirizzar tal-konsegwenzi tal-kriżi, b'mod partikolari għal dawk l-aktar vulnerabbli.

Politika monetarja

2.6. Il-BĊE qed ikompli l-politika espansiva ħafna tiegħu bħala rispons immirat għall-pandemija. Madankollu, reċentement, il-BĊE ħabbar li l-kundizzjonijiet finanzjarja favorevoli tista' tinżamm b'pass moderatament aktar baxx ta' xiri nett ta' assi taħt il-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza Pandemika milli fiż-żewġ trimestri preċedenti.

Pożizzjoni fiskali u konsolidazzjoni fiskali

2.7. L-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII u CRII+), li ddirezzjonaw u allokaw mill-ġdid il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, għenu ħafna biex jikkompensaw għall-konsegwenzi negattivi u jpattu għalihom, biex jistabbilizzaw is-swieq u biex jiproteġu l-impjegji u l-introjt personalni.

2.8. L-aktar strument innovattiv invintat, żviluppat u li bħalissa qed jiġi implimentat bħala rispons dirett għall-pandemija tal-COVID-19 huwa bla dubju l-programm Next Generation EU, li l-għan ewlieni tiegħu huwa li jtaffi l-impatti negattivi tal-pandemija.

2.9. Il-pożizzjoni fiskali espansiva tal-NGEU ġiet appoġġjata b'mod eċċezzjonali u temporanju permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

2.10. Madankollu, flimkien mal-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali, l-impenn fiskali kien jiswa l-flus u wassal għad-deterjorament tal-indikaturi fiskali.

2.11. Tnaqqis fattibbli tal-proporzjon tad-dejn għall-PDG irid isir b'tali mod li jiġu evitati l-inġustizzji soċjali u l-effetti negattivi żejda fuq is-suq tax-xogħol. Sabiex jitjiebu l-indikaturi fiskali, strateġija ta' tkabbir inklużiv u sostenibbli hija kruċjali.

Politika strutturali u miżuri regolatorji

2.12. Il-pandemija tal-COVID-19 żvelat xi nuqqasijiet strutturali serji fil-funzjonament tal-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej. Għalhekk, it-tagħlimiet li għandhom jittieħdu wara l-COVID-19 ma jinkludux biss li jkun hemm normalità ġdida, iżda wkoll li jiġu implimentati miżuri li jagħmlu s-sistemi ekonomiċi u tas-soċjetà aktar reżiljenti (li diġà jippresupponi inqas fraġilità u vulnerabbiltà). Dan ma jinkludix biss l-istadji importanti għal tranżizzjoni doppja soċjalment ġusta, sistemi tal-kura tas-saħħa aktar effiċjenti u interkonnessi u d-distribuzzjoni ta' servizzi mediċi madwar l-Ewropa, iżda wkoll appoġġ għal żona tal-euro aktar kompetittiva fl-Ewropa u lil hinn minnha, inklużi investimenti strateġiċi li jappoġġjaw l-industrija Ewropea u jsaħħu l-pożizzjoni tal-UE f'kuntest globali.

2.13. Fl-ewwel fażi tal-pandemija, is-suq uniku ġie affettwat b'mod sever, bi flussi kummerċjali tradizzjonali interrotti bejn, u anke fi ħdan, l-Istati Membri tal-UE minħabba l-miżuri restrittivi severi. Is-sitwazzjoni ġiet solvuta bl-intervent tal-Kummissjoni Ewropea, li stabbilixxiet kurituri ekoloġiċi.

Intermedjazzjoni finanzjarja

2.14. Is-settur bankarju u finanzjarju tal-UE u taż-żona tal-euro wera s-saħħa u r-reżiljenza tiegħu, permezz tar-regolamenti u r-regoli l-ġodda adottati wara l-kriżi preċedenti. Bħalissa, is-settur huwa aktar b'saħħtu f'termini ta' dotazzjoni tal-kapital tiegħu u s-saħħa tal-portafoll tiegħu. Madankollu, jista' jkun hemm xi riskji relatati mas-solvenza tal-klijenti tiegħu li jistgħu jwasslu għal aktar self improduttiv.

Governanza

2.15. Il-kriżi attwali fakkrutna dwar l-arkitettura mhux kompluta tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE. Bil-faċilità għall-irkupru u r-Reżiljenza, in-natura tas-Semestru Ewropew inbidlet b'mod fundamentali: peress li l-iżborż tal-fondi huwa marbut mal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, dawn saru aktar politikament vinkolanti. Is-soċjetà ċivili għandha tkun involuta aktar fil-proċess tas-Semestru Ewropew. Il-prinċipju tas-sħubija, li għandu tradizzjoni twila fil-politika ta' koeżjoni, għandu jservi bħala mudell ta' referenza għal għodda effettiva tal-involvement tas-soċjetà ċivili.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jirrikonoxxi li x-xenarji ta' rkupru ser jiddependi ħafna mill-intensità tal-pandemija u mis-suċċess tal-kampanji ta' tilqim, l-aspetti strutturali (pereżempju, il-prestazzjoni tas-setturi li ġew affettwati l-aktar jew kompletament affettwati, bħat-turiżmu, l-ospitalità, it-trasport, il-kultura u d-divertiment u l-piż tagħhom fl-ekonomija). Ser ikunu importanti wkoll il-flessibbiltà potenzjali fil-politika fiskali biex ikunu jistgħu jiġu adottati miżuri ta' kumpens kif ukoll l-effiċjenza ta' dawn il-miżuri.

3.2. Il-KESE jiddispijaċi li l-impatt ekonomiku tal-pandemija wassal għal diverġenzi usa' fl-ekonomiji taż-żona tal-euro f'termini ta' prestazzjoni ekonomika, indikaturi fiskali, inflazzjoni u bilanċ estern. Dan jista' jinfluwenza b'mod qawwi s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali u l-kompetittività tal-ekonomiji milquta u ż-żona tal-euro kollha kemm hi, kif ukoll l-iżbilanċi interni u esterni.

3.3. Il-KESE japprezza r-rispons komprensiv ħafna u pjuttost flessibbli tal-atturi ewlenin tal-politika ekonomika tal-UE għall-pandemija, jiġifieri l-Bank Ċentrali Ewropew (bil-programmi ta' xiri u r-rati ewlenin tal-imgħax), il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES – bl-istrumenti ta' appoġġ għall-istabbiltà makroekonomika tiegħu) u l-Kummissjoni (bl-inizjattiva innovattiva ħafna tagħha tal-NGEU, issupplimentata b'miżuri oħra ta' emerġenza bħas-CRII(+), SURE, flessibbiltà fir-regoli dwar l-ghajjnuna fiskali u mill-Istat kif ukoll fir-regolament finanzjarju, u miżuri eċċezzjonali oħra li jaġhtu lill-Istati Membri l-flessibbiltà meħtieġa biex jadottaw il-miżuri meħtieġa għall-immaniġġar ta' kriżijiet).

3.4. Il-KESE huwa konvint li l-eżitu tat-taħlita ta' politika ekonomika ta' emerġenza huwa kruċjali. Essenzjalment, irid jintlaħaq qbil komuni u kkoordinat bejn il-politika monetarja u r-risponsi tal-politika fiskali. Iridu jiġu adottati riformi rilevanti biex jiġi appoġġjat irkupru sostenibbli (permezz ta' miżuri għall-enerġija nadifa, id-diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni u l-ekonomija ċirkolari, fost l-oħrajn). L-impatt tal-NGEU u l-interazzjoni tiegħu ma' politiki ekonomiċi oħra huma importanti, speċjalment f'pajjiżi li jirċievu fondi kbar.

3.5. Il-KESE japprezza li t-taħlita ta' politika ekonomika ta' emerġenza fiha wkoll xi limiti biex tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza negattiva futura fuq l-istabbiltà tal-prezzijiet u l-indikaturi tad-dixxiplina fiskali fuq terminu medju u twil bħala riżultat tal-politiki espansjonarji attwali. B'mod partikolari, l-iżvilupp futur tal-finanzi pubbliċi huwa soġġett għal riskji kbar. F'dan il-kuntest, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa ta' politika ta' tassazzjoni ġusta u sostenibbli billi, fost affarijiet oħra, jiġu miġġielda l-frodi tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

3.6. Il-KESE jistenna li l-NGEU mhux biss iġib lill-ekonomiji taż-żona tal-euro u tal-UE lura għal-livelli ta' qabel il-pandemija tagħhom, iżda wkoll li jappoġġja miżuri importanti tal-politika strutturali, prinċipalment lejn tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, filwaqt li jqis kif dovut it-tħassib soċjali u dwar l-impjiegi. Fir-rigward tal-NGEU, il-KESE japprezza li l-UE rnexxielha tadotta miżura tant wiesgħa fi żmien tant qasir iżda jqis ukoll li huwa meħtieġ li tagħmel hilita biex tindirizza n-nuqqasijiet possibbli, bħal konsultazzjoni insuffiċjenti tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp tal-Pjani Nazżjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

3.7. Il-KESE huwa konxju li għodda innovattiva oħra mfassla u implimentata bħala rispons dirett għall-pandemija hija SURE, li għandha l-għan li tappoġġja lill-gvernijiet fl-isforzi tagħhom biex jiproteġu l-impjiegi u l-introjtju personali.

3.8. Il-KESE jirrakkomanda li l-konsolidazzjoni fiskali li jmiss tirrispetta l-prattiki ta' bbaġitjar ekoloġiku^(?) u l-appoġġ għall-investment pubbliku ekoloġiku, sabiex tikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u għal sitwazzjoni fiskali tal-UE aktar b'saħħitha. Il-KESE huwa konxju sew tal-impatt negattiv konsiderevoli tal-kriżi attwali fuq il-finanzi pubbliċi.

(?) Dokument ta' diskussjoni, Elva Bova (2021), "Green Budgeting Practices in the EU: A First Review" (Prattiki ta' Bbaġitjar Ekoloġiku fl-UE: L-ewwel rieżami).

3.9. Filwaqt li l-KESE javża kontra d-diżattivazzjoni prematura tal-klawżola liberatorja ġenerali ⁽³⁾, ser ikun meħtieġ li ssir enfasi fuq is-sostenibbiltà fiskali għaladarba l-pandemija tkun intemmet b'mod ċar u l-irkupru jkun wasal fi stadju avvanzat. Imbagħad, il-politiki u l-istrumenti fiskali għandhom jiġu ffukati mill-ġdid sabiex jiġu adottati strateġiji xierqa fuq terminu medju u twil. Il-KESE jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tibda mill-ġdid ir-rieżami dwar il-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE fil-ħarifa tal-2021. Ir-regoli fiskali għandhom jiġu applikati bis-sħiħ biss wara li jkunu ġew riveduti. Għalhekk, minflok "ritorn", il-KESE jirrakkomanda "bidla fid-direzzjoni" lejn qafas rivedut ta' governanza ekonomika ⁽⁴⁾. Fil-fehma tal-KESE, kwalunkwe qafas fiskali futur jeħtieġ li jkun favur l-investment, billi tiġi implimentata r-regola tad-deheb għall-investimenti pubbliċi mingħajr ma tiġi compromessa l-istabilità fiskali u finanzjarja fuq perjodu medju ta' żmien, jiġi promoss it-tkabbir u l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplementaw politika kontroċiklika fi żminijiet ta' reċessjoni ekonomika.

3.10. Il-KESE huwa favur riformi għal sistemi ta' dħul pubbliku aktar effiċjenti u ġusti li jċaqilqu t-tassazzjoni lil hinn mix-xogħol u l-investimenti produttivi, u jagħmlu enfasi akbar fuq it-tassazzjoni ambjentali u l-esternalitajiet tal-ipprezzar u fuq struttura ta' inċentivi aktar effiċjenti u mtejba biex jiġu limitati l-prattiki tal-evitar tat-taxxa.

3.11. Il-KESE japprezza li s-setturi bankarji u finanzjarji tal-UE u taż-żona tal-euro jinsabu f'qagħda ħafna aħjar meta mqabbla mal-kriżi preċedenti, huma inqas vulnerabbli u aktar reżiljenti. Madankollu, fl-istess ħin, il-KESE jirrakkomanda li ma jiġux sottovalutati xi wħud mir-riskji ta' solvenza li jistgħu jirriżultaw minn telf ta' dħul imġarrab mill-kljenti tas-setturi. Dan jista' jirriżulta f'aktar self improduttiv fuq il-karti bilanċjali tal-banek. Il-KESE huwa kument li s-settur bankarju taż-żona tal-euro wera l-istabilità tiegħu u li s'issa għadu ma ġiex affettwat b'mod sinifikanti mill-kriżi.

3.12. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku jfisser ukoll ekonomiji taż-żona tal-euro u tal-UE b'mod ġenerali aktar reżiljenti u effiċjenti. Il-Kumitat iqis ukoll li huwa partikolarment importanti li jitlestha s-suq uniku sabiex jiġu limitati l-inflessibbiltajiet u l-imperfezzjonijiet ekonomiċi.

3.13. Il-KESE jilqa' t-taħlita speċifika ta' politika ekonomika li ġiet adottata s-sena l-oħra biex tipprovdi rispons immedjat għall-pandemija u li ġiet aġġustata kontinwament biex tirrifletti s-sitwazzjoni li qed tevolvi. Il-KESE jqis li l-miżuri ta' rispons tal-UE jistgħu effettivament itaffu l-impatti negattivi potenzjali fit-tul tal-kriżi fuq il-prestazzjoni ekonomika taż-żona tal-euro u tal-UE, u fuq is-swieq tax-xogħol tal-UE, u jistgħu jnaqqsu t-twessigħ tad-diverġenzi ekonomiċi u soċjali. Fl-istess ħin, huwa kruċjali li jiġu indirizzati l-iżbilanċi sostanzjali sabiex jiġu koperti b'mod effettiv ir-riskji makroekonomiċi sinifikanti, inklużi r-riskji ta' inugwaljanzi li qed jiżdiedu.

3.14. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li s-sistemi tal-kura tas-saħħa, tal-protezzjoni soċjali u tal-emerġenza li jiffunzjonaw tajjeb huma kruċjali għal żvilupp ekonomiku sostenibbli pożittiv fit-tul. Il-pandemija żvelat u saħħet din ir-rabta, li konsegwentement jenħtieġ li tiġi riflessa wkoll fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

3.15. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li jitkomplew l-isforzi biex titlesta l-arkitettura tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, inklużi l-adattament tas-Semestru Ewropew għall-programm NGEU, l-ikkompletar tal-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u r-reviżjoni tal-qafas tal-governanza ekonomika. Għandu jiġi kkunsidrat jekk it-tfassil ta' Next Generation EU jistax ikun ukoll eżempju ta' kif ir-riżorsi finanzjarji komuni tal-UE jistgħu jiġu mobilizzati u użati fil-futur.

3.16. Il-KESE jirrimarka li l-pakkett ewlieni ta' miżuri biex jiġu indirizzati l-impatti negattivi tal-pandemija tħejja fl-ewwel nofs tal-2020, u għalhekk eżatt qabel ma nħassu l-aktar effetti severi tal-pandemija fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Għalhekk, tista' tiġi kkunsidrata evalwazzjoni tar-rilevanza u l-adegwatezza tal-miżuri adottati. L-ippjanar għandu rwol ewlieni fl-antiċipazzjoni, li ser jippermetti li r-risponsi jkomplu jingħataw għar-realtà l-ġdida kkawżata mill-pandemija, li għadha 'l bogħod milli tingħeleb, u b'hekk l-ippjanar permanenti jkun meħtieġ.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE japprezza l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni ta' seba' inizjattivi ewlenin biex iservu bħala linji gwida għall-implimentazzjoni Prattika tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-Istati Membri individwali. Huwa importanti ħafna li dawn l-inizjattivi jkunu konsistenti mal-isfidi u l-prijoritajiet identifikati għall-irkupru wara l-COVID-19 fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

⁽³⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 227.

⁽⁴⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 227, u l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE dwar Riforma tal-qafas fiskali tal-UE għal irkupru sostenibbli u tranżizzjoni ġusta (ECO/553). Ara paġna 10 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

4.2. Il-KESE jirrikonoxxi r-rwol ta' appoġġ kbir li kellu l-Fond ta' Garanzija pan-Ewropew tal-Bank Ewropew tal-Investment fil-protezzjoni u t-titjib tas-settur tan-negozju fiż-żona tal-euro u fl-UE kollha kemm hi.

4.3. Fir-rigward tal-irkupru, il-KESE jipproponi li ssir enfasi fuq it-tkabbir ekonomiku u l-ġustizzja soċjali, li ser jirriżulta f'introjtu u PDG ogħla. Pożizzjoni fiskali sostenibbli, bil-għan li jitnaqqas il-piż għall-ġenerazzjonijiet futuri u jiġi limitat ir-riskju assoċjat ma' rati ogħla ta' imgħax jew produzzjoni aktar baxxa, tirrikjedi żieda akbar fl-attività ekonomika, li tista' tiġi permessa permezz ta' (a) tisħiħ tal-investimenti pubbliċi u (b) riformi li jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali.

4.4. Il-KESE jirrikonoxxi u jirrispetta li nsiltu xi tagħlimiet importanti mill-kriżi preċedenti u dawn intużaw biex tiġi appoġġjata l-istabbiltà makroekonomika. Huwa jemmaen bis-sħiħ li t-tagħlimiet meħuda mill-pandemija għandhom konsegwentement jiġu riflessi fi sforzi kontinwi ta' riforma ffukati fuq it-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq in-negozji permezz tad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, tal-SMEs u tas-settur tan-negozju kollu kemm hu, l-identifikazzjoni elettronika u sistemi ġudizzjarji aktar effettivi.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT